# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 331

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

18 ta' Settembru 2018

Werrej

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

SESSJONI 2017–2018

Dati tas-seduti: 12-15 ta' Ġunju 2017

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 68, 22.2.2018.*

TESTI ADOTTATI

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

2018/C 331/01 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar iż-żieda fl-involviment tas-sħab u l-viżibilità fil-prestazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (2016/2304(INI)) . . . . . . . . 2

2018/C 331/02 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar il-kosteffikaċja tas-7 Programm ta' Riċerka (2015/2318(INI)) . . . . . . . . 10

2018/C 331/03 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar l-apolidija fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Asja (2016/2220(INI)) . . . . . . . . 17

2018/C 331/04 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar fużjonijiet u xissjonijiet transfruntieri (2016/2065(INI)) . . . . . . . . 25

2018/C 331/05 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 fid-dawl tal-evalwazzjoni interim tiegħu u tal-proposta għad-9 Programm Qafas (2016/2147(INI)) . . . . . . . . 30

2018/C 331/06 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar l-elementi fundamentali għal politika ta' koeżjoni tal-UE wara l-2020 (2016/2326(INI)) . . . . . . . . 41

2018/C 331/07 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar l-istat tal-istokkijiet tal-ħut u s-sitwazzjoni soċjoekonomika tas-settur tas-sajd fil-Mediterran (2016/2079(INI)) . . . . . . . . 50

MT

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

2018/C 331/08 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-ħtieġa ta' strateġija tal-UE biex titwaqqaf u tiġi evitata d-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel (2016/2061(INI)) . . . . . . 60

2018/C 331/09 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni 2016 dwar is-Serbja (2016/2311(INI)) . . . . . . 71

2018/C 331/10 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni 2016 dwar il-Kosovo (2016/2314(INI)) . . . . . . 80

2018/C 331/11 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni 2016 dwar l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (2016/2310(INI)) . . . . . . 88

2018/C 331/12 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (2017/2703(RSP)) . . . . . . 97

2018/C 331/13 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017 Dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Patt dwar is-Sostenibbiltà fil-Bangladesh (2017/2636(RSP)) . . . . . . 100

**Il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017**

2018/C 331/14 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar il-każ tal-ġurnalist Ażerbajġani Afgan Mukhtarli (2017/2722(RSP)) . . . . . . 105

2018/C 331/15 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar il-Pakistan, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-piena tal-mewt (2017/2723(RSP)) . . . . . . 109

2018/C 331/16 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Indoneżja (2017/2724(RSP)) . . . . . . 113

2018/C 331/17 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar l-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (2016/2064(INI)) . . . . . . 116

2018/C 331/18 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva (2017/2003(INI)) . . . . . . 125

2018/C 331/19 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar il-pjattaformi online u s-suq uniku diġitali (2016/2276(INI)) . . . . . . 135

2018/C 331/20 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar is-sitwazzjoni umanitarja fil-Jemen (2017/2727(RSP)) . . . . . . 146

2018/C 331/21 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-fondazzjonijiet politiċi f'livell Ewropew (2017/2733(RSP)) . . . . . . 150

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Parlament Ewropew**

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**


2018/C 331/22 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Rolandas Paksas (2016/2070(IMM)) . . . . . . . . 151

2018/C 331/23 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Mylène Troszczynski (2017/2019(IMM)) . . . . . . . . 153

2018/C 331/24 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Jean-Marie Le Pen (2017/2020(IMM)) . . . . . . . . 155


**Il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017**


2018/C 331/25 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Marine Le Pen (2017/2021(IMM)) . . . . . . . . 157


---

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**


2018/C 331/26 P8_TA(2017)0249

Il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) imwettqa b'mod konġunt minn bosta Stati Membri (COM(2016)0662 – C8-0421/2016 – 2016/0325(COD))

P8_TC1-COD(2016)0325

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Ġunju 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li pparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri . . . . . . . . 159

2018/C 331/27 P8_TA(2017)0250

Miżuri speċifiċi għall-provvista ta' assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi għall-provvista ta' assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali (COM(2016)0778 – C8-0489/2016 – 2016/0384(COD))

P8_TC1-COD(2016)0384

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Ġunju 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi għall-provvista ta' assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali . . . . . . . . 162

2018/C 331/28 P8_TA(2017)0251

It-tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (COM(2015)0341 – C8-0189/2015 – 2015/0149(COD))

P8_TC1-COD(2015)0149

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Ġunju 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE . . . 163

2018/C 331/29 P8_TA(2017)0252

Il-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 (COM(2016)0400 – C8-0223/2016 – 2016/0186(COD))

P8_TC1-COD(2016)0186

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Ġunju 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 165

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

2018/C 331/30 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti u biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għar-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima (COM(2016)0482 – C8-0331/2016 – 2016/0231(COD)) . . . 166

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

# IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2017–2018

Dati tas-seduti: 12-15 ta' Ġunju 2017

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 68, 22.2.2018.*

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

## RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2017)0245

## Iż-żieda fl-involviment tas-sħab u l-viżibbiltà fil-prestazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar iż-żieda fl-involviment tas-sħab u l-viżibilità fil-prestazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (2016/2304(INI))**

(2018/C 331/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 174, 175 u 177 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ([1]) (ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni),

— wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 dwar il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija fil-qafas tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 dwar l-investiment f'impjiegi u tkabbir – nimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej: valutazzjoni tar-rapport taħt l-Artikolu 16(3) tas-CPR ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 dwar dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi operattivi tal-Fondi SIE – l-impatt fuq il-politika ta' koeżjoni u t-triq 'il quddiem, ([4])

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2016 dwar għodod ġodda għall-iżvilupp territorjali fil-politika ta' koeżjoni 2014-2020: Investiment Territorjali Integrat (ITI) u Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD) ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2015 dwar lejn simplifikazzjoni u orjentament tal-prestazzjoni fil-politika ta' koeżjoni 2014–2020 ([6]),

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.
([2]) ĠU L 74, 14.03.2014, p. 1.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2017)0053.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2017)0055.
([5]) Testi adottati, P8_TA(2016)0211.
([6]) Testi adottati, P8_TA(2015)0419.

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2016 dwar ir-riżultati u l-elementi ġodda tal-politika ta' koeżjoni u l-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "L-iżgurar tal-viżibilità tal-politika ta' koeżjoni: Regoli ta' informazzjoni u komunikazzjoni 2014-2020" ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ewrobarometru Flash 423 ta' Settembru 2015 ikkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea bl-isem "Citizens' awareness and perceptions of EU: Regional Policy" (Is-sensibilizzazzjoni u l-perċezzjonijiet taċ-ċittadini tal-UE: Il-politika reġjonali) ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapport Van den Brande ta' Ottubru 2014 bl-isem "Multilevel Governance and Partnership" (Governanza u sħubija f'diversi livelli), imħejji fuq talba tal-Kummissarju għall-Politika Reġjonali u Urbana Johannes Hahn ([4]),

— wara li kkunsidra pjan ta' komunikazzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għas-sena 2016 bl-isem "Connecting regions and cities for a stronger Europe" (Nikkollegaw ir-reġjuni u l-bliet għal Ewropa aktar b'saħħitha) ([5]),

— wara li kkunsidra l-istudju ta' Lulju 2016 ikkummissjonat mill-Kummissjoni bl-isem "Implementation of the partnership principle and multi-level governance in the 2014-2020 SIE Funds" (L-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' sħubija u l-governanza f'diversi livelli tal-Fondi SIE 2014-2020) ([6]),

— wara li kkunsidra l-preżentazzjoni tas-Segretarjat tal-Interreg Europe bl-isem "Designing a project communication strategy" (It-tfassil ta' strateġija ta' komunikazzjoni tal-proġett) ([7]),

— wara li kkunsidra r-rapport imħejji fl-evalwazzjoni ex-post u t-tbassir tal-benefiċċji lill-pajjiżi tal-UE-15 bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni fil-pajjiżi tal-Grupp ta' Visegrad, ikkummissjonat mill-Ministeru Pollakk għall-Iżvilupp Ekonomiku u bl-isem "How do EU-15 Member States benefit from the Cohesion Policy in the V4?" (L-Istati Membri tal-UE-15 kif jibbenefikaw mill-politika ta' koeżjoni fil-pajjiżi tal-Grupp ta' Visegrad?) ([8]),

— wara li kkunsidra l-manwal tal-2017 tan-Netwerk Ewropew kontra l-Faqar (EAPN) bl-isem "Giving a voice to citizens: Building stakeholder engagement for effective decision-making – Guidelines for Decision-Makers at EU and national levels" (Nagħtu vuċi liċ-ċittadini: Il-bini tal-impenn min-naħa tal-partijiet ikkonċernati għal teħid ta' deċiżjonijiet effettiv – Linji Gwida għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali) ([9]),

— wara li kkunsidra l-istudju tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu (Dipartiment Tematiku B: Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni) ta' Novembru 2014 bl-isem "Communicating Europe to its Citizens: State of Affairs and Prospects" (Nikkomunikaw l-Ewropa liċ-ċittadini tagħha: Is-sitwazzjoni attwali u l-prospetti),

— wara li kkunsidra t-tgħarrif tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu (Dipartiment Tematiku B: Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni) ta' April 2016 bl-isem "Research for REGI Committee: Mid-term review of the MFF and Cohesion Policy" (Riċerka għall-Kumitat REGI: Rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP u l-Politika ta' Koeżjoni),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tad-19 ta' Settembru 2016 dwar l-evalwazzjoni ex-post tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni 2007–2013 (SWD(2016)0318),

---

([1]) http://www.consilium.europa.eu/press-releases-pdf/2016/11/47244650399_en.pdf.
([2]) http://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/publications/brochures/2014/ensuring-the-visibility-of-cohesion-policy-information-and-communication-rules-2014-2020.
([3]) http://ec.europa.eu/COMMFrontOffice/publicopinion/index.cfm/ResultDoc/download/DocumentKy/67400.
([4]) http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/informing/dialog/2014/5_vandenbrande_report.pdf.
([5]) http://cor.europa.eu/en/about/Documents/CoR-communication-plan-2016.pdf.
([6]) http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/policy/how/studies_integration/impl_partner_report_en.pdf.
([7]) http://www.interregeurope.eu/fileadmin/user_upload/events/Rotterdam/pdf/Designing_communication_strategy.pdf.
([8]) https://www.strukturalni-fondy.cz/getmedia/fdc8a04e-590d-47ac-9213-760d4ac76f75/V4_EU15_manazerske-shrnuti.pdf?ext=.pdf.
([9]) http://www.eapn.eu/images/stories/docs/EAPN-position-papers-and-reports/2014-eapn-handbook-Give-a-voice-to-citizens-Guidelines-for-Stakeholder-Engagement.pdf.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u l- Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0201/2017),

A. billi l-politika ta' koeżjoni kkontribwiet b'mod sinifikanti biex jiżdiedu t-tkabbir u l-impjiegi u biex jitnaqqsu d-disparitajiet bejn ir-reġjuni tal-UE;

B. billi l-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni tal-UE għandu impatt pożittiv kemm fuq l-ekonomija kif ukoll fuq il-ħajja taċ-ċittadini, iżda r-riżultati mhux dejjem ġew ikkomunikati sew u l-għarfien dwar l-effetti pożittivi tiegħu għadhom pjuttost baxxi; billi l-valur miżjud tal-politika ta' koeżjoni tal-UE jmur lil hinn mill-impatt ekonomiku, soċjali u territorjali pożittiv li ntwera, peress li dan jimplika wkoll l-impenn tal-Istati Membri u r-reġjuni favur it-tisħiħ tal-integrazzjoni Ewropea;

C. billi l-għarfien dwar il-programmi lokali ffinanzjati mill-UE fost l-utenti finali u s-soċjetà ċivili huwa kruċjali, irrispettivament mil-livelli ta' finanzjament f'reġjun speċifiku;

D. billi l-prinċipju ta' sħubija u l-mudell ta' governanza f'diversi livelli, li huma bbażati fuq koordinazzjoni msaħħa fost l-awtoritajiet pubbliċi, is-sħab ekonomiċi u soċjali u s-soċjetà ċivili, jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv biex jiġu kkomunikati aħjar l-objettivi u r-riżultati politiċi tal-UE;

E. billi huwa essenzjali li jkun hemm djalogu permanenti u l-involviment tas-soċjetà ċivili sabiex il-politiki pubbliċi jingħataw responsabilizzazzjoni u leġittimità, filwaqt li jinħoloq sens ta' responsabilità konġunta u trasparenza fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet;

F. billi ż-żieda tal-viżibilità tal-Fondi SIE tista' tikkontribwixxi biex jitjiebu l-perċezzjonijiet dwar l-effettività tal-politika ta' koeżjoni u biex terġa' tinkiseb il-fiduċja taċ-ċittadini u l-interess fil-proġett Ewropew;

G. billi linja ta' komunikazzjoni koerenti hija essenzjali, mhux biss minn fuq għal isfel fir-rigward tar-riżultati konkreti tal-Fondi SIE, iżda wkoll minn isfel għal fuq sabiex il-promoturi tal-proġetti jkunu konxji mill-opportunitajiet ta' finanzjament, bil-ħsieb li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess ta' implimentazzjoni;

H. billi jenħtieġ li l-metodoloġiji għall-provvediment ta' informazzjoni u għad-diversifikazzjoni tal-mezzi ta' komunikazzjoni jiżdiedu u jitjiebu;

***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni hija waħda mill-vetturi ewlenin tat-tkabbir, permezz tal-ħames Fondi SIE tagħha, tiżgura l-investiment fir-reġjuni kollha tal-UE u tgħin biex jitnaqqsu d-differenzi, biex jiġu appoġġjati l-kompetittività u t-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u biex titjieb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini Ewropej;

2. Jinnota bi tħassib li l-għarfien u l-perċezzjonijiet pubbliċi dwar l-effettività tal-politika reġjonali tal-UE naqsu matul is-snin; jirreferi għall-istħarriġ 423 tal-Eurobarometer ta' Settembru 2015 li fih ftit aktar minn terz (34 %) tal-Ewropej stqarru li kienu semgħu dwar il-proġetti kofinanzjati tal-UE li jtejbu l-kwalità tal-ħajja fiż-żona fejn jgħixu; jinnota li l-maġġoranza ta' dawk li wieġbu semmew l-edukazzjoni, is-saħħa, l-infrastruttura soċjali u l-politika ambjentali bħala oqsma importanti; iqis li, mhux biss il-kwantità, iżda prinċipalment il-kwalità tal-proġetti ffinanzjati mill-Fondi SIE u l-valur miżjud tagħhom f'termini ta' riżultati tanġibbli huma prerekwiżiti għal komunikazzjoni pożittiva; jenfasizza, għalhekk, li l-valutazzjoni, l-għażla, l-implimentazzjoni u l-finalizzazzjoni tal-proġetti jridu jiffukaw fuq il-kisba tar-riżultati mistennija, sabiex jiġi evitat infiq ineffettiv li jista' jwassal għal pubbliċità negattiva għall-politika ta' koeżjoni; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-miżuri ta' komunikazzjoni jridu jintgħażlu b'kunsiderazzjoni speċjali għall-kontenut u l-ambitu tagħhom, filwaqt li jtenni li l-aħjar forma ta' reklamar huwa li jintwerew l-importanza u l-utilità tal-proġetti implimentati;

3. Jinnota li jenħtieġ li l-iżgurar tal-viżibilità tal-investimenti tal-politika ta' koeżjoni jibqa' responsabilità kondiviża tal-Kummissjoni u l-Istati Membri, bil-għan li jitfasslu strateġiji effettivi Ewropej ta' komunikazzjoni mfassla biex tiġi żgurata l-viżibilità tal-investimenti tal-politika ta' koeżjoni; jinnota, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-awtoritajiet ta' ġestjoni u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali kompetenti b'mod partikolari, permezz tal-komunikazzjoni istituzzjonali kif ukoll tal-benefiċjarji, billi dawn jikkostitwixxu l-interfaċċja l-aktar effettiva ta' komunikazzjoni maċ-ċittadini billi jipprovdu

informazzjoni in situ u jressqu l-Ewropa aktar viċin tagħhom; ifakkar, barra minn hekk, li dawn l-awtoritajiet għandhom l-aħjar għarfien tar-realtajiet u l-ħtiġijiet lokali u reġjonali, u li t-titjib tal-viżibilità jirrikjedi aktar sforzi biex ikun hemm informazzjoni u trasparenza aħjar fil-livell lokali;

4. Jissottolinja li l-għoti ta' viżibilità lil politika jinvolvi proċess doppju ta' komunikazzjoni u interazzjoni mas-sħab; jenfasizza, barra minn hekk, li fil-kuntest ta' sfidi kumplessi, u sabiex tkun żgurata l-leġittimità u jiġu provduti soluzzjonijiet effettivi għat-terminu twil, hemm bżonn li l-awtoritajiet pubbliċi jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti fin-negozjati kollha u fil-fażijiet ta' implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi operattivi, skont il-prinċipju ta' sħubija; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u s-sħab u jtenni r-rwol li l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) jista' jkollu f'dan ir-rigward;

5. Jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-progress irregolari rreġistrat fl-Istati Membri kollha lejn is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi f'termini ta' mobilizzazzjoni u involviment usa' tas-sħab reġjonali u lokali, inklużi s-sħab ekonomiċi u soċjali u l-korpi li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili; ifakkar fl-importanza tad-djalogu soċjali f'dan ir-rigward;

***L-isfidi li għandhom jiġu indirizzati***

6. Jiġbed l-attenzjoni lejn iż-żieda fl-Ewroxettiċiżmu u fil-propaganda populista kontra l-Ewropa, li tgħawweġ l-informazzjoni dwar il-politiki tal-Unjoni, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill janalizzaw u jindirizzaw il-kawżi sottostanti tagħhom; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa urġenti li jiġu żviluppati strateġiji ta' komunikazzjoni aktar effettivi, li jiżguraw lingwaġġ faċli għaċ-ċittadini u jimmiraw lejn l-għeluq tad-distakk bejn l-UE u ċ-ċittadini tagħha, inklużi dawk qiegħda u dawk fir-riskju tal-esklużjoni soċjali, permezz ta' varjetà ta' pjattaformi tal-media fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali li jkunu kapaċi jwasslu messaġġ preċiż u koerenti liċ-ċittadini dwar il-valur miżjud tal-proġett Ewropew għall-kwalità tal-ħajja u għall-prosperità tagħhom;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill janalizzaw, kemm għall-qafas kurrenti u għar-riforma tal-politika ta' koeżjoni wara l-2020, l-impatt fuq il-perċezzjoni dwar il-politiki tal-UE tal-miżuri mmirati lejn it-tisħiħ tar-rabta mas-Semestru Ewropew u l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali permezz ta' programmi ffinanzjati mill-Fondi SIE;

8. Jirrikonoxxi l-limitazzjonijiet tal-qafas legali biex jiżgura li l-politika ta' koeżjoni jkollha viżibilità adegwata; jenfasizza li, b'riżultat ta' dan, il-komunikazzjoni dwar il-kisbiet tanġibbli tagħha mhux dejjem kienet prijorità għall-partijiet ikkonċernati differenti; iqis li jenħtieġ li l-attivitajiet rakkomandati ta' komunikazzjoni dwar il-kisbiet tanġibbli jiġu aġġornati b'mod kostanti; jinnota, f'dan il-kuntest, il-fatt li l-assistenza teknika mill-Fondi SIE ma tinkludix pakkett finanzjarju ddedikat għall-komunikazzjoni, la fil-livell tal-Unjoni u lanqas f'dak tal-Istati Membri; jenfasizza, madankollu, ir-responsabilità tal-awtoritajiet ta' ġestjoni u tal-benefiċjarji biex jimmonitorjaw regolarment il-konformità tal-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 115 fl-Anness XII tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni;

9. Itenni li huwa imperattiv li jinstab bilanċ xieraq bejn il-ħtieġa li jiġu ssimplifikati r-regoli li jirregolaw l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni u l-ħtieġa li tinżamm ġestjoni finanzjarja soda u trasparenti u li tiġi miġġielda l-frodi filwaqt li dan xorta waħda jiġi kkomunikat b'mod xieraq lill-pubbliku; ifakkar, f'dan il-kuntest, fil-ħtieġa li ssir distinzjoni ċara bejn irregolaritajiet u frodi, sabiex ma jinħoloqx nuqqas ta' fiduċja pubblika fl-awtoritajiet ta' ġestjoni u fl-amministrazzjonijiet lokali; jinsisti, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li jiġi ssimplifikat u li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji, mingħajr ma dan jaffettwa l-kontrolli u l-awditi meħtieġa;

10. Jenfasizza li huwa essenzjali li tiżdied l-approprjazzjoni tal-politika fil-post, kemm lokalment kif ukoll reġjonalment, sabiex ikunu żgurati twassil u komunikazzjoni effiċjenti tar-riżultati; japprezza li l-prinċipju ta' sħubija jżid valur lill-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi Ewropej, kif ikkonfermat minn studju riċenti tal-Kummissjoni; jirrimarka, madankollu, li l-mobilizzazzjoni tas-sħab tibqa' pjuttost diffiċli f'xi każijiet minħabba li l-prinċipju ta' sħubija qed jiġi implimentat b'mod formali iżda mhux qed iħalli lok għal parteċipazzjoni reali fil-proċess ta' governanza; ifakkar li hemm bżonn li jiġu investiti aktar sforzi u riżorsi fl-involviment tas-sħubija u fl-iskambju ta' esperjenzi permezz ta' pjattaformi għal djalogu mas-sħab, bil-għan, barra minn hekk, li dawn isiru multiplikaturi tal-opportunitajiet u tas-suċċessi tal-finanzjament mill-UE;

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

11. Ifakkar, barra minn hekk, li n-natura strateġika għat-terminu twil tal-investimenti tal-politika ta' koeżjoni tfisser li xi kultant ir-riżultati ma jkunux immedjati, sitwazzjoni li hija ta' detriment għall-viżibilità tal-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni, speċjalment f'paragun ma' strumenti oħra tal-Unjoni, bħall-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS); iħeġġeġ, għalhekk, li jenħtieġ li l-attivitajiet ta' komunikazzjoni, meta jkun xieraq, jibqgħu għal erba' snin oħra wara l-għeluq tal-proġett; jenfasizza li r-riżultati ta' ċerti investimenti (speċjalment dawk fil-kapital uman) huma anqas viżibbli u aktar diffiċli biex jiġu kkwantifikati mill-investimenti "fiżiċi" u jitlob li ssir evalwazzjoni aktar dettaljata u differenzjata tal-impatt għat-terminu twil tal-politika ta' koeżjoni fuq il-ħajja taċ-ċittadini; iqis, barra minn hekk, li jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali għall-evalwazzjoni ex-post u għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni dwar il-kontribuzzjoni tal-Fondi SIE għall-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, bħala l-istrateġija ta' żvilupp Ewropea għat-terminu twil;

12. Jinnota r-rwol importanti tal-media biex tinforma liċ-ċittadini dwar diversi politiki tal-UE u dwar l-affarijiet tal-UE b'mod ġenerali; jiddispjaċih, madankollu, dwar il-kopertura tal-media pjuttost limitata tal-investimenti tal-politika ta' koeżjoni tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati kampanji ta' informazzjoni u strateġiji ta' komunikazzjoni li jkollhom il-media fil-mira, li jkunu adattati għall-isfidi informattivi kurrenti u li jagħtu informazzjoni b'mod aċċessibbli u f'forma attraenti; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi sfruttata l-influwenza dejjem akbar tal-media soċjali, il-vantaġġi offruti mill-avvanzi diġitali u t-taħlita tat-tipi differenti ta' mogħdijiet ta' komunikazzjoni disponibbli, sabiex dawn jintużaw aħjar meta jiġu promossi l-opportunitajiet ipprovduti u l-kisbiet miksuba permezz tal-Fondi SIE;

***It-titjib tal-komunikazzjoni u l-impenn tas-sħab matul it-tieni nofs tal-perjodu 2014-2020***

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-koordinazzjoni u l-aċċessibilità tal-mezzi eżistenti ta' komunikazzjoni u tal-istrumenti fil-livell tal-UE, bil-ħsieb li jiġu indirizzati suġġetti li għandhom impatt fuq l-aġenda tal-UE; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza li jiġu pprovduti linji gwida li jistabbilixxu tekniki u metodi biex jiġi kkomunikat b'mod effettiv kif il-politika ta' koeżjoni tagħti riżultati tanġibbli għall-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-UE; jistieden lill-awtoritajiet ta' ġestjoni u lill-benefiċjarji jikkomunikaw ir-riżultati, il-benefiċċji u l-impatt għat-terminu twil tal-politika b'mod attiv u sistematiku, filwaqt li jqisu l-istadji differenti tal-iżvilupp tal-proġetti;

14. Jirrimarka li, minħabba l-kwantità u l-kwalità tal-informazzjoni trażmessa permezz tal-media tradizzjonali u moderna, m'għadux biżżejjed li sempliċiment jintwera l-logo tal-Kummissjoni fuq il-pannelli ta' deskrizzjoni tal-proġetti; jistieden lill-Kummissjoni tfassal mezzi aktar effettivi ta' identifikazzjoni;

15. Jilqa' l-attivitajiet ta' komunikazzjoni speċifiċi kurrenti, bħall-kampanja "L-Ewropa fir-Reġjun Tiegħi", l-applikazzjoni web tal-Kummissjoni "Baġit tal-UE biex Jinkisbu Riżultati", il-kooperazzjoni ma' CIRCOM Reġjonali ([1]), il-Programm l-Ewropa għaċ-Ċittadini u l-opportunitajiet ipprovduti mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà li għadu kif ġie stabbilit; jenfasizza, barra minn hekk, ir-rwol ewlieni taċ-Ċentri ta' Informazzjoni ta' Europe Direct biex ikun hemm komunikazzjoni deċentralizzata, bil-għan li tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-impatt tal-politika ta' koeżjoni fuq il-post, kemm lokalment kif ukoll reġjonalment; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li l-isforzi jiġu kkonċentrati fuq it-twassil tal-messaġġ lill-istudenti u lill-ġurnalisti bħala vetturi potenzjali tal-komunikazzjoni, u fuq l-iżgurar ta' bilanċ ġeografiku fil-kampanji ta' komunikazzjoni;

16. Jenfasizza l-bżonn li l-arranġamenti ta' komunikazzjoni stabbiliti fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni jiġu aġġustati; jistieden lill-Kummissjoni tqis il-valur miżjud tal-provvediment ta' pakkett finanzjarju speċifiku għall-komunikazzjoni fl-assistenza teknika, kif ukoll taż-żieda, meta jkun xieraq, tal-għadd ta' rekwiżiti vinkolanti ta' pubbliċità u informazzjoni għall-proġetti tal-politika ta' koeżjoni; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi gwida ċara fl-2017 dwar kif l-assistenza teknika tista' tintuża għall-komunikazzjoni fil-perijodu ta' finanzjament kurrenti, bil-ħsieb li tiġi żgurata ċertezza legali għall-awtoritajiet lokali u reġjonali u għal benefiċjarji oħra; itenni, barra minn hekk, li l-istandards ordinarji tal-komunikazzjoni u r-reklamar, filwaqt li huma maħsuba tajjeb fil-każ tal-investimenti strutturali u teknoloġiċi, mhumiex daqshekk effettivi għall-investimenti intanġibbli fil-kapital uman;

---

([1]) Assoċjazzjoni Professjonali tas-Servizzi ta' Televiżjoni Pubblika Reġjonali fl-Ewropa.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

17. Jenfasizza l-ħtieġa li tingħata prijorità akbar lill-komunikazzjoni fil-ġerarkija tal-prijoritajiet tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, speċjalment fil-kuntest tax-xogħol tal-persunal ta' ġestjoni mhux direttament responsabbli għall-komunikazzjoni, u sabiex il-komunikazzjoni tiġi inkorporata fil-proċedura normali tal-Fondi SIE; jitlob li jkun hemm aktar professjonaliżmu fil-qasam tal-komunikazzjoni, speċjalment billi wieħed jopera b'mod lokali u jevita l-użu tal-lingwaġġ tal-UE;

18. Jilqa' l-evalwazzjoni ex-post tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2007-2013, imwettqa mill-Kummissjoni, li jipprovdu sorsi eċċellenti biex jiġu kkomunikati r-riżultati miksuba u l-impatt li kien hemm; jieħu att tal-inizjattiva tal-pajjiżi tal-Grupp ta' Visegrad dwar l-aspetti esterni tal-politika ta' koeżjoni fl-UE-15 [1] u jistieden lill-Kummissjoni tfassal studju usa' oġġettiv fil-livell tal-UE-28; iħeġġeġ iktar lill-Kummissjoni tiddifferenzja l-istrateġiji ta' komunikazzjoni tagħha lejn l-Istati Membri li huma kontributuri netti minn dawk lejn l-Istati Membri li huma benefiċjarji netti, u tenfasizza l-benefiċċji speċifiċi li l-politika ta' koeżjoni toffri f'termini ta' tkabbir tal-ekonomija reali, billi trawwem l-intraprenditorija u l-innovazzjoni, toħloq it-tkabbir u l-impjiegi fir-reġjuni kollha tal-UE u ttejjeb l-infrastruttura tal-komunità u dik ekonomika, kemm permezz tal-investimenti diretti kif ukoll permezz tal-esportazzjonijiet diretti u indiretti (fatturi esterni);

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet ta' ġestjoni jidentifikaw modi biex jiffaċilitaw u jistandardizzaw l-aċċess għall-informazzjoni, jippromwovu skambju ta' għarfien u ta' prattiki tajbin dwar l-istrateġiji ta' komunikazzjoni sabiex jikkapitalizzaw aħjar mill-esperjenza eżistenti u jżidu t-trasparenza u l-viżibilità tal-opportunitajiet ta' finanzjament;

20. Jilqa' l-introduzzjoni tal-koeżjoni elettronika fil-perjodu ta' programmazzjoni kurrenti, li għandha l-għan li tissemplifika u tallinja l-implimentazzjoni tal-Fondi SIE; jenfasizza l-kapaċità tagħha li tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-aċċess għall-informazzjoni, il-monitoraġġ ta' żvilupp tal-programm u l-ħolqien ta' rabtiet utli fost il-partijiet ikkonċernati;

21. Iqis li hemm bżonn ta' komunikazzjoni mtejba permezz ta' kanali ġodda tal-media, li se teħtieġ strateġija diġitali għal pjattaformi tal-media diġitali u soċjali mfassla biex tinforma liċ-ċittadini u tagħtihom l-opportunità li jsemmgħu leħinhom dwar il-ħtiġijiet tagħhom, billi tiffoka fuq l-ilħuq tal-utenti finali permezz ta' settijiet differenti ta' għodod bħala mezzi interattivi online, tiżviluppa kontenut u applikazzjonijiet ibbażati fuq apparati mobbli aktar aċċessibbli, kif ukoll tiżgura li l-informazzjoni titfassal għal gruppi ta' etajiet differenti u tkun disponibbli b'lingwi differenti, meta jkun xieraq; jistieden lill-awtoritajiet ta' ġestjoni jipprovdu lid-DĠs rilevanti b'informazzjoni aġġornata dwar id-data, il-kisbiet u l-investimenti finanzjarji, bil-għan li jintwerew data u ċarts li jistgħu jinqraw faċilment fil-Pjattaforma tad-Data Miftuħa tal-Fondi SIE, għall-benefiċċju tal-ġurnalisti; jitlob t-tnedija ta' inizjattivi reġjonali ta' premju għall-aħjar proġetti, ispirati minn RegioStars;

22. Jissuġġerixxi, barra minn hekk, li l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet kurrenti ta' komunikazzjoni jiġu mtejba u jipproponi l-istabbiliment ta' forzi ta' ħidma dwar il-komunikazzjoni reġjonali li jinvolvu atturi f'diversi livelli;

23. Jenfasizza l-importanza tal-kodiċi ta' kondotta Ewropew dwar is-sħubija u r-rwol tal-prinċipju ta' sħubija fit-tisħiħ tal-impenn kollettiv u l-approprjazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; jitlob li r-rabta bejn l-awtoritajiet pubbliċi, il-benefiċjarji potenzjali, is-settur privat, is-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini tissaħħaħ permezz ta' djalogu miftuħ, u biex il-kompożizzjoni tal-parteċipanti tas-sħubijiet tinbidel matul l-implimentazzjoni, meta dan ikun neċessarju, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-aħjar taħlita ta' sħab li jirrappreżentaw l-interessi tal-komunità f'kull stadju tal-proċess;

24. Jilqa' l-mudell innovattiv ta' kooperazzjoni f'diversi livelli u b'diversi partijiet ikkonċernati propost mill-Aġenda Urbana tal-UE u jirrakkomanda li dan jiġi replikat, meta jkun possibbli, fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni;

25. Jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ id-dimensjoni komunikattiva tal-kooperazzjoni transfruntiera u interreġjonali, inkluż fil-livell tal-istrateġiji makroreġjonali li jkunu għaddejjin, li jenħtieġ li jkunu aktar viżibbli għaċ-ċittadini tal-UE, permezz tat-tixrid ta' prattiki tajbin u ta' stejjer ta' suċċess u opportunitajiet ta' investiment;

---

[1] Rapport imħejji bħala parti mill-evalwazzjoni ex-post u t-tbassir tal-benefiċċji lill-pajjiżi tal-UE-15 bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni fil-pajjiżi tal-Grupp ta' Visegrad, ikkummissjonat mill-Ministeru Pollakk għall-Iżvilupp Ekonomiku u bl-isem "How do EU-15 Member States benefit from the Cohesion Policy in the V4?" (L-Istati Membri tal-UE-15 kif jibbenefikaw mill-politika ta' koeżjoni fil-pajjiżi tal-Grupp ta' V4?),

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

***It-trawwim tal-komunikazzjoni dwar il-politika ta' koeżjoni wara l-2020***

26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu spinta lill-attraenza tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni tal-UE permezz ta' aktar simplifikazzjoni u tal-limitazzjoni ta' regolamentazzjoni żejda, u biex jikkunsidraw li jnaqqsu l-kumplessità u, meta jkun xieraq, in-numru ta' regolamenti u linji gwida, fid-dawl tar-rakkomandazzjoni reċenti mill-Grupp ta' Livell Għoli ta' Esperti Indipendenti dwar is-Simplifikazzjoni tal-Monitoraġġ għall-Benefiċjarji tal-Fondi SIE;

27. B'kunsiderazzjoni ta' kif il-politika ta' koeżjoni tal-UE tikkontribwixxi għal identifikazzjoni pożittiva mal-proġett tal-integrazzjoni Ewropea, jistieden lill-Kummissjoni tqis qasam ta' komunikazzjoni obbligatorja fil-formoli ta' applikazzjoni għal proġett, bħala parti minn użu miżjud tal-assistenza teknika permezz ta' envelopp imwarrab għall-komunikazzjoni, fil-livell tal-programm, filwaqt li toqgħod attenta kontra żieda fl-għadd ta' restrizzjonijiet u tiżgura l-flessibilità meħtieġa; jistieden, barra minn hekk, lill-awtoritajiet ta' ġestjoni u dawk lokali u reġjonali jtejbu l-kwalità tal-komunikazzjoni tagħhom fuq ir-riżultati finali tal-proġetti;

28. Jenfasizza l-importanza li jiżdied id-djalogu tal-Unjoni maċ-ċittadini, li jinħasbu mill-ġdid il-kanali u l-istrateġiji ta' komunikazzjoni u, fid-dawl tal-opportunitajiet offruti min-netwerks soċjali u mit-teknoloġiji diġitali l-ġodda, li l-messaġġi jiġu adattati għall-kuntesti lokali u reġjonali; jenfasizza, barra minn hekk, ir-rwol potenzjali tal-partijiet ikkonċernati mis-soċjetà ċivili bħala vetturi għall-komunikazzjoni; itenni, madankollu, li l-kontenut edukattiv huwa daqstant importanti daqs l-istrateġiji tal-media u l-promozzjoni permezz ta' pjattaformi differenti;

29. Jenfasizza, fil-kuntest tal-komunikazzjoni u l-viżibilità, il-ħtieġa għal aktar simplifikazzjoni tal-politika wara l-2020, inkluż fir-rigward tal-ġestjoni kondiviża u s-sistemi ta' awditi, sabiex jinstab il-bilanċ ġust bejn politika orjentata lejn ir-riżultati, għadd xieraq ta' verifiki u kontrolli, u proċeduri simplifikati;

30. Jitlob li l-prinċipju ta' sħubija jissaħħaħ aktar fil-qafas tal-perjodu l-ġdid ta' programmazzjoni wara l-2020; huwa konvint li l-involviment attiv tal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili, fil-proċess ta' negozjar u ta' implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi operattivi, jista' jikkontribwixxi biex jissaħħu l-approprjazzjoni u t-trasparenza tal-implimentazzjoni tal-politika u jista' jinvolvi wkoll implimentazzjoni tal-politika aħjar fir-rigward tal-baġit tal-UE; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jikkunsidraw l-implimentazzjoni ta' mudelli eżistenti ta' governanza parteċipattiva, li jlaqqgħu flimkien is-sħab soċjali rilevanti kollha u jinvolvu l-partijiet ikkonċernati fi proċess parteċipatorju ta' baġitjar sabiex jiġu determinati r-riżorsi allokati għall-kofinanzjament nazzjonali, reġjonali u lokali, meta jkun xieraq, bil-għan li jiżdiedu l-fiduċja reċiproka u l-impenn taċ-ċittadini fid-deċiżjonijiet ta' nfiq pubbliku; jissuġġerixxi, barra minn hekk, li jitwettqu valutazzjonijiet parteċipatorji tar-riżultati li jinvolvu lill-benefiċjarji u lill-partijiet ikkonċernati differenti, sabiex jinġabru data rilevanti li jistgħu jikkontribwixxu biex tingħata spinta lill-parteċipazzjoni attiva u lill-viżibilità fir-rigward ta' azzjoni futura;

31. Jinsisti, barra minn hekk, li tiżdied il-kooperazzjoni urbana-rurali sabiex jiġu żviluppati sħubijiet territorjali bejn il-bliet u ż-żoni rurali permezz tal-isfruttament sħiħ tal-potenzjal tas-sinerġiji bejn il-fondi tal-UE u l-bini fuq l-għarfien espert taż-żoni urbani u l-kapaċità akbar tagħhom li jimmaniġġjaw il-fondi;

32. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, barra minn hekk, biex fil-pjanijiet ta' azzjoni ta' komunikazzjoni rispettivi tagħhom jiffukaw fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fost id-Direttorati Ġenerali, il-ministeri u l-komunikaturi differenti f'livelli differenti, u fuq l-istabbiliment ta' ħarsa ġenerali lejn l-udjenzi fil-mira, bil-għan li jiżviluppaw u jwasslu messaġġi mfassla għal gruppi fil-mira speċifiċi sabiex jilħqu liċ-ċittadini fuq il-post b'mod aktar dirett u jinformawhom aħjar;

33. Jenfasizza f'dan il-kuntest l-importanza ta' bidla kulturali, fis-sens li l-komunikazzjoni hija r-responsabilità tal-atturi kollha involuti, u li l-benefiċjarji stess qed isiru komunikaturi prinċipali;

34. Jitlob ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu r-rwol u l-pożizzjoni tan- netwerks li jeżistu diġà ta' komunikazzjoni u informazzjoni u jużaw il-pjattaforma ta' komunikazzjoni elettronika interattiva tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, sabiex jiġbru d-data rilevanti kollha dwar proġetti tal-Fond SIE, u b'hekk

jippermettu lill-utenti finali jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar il-proċess ta' implimentazzjoni u r-riżultati miksuba, lil hinn minn deskrizzjoni qasir tal-proġett u n-nefqa mġarrba; huwa tal-fehma li tali pjattaforma se tiffaċilita wkoll l-evalwazzjoni tal-effikaċja tal-komunikazzjoni dwar il-politika ta' koeżjoni;

o

o o

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tar-Reġjuni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0246

## Kosteffikaċja tas-7 Programm ta' Riċerka

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar il-kosteffikaċja tas-7 Programm ta' Riċerka (2015/2318(INI))**

(2018/C 331/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Titolu XIX tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ([3]) (Ir-Regolament Finanzjarju),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2014, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ([4]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 2/2013 tal-Qorti tal-Awdituri, bit-titolu "Il-Kummissjoni żgurat l-implimentazzjoni effiċjenti tas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka?",

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għax-Xjenza u t-Teknoloġija tal-House of Commons tar-Renju Unit tas-16 ta' Novembru 2016 "Leaving the EU: implications and opportunities for science and research", of 16 November 2016 ([5]),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tat-28 ta' April 2016 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, Taqsima III – Il-Kummissjoni ([6]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0194/2017),

A. billi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2007-2013 ġie fi tmiemu, imma l-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Kwadru għar-riċerka u l-innovazzjoni (FP7) għadha għaddejja;

B. billi l-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni matul l-QFP 2014-2020 jaqgħu taħt ir-Regolament dwar Orizzont 2020;

C. billi, sa fejn jaf, ma teżisti l-ebda analiżi komprensiva tal-kosteffikaċja fir-rigward tal-FP7;

([1]) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104.
([3]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([4]) ĠU C 373, 10.11.2015, p. 1.
([5]) http://www.parliament.uk/business/committees/committees-a-z/commons-select/science-and-technology-committee/inquiries/parliament-2015/leaving-the-eu-inquiry-16-17/publications/
([6]) ĠU L 246, 14.9.2016, p. 25.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

D. billi evalwazzjoni komprensiva tal-FP7 imissha – idealment – saret qabel id-dħul fis-seħħ ta' Orizzont 2020;

E. billi r-rati ta' żball u evalwazzjoni ex post tal-programm ma joffrux informazzjoni komprensiva dwar il-kosteffikaċja

***Is-Seba' Programm Kwadru (FP7)***

1. Jenfasizza l-fatt li l-FP7, b'kollox, irrappreżenta baġit totali ivvotat ta' EUR 55 biljun, li huwa stmat li jammonta għal 3 % tan-nefqa totali fil-qasam tar-riċerka u żvilupp teknoloġiku (RTD) fl-Ewropa, jew 25 % ta' finanzjament kompetittiv; fis-seba' snin li dam l-FP7, tressqu aktar minn 139 000 proposta għal riċerka, li minnhom intgħażlu u rċevew finanzjament 25 000 proġett tal-ogħla kwalità; id-destinatarji ewlenin fost id- 29 000 organizzazzjoni li kienu qed jieħdu sehem fl-FP7 kienu, *inter alia,* l-universitajiet (44 % tal-finanzjament mill-FP7), l-organizzazzjonijiet fl-oqsma tar-riċerka u t-teknoloġija (27 %), kumpaniji privati kbar (11 %) u intrapriżi żgħar u medji (13 %), filwaqt li s-settur pubbliku (3 %) u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (2 %) rrappreżentaw sehem anqas sinifikanti;

2. Huwa konxju li l-FP7 jaqdi lil benefiċjarji mill-Istati Membri kollha tal-UE, il-pajjiżi kandidati assoċjati bħall-Iżvizzera, l-Iżrael, in-Norveġja, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, it-Turkija, il-Kroazja, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, is-Serbja, l-Albanija, il-Montenegro, il-Bożnja-Ħerzegovina, il-Gżejjer Faeroe u l-Moldova, u pajjiżi sħab ta' kooperazzjoni internazzjonali;

3. Jinnota li l-evalwazzjoni ex post tal-FP7, li twettqet minn grupp ta' esperti ta' livell għoli ([1]), ikkunsidrat li l-FP7 kien suċċess; il-grupp ta' livell għoli ssottolinja b'mod partikolari li l-FP7:

— inkoraġġixxa l-eċċellenza xjentifika fil-livell individwali u istituzzjonali,

— ippromwova riċerka rivoluzzjonarja permezz tal-programm ġdid Fp7-Ideas (Kunsill Ewropew tar-Riċerka),

— involva lill-industrija u lill-intrapriżi żgħar u medji b'mod strateġiku,

— qawwa modalità ġdida ta' kollaborazzjoni u qafas għall-innovazzjoni miftuħ,

— saħħaħ liż-Żona Ewropea tar-Riċerka billi aġixxa ta' katalista għal kultura ta' kooperazzjoni u bena netwerks komprensivi adattati biex jindirizzaw l-isfidi tematiċi,

— indirizza ċerti sfidi għas-soċjetà permezz tar-riċerka, it-teknoloġija u l-innovazzjoni permezz ta' FP7-Cooperation,

— inkoraġġixxa l-armonizzazzjoni tas-sistemi u l-politiki nazzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni,

— qanqal il-mobilità tar-riċerkaturi madwar l-Ewropa – FP7-PEOPLE ħoloq il-kundizzjonijiet meħtieġa għal suq tax-xogħol miftuħ għar-riċerkaturi,

— ippromwova l-investiment fl-infrastrutturi Ewropej għar-riċerka,

— laħaq massa kritika ta' riċerka madwar il-panorama Ewropew u dak globali;

4. Jinnota li l-konsultazzjoni pubblika mal-partijiet interessati fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-FP7, li saret bejn Frar u Mejju 2015, indikat id-dgħufijiet li ġejjin:

— piż amministrattiv kbir, u regoli legali u finanzjarji kkumplikati,

— grad għoli ta' sottoskrizzjoni eċċessiva,

— nuqqas ta' attenzjoni għall-impatt fuq is-soċjetà,

— l-ambitu tas-suġġetti u s-sejħiet kien strett wisq,

---

([1]) Impenn u Koerenza, evalwazzjoni ex post tas-Seba' Programm Kwadru tal-UE, Novembru 2015 https://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/fp7_final_evaluation_expert_group_report.pdf

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

— nuqqas ta' attenzjoni għall-parteċipazzjoni min-naħa tal-industrija,

— limitu minimu għoli għal min ikun għadu jibda; rati baxxi tal-medja ta' suċċess ta' 19 % u 22 % rispettivament għall-proposti u l-applikanti;

— komunikazzjoni dgħajfa;

5. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li, skont il-Kummissarju, l-FP7 mhux se jiġi kompletament eżegwit u evalwat qabel l-2020, u dan jista' jikkawża dewmien fil-programmi ta' segwitu fil-ġejjieni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippubblika r-rapport ta' evalwazzjoni malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn qabel tippreżenta l-programm ta' riċerka għal wara Orizzont 2020.

***Is-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-Qorti)***

6. Jenfasizza bi tħassib li l-Qorti tikkunsidra li s-sistemi ta' superviżjoni u kontroll għall-politiki dwar ir-riċerka u politiki interni oħrajn huma "parzjalment effettivi";

7. Jappella lill-Kummissjoni biex tinforma lill-kumitat responsabbli tagħha fid-dettall dwar l-10 tranżazzjonijiet li kienu jirrappreżentaw 77 % tal-iżbalji u l-miżuri ta' rimedju meħuda fl-2015;

8. Jinnota bi tħassib li r-rata ta' żball rar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RDI) fil-kwittanza għas-snin finanzjarji reċenti minn dejjem kienet ogħla minn 5 %;

9. Jinnota li, fl-2015, mill-150 tranżazzjoni awditjati mill-Qorti, 72 (48 %) kienu milquta minn żbalji; abbażi tat-38 żball li kkwantifikat il-Qorti, hija stmat li l-livell ta' żball kien ta' 4,4 %; barra minn hekk, f'16-il każ ta' żbalji kwantifikabbli, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali jew l-awdituri indipendenti kellhom informazzjoni suffiċjenti biex jipprevjenu jew jidentifikaw u jikkoreġu l-iżbalji qabel jaċċettaw in-nefqa; kieku din l-informazzjoni kollha ntużat għall-korrezzjoni tal-iżbalji, il-livell ta' żball stmat għal dan il-kapitolu kien ikun 0,6 % aktar baxx;

10. Jiddeplora l-fatt li f'10 mit-38 tranżazzjoni li kienu soġġetti għal żball ikkwantifikat, il-Qorti rrapportat żbalji li jaqbżu l-20 % tal-partiti eżaminati; dawn l-għaxar każijiet (disgħa mis-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u wieħed mill-Programm Kompetittività u Innovazzjoni 2007-2013) jirrappreżentaw 77 % tal-livell ta' żball stmat kumplessiv għall-intestatura "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" fl-2015;

11. Jiddispjaċih li l-biċċa l-kbira tal-iżbalji kkwantifikati li sabet il-Qorti (33 minn 38) kellhom x'jaqsmu mar-rimborż tal-persunal u l-ispejjeż indiretti ineliġibbli li ddikjaraw il-benefiċjarji u li kważi l-iżbalji kollha li sabet il-Qorti fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż kienu dovuti għal miżinterpretazzjoni tar-regoli kumplessi dwar l-eliġibbiltà jew kalkolu inkorrett tal-ispejjeż eliġibbli min-naħa tal-benefiċjarji, u dan iwassal għall-konklużjoni ovvja li hemm bżonn li dawn ir-regoli jiġu ssemplifikati;

12. Jirrikonoxxi li l-Kummissjoni kkalkolat li r-rata ta' żball residwu (fi tmiem il-programm u wara l-korrezzjonijiet) kienet ta' 3 % fl-2014 (2,88 % fl-2015);

13. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu fil-kwittanza tal-Kummissjoni għall-2012 u l-2014: "Jibqa' konvint li l-Kummissjoni għandha tkompli tfittex bilanċ aċċettabbli bejn kemm il-programmi jkunu attraenti għall-parteċipanti u l-ħtieġa leġittima tar-responsabilità u l-kontroll finanzjarju; ifakkar, f'dan il-kuntest, fid-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali fl-2012 li proċedura li timmira li tikseb rata ta' żball residwu ta' 2 % f'kull sitwazzjoni mhijiex soluzzjoni vijabbli";

14. Jiddispjaċih li s-sorsi prinċipali tal-iżbalji kienu l-ispejjeż tal-persunal li ġew ikkalkulati b'mod inkorrett u l-ispejjeż diretti u indiretti ineliġibbli;

15. Jindika u jinsab imħasseb dwar is-sejbiet tar-Rapport Speċjali Nru 2/2013 tal-Qorti, fejn il-Qorti tikkonkludi li l-proċessi tal-Kummissjoni huma indirizzati biex jiżguraw li l-finanzjament jiġi investit f'riċerka ta' kwalità għolja; madankollu, kien hemm anqas attenzjoni fir-rigward tal-effiċjenza;

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

— l-għodda eżistenti fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni ma ppermettewx implimentazzjoni effiċjenti tal-proġetti, u fit-tmien servizzi tal-Kummissjoni hemm impjegati aktar minn 2 500 membru tal-persunal sabiex jimplimentaw l-FP7, li fosthom 1 500 (60 %) huma assenjati direttament għall-ġestjoni tal-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku fil-Qasam tal-Kooperazzjoni,

— iż-żmien għall-għotja għandu jkompli jitqassar, u

— il-mudell ta' kontroll finanzjarju tal-FP7 ma jqisx biżżejjed ir-riskju ta' żbalji;

16. Jinnota r-risposti tal-Kummissjoni għall-konklużjonijiet tal-Qorti, li indikaw li, madankollu, ġew iffirmati 4 324 għotja, bi kważi 20 000 parteċipant, li ż-żmien għall-għotja diġà tqassar u li l-arkitettura ta' kontroll ġiet iddisinjata b'tali mod li tiddependi l-aktar fuq il-kontroll ex post;

***Il-kosteffikaċja taħt l-FP7***

17. Jissottolinja li jkun tajjeb li l-kosteffikaċja titkejjel fir-rigward tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja (ġestjoni finanzjarja tajba) ([1]) fil-ksib tal-objettivi politiċi;

18. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-programmi qafas għar-riċerka kienet maqsuma bejn id-direttorati ġenerali differenti, l-aġenziji eżekuttivi, l-impriżi konġunti, il-korpi hekk imsejħa tal-Artikolu 185, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT);

19. Jindika li d-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (DĠ RTD) awtorizza EUR 3,8 biljun f'pagamenti fl-2015, li minnhom 67,4 % saru taħt ir-responsabilità diretta tad-DĠ, 12,6 % mill-impriżi konġunti, 10,7 % mill-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), u 2,4 % mill-aġenziji eżekuttivi;

20. Jinnota li, skont ir-rapport annwali tal-attività tad-DĠ RTD għall-2015, l-Unjoni Ewropea kkontribwixxiet EUR 44,56 biljun għall-programm FP7, li minnhom 58 % marru l-Ġermanja (16 %), ir-Renju Unit (16 %), Franza (11 %), l-Italja (8 %) u Spanja (7 %);

21. Josserva li d-DĠ RTD stabbilixxa qafas ta' kontroll immirat biex itaffi r-riskji inerenti fl-istadji differenti tal-proċess ta' ġestjoni tal-għotjiet diretti u indiretti; barra minn hekk, id-DĠ RTD stabbilixxa strateġija ta' superviżjoni għall-istrumenti finanzjarji, li jiġu implimentati mill-BEI u l-FEI;

22. Jinnota li fir-rigward tal-FP7 2007-2013, id-DĠ RTD lesta u għalaq, sa tmiem l-2015, 3 035 ftehim ta' għotja minn 4 950, kif ukoll 1 915-il proġett, waqt li fadal EUR 1,6 biljun x'jitħallsu; id-DĠ RTD għamel 826 pagament finali fl-2015; iħeġġeġ lid-DĠ jiżviluppa dawn l-istatistiċi fi snin finanjarji sussegwenti;

23. Jindika b'mod partikolari l-fatt li l-indikaturi bħaż-żmien għall-għotja, iż-żmien għall-informazzjoni u ż-żmien għall-pagament urew tendenza pożittiva u kienu kkunsidrati sodisfaċenti (konformità ta' 93-100 %);

24. Jinnota li d-DĠ RTD wettaq 1 550 awditu, li koprew 1 404 benefiċjarji u 58,7 % tal-baġit matul il-perjodu ta' programmazzjoni tal-FP7;

25. Jirrimarka li d-DĠ RTD jikkunsidra li ntuża total ekwivalenti ta' 9,4 ingaġġi full-time għas-superviżjoni u l-koordinament tal-attivitajiet relatati mal-aġenziji eżekuttivi; dan jirrappreżenta EUR 1,26 miljun jew 1,35 % tal-ispejjeż amministrattivi totali; barra minn hekk, l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA) u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERCEA) implimentaw baġit operattiv ta' EUR 1,94 biljun, u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME) u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA) implimentaw EUR 480,5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament fl-2015;

([1]) Il-Kapitolu 7 tar-Regolament Finanzjarju.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

26. Josserva li d-DĠ RTD ġarrab spejjeż ta' EUR 1,67 miljun jew 0,35 % mill-EUR 479,9 miljun li tħallsu lill-impriżi konġunti għas-superviżjoni tal-attivitajiet tagħhom; josserva barra minn hekk li d-DĠ RTD ġarrab spejjeż ta' EUR 0,7 miljun jew 0,78 % mill-pagamenti li saru lill-korpi tal-Artikolu 185 għas-superviżjoni tal-attivitajiet tagħhom;

27. Jenfasizza li l-impriżi konġunti u l-korpi tal-Artikolu 185 huma responsabbli għall-awditjar tagħhom innifishom, u r-riżultati ta' dan jiġu kkomunikati lid-DĠ RTD;

28. Jinnota bi tħassib il-fatt li d-DĠ RTD stima li r-rata ta' żball kumplessiva identifikata hija ta' 4,35 %; fl-istess ħin, id-Direttorat Ġenerali kkunsidra li r-rata ta' żball residwu (fi tmiem il-programm u wara l-korrezzjonijiet) hija ta' 2,88 %;

29. Jinnota li, sa tmiem l-2016, l-ammont li kellu jiġi rkuprat kien ta' EUR 68 miljun, li minnhom effettivament inġabru EUR 49,7 miljun;

30. Josserva, madankollu, li r-regoli tal-FP7 ma kinux kompatibbli biżżejjed mal-prattiki kummerċjali ġenerali, li s-sistema ta' kontroll meħtieġa biex ikun hemm bilanċ aħjar bejn ir-riskju u l-kontroll, li l-benefiċjarji kellhom bżonn gwida aħjar biex ilaħħqu mal-kumplessità tal-iskema, u li l-metodi ta' rimborż kellhom ikunu aktar effiċjenti;

31. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li, fir-rapport annwali tal-attività tad-DĠ Riċerka u Innovazzjoni, huwa indikat li sa tmiem l-2015, 1 915-il proġett taħt l-FP7, b'valur ta' EUR 1,63 biljun, kienu għadhom ma tlestewx, li setgħu jtawlu l-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020;

32. Jinnota li l-istabbiliment ta' sinerġiji bejn is-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni minn naħa u l-fondi strutturali mill-oħra, kien fl-interess tal-Unjoni Ewropea;

33. Jinnota li l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-FP7 u l-finanzjament ta' riċerka nazzjonali jkunu koerenti mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-istat sabiex jiġu evitati l-inkonsistenzi u l-irduppjar ta' finanzjament; jisħaq li għandu jingħata kont tal-karatteristiċi nazzjonali speċifiċi;

34. Jenfasizza l-importanza tal-istrumenti finanzjarji fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni; jenfasizza li, b'kunsiderazzjoni tar-riċerka tal-kompetittività, l-użu ta' strumenti finanzjarji għal proġetti f'livelli ta' tlestija teknoloġika akbar (TRL) jista' joffri biżżejjed ritorn mill-investiment pubbliku; jindika, f'dan il-kuntest, il-fatt li "Il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (2007-2013) toffri wkoll self u finanzjament ibridu jew intermedju biex jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament ta' riskju għal proġetti R&I. Jinnota li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni RSFF 2007-2015 ta' EUR 961 miljun appoġġat attività li tgħodd għal iktar minn EUR 10,22 biljuni minn EUR 11,31 biljun li kienu mistennija; jinnota li l-Istrument għall-Kondiviżjoni tar-Riskji għall-Industriji Żgħar u Medji pprovda finanzjament ta' aktar minn EUR 2,3 biljun, li għalih l-Unjoni kkontribwiet EUR 270 miljun [1]; huwa tal-opinjoni li dawn iċ-ċifri jissottolinjaw l-interess għoli tal-kumpaniji u tal-benefiċjarji l-oħra fil-finanzjament ta' riskju;

35. Josserva l-bżonn li l-istrumenti finanzjarji FP7 jkunu iktar fil-mira sabiex ikun żgurat li jingħata appoġġ lill-operaturi l-ġodda b'aċċess limitat għall-finanzjament fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni;

36. Jinnota li ċerti miżuri rrakkomandati mill-awditur estern u/jew is-servizz ta' awditu intern tal-Kummissjoni, jiġifieri żewġ miżuri li jikkonċernaw is-sistemi ta' kontroll għas-superviżjoni ta' korpi esterni, u tliet miżuri għal Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti, ma ġewx inklużi;

37. Jissuġġerixxi komunikazzjoni aħjar tar-riżultati fl-Istati Membri u fil-kampanji ta' informazzjoni tal-programm;

***Il-prospettivi ġejjiena taħt Orizzont 2020***

38. Jirrileva l-fatt li, sa tmiem l-2015 198 sejħa bi skadenza għas-sottomissjonijiet sa dik id-data kienu ġew ippubblikati għal Orizzont 2020a; b'rispons għal dawn is-sejħiet, b'kollox waslu 78 268 proposta, li 10 658 minnhom tqiegħdu fil-lista ewlenija jew dik ta' riżerva; dan ifisser li, jekk jitqiesu biss il-proposti eliġibbli, ir-rata ta' suċċess kienet ta' madwar 14 %; fl-istess perjodu, ġew iffirmati 8 832 ftehim ta' għotja mal-benefiċjarji, li 528 minnhom ġew iffirmati mid-DĠ RTD;

(1) COM(2016)0675, p. 18 u19.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

39. Jirrikonoxxi li kien hemm iffrankar ta' spejjeż ta' EUR 551 miljun fil-FP7 meta mqabbel mal-FP6, u li l-Kummissjoni fittxet li tissemplifika aktar l-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020, meta mqabbel mal-FP7; jenfasizza, l-importanza tal-oqsma ta' politika kollha, inklużi l-fondi strutturali, li jibbenefikaw mis-semplifikazzjoni bl-intenzjoni li jinżamm trattament ugwali tal-benefiċjarji tal-assistenza finanzjarja Ewropea;

40. Jinnota b'sodisfazzjon li d-DĠ RTD qed jipprova jkompli jnaqqas l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi billi jesternalizza l-ġestjoni tal-kuntratti lill-aġenziji eżekuttivi u l-korpi l-oħra; jisħaq f'dan il-kuntest li, taħt Orizzont 2020, 55 % tal-baġit se jkun ġestit mill-aġenziji eżekuttivi;

41. Jissottolinja li l-għadd kbir ta' atturi politiċi, inklużi d-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni, l-aġenziji eżekuttivi, l-impriżi konġunti u l-korpi tal-Artikolu 185, jirrikjedi koordinament konsiderevoli, li l-effikaċja tiegħu hija ta' importanza ewlenija;

42. Jinnota d-differenza fl-opinjonijiet tal-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija u l-Kummissjoni minn naħa, u tal-Qorti min-naħa l-oħra fir-rigward tal-legalità tal-pagamenti; huwa tal-opinjoni li jeħtieġ li s-soluzzjoni għal din it-tilwima ma tiġġenerax ħsara għal dawk il-benefiċjarji li l-azzjoni tagħhom kienet in bona fide;

43. Jilqa' l-fatt li, taħt Orizzont 2020:

— l-istruttura tal-programm hija anqas kumplessa u tipprevedi l-interoperabilità fost il-partijiet differenti,

— issa japplika sett ta' regoli wieħed,

— issa hemm rata ta' finanzjament waħda għal kull proġett,

— l-ispejjeż indiretti huma koperti b'rata fissa (25 %),

— qed tiġi vverifikata l-vijabilità finanzjarja tal-koordinaturi tal-proġetti biss,

— ġie introdott approċċ għall-prestazzjoni aktar kalkolabbli,

— strateġija tal-awditjar waħda hija applikabbli għall-familja tar-riċerka u l-innovazzjoni,

— inħoloq portal għall-parteċipanti wieħed għall-ġestjoni tal-għotjiet u l-esperti,

— il-ġestjoni tal-għotjiet, tal-kuntratti tal-esperti u tal-arkivjar qed issir elettronikament;

44. Jilqa' l-ħolqien ta' Ċentru ta' Appoġġ Komuni, li se jgħin fil-koordinament u fl-eżekuzzjoni tal-programm b'mod effiċjenti u armonizzat f'seba' direttorati ġenerali tal-Kummissjoni, erba' aġenziji eżekuttivi u sitt impriżi konġunti; jinnota li sal-1 ta' Jannar 2014, iċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni kien qed jipprovdi servizzi komuni fl-oqsma tal-appoġġ legali, l-awditjar ex post, is-sistemi u l-operazzjonijiet tal-IT, il-proċessi kummerċjali, l-informazzjoni u d-data relatati mal-programm lid-direttorati ġenerali fil-qasam tar-riċerka, l-aġenziji eżekuttivi u l-impriżi konġunti kollha involuti fl-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020;

45. Jissuġġerixxi li r-rwol għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali jenħtieġ li jitqawwa b'mod li jiġi pprovdut appoġġ tekniku ta' kwalità fuq il-post; valutazzjoni annwali tar-riżultati, taħriġ u gwadanji għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali li jkollhom prestazzjoni effikaċi jżidu r-rata ta' suċċess tal-programm Orizzont 2020.

46. Jilqa' wkoll il-fatt li sehem il-fondi minn Orizzont 2020 li ġie allokat għall-intrapriżi żgħar u medji żdied minn 19,4 % fl-2014 għal 23,4 % fl-2015, u jirrakkomanda li din ix-xejra titħeġġeġ b'mod proattiv;

47. Jikkunsidra li huwa inaċċettabbli li d-DĠ Riċerka u Innovazzjoni ma kkonformax mat-talba tal-Parlament li d-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni jeħtiġilhom jippubblikaw kull rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiżi individwali li joħorġu fir-rapporti annwali tal-attività tagħhom;

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

48. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri biex tiżgura paga ndaqs għar-riċerkaturi li jagħmlu l-istess xogħol fi ħdan l-istess proġett u biex tipprovdi lista, ta' nazzjonalitá, tal-intrapriżi kollha elenkati fil-Borża u/jew li juru profitt fid-dikjarazzjoni annwali tal-kontijiet u li jirċievu fondi mill-Orizzont 2020;

49. Jirrikonoxxi li l-elementi l-ġodda li ġew introdotti f'Orizzont 2020 jirriflettu wkoll l-osservazzjonijiet li saru mill-Qorti;

50. Ifakkar li qed jitħejja d-Disa' Programm Qafas ta' Riċerka; jissottolinja l-bżonn li jiġu żgurati li l-aħjar prattiki tal-Orizzont 2020 jintużaw fid-definizzjoni tal-programm; jissuġġerixxi aktar finanzjament għal innovazzjoni, li hi ekonomikament effiċjenti għas-settur kummerċjali, u flessibbiltà akbar bejn il-baġits tas-sottoprogrammi differenti sabiex jiġi evitat nuqqas ta' finanzjament għal dawk kwalifikati bħala "eċċellenti";

***Riperkussjonijiet għall-FP7 dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea***

51. Jinnota b'rispett il-vot taċ-ċittadini tar-Renju Unit tat-23 ta' Ġunju 2016, li permezz tiegħu esprimew ir-rieda politika li jitilqu mill-Unjoni Ewropea;

52. Jilqa' l-ħidma tal-House of Commons tar-Renju Unit fl-evalwazzjoni tar-riperkussjonijiet ta' dan il-vot fuq il-qasam tax-xjenza u r-riċerka ([1]), u fit-tentattiv li jżommu l-impatt negattiv fuq il-kompetittività Ewropea f'livell minimu;

53. Jindika li l-organizzazzjonijiet ibbażati fir-Renju Unit irċevew EUR 1,27 biljun f'sejħiet għal finanzjament b'għotjiet fl-2014, li kienu jirrappreżentaw 15 % tat-total, u EUR 1,18-il biljun f'sejħiet fl-2015, li kienu jirrappreżentaw 15,9 % tat-total – l-akbar sehem ta' finanzjament mill-UE li Stat Membru rċieva f'dik is-sena ([2]);

***Konklużjonijiet***

54. Jikkonkludi li l-ġestjoni tal-ispejjeż tal-FP7 min-naħa tal-Kummissjoni – kumplessivament – kienet waħda effikaċi; jinnota li l-programm tejjeb ukoll l-effikaċja tiegħu minkejja d-dewmien u r-rati ta' żball ripetuti fl-implimentazzjoni tiegħu;

55. Jilqa' l-fatt li t-tħassib tal-Qorti ġie kkunsidrat;

56. Jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-modernizzazzjonijiet li ġew introdotti taħt Orizzont 2020, bħal rati fissi għall-ispejjeż indiretti, strateġija tal-awditjar waħda, portal għall-parteċipanti wieħed, eċċ., jiġu applikati b'mod simili fl-oqsma ta' politika l-oħra, eż. il-fondi strutturali; jisħaq li jkun tajjeb li l-benefiċjarji kollha tal-għotjiet jiġu ttrattati b'mod ġust u ugwali;

57. Jappella lill-Istati Membri jagħmlu sforz addizzjonali bl-għan li jintlaħaq l-objettiv li 3 % tal-PDG jiġi investit fir-riċerka; iqis li dan kieku jagħti spinta lill-eċċellenza u l-innovazzjoni; jappella għalhekk lill-Kummissjoni biex teżamina l-possibbiltà li tipproponi Patt favur ix-Xjenza fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, billi tibni fuq id-dinamika li diġà nħolqot mill-Patt tas-Sindki;

58. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li, fir-rapporti ta' evalwazzjoni tagħhom, iż-żewġ aġenziji, l-REA u l-ERCEA, indikaw li ċ-ċirkwiti ta' feedback u l-komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi jistgħu jittejbu ulterjorment;

o

o o

59. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u lill-Kummissjoni.

---

([1]) Ara r-rapport tal-House of Commons tar-Renju Unit, il-Kumitat tax-Xjenza u Teknoloġija tas-16 ta' Novembru 2016.
([2]) Ir-Rapport ta' Monitoraġġ tal-2015 dwar Orizzont 2020, p. 21 f.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0247

## L-apolidija fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Asja

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar l-apolidija fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Asja (2016/2220(INI))**

(2018/C 331/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-istrumenti tan-Nazzjonijiet Uniti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom dawk li jirrigwardaw id-dritt għal ċittadinanza, bħall-Karta tan-NU, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patti Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, il-Konvenzjoni tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi, il-Konvenzjoni tal-1961 dwar it-Tnaqqis tal-Apolidija, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa u l-Protokoll Fakultattiv tagħha, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji tagħhom,

— wara li kkunsidra l-istrumenti l-oħrajn tan-NU fil-qasam tal-apolidija u tad-dritt għal ċittadinanza, bħall-konklużjoni nru 106 dwar l-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-apolidija u l-protezzjoni tal-apolidi tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) ([1]), approvata mir-riżoluzzjoni A/RES/61/137 tal-2006 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU,

— wara li kkunsidra l-Kampanja Globali biex tintemm l-Apolidija sal-2024 tal-UNHCR ([2]) kif ukoll il-Kampanja Globali għad-Drittijiet għal Ċittadinanza Indaqs appoġġata mill-UNHCR, mill-UN Women u minn oħrajn, u approvata mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tal-15 ta' Lulju 2016 dwar id-drittijiet tal-bniedem u t-tiċħid arbitrarju taċ-ċittadinanza (A/HRC/RES/32/5),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Vjenna ([3]), adottati mill-Konferenza Dinjija dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-25 ta' Ġunju 1993,

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni ġenerali nru 32 tal-Kumitat għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) dwar id-dimensjoni relatata mal-ġeneru tal-istatus tar-rifuġjati, l-asil, iċ-ċittadinanza u l-apolidija tan-nisa ([4]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li jgħid li "[f]ir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja", l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi għall-"qerda tal-faqar u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem b'mod partikolari dawk tat-tfal, kif ukoll għar-rispett sħiħ u għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali, partikolarment ir-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti",

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2015 dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019 ([6]),

— wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tal-25 ta' Ġunju 2012 ([7]),

(1) http://www.unhcr.org/excom/exconc/453497302/conclusion-identification-prevention-reduction-statelessness-protection.html
(2) http://www.unhcr.org/protection/statelessness/54621bf49/global-action-plan-end-statelessness-2014-2024.html
(3) http://www.ohchr.org/Documents/ProfessionalInterest/vienna.pdf
(4) http://www.refworld.org/docid/54620fb54.html
(5) http://www.asean.org/wp-content/uploads/images/ASEAN_RTK_2014/6_AHRD_Booklet.pdf
(6) http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10897-2015-INIT/mt/pdf
(7) http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-11855-2012-INIT/mt/pdf

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2015 dwar l-apolidija ([1]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2016 dwar l-istrateġija tal-UE fir-rigward tal-Myanmar/Burma ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-migrazzjoni f'pajjiżi terzi ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2016 dwar il-Myanmar, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tar-Rohingya ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2015 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja fl-2013 u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni ([5]),

— wara li kkunsidra l-istudju ta' Novembru 2014 tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni bit-titolu "Addressing the Human Rights impact of statelessness in the EU's external action",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A8-0182/2017),

A. billi r-reġjun tan-Nofsinhar u tax-Xlokk tal-Asja jikkonsisti minn dawn il-pajjiżi li ġejjin: l-Afganistan, il-Bangladesh, il-Bhutan, il-Brunei, il-Kambodja, l-Indja, l-Indoneżja, il-Laos, il-Malasja, il-Maldivi, il-Myanmar, in-Nepal, il-Pakistan, il-Filippini, Singapore, is-Sri Lanka, it-Tajlandja, Timor Leste u l-Vjetnam, li lkoll huma membri, jew għandhom status ta' osservatur, tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) jew tal-Assoċjazzjoni tal-Asja tan-Nofsinhar għall-Kooperazzjoni Reġjonali (SAARC);

B. billi d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tafferma li l-individwi kollha jitwieldu ugwali fid-dinjità u fid-drittijiet; billi d-dritt għal ċittadinanza u d-dritt li ċ-ċittadinanza ta' individwu ma tiġix arbitrarjament imċaħħda huma minquxa fl-Artikolu 15 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll fi strumenti internazzjonali oħrajn li jittrattaw id-drittijiet tal-bniedem; billi, madankollu, l-istrumenti ġuridiċi internazzjonali għad iridu jilħqu l-objettiv primarju tagħhom li jiżguraw id-dritt għal ċittadinanza ta' kull persuna;

C. billi d-drittijiet tal-bniedem huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati; billi d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma drittijiet mat-twelid ta' kull bniedem u l-protezzjoni u l-promozzjoni tagħhom jikkostitwixxu l-aktar kompitu importanti ta' gvern;

D. billi l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li ġiet ratifikata mill-pajjiżi kollha tan-Nofsinhar u tax-Xlokk tal-Asja, tistabbilixxi li t-tfal għandhom jiġu rreġistrati immedjatament wara li jitwieldu u għandu jkollhom id-dritt li jiksbu ċittadinanza; billi huwa stmat li nofs l-apolidi tad-dinja huma tfal u li ħafna minnhom huma apolidi mit-twelid;

E. billi skont id-Dikjarazzjoni tal-ASEAN dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kull individwu għandu dritt għal ċittadinanza kif preskritt mil-liġi u li l-ebda individwu ma jkun arbitrarjament imċaħħad miċ-ċittadinanza tiegħu, u lanqas ma jkunlu rifjutat id-dritt li jbiddel tali ċittadinanza;

F. billi l-Konvenzjoni tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi tiddefinixxi lill-persuna apolida bħala persuna li l-ebda Stat ma jikkunsidraha bħala ċittadin tiegħu b'applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tiegħu; billi l-kawżi tal-apolidija jistgħu jkunu varji, fosthom, bħala eżempju: is-suċċessjoni u d-dissoluzzjoni ta' Stati, in-neċessità li l-persuni jaħarbu minħabba ċirkostanzi eżistenti, il-migrazzjoni u t-traffikar tal-bnedmin, kif ukoll: modifiki u lakuni fil-liġijiet dwar iċ-ċittadinanza, l-iskadenza taċ-ċittadinanza minħabba li dak li jkun għex żmien twil barra minn pajjiżu, it-tiċħid arbitrarju taċ-

([1]) http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2015/12/04-council-adopts-conclusions-on-statelessness/
([2]) http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/06/20-fac-conclusions-myanmar-burma/
([3]) Testi adottati, P8_TA(2016)0404.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2016)0316.
([5]) ĠU C 316, 30.8.2016, p. 141.

ċittadinanza, id-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-ġeneru, tar-razza, tal-etnija jew ta' raġunijiet oħra, ostakli amministrattivi u burokratiċi fosthom il-ksib jew ir-reġistrazzjoni taċ-ċertifikati tat-twelid; billi il-maġġor parti tal-kawżi, jekk mhux dawn kollha, tista' tinsab fil-każijiet ta' apolidija fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Asja;

G. billi huwa importanti li jkun osservat li l-istatus ta' apolidija ta' persuna huwa kwistjoni distinta mill-istatus ta' rifuġjat; billi l-maġġoranza tal-apolidi qatt ma ħalliet art twelidha jew ma qasmet konfini internazzjonali;

H. billi l-apolidija hija problema multidimensjonali u twassal għal firxa wiesgħa ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem fosthom, iżda mhux biss, il-problemi marbuta maċ-ċertifikati tat-twelid u ma' dokumenti tal-istat ċivili oħrajn, kif ukoll problemi oħrajn marbutin mad-drittijiet tal-proprjetà, mal-esklużjoni mill-programmi tas-saħħa tat-tfal u mis-sistemi skolastiċi pubbliċi, mas-sjieda tal-impriżi, mar-rappreżentanza politika u mal-parteċipazzjoni fil-vot, mal-aċċess għas-sigurtà soċjali u għas-servizzi pubbliċi; billi l-apolidija tista' tikkontribwixxi għat-traffikar tal-bnedmin, għad-detenzjoni arbitrarja, għall-ksur tal-libertà ta' moviment, għall-isfruttament u għall-abbuż tat-tfal u għad-diskriminazzjoni fil-konfront tan-nisa;

I. billi l-apolidija għadha tirċievi attenzjoni internazzjonali limitata minkejja l-implikazzjonijiet globali u reġjonali inkwetanti ħafna tagħha fuq id-drittijiet tal-bniedem, u għadha titqies bħala affari interna tal-Istati; billi t-tnaqqis u, maż-żmien, l-abolizzjoni tal-apolidija jenħtieġ li jsiru prijorità tad-drittijiet tal-bniedem fil-livell internazzjonali;

J. billi d-diskriminazzjoni sesswali f'ambitu leġiżlattiv, pereżempju għall-ksib taċ-ċittadinanza jew biex din tgħaddi għall-wild jew għall-konjuġi, għadha preżenti fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Asja f'pajjiżi bħan-Nepal, il-Malasja u l-Brunei;

K. billi skont l-istimi tal-UNHCR, it-twelid ta' 135 miljun tifel u tifla taħt l-età ta' ħames snin fir-reġjun ma ġiex irreġistrat u huma f'riskju ta' apolidija;

L. billi t-tmiem tal-apolidija se jwassal ukoll għal aktar demokrazija, billi l-ex apolidi se jiddaħħlu fil-proċess demokratiku u jkunu jistgħu jagħtu l-kontribut tagħhom fih;

M. billi l-problema kumplessa tal-apolidija għadha relegata fil-periferija tal-politika u tad-dritt internazzjonali, minkejja li din mhijiex kwistjoni marġinali;

N. billi l-apolidija ddgħajjef il-prospettivi ta' żvilupp tal-popolazzjonijiet milquta u tal-implimentazzjoni effikaċi tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;

O. billi l-Pjan ta' Azzjoni Globali biex tintemm l-Apolidija (2014-2024) tal-UNHCR jimmira li jsostni lill-gvernijiet huma u jsolvu s-sitwazzjonijiet ewlenin eżistenti ta' apolidija, biex ikun evitat li jfeġġu każijiet ġodda u jiġu identifikati u protetti b'mod aħjar il-popolazzjonijiet apolidi; billi l-Azzjoni nru 10 tal-Pjan ta' Azzjoni tindika wkoll il-bżonn ta' titjib tad-data kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-apolidija; billi l-UE impenjat ruħha li ssostni b'mod attiv il-Pjan ta' Azzjoni;

P. billi l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019 jaffermaw l-importanza li tkun indirizzata l-kwistjoni tal-apolidija fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi prijoritarji u li l-isforzi jkunu kkonċentrati fuq il-prevenzjoni tal-ħolqien ta' popolazzjonijiet apolidi bħala konsegwenza ta' kunflitt, spostament jew dissoluzzjoni ta' Stati;

Q. billi r-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja – ħarġiet skont il-pajjiż u r-reġjun tal-20 ta' Settembru 2016 jafferma l-għan tal-UE li żżid il-konsistenza, l-effikaċja u l-viżibilità tad-drittijiet tal-bniedem fil-politika barranija tal-EU kif ukoll l-għan li jitqawwa l-impenn tal-UE man-Nazzjonijiet Uniti u l-mekkaniżmi reġjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem biex titrawwem is-sjieda reġjonali u tkun promossa l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem, u jsemmi speċifikament li dan jinkludi t-tnedija tal-ewwel djalogu politiku dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-mekkaniżmi fl-ambitu tad-drittijiet tal-bniedem tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN);

**It-Tlieta 13 ta’ Ġunju 2017**

R. billi l-UE ddeterminat li se tqiegħed lid-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tar-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi terzi;

S. billi l-apolidija tqanqal il-movimenti tal-popolazzjoni, l-emigrazzjoni u t-traffikar tal-bnedmin, b’hekk is-sottoreġjun kollu jkun destabbilizzat;

T. billi ħafna mill-10 miljun persuna apolida fid-dinja jirrisjedu fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Asja, u li r-Rohingya tal-Myanmar huma l-akbar grupp ta’ apolidi fid-dinja, b’aktar minn miljun ruħ taħt il-mandat tal-apolidija tal-UNHCR, iżda komunitajiet kbar ta’ apolidi jinsabu wkoll fit-Tajlandja, fil-Malasja, fil-Brunei, fil-Vjetnam, fil-Filippini u fi bnadi oħra; billi t-Tibetani apolidi jgħixu f’pajjiżi bħall-Indja u n-Nepal; billi wħud minn dawn il-gruppi jidħlu fi ħdan il-mandat tal-apolidija tal-UNHCR, iżda oħrajn le; billi l-kopertura statistika u r-rapportar dwar il-popolazzjonijiet apolidi fid-dinja kollha mhumiex kompleti peress li mhux il-pajjiżi kollha jżommu statistika dwar din it-tema; billi n-Nofsinhar u x-Xlokk tal-Asja t-tnejn għandhom każijiet li ilhom ikarkru u li baqgħu bla soluzzjoni, kif ukoll każijiet li fihom sar progress;

U. billi f’dawn l-aħħar snin sar progress fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Asja bis-saħħa ta’ emendi tal-leġiżlazzjoni dwar iċ-ċittadinanza li daħħlu dispożizzjonijiet adegwati li jipprevjenu l-apolidija u jippermettu lill-apolidi jiksbu ċittadinanza; billi dawn l-isforzi għandhom bżonn li jissaħħu u l-liġijiet adottati jeħtiġilhom li jiġu osservati fil-prattika;

V. billi r-Rohingya huma waħda mill-minoranzi l-aktar persegwitati fid-dinja, jikkostitwixxu wieħed mill-akbar gruppi ta’ apolidi, u ilhom uffiċjalment apolidi minn meta ġiet promulgata l-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza ta’ Burma tal-1982; billi r-Rohingya mhumiex aċċettati mill-awtoritajiet tal-Myanmar u mill-pajjiżi ġirien, għalkemm xi wħud minn dawn tal-aħħar jospitaw popolazzjonijiet kbar ta’ rifuġjati; billi fl-Istat ta’ Rakhine hemm attwalment il-kunflitti; billi eluf ta’ rifuġjati li rnexxielhom jaqsmu l-fruntiera mal-Bangladesh jinsabu fi bżonn iddisprat ta’ assistenza umanitarja u qegħdin jintbagħtu lura bil-forza, bi ksur tad-dritt internazzjonali; billi r-Rohingya qegħdin jaħarbu minn politika ta’ kastig kollettiv fl-Istat ta’ Rakhine, fejn il-forzi ta’ sigurtà qegħdin jorganizzaw attakki ta’ tpattija indiskriminati li, skont rapporti, jinvolvu l-isparar lejn l-abitanti rurali minn ħelikopters armati, il-ħruq ta’ djar, arresti arbitrarji u stupru ta’ nisa u bniet; billi, sal-lum, ir-risposti nazzjonali u internazzjonali għad-deterjorament tad-drittijiet tal-bniedem u għall-kriżi umanitarja tar-Rohingya ma kinux, fil-biċċa l-kbira, biżżejjed u bosta strumenti għar-riżoluzzjoni tal-problema għadhom ma ġewx eżaminati;

W. billi mijiet ta’ eluf tal-hekk imsejħa “Bihari” ma ġewx ittrattati bħala ċittadini tal-Bangladesh wara l-gwerra tal-indipendenza tal-Bangladesh, meta l-Pakistan irrifjuta r-rimpatriju tagħhom; billi, madankollu, għadd ta’ deċiżjonijiet tal-qorti mill-2003 kkonfermaw li l-Bihari huma ċittadini tal-Bangladesh; billi għadd kbir ta’ Bihari għadu mhuwiex integrat bis-sħiħ fis-soċjetà u fil-programmi ta’ żvilupp tal-Bangladesh u ħafna ma setgħux jeżerċitaw bis-sħiħ drittijiethom li ġew ikkonfermati mill-ġdid;

X. billi fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Asja jeżistu ħafna gruppi apolidi oħrajn; billi, madankollu, f’dawn l-aħħar snin kien hemm għadd ta’ żviluppi pożittivi, bħal fl-Indoneżja, li aboliet id-diskriminazzjoni sesswali fil-proċedura ta’ ksib taċ-ċittadinanza tagħha u rriformat il-liġi dwar iċ-ċittadinanza tagħha fl-2006 biex il-migranti Indoneżjani li jqattgħu aktar minn ħames snin barra mill-pajjiż ma tiġihomx imċaħħda aktar iċ-ċittadinanza tagħhom jew tali telf ta’ ċittadinanza jirriżulta f’apolidija; fil-Kambodja, fejn ir-reġistrazzjoni tat-twelid saret bla ħlas fl-ewwel 30 ġurnata mit-twelid; fil-Vjetnam, li fl-2008, aġevola n-naturalizzazzjoni ta’ kull min kien residenti apolidu li ilu aktar minn 20 sena jgħix il-Vjetnam. u fit-Tajlandja, b’segwitu għar-riforma taċ-ċittadinanza u tal-liġijiet dwar ir-reġistrazzjoni ċivili, 23 000 persuna apolida kisbu ċ-ċittadinanza mill-2011;

Y. billi huwa importantissmu li l-gvernijiet u l-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi kollha fir-reġjun jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju ta’ non-refoulement u jipproteġu r-rifuġjati, f’konformità mal-obbligi internazzjonali tagħhom u mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

Z. billi l-gruppi apolidi jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-programmi umanitarji li jipprovdu assistenza mil-lat ta’ saħħa, ikel, edukazzjoni u nutrizzjoni;

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

1. Jinsab imħasseb dwar il-miljuni ta' każijiet ta' apolidija fid-dinja kollha, partikolarment fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Asja, u jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-apolidi;

2. Jinsab estremament imħasseb dwar is-sitwazzjoni tal-minoranza Rohingya fil-Myanmar; jinsab imkexkex bir-rapporti ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem tal-massa u tar-repressjoni u tad-diskriminazzjoni kontinwi tar-Rohingya u bin-nuqqas ta' rikonoxximent tagħhom bħala parti mis-soċjetà tal-Myanmar, f'dik li tidher li hija kampanja koordinata ta' tindif etniku; jisħaq fuq il-fatt li r-Rohingya ilhom ġenerazzjonijiet sħaħ jgħixu fit-territorju tal-Myanmar u għandhom totalment dritt għaċ-ċittadinanza tal-Myanmar, kif kellhom fil-passat, kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi kollha li din tinvolvi; iħeġġeġ lill-gvern u lill-awtoritajiet tal-Myanmar jerġgħu jagħtu ċ-ċittadinanza tal-Myanmar lill-minoranza Rohingya; iħeġġeġ, barra minn hekk, il-ftuħ immedjat tal-Istat ta' Rakhine għall-organizzazzjonijiet umanitarji, għall-osservaturi internazzjonali, għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u għall-ġurnalisti; jemmen li se jkollhom jiġu organizzati investigazzjonijiet imparzjali bil-għan li dawk responsabbli tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem jagħtu kont ta' għemilhom; jemmen, barra minn hekk, li hemm bżonn ta' miżuri urġenti għall-prevenzjoni ta' atti ulterjuri ta' diskriminazzjoni, ostilità u vjolenza fil-konfront tal-minoranzi jew tal-inċitament għal tali atti; jistenna li r-rebbieħa tal-Premju Nobel għall-Paċi u tal-Premju Sakharov, is-Sa Suu Kyi, tuża d-diversi pożizzjonijiet tagħha fil-Gvern tal-Myanmar biex ir-riżoluzzjoni toqrob;

3. Jiddispjaċih li l-istatus ta' apolidija, f'ċerti każijiet, jiġi sfruttat biex komunitajiet speċifiċi jiġu emarġinati u jiġu mċaħħda minn drittijiethom; jemmen li l-inklużjoni ġuridika, politika u soċjali tal-minoranzi hija element kruċjali ta' tranżizzjoni demokratika u li r-riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet relatati mal-apolidija tkun tikkontribwixxi biex jitjiebu l-koeżjoni soċjali u l-istabilità politika;

4. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-apolidija tista' tikkawża kriżijiet umanitarji notevoli u jtenni li l-apolidi jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-programmi umanitarji; jissottolinja l-fatt li l-apolidija spiss timplika nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni, għas-servizzi tas-saħħa, għax-xogħol, għal-libertà tal-moviment u għas-sigurtà;

5. Jinsab imħasseb bin-nuqqas ta' data dwar l-apolidija fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Asja, bi ftit jew l-ebda data disponibbli pereżempju għall-Bhutan, għan-Nepal u għal Timor Leste; jinsab ukoll imħasseb dwar il-fatt li anki meta n-numri kumplessivi huma disponibbli, hemm nuqqas ta' data diżaggregata relatata, ngħidu aħna, man-nisa, mat-tfal u ma' gruppi vulnerabbli oħra; jirrimarka li dan in-nuqqas ta' informazzjoni jagħmilha aktar diffiċli biex jiġu fformulati azzjonijiet immirati, anki fi ħdan il-qafas tal-kampanja tal-UNHCR biex tintemm l-apolidija sal-2024; jinkoraġġixxi bis-saħħa lill-pajjiżi tan-Nofsinhar u tax-Xlokk tal-Asja jipproduċu data diżaggregata pubblika u affidabbli dwar l-apolidija;

6. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li jeżistu wkoll eżempji pożittivi, ngħidu aħna l-inizjattiva tal-Filippini ta' Mejju 2016 maħsuba biex tindirizza l-bżonn ta' data dwar l-entità u s-sitwazzjoni tal-apolidija tat-tfal fir-reġjun; jistieden lill-UE toffri l-kooperazzjoni u s-sostenn tagħha biex titfassal mappa komprensiva tal-apolidija u jkunu identifikati l-proġetti intiżi li jtemmu l-apolidija fir-reġjun;

7. Jinsab imħasseb ħafna bil-fatt li l-Istati tal-Brunei, tal-Malasja u tan-Nepal għandhom leġiżlazzjoni diskriminatorja bbażata fuq il-ġeneru; jisħaq fuq il-bżonn ta' rieżami tad-dispożizzjonijiet relatati mal-liġi dwar iċ-ċittadinanza, b'mod partikolari fil-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW);

8. Jilqa' favorevolment l-iżviluppi pożittivi fir-reġjun kif ukoll l-isforzi fil-Filippini, fil-Vjetnam u fit-Tajlandja, u jinkoraġġixxi lill-pajjiżi fir-reġjun jikkollaboraw u jikkondividu l-aħjar eżempji u sforzi ħalli tintemm l-apolidija fir-reġjun kollu kemm hu;

9. Ifakkar fis-sitwazzjoni wara li tintemm l-apolidija fir-reġjun u fil-prinċipju tal-parteċipazzjoni bħala dritt tal-bniedem; jippromwovi l-inklużjoni tal-komunitajiet milquta mill-apolidija u tal-ex popolazzjonijiet apolidi fil-proġetti u fl-ippjanar tal-iżvilupp; jinkoraġġixxi lill-gvernijiet u lill-proġetti ta' żvilupp jindirizzaw il-problema tad-diskriminazzjoni fil-perjodu wara li tintemm l-apolidija, billi jieħdu spunt mill-Artikolu 4(1) tas-CEDAW immirat li jaċċelera l-parità *de facto*;

10. Huwa u jirrikonoxxi lis-sovranità nazzjonali fuq kwistjonijiet bħaċ-ċittadinanza, iħeġġeġ lill-pajjiżi b'popolazzjonijiet apolidi jieħdu miżuri konkreti biex isolvu l-kwistjoni tal-apolidija, konformement mal-prinċipji minquxa fil-konvenzjonijiet internazzjonali li huma lkoll irratifikaw, partikolarment il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal; josserva n-numru ta' żviluppi pożittivi li ġraw fir-reġjun;

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

11. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Bangladesh jirrispetta pjan direzzjonali ċar li jippermetti l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Paċi taċ-Chittagong Hill Tracts tal-1997 u, b'hekk, ir-riabilitazzjoni tal-persuni Jumma spostati li attwalment jgħixu fl-Indja u huma apolidi;

12. Jinkoraġġixxi b'enerġija lill-Istati jimplimentaw il-miżura ta' salvagwardja, li hija wkoll minquxa fil-Konvenzjoni dwar it-Tnaqqis tal-Apolidija, li tipprevedi li l-Istat jikkonċedi ċ-ċittadinanza anki lil persuna li twieldet fit-territorju tiegħu li inkella tkun apolida;

13. Jenfasizza r-rabtiet bejn l-apolidija u l-vulnerabilità ekonomika u soċjali; iħeġġeġ lill-gvernijiet fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jevitaw it-tiċħid, it-telf jew il-privazzjoni taċ-ċittadinanza fuq bażi diskriminatorja, jadottaw liġijiet ekwi dwar iċ-ċittadinanza u jimplimentaw proċeduri nazzjonali ta' dokumentazzjoni aċċessibbli, bi prezzijiet raġonevoli u mhux diskriminatorji;

14. Jilqa' pożittivament l-impenn li ħa l-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019 bil-għan li jittratta l-kwistjoni tal-apolidija fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi prijoritarji, u barra minn dan jilqa' favorevolment l-impenn tal-Kunsill biex isaħħaħ ir-relazzjoni mal-ASEAN; jirrakkomanda li l-enfasi tal-isforzi tmur lil hinn mill-ħolqien ta' popolazzjonijiet apolidi kkawżat minn kunflitt, spostament u dissoluzzjoni ta' Stati u tinkludi aspetti rilevanti oħrajn, bħall-apolidija bħala konsegwenza ta' diskriminazzjoni kif ukoll ta' nuqqas ta' reġistrizzjoni ċivili jew tat-twelid;

15. Ifakkar fl-azzjonijiet imwiegħda fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019 fir-rigward tal-iżvilupp ta' qafas konġunt bejn il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) bl-iskop li jitqajmu l-kwistjonijiet marbuta mal-apolidija fil-pajjiżi terzi; jenfasizza li l-elaborazzjoni u d-disseminazzjoni ta' qafas formali jkunu parti strumentali tas-sostenn tal-Unjoni Ewropea għall-objettiv tal-UNHCR immirat li jtemm l-apolidija fid-dinja sal-2024;

16. Jistieden lill-UE tippromwovi l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet globali għall-apolidija, flimkien ma' strateġiji reġjonali jew lokali speċifiċi, billi approċċ universali ma jkunx biżżejjed effiċjenti biex jegħleb l-apolidija;

17. Jemmen li jenħtieġ li l-UE tenfasizza b'aktar qawwa r-riperkussjonijiet ewlenin tal-apolidija fuq il-kwistjonijiet globali bħall-qerda tal-faqar, l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), il-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal u l-bżonn li jiġu indirizzati l-migrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin;

18. Jilqa' pożittivament l-adozzjoni tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli nru 16.9, li jipprevedi li l-identità ġuridika u r-reġistrazzjoni tat-twelid għandhom jingħataw lil kulħadd; jiddispjaċih, madankollu, li l-apolidija ma tissemmiex b'mod espliċitu fl-Aġenda 2030, la bħala bażi għal diskriminazzjoni u lanqas bħala objettiv tat-tnaqqis tal-faqar; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkunsidraw l-inklużjoni ta' indikaturi tal-apolidija fil-mekkaniżmi ta' sorveljanza u rapportar tagħhom fl-implimentazzjoni tal-SDGs;

19. Jenfasizza l-importanza ta' strateġija ta' komunikazzjoni effikaċi dwar l-apolidija għas-sensibilizzazzjoni tal-kwistjoni; jistieden lill-UE tikkomunika aktar u aħjar dwar l-apolidija, f'kooperazzjoni mal-UNHCR, u permezz tad-delegazzjonijiet tagħha fil-pajjiżi terzi kkonċernati, u tikkonċentra fuq il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li ġie kommess bħala konsegwenza tal-apolidija;

20. Jistieden lill-UE tiżviluppa strateġija komprensiva dwar l-apolidija msejsa fuq żewġ gruppi ta' miżuri; jikkunsidra li l-ewwel grupp għandu jittratta s-sitwazzjonijiet urġenti filwaqt li t-tieni għandu jiddefinixxi l-miżuri fit-tul biex tintemm l-apolidija; jemmen li l-istrateġija għandha tikkonċentra fuq għadd limitat ta' prijoritajiet u li l-UE jenħtieġ li tmexxi bl-eżempju fl-eventwalità ta' sitwazzjonijiet urġenti sabiex tissensibilizza dwar l-apolidija fil-livell internazzjonali;

21. Jisħaq fuq il-fatt li l-istrateġija komprensiva tal-UE dwar l-apolidija għandha tkun adattabbli għal sitwazzjonijiet speċifiċi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-apolidi; jenfasizza li, bil-għan li jiġu definiti miżuri xierqa, hemm bżonn issir distinzjoni bejn l-apolidija li rriżultat minn nuqqas ta' kapaċità amministrattiva u l-apolidija li rriżultat minn politika diskriminatorja ta' Stat fil-konfront ta' ċerti komunitajiet jew minoranzi;

22. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jagħmlu prijorità s-sostenn lill-iżviluppi pożittivi fl-indirizzar tal-apolidija fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Asja, u jipproponi approċċ politiku komprensiv ġdid li, fost affarijiet oħra:

— l-Istati jkunu inkoraġġiti jaderixxu għall-Konvenzjonijiet dwar l-Apolidija billi jiġu enfasizzati l-vantaġġi tagħhom fil-kuntatti bilaterali bejn il-parlamenti u l-ministeri u f'livelli oħrajn;

— jingħata sostenn lill-Korpi Settorjali tal-ASEAN u lill-SAARC fl-appoġġ tagħhom favur l-Istati Membri rispettivi tagħhom biex ikomplu jwettqu d-dritt għal ċittadinanza u tintemm l-apolidija;

— ikun enfasizzat il-valur tal-Konvenzjonijiet dwar l-Apolidija fil-fora multilaterali;

— issir kollaborazzjoni mal-Istati biex ikunu promossi l-vantaġġi tal-ġbir ta' data nazzjonali intersettorjali, diżaggregata u verifikabbli dwar l-apolidi u dawk b'ċittadinanza indefinita, inkwantu l-identifikazzjoni tal-apolidi tirrappreżenta l-ewwel pass għall-Istati kkonċernati biex jieħdu l-miżuri neċessarji biex tintemm l-apolidija; id-data li tingabar tintuża sussegwentement għar-reġistrazzjoni, għad-dokumentazzjoni, għall-forniment tas-servizzi pubbliċi, għaż-żamma tal-ordni pubbliku u għall-ippjanar tal-iżvilupp;

— tkun enfasizzata konsistentement li r-reġistrazzjoni tat-twelid jeħtieġ li tkun bla ħlas, faċilment aċċessibbli u magħmula fuq bażi mhux diskriminatorja;

— ikun enfasizzat konsistentement li r-reġimi tal-ġestjoni tal-identità nazzjonali jeħtieġ li jinkludu u jfornu dokumentazzjoni tal-identità lill-persuni kollha fuq it-territorju, anki l-gruppi emarġinati jew diffiċli li jintlaħqu li jafu jinsabu f'riskju ta' apolidija jew nuqqas ta' ċittadinanza;

— jingħata sostenn lill-pajjiżi tan-Nofsinhar u tax-Xlokk tal-Asja biex ikun żgurat lil kulħadd aċċess għall-edukazzjoni, inklużi t-tfal apolidi, billi l-apolidija tikkostitwixxi ostaklu notevoli li jimpedixxi lit-tfal milli jkunu jistgħu jaċċedu għall-opportunitajiet indaqs fl-edukazzjoni;

— jitħeġġeġ ir-rwol importanti tat-teknoloġija innovattiva permezz tal-użu tal-programmi diġitali tar-reġistrazzjoni tat-twelid biex jitjieb it-tagħrif tar-reġistrazzjoni u tal-arkivjazzjoni;

— tkun ittrattata l-kwistjoni tal-kontenut u tal-applikazzjoni tal-liġijiet dwar iċ-ċittadinanza u tal-privazzjoni arbitrarja jew tat-tiċħid tad-dritt għal ċittadinanza abbażi tal-etnija, li tirrappreżenta l-kawża primarja tal-apolidija fir-reġjun;

— l-Istati fir-reġjun jitħeġġew jindirizzaw il-bżonnijiet tan-nisa, u l-kwistjonijiet relatati mal-vjolenza sesswali u sessista, permezz ta' approċċi bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-komunità, partikolarment għall-vittmi tat-traffikar;

— tkun indirizzata l-kwistjoni tal-liġijiet dwar iċ-ċittadinanza u d-diskriminazzjoni sesswali, peress li ċerti pajjiżi jagħmluha bi tqila, jekk mhux saħansitra impossibbli, għall-ommijiet biex jgħaddu ċ-ċittadinanza tagħhom lil uliedhom;

— ikun żgurat li l-proġetti kollha għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja li l-UE tforni l-fondi għalihom ikunu stabbiliti bil-għan li tkun indirizzata l-apolidija kull meta jkun rilevanti;

— tinbena l-kapaċità tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-atturi rilevanti biex jifhmu, jivvalutaw u jipprogrammaw kif ukoll jirrapportaw dwar il-kwistjonijiet tal-apolidija, u jsir rapportar regolari dwar ir-riżultati miksuba mill-UE fil-ġlieda kontra l-apolidija, anki billi tiddaħħal taqsima dwar l-apolidija fir-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-dinja;

— ikun żgurat li l-apolidija, in-nazzjonalità u ċ-ċittadinanza jkunu koperti b'mod adegwat fl-istrateġiji tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija għall-pajjiżi, u li dawn tal-aħħar ikunu bbażati fuq il-prinċipju li kulħadd, indipendentement mill-ġeneru, razza, kulur, ġilda, twemmin jew reliġjon, oriġini nazzjonali jew appartenenza għal minoranza nazzjonali jew etnika, għandu dritt għal ċittadinanza; tkun ittrattata l-kwistjoni tal-apolidija matul kull djalogu politiku u tad-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiżi kkonċernati;

— jitfasslu linji gwida tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem dwar l-apolidija biex jingħataw objettivi konkreti u li jistgħu jitkejlu għall-isforzi tal-UE biex l-apolidija tintemm fid-dinja kollha;

— jiżdied id-djalogu dwar l-apolidija fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Asja mal-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali rilevanti kif ukoll mal-ġirien tal-pajjiżi tan-Nofsinhar u tax-Xlokk tal-Asja u ma' Stati attivi oħrajn fir-reġjun;

— ikun żgurat li l-parteċipanti fil-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali jkunu jafu bil-kwistjonijiet ta' apolidija meta rilevanti;

— tkun enfasizzata n-neċessità li tingħata aktar setgħa lill-korpi reġjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem sabiex ikunu jistgħu jiżvolġu rwol aktar attiv fl-identifikazzjoni u fl-eliminazzjoni tal-apolidija;

— jiġu riżervati fondi fil-baġits tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem għall-NGOs u organizzazzjonijiet oħra li jaħdmu biex jistabbilixxu kuntatt mal-komunitajiet apolidi; jiġu promossi sħubijiet bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-komunitajiet apolidi biex dawn jingħataw setgħa ħalli jiġġieldu għal drittijiethom;

— jitheġġeġ il-koordinament fost il-pajjiżi biex jindirizzaw l-apolidija, speċjalment meta jkollha effetti transkonfinali, u inkluż l-iskambju tal-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali dwar il-ġlieda kontra tal-apolidija;

— ikun żgurat segwitu, bħal sensibilizzazzjoni u sostenn tekniku għall-amministrazzjonijiet pubbliċi bħala mezz biex jinbnew il-kapaċitajiet, anki fil-livell lokali meta jkun hemm żviluppi pożittivi li jridu jiġu implimentati fil-prattika, bħal fit-Tajlandja, fil-Filippini, fil-Vjetnam u fil-Bangladesh, fejn iċ-ċittadinanza tal-poplu Bihari, inklużi d-drittijiet tal-vot tagħhom, reġgħet ingħatat;

23. Jistieden lill-gvernijiet tal-Brunei Darussalam, tal-Malasja u tan-Nepal jiġġieldu l-forom ta' diskriminazzjoni sesswali preżenti fil-liġijiet nazzjonali tagħhom u jippromwovu d-dritt tat-tfal għal ċittadinanza;

24. Jinnota r-rabta bejn l-apolidija u l-ispostament furzat, b'mod partikolari f'reġjuni milquta minn kunflitti; ifakkar li mill-inqas 1,5 miljun persuna apolida fid-dinja huma rifuġjati jew ex rifuġjati, inklużi bosta tfajliet u bniet;

25. Ifakkar li l-apolidija fid-dinja, fil-biċċa l-kbira, mhijiex immappjata u hija sottorappurtata, u li d-data eżistenti hija bbażata fuq definizzjonijiet differenti; iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali tadotta definizzjoni unifikata u tindirizza l-lakuni fil-ġbir tad-data għall-kejl tal-apolidija fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari billi tassisti lill-awtoritajiet lokali jistabbilixxu metodi adegwati sabiex jikkwantifikaw, jidentifikaw u jirreġistraw il-persuni apolidi, u jsaħħu l-kapaċitajiet statistiċi tagħhom;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi skambji ta' prattiki tajba fost l-Istati Membri, jinkoraġġixxi koordinament attiv tal-punti ta' kuntatt nazzjonali kompetenti fil-qasam tal-apolidija, u jilqa' b'sodisfazzjon il-kampanja #IBelong;

27. Jenfasizza r-rwol fundamentali tal-Konvenzjoni tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi u tal-Konvenzjoni tal-1961 dwar it-Tnaqqis tal-Apolidija li jirrikjedu l-ħolqien ta' oqfsa ġuridiċi għall-identifikazzjoni u għall-protezzjoni tal-apolidi u għall-prevenzjoni tal-apolidija u jafu jservu ta' punt ta' tluq importanti għal dawk l-Istati li jixtiequ jagħmlu progress fl-indirizzar tal-problema tal-apolidija;

28. Jilqa' pożittivament l-appoġġ tal-UE għall-persuni apolidi fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Asja permezz ta' strumenti diversi u jħeġġeġ lill-Unjoni tkompli bl-isforzi tagħha sabiex tindirizza l-impatt tal-apolidija fuq l-iżvilupp, il-paċi u l-istabilità bħala parti integrali tal-programmi tagħha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u, b'mod aktar ġenerali, permezz tal-azzjoni esterna tagħha;

29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0248

## Fużjonijiet u xissjonijiet transfruntieri

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar fużjonijiet u xissjonijiet transfruntieri (2016/2065(INI))**

(2018/C 331/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 49, 54 u 153 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra s-sitt Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE tas-17 ta' Diċembru 1982 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar ix-xissjonijiet ta' kumpaniji b'responsabbiltà pubblika limitata ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar mergers [fużjonijiet] transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 2157/2001 tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut ta' kumpanija Ewropea (SE) ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li tissupplimenta l-istatut għal kumpannija Ewropea rigward l-involviment tal-ħaddiema ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati ([5]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2012 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni: Id-dritt soċjetarju Ewropew u l-governanza korporattiva – qafas legali modern għal azzjonisti aktar impenjati u kumpaniji sostenibbli" (COM(2012)0740),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar il-Futur tad-Dritt Soċjetarju Ewropew ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2009 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar it-trasferiment transkonfinali tal-uffiċċju reġistrat ta' kumpanija ([7]),

— Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar il-bini ta' sistema ta' taxxa korporattiva ġusta, kompetittiva u stabbli għall-UE (COM(2016)0682),

([1]) ĠU L 378, 31.12.1982, p. 47.
([2]) ĠU L 310, 25.11.2005, p. 1.
([3]) ĠU L 294, 10.11.2001, p. 1.
([4]) ĠU L 294, 10.11.2001, p. 22.
([5]) ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29.
([6]) ĠU C 332 E, 15.11.2013, p. 78.
([7]) ĠU C 87 E, 1.4.2010, p. 5.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE) dwar il-libertà tal-istabbiliment, b'mod partikolari fil-kawżi SEVIC Systems AG ([1]), *Cadbury Schweppes plc & Cadbury Schweppes Overseas Ltd* v *Commissioners of Inland Revenue* ([2]), *CARTESIO Oktató és Szolgáltató bt.* ([3]), *VALE Építési kft.* ([4]), *KA Finanz AG* v *Sparkassen Versicherung AG Vienna Insurance Group* ([5]), *Kamer van Koophandel en Fabrieken voor Amsterdam* v *Inspire Art Ltd.* ([6]), *Überseering BV* v *Nordic Construction Company Baumanagement GmbH (NCC)* ([7]), *Centros Ltd v Erhvervs- og Selskabsstyrelsen* ([8]), u *The Queen* v *H. M. Treasury and Commissioners of Inland Revenue, ex parte Daily Mail and General Trust plc.* ([9]),

— wara li kkunsidra l-istqarrija ta' feedback tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2015 li tiġbor fil-qosor ir-risposti tal-konsultazzjoni pubblika dwar il-fużjonijiet u x-xissjonijiet transfruntieri li twettqet bejn it-8 ta' Settembru 2014 u t-2 ta' Frar 2015 ([10]),

— wara li kkunsidra l-istudju tad-Dipartiment Tematiku C tal-Parlament Ewropew: id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali ta' Ġunju 2016 bit-titolu "Cross-border mergers and divisions, transfers of seat: is there a need to legislate?" ([11]),

— wara li kkunsidra l-istudju ta' Diċembru 2016 tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew bit-titolu "Ex-post analysis of the EU framework in the area of Cross-border mergers and divisions" ([12]);

— wara li kkunsidra l-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2017 – It-twettiq bil-fatti ta' Ewropa li tipproteġi, li tagħti s-setgħa u li tiddefendi, u b'mod partikolari l-Kapitolu II, Punt 4 tiegħu (COM(2016)0710),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) ta', tad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura għall-awtorizzazzjoni tat-tfassil tar-rapporti fuq inizjattiva proprja, u l-Anness 3 għal din id-deċiżjoni,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0190/2017),

A. wara li kkunsidra l-effett importanti fuq il-kompetittività Ewropea ta' riforma organika tad-dritt soċjetarju kif ukoll l-ostakli li jxekklu t-twettiq sħiħ tad-Direttiva dwar il-fużjonijiet transfruntieri;

B. wara li kkunsidra li x-xissjonijiet transfruntieri tal-kumpaniji għadhom mhumiex soġġetti għad-dritt tal-Unjoni Ewropea; billi s-sitwazzjoni attwali tinvolvi diffikultajiet proċedurali, amministrattivi u finanzjarji evidenti għan-negozji kkonċernati, kif ukoll ir-riskju ta' abbużi u dumping;

C. billi l-Parlament għamel appelli qawwijin u kontinwi favur l-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni Ewropea dwar it-trasferimenti transfruntieri tal-uffiċċju rreġistratjew is-sede tal-kumpaniji; billi l-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati tappoġġja b'mod globali t-talbiet tal-Parlament;

---

([1]) Kawża C-411/03, *SEVIC Systems AG*, 13.12.2005, ECLI:EU:C:2005:762.
([2]) Kawża C-196/04, *Cadbury Schweppes Overseas Ltd v Commissioners of Inland Revenue*, 12.9.2006, ECLI:EU:C:2006:544.
([3]) Kawża C-210/06, *CARTESIO Oktató és Szolgáltató bt.*, 16.12.2008, ECLI:EU:C:2008:723.
([4]) Kawża C-378/10, *VALE Építési kft.*, 12.7.2012, ECLI:EU:C:2012:440.
([5]) Kawża C-483/14, *KA Finanz AG v Sparkassen Versicherung AG Vienna Insurance Group*, 7.4.2016, ECLI:EU:C:2016:205.
([6]) Kawża C-167/01, *Kamer van Koophandel en Fabrieken voor Amsterdam v Inspire Art Ltd.*, 30.9.2003, ECLI:EU:C:2003:512.
([7]) Kawża C-208/00, *Überseering BV v Nordic Construction Company Baumanagement GmbH (NCC)*, 5.11.2002, ECLI:EU:C:2002:632.
([8]) Kawża C-212/97, *Centros Ltd v Erhvervs- og Selskabsstyrelsen*, 9.3.1999, ECLI:EU:C:1999:126.
([9]) Kawża C81/87, *The Queen v H. M. Treasury and Commissioners of Inland Revenue, ex parte Daily Mail and General Trust plc.*, 27.09.1988, ECLI:EU:C:1988:456.
([10]) http://ec.europa.eu/internal_market/consultations/2014/cross-border-mergers-divisions/docs/summary-of-responses_en.pdf
([11]) PE 556.960 http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2016/556960/IPOL_STU(2016)556960_EN.pdf
([12]) PE 593.796

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

D. billi għal finijiet ta' titjib fil-mobbiltà tal-kumpaniji fi ħdan l-UE, huwa importanti li jkun hemm qafas ġuridiku komuni dwar l-operazzjonijiet ta' fużjonijiet, xissjonijiet u trasferimenti tal-kumpaniji;

E. billi mhux l-Istati Membri kollha li fihom ikunu saru operazzjonijiet ta' fużjonijiet u xissjonijiet transfruntieri jew ta' trasferiment tal-uffiċċju rreġistrat jew sede għandhom regoli li jagħtu drittijiet lill-ħaddiema fir-rigward tal-konsultazzjoni, l-informazzjoni u l-kodeterminazzjoni;

F. billi t-trasferiment tal-uffiċċju rreġistrat m'għandux jaħrab mir-rekwiżiti ġuridiċi, soċjali u tat-taxxa previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri ta' oriġini, iżda anzi għandu jkollu l-objettiv li jistabbilixxi qafas ġuridiku uniformi li jiżgura t-trasparenza u s-simplifikazzjoni massima tal-proċeduri u li jiġġieled kontra l-frodi tat-taxxa;

G. billi l-*acquis* rilevanti tal-UE jipprevedi ġabra wiesgħa ta' drittijiet għal informazzjoni, konsultazzjoni u parteċipazzjoni għall-ħaddiema; billi d-Direttiva 2009/38/KE [1] u d-Direttiva 2005/56/KE, jiggarantixxu l-parteċipazzjoni transfruntiera tal-ħaddiema kif ukoll jistabbilixxu l-prinċipju tad-drittijiet preeżistenti; billi jitqies li tali drittijiet tal-ħaddiema għandhom ikunu protetti anki fil-każ ta' trasferiment tas-sede;

H. billi l-inizjattivi l-ġodda kollha fil-qasam tad-dritt soċjetarju Ewropew għandhom jissejsu fuq evalwazzjoni u valutazzjoni bir-reqqa tal-forom eżistenti tad-dritt tal-kumpaniji, is-sentenzi rilevanti tal-QtĠ dwar il-mobbiltà transfruntiera tal-kumpaniji u l-valutazzjonijiet tal-impatt li jirriflettu l-interessi tal-partijiet interessati kollha, inklużi l-azzjonisti, il-kredituri, l-investituri u l-ħaddiema, filwaqt li jkunu garantiti l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità;

***Kwistjonijiet orizzontali***

1. Itenni l-importanza li jiġi ddefinit qafas li jirregola b'mod kumplessiv il-mobbiltà tal-kumpaniji fuq livell Ewropew, sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri u r-rekwiżiti għat-trasferimenti, għax-xissjonijiet u għall-fużjonijiet, kif ukoll sabiex jiġu evitati abbużi u trasferimenti fittizji bl-iskop ta' dumping soċjali jew tat-taxxi;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni lir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika li saret bejn it-8 ta' Settembru 2014 u t-2 ta' Frar 2015 dwar ir-reviżjoni possibbli tad-Direttiva 2005/56/KE u dwar l-introduzzjoni ta' qafas leġiżlattiv li jirregola x-xissjonijiet transkonfinali; ifakkar li mill-eżitu tal-konsultazzjoni ħarġet konverġenza dwar il-prijoritajiet regolatorji fil-qasam tal-fużjonijiet u tax-xissjonijiet transfruntieri u fl-objettivi tal-promozzjoni tas-suq intern u tat-trawwim tad-drittijiet tal-ħaddiema;

3. Jikkunsidra li huwa importanti li l-proposti leġiżlattivi futuri dwar il-mobbiltà tal-kumpaniji jkunu jinkludu dispożizzjonijiet rigward armonizzazzjoni massima – b'mod partikolari dwar l-istandards proċedurali, id-drittijiet tal-atturi fil-governanza tal-kumpaniji, b'mod partikolari dawk minuri, u dwar l-estensjoni tal-applikabbiltà għall-entitajiet kollha definiti bħala kumpaniji jew ditti fis-sens tal-Artikolu 54 tat-TFUE – segwiti minn regoli settorjali oħrajn, bħal pereżempju fil-qasam tad-drittijiet tal-ħaddiema;

4. Huwa tal-opinjoni li regoli ġodda fir-rigward ta' fużjonijiet, xissjonijiet u trasferimenti tas-sede jenħtieġ jiffaċilitaw il-mobbiltà tal-kumpaniji fl-Unjoni, filwaqt li jitqiesu l-esiġenzi tan-negozju tagħhom għar-ristrutturar sabiex jiġu sfruttati aħjar l-opportunitajiet tas-suq intern, u biex tiġi ffaċilitata l-libertà tal-organizzazzjoni tal-kumpaniji, b'rispett sħiħ għad-drittijiet tar-rappreżentanza tal-ħaddiema; jiġbed l-attenzjoni, f'dan ir-rigward, għall-importanza li jitneħħew l-ostakli li jirriżultaw mill-kunflitti ta' liġijiet sabiex jiddeterminaw id-dritt nazzjonali applikabbli; iqis li l-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema jista' jiġi indirizzat permezz ta' diversi atti legali tal-UE, b'mod partikolari permezz ta' proposta għal direttiva dwar standards minimi għall-ħaddiema u dwar il-parteċipazzjoni tal-impjegati f'forom Ewropej tal-liġi tal-kumpaniji u f'bordijiet superviżorji maħluqa skont il-liġi Ewropea;

---

(1) Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28).

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

***Fużjonijiet transfruntieri***

5. Jisħaq dwar l-effikaċja pożittiva tad-Direttiva 2005/56/KE dwar mergers [fużjonijiet] transfruntieri ta' kumpaniji ta' responsabbiltà limitata, li kellha l-funzjoni li tiffaċilita l-fużjonijiet transfruntieri bejn il-kumpaniji ta' responsabbiltà limitata fl-Unjoni Ewropea – kif jidher mill-figuri uffiċjali li jissarrfu f'żieda sinifikanti fin-numru ta' fużjonijiet transfruntieri f'dawn l-aħħar snin – u li tnaqqas l-ispejjeż u l-proċeduri amministrattivi assoċjati;

6. Iqis li huwa neċessarju li ssir reviżjoni tad-Direttiva 2005/56/KE sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni u sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi reċenti kemm fil-ġurisprudenza tal-QtĠ dwar il-libertà ta' stabbiliment ta' kumpaniji kif ukoll fid-dritt soċjetarju Ewropew; iqis li l-proposta leġiżlattiva futura li temenda d-Direttiva 2005/56/KE għandu jkun fiha ġabra ġdida ta' regoli li jirrigwardaw ix-xissjonijiet ta' kumpaniji u jistabbilixxu ċerti linji gwida għal leġiżlazzjoni ulterjuri fil-qasam tal-mobbiltà tal-kumpaniji;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni r-riżultati tal-konsultazzjoni ta' Ottubru 2015, li huma xhieda b'mod partikolari tal-ħtieġa ta' armonizzazzjoni massima dwar il-kriterji li jirregolaw l-effetti tal-fużjonijiet dwar id-diversi suġġetti interessati tal-kumpanija;

8. Iqis li hija prijorità li tiġi stabbilita ġabra ta' regoli aktar avvanzati għal serje ta' atturi u kategoriji tal-governanza tal-kumpaniji, u li dawk ir-regoli jiġu rreplikati għall-mudelli komuni futuri dwar xissjonijiet transfruntieri u trasferimenti tal-uffiċċju rreġistrat u tas-sedje prinċipali; jikkunsidra li huwa essenzjali li l-proċeduri ta' fużjoni transfruntiera jiġu ssimplifikati permezz ta' definizzjoni aktar ċara ta' standards għad-dokumentazzjoni ġuridika – li jibdew bil-kwistjonijiet tal-informazzjoni tal-azzjonisti u l-ġbir ta' dokumenti ta' fużjoni – u ta' prattiki ġodda ta' diġitalizzazzjoni, bil-kundizzjoni li jinżammu l-istandards proċedurali u r-rekwiżiti bażiċi stabbiliti fid-Direttiva 2005/56/KE (inkluż il-ħruġ ta' ċertifikat prefużjoni u l-iskrutinju tal-legalità skont l-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva) u li jkunu ppreservati l-interessi pubbliċi, bħaċ-ċertezza legali u l-affidabbiltà tar-reġistri kummerċjali;

9. Jistenna li d-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-ħaddiema jkunu ddefiniti b'tali mod li jipprevjenu li xi kumpaniji jużaw id-Direttiva dwar il-fużjonijiet transfruntieri bl-għan uniku li jittrasferixxu l-uffiċċju rreġistrat jew is-sede tagħhom għal raġunijiet ta' abbuż fiskali, soċjali u legali; jenfasizza l-importanza li jiġu evitati l-ambigwitajiet fl-applikazzjoni ta' penali nazzjonali għan-nuqqas ta' rispett lejn il-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-ħaddiema;

10. Iqis li għaldaqstant huwa importanti li jkun hemm titjib f'xi aspetti essenzjali:

— il-ġestjoni tal-assi u tal-obbligazzjonijiet;

— il-metodu ta' valutazzjoni tal-assi;

— ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-kredituri;

— id-data li fiha jibda l-perjodu ta' protezzjoni tal-kredituri u t-tul ta' dak il-perjodu, f'konformità mal-prinċipju tal-għoti ta' responsabbiltà lil-laqgħa ġenerali;

— il-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-kumpaniji, permezz tar-reġistri interkonnessi u standardizzati tal-Istati Membri;

— id-drittijiet tal-azzjonisti minoritarji;

— l-istabbiliment ta' standards minimi tal-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-kodeterminazzjoni tal-ħaddiema;

— ċerti eżenzjonijiet speċifiċi mir-rekwiżiti proċedurali;

11. Jattribwixxi importanza kbira lill-ħarsien ta' xi drittijiet tal-azzjonisti minoritarji, fosthom id-dritt ta' inkjesta dwar il-fużjoni, id-dritt ta' kumpens lil azzjonist li jċedi l-ishma tiegħu f'kumpanija minħabba oppożizzjoni tal-fużjoni, u d-dritt li tiġi kkontestata l-ġustizzja tar-relazzjoni ta' kambju;

12. Isostni l-possibbiltà li jiddaħħlu proċeduri transfruntieri mħaffa f'każ ta' kunsens tal-azzjonisti kollha, fejn m'hemmx ħaddiema jew fejn kwalunkwe impatt fuq il-kredituri jkun insinifikanti;

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

***Xissjonijiet transfruntieri***

13. Ifakkar li d-Direttiva 82/891/KEE tirregola biss ix-xissjonijiet ta' kumpaniji fi ħdan Stat Membru; jinnota li, għalkemm każijiet speċifiċi li jinvolvu xissjonijiet ta' impriżi bejn Stati Membri differenti huma iktar rari, kif iddikjarat f'konsultazzjoni tal-Kummissjoni tal-2015, iċ-ċifri dwar xissjonijiet domestiċi juru ħtieġa reali li jkun stabbilit qafas speċjali tal-UE għal xissjonijiet transfruntieri; jisħaq li kwalunkwe direttiva ġdida ma għandhiex tintuża bħala strument formali għal xissjonijiet f'kumpanija għal finijiet ta' għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni ("forum shopping") biex ikunu evitati l-obbligi ġuridiċi skont id-dritt nazzjonali;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-effetti ekonomiċi importanti li jkunu jidderivaw minn regolament dwar ix-xissjonijiet transfruntieri, fosthom is-simplifikazzjoni tal-istruttura organizzattiva, kapaċità ta' adattament aħjar, u opportunitajiet ġodda għas-suq intern;

15. Jinnota l-proċeduri kumplessi u fit-tul meħtieġa bħalissa għal xissjonijiet transfruntieri, li huma ġeneralment implimentati f'żewġ fażijiet: xissjoni domestika inizjali u fużjoni transfruntiera sussegwenti; jemmen li l-introduzzjoni ta' standards armonizzati fil-livell tal-UE fil-qasam ta' xissjonijiet transfruntieri twassal għal simplifikazzjoni tal-operazzjonijiet u tnaqqis fl-ispejjeż u t-tul ta' żmien tal-proċeduri;

16. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jitneħħew l-ostakli li jirriżultaw mill-kunflitti ta' liġijiet sabiex jiddeterminaw id-dritt nazzjonali applikabbli;

17. Ifakkar li f'xi Stati Membri ma jeżistux regoli nazzjonali ad hoc dwar kif għandha ssir xissjoni transfruntiera;

18. Huwa tal-parir li inizjattiva leġiżlattiva futura dwar ix-xissjonijiet transfruntieri għandha tuża l-prinċipji u r-rekwiżiti elenkati fil-kuntest tad-Direttiva dwar il-Fużjonijiet Transkonfinali:

— kwistjonijiet proċedurali u ta' simplifikazzjoni, inklużi l-forom ewlenin kollha ta' xissjonijiet ta' kumpaniji li huma pprattikati llum il-ġurnata (split-up, spin-off, hive-down);

— id-drittijiet tal-kredituri u tal-azzjonisti minoritarji, waqt li jiġu affermati mill-ġdid il-prinċipji ta' ħarsien u effikaċja;

— konformità mal-istandards dwar il-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza mill-ħaddiema, u s-salvagwardja tagħhom, bil-għan li titjieb il-protezzjoni tal-ħaddiema, partikolarment il-protezzjoni kontra d-dumping soċjali;

— kwistjonijiet ta' kontabbiltà;

— assi u obbligazzjonijiet;

— l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri, pereżempju: id-drittijiet marbuta mal-ishma, ir-rekwiżiti rigward ir-reġistrazzjoni u l-komunikazzjoni bejn ir-reġistri tal-kumpaniji, id-data tat-tlestija tat-tranżazzjoni, il-kontenut minimu tat-termini tax-xissjoni, ir-regoli ta' maġġoranza u korp bis-setgħa li jimmonitorja r-regolarità u l-legalità tat-tranżazzjoni;

o

o o

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0253

## Valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 fid-dawl tal-evalwazzjoni interim tiegħu u tal-proposta għad-9 Programm Qafas (2016/2147(INI))**

(2018/C 331/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1314/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) ([3]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi Programm Speċifiku li jimplimenta l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni – Orizzont 2020 (2014-2020) ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1292/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 294/2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija ([5]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1312/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT): il-kontribuzzjoni tal-EIT għal Ewropa iktar innovattiva ([6]),

— wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014, 558/2014, 559/2014, 560/2014 u 561/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 ([7]) u r-Regolamenti tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 ([8]) u 721/2014 ([9]) tas-16 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxu l-Impriżi Konġunti ffinanzjati taħt Orizzont 2020,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjonijiet (UE) Nru 553/2014/UE, 554/2014/UE, 555/2014/UE u 556/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 ([10]) li jistabbilixxu l-P2Ps tal-Artikolu 185 li huma ffinanzjati taħt Orizzont 2020,

— wara li kkunsidra d-Dokumenti ta' Analiżi tat-3 ta' Frar 2017 tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-massimizzazzjoni tal-impatt tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE ([11]),

— wara li kkunsidra r-Rapporti ta' Monitoraġġ tal-Kummissjoni dwar Orizzont 2020 tal-2014 u tal-2015,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 948.
([3]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81.
([4]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965.
([5]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 174.
([6]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 892.
([7]) ĠU L 169, 7.6.2014, pp. 54-178.
([8]) ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9.
([9]) ĠU L 192, 1.7.2014, p. 1.
([10]) ĠU L 169, 7.6.2014, pp. 1-53.
([11]) http://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/hlg_issue_papers.pdf.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bit-titolu "Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka: iż-żmien għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-progress" (COM(2017)0035),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża" (COM(2016)0950),

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Implimentazzjoni tal-istrateġija għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni" (COM(2016)0657),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Inizjattiva Cloud Ewropea – Il-bini ta' dejta kompetittiva u ekonomija tal-għarfien fl-Ewropa" (COM(2016)0178) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha (SWD(2016)0106),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Dwar it-Tweġiba għar-Rapport tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Evalwazzjoni Ex Post tas-Seba' Programm Qafas" (COM(2016)0005),

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "Rapport Annwali dwar l-Attivitajiet ta' Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku tal-Unjoni Ewropea fl-2014" (COM(2015)0401),

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-Kummissjoni tal-2014 u tal-2015 dwar "Integration of Social Sciences and the Humanities in Horizon 2020: participants, budgets and disciplines" (L-Integrazzjoni tax-Xjenzi Soċjali u Umanistiċi f'Orizzont 2020: parteċipanti, baġits u dixxiplini),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni bit-titolu "Better regulations for innovation-driven investment at EU level" (Regolamenti aħjar għal investiment immexxi mill-innovazzjoni fil-livell tal-UE) (SWD (2015)0298),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bit-titolu "Żona Ewropea ta' Riċerka: Rapport ta' Progress 2014" (COM(2014)0575),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Ir-riċerka u l-innovazzjoni bħala sorsi tat-tkabbir imġedded" (COM(2014)0339),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni bit-titolu "Second Situation Report on Education and Training in the Nuclear Energy Field in the European Union" (it-Tieni Rapport tas-Sitwazzjoni dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ fil-Qasam tal-Enerġija Nukleari fl-Unjoni Ewropea) (SWD(2014)0299),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni bit-titolu "FET Flagships: A novel partnering approach to address grand scientific challenges and to boost innovation in Europe" (Teknoloġiji Emerġenti u Futuri Emblematiċi: Approċċ ġdid ta' sħubija biex jiġu indirizzati sfidi xjentifiċi kbar u biex tingħata spinta lill-innovazzjoni fl-Ewropa) (SWD(2014)0283),

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "It-Tieni Evalwazzjoni Interim tal-Impriżi Konġunti tal-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti clean sky, ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu u inizjattiva dwar mediċini innovattivi" (COM(2014)0252) ,

— wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar ir-Rwol u l-effett tal-ITK u l-PPPs fl-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 għal bidla industrijali sostenibbli (CCMI/142) ([1]),

([1]) ĠU C 34, 2.2.2017, p. 24.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 dwar l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2017 dwar fondi tal-UE għall-ugwaljanza bejn is-sessi ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2016 dwar sinerġiji għall-innovazzjoni: il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, Orizzont 2020 u fondi ta' innovazzjoni Ewropej u programmi tal-UE oħra ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2016 dwar il-Politika ta' Koeżjoni u l-Istrateġiji ta' Riċerka u Innovazzjoni għall-Ispeċjalizzazzjoni Intelliġenti (RIS3) ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1) (e) u l-Anness 3 tad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura għall-awtorizzazzjoni tat-tfassil tar-rapporti fuq inizjattiva proprja,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0209/2017),

A. billi Orizzont 2020 huwa l-akbar programm ta' R&I tal-UE li huwa ġestit ċentralment, u l-akbar programm ta' R&I fid-dinja ffinanzjat pubblikament;

B. billi, fin-negozjar ta' Orizzont 2020 u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali, il-Parlament talab EUR 100 biljun minflok EUR 77 biljun miftiehma inizjalment; billi l-baġit jidher li huwa limitat ħafna jekk Orizzont 2020 għandu jeżamina bis-sħiħ il-potenzjal tiegħu ta' eċċellenza u jirrispondi b'mod adegwat għall-isfidi soċjetali li s-soċjetà Ewropea qed tiffaċċja fil-preżent;

C. billi r-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-massimizzazzjoni tal-impatt tal-Programmi ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-UE u l-evalwazzjoni interim ippjanata għat-tielet trimestru tal-2017 għandha tqiegħed is-sisien għall-istruttura u l-kontenut tad-9PQ, li dwaru ser tiġi ppubblikata proposta fl-ewwel nofs tal-2018;

D. billi l-kriżi ekonomika u finanzjarja kienet fattur determinanti fit-tfassil ta' Orizzont 2020; billi l-isfidi emerġenti, il-paradigmi politiċi u soċjoekonomiċi l-ġodda u t-tendenzi globali kontinwati x'aktarx se jsawru l-PQ li jmiss;

E. billi l-PQ irid ikun imsejjes fuq valuri Ewropej, indipendenza xjentifika, approċċ miftuħ, diversità, standards etiċi Ewropej ta' livell għoli, koeżjoni soċjali u aċċess ugwali taċ-ċittadini għas-soluzzjonijiet u għar-risposti li jipprovdi;

F. billi l-investimenti fir-R&Ż huma essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali Ewropew u l-kompetittività globali; u billi l-importanza ta' xjenza eċċellenti għat-trawwim tal-innovazzjoni u vantaġġi kompetittivi fit-tul jenħtieġ li tiġi riflessa fil-finanzjament tad-9PQ;

***Struttura, filosofija u implimentazzjoni ta' Orizzont 2020***

1. Jikkunsidra li, wara aktar minn tliet snin mit-tnedija ta' Orizzont 2020, wasal iż-żmien għall-Parlament biex jiżviluppa l-pożizzjoni tiegħu dwar l-evalwazzjoni interim tiegħu u viżjoni għad-9PQ futur;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2017)0052.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2017)0075.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2016)0311.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2016)0320.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

2. Ifakkar li l-objettiv tal-Orizzont 2020 huwa li jikkontribwixxi għall-bini ta' soċjetà u ekonomija bbażati fuq l-għarfien u l-innovazzjoni u li jsaħħaħ il-bażi xjentifika u teknoloġika u fl-aħħar mill-aħħar il-kompetittività tal-Ewropa billi jagħmel lieva fuq fondi addizzjonali nazzjonali, kemm pubbliċi kif ukoll privati, għar-R&Ż u billi jgħin biex jintlaħaq l-objettiv ta' 3 % tal-PDG għar-R&Ż sal-2020; jesprimi dispjaċir li l-UE investiet biss 2,03 % tal-PDG fir-R&Ż fl-2015, hekk kif iċ-ċifri individwali għad-diversi pajjiżi jvarjaw minn 0,46 % sa 3,26 % ([1]), filwaqt li l-kompetituri globali ewlenin qed jaqbżu lill-UE fin-nefqa tar-R&Ż;

3. Ifakkar li ż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) tiffaċċja kompetizzjoni diretta mir-reġjuni tar-riċerka bl-aqwa prestazzjoni fid-dinja u li, għalhekk, it-tisħiħ taż-ŻER huwa dmir kollettiv Ewropew; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri rilevanti biex jikkontribwixxu b'mod adegwat biex jintlaħaq l-objettiv ta' 3 % tal-PDG tal-UE għar-R&Ż; jinnota li żieda globali għal 3 % tkun iġġib ukoll ammont ieħor ta' aktar minn EUR 100 biljun fis-sena għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa;

4. Jisħaq li l-evalwazzjoni tas-7PQ u l-monitoraġġ ta' Orizzont 2020 juru li l-PQ tal-UE għar-riċerka u għall-innovazzjoni huwa suċċess u joffri valur miżjud ċar għall-UE ([2]); jirrikonoxxi li għad hemm possibilitajiet biex il-PQ u l-programmi futuri jitjiebu;

5. Jikkunsidra li r-raġunijiet għas-suċċess tiegħu huma l-qafas multidixxiplinari u kollaborattiv u r-rekwiżiti ta' eċċellenza u impatt;

6. Jifhem li l-għan tal-PQ huwa li jinċentiva l-parteċipazzjoni tal-industrija sabiex iżid l-infiq fuq ir-R&Ż mill-industrija ([3]); jinnota li l-parteċipazzjoni tal-industrija, inklużi l-SMEs, hija ferm ogħla milli kienet fis-7PQ; ifakkar, madankollu, li, bħala medja, l-industrija ma żiditx b'mod suffiċjenti s-sehem tal-infiq għar-R&Ż kif kien intlaħaq qbil fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Barċellona ([4]); jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-valur miżjud Ewropew kif ukoll ir-rilevanza għall-pubbliku tal-finanzjament favur l-istrumenti mmexxija mill-industrija bħal Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (ITK) ([5]), u l-koerenza, l-approċċ miftuħ u t-trasparenza tal-inizjattivi konġunti kollha ([6]);

7. Jinnota li l-baġit, il-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-programm huma mifruxa fuq aktar minn 20 korp differenti tal-UE; jistaqsi jekk dan jirriżultax fi sforzi eċċessivi ta' koordinament, kumplessità u duplikazzjoni fl-amministrazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni taħdem favur ir-razzjonalizzazzjoni u s-semplifikazzjoni ta' dan;

8. Jinnota li l-Pilastri 2 u 3 huma prinċipalment iffukati fuq Livelli ta' Tħejjija Teknoloġika (Technology Readiness Levels – TRLs) ogħla, u dan jaf jillimita l-assorbiment futur ta' innovazzjonijiet li jħarbtu s-suq li għadhom fil-fażi ta' ppjanar ta' proġetti ta' riċerka b'TRLs aktar baxxi; jappella għal bilanċ attent tat-TRLs sabiex tkun promossa l-katina ta' valur kollha hemm hi; jikkunsidra li t-TRLs jistgħu jeskludu forom mhux teknoloġiċi tal-innovazzjoni ġġenerata minn riċerka fundamentali jew applikata, b'mod partikolari mix-xjenzi soċjali u umanistiċi;

9. Jistieden lill-Kummissjoni toffri taħlita bbilanċjata ta' proġetti żgħar, ta' daqs medju u kbar; josserva li l-baġit medju għall-proġetti żdied fl-ambitu ta' Orizzont 2020 u li l-proġetti akbar huma aktar onerużi fir-rigward tat-tħejjija tal-proposta u tal-ġestjoni tal-proġett, fatt li jiffavorixxi lill-parteċipanti b'aktar esperjenza fil-qasam tal-PQ, joħloq ostakli għall-parteċipanti ġodda u jikkonċentra l-finanzjament f'idejn għadd limitat ta' istituzzjonijiet;

---

([1]) Studju tal-EPRS ta' Frar 2017 "Horizon 2020, the EU framework programme for research and innovation". European Implementation Assessment" (Orizzont 2020, il-programm qafas tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni. Valutazzjoni tal-Implimentazzjoni Ewropea).

([2]) B'aktar minn 130 000 proposta li ġew riċevuti, 9 000 għotja li ġew iffirmati, 50 000 parteċipazzjoni u EUR 15,9 biljun ta' finanzjament mill-UE.

([3]) Żewġ terzi tat-3 % tal-PDG għar-R&Ż jenħtieġ li jiġu mill-industrija. Ara n-nefqa għar-R&Ż privati tal-Eurostat: http://ec.europa.eu/eurostat/tgm/table.do?tab=table&init=1&language=en&pcode=tsc00031&plugin=1

([4]) http://ec.europa.eu/invest-in-research/pdf/download_en/barcelona_european_council.pdf

([5]) Bħala total, is-seba' ITK jirrappreżentaw aktar minn EUR 7 biljun tal-fondi Orizzont 2020, madwar 10 % tal-baġit totali ta' Orizzont 2020 u aktar minn 13 % tal-finanzjament reali disponibbli għal sejħiet fl-ambitu ta' Orizzont 2020 (madwar EUR 8 biljun fis-sena fuq seba' snin).

([6]) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2015.

**It-Tlieta 13 ta’ Ġunju 2017**

***Baġit***

10. Jisħaq li r-rata ta’ suċċess attwali ta’ anqas minn 14 % ([1]), li hija baxxa b’mod allarmanti u tirrappreżenta tendenza negattiva meta mqabbla mas-7PQ; jenfasizza li n-numru eċċessiv ta’ applikazzjonijiet jagħmilha impossibbli li l-finanzjament jkun disponibbli għal numru kbir ta’ proġetti ta’ kwalità għolja ħafna u jiddispjaċih li t-tnaqqis impost mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) aggravaw il-problema; jistieden lill-Kummissjoni tevita li tagħmel tnaqqis ulterjuri lill-baġit ta’ Orizzont 2020;

11. Jenfasizza l-pressjonijiet baġitarji li qed jiffaċċjaw il-Programmi Qafas tal-Unjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni; jesprimi dispjaċir minħabba l-effett negattiv li kellha l-kriżi tal-pagamenti fil-baġit tal-UE fuq l-implimentazzjoni tal-programm matul l-ewwel snin tal-QFP attwali; jinnota, fost l-oħrajn, dewmien artifiċjali li jammonta għal EUR 1 biljun f’sejhiet fl-2014 u t-tnaqqis sinifikanti fil-livell ta’ prefinanzjament għall-programmi l-ġodda; jenfasizza f’dan il-kuntest li, f’konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament dwar il-QFP, ġiet implimentata konċentrazzjoni fil-fażi inizjali ta’ riżorsi fl-2014-2015 għal Orizzont 2020; jissottolinja li din il-konċentrazzjoni fil-fażi inizjali ġiet assorbita bis-sħiħ mill-programm, u li dan juri l-prestazzjoni qawwija tiegħu u l-kapaċità li jassorbi anke iżjed; jenfasizza li din il-konċentrazzjoni fil-fażi inizjali ma tibdilx il-pakkett finanzjarju ġenerali tal-programmi, u li dan iwassal rispettivament għal inqas approprjazzjonijiet għat-tieni nofs tal-QFP; jistieden liż-żewġ fergħat tal-Awtorità tal-Baġit u lill-Kummissjoni jiżguraw livell adegwat ta’ approprjazzjonijiet ta’ pagament fis-snin li ġejjin, u biex jagħmlu kull sforz biex tiġi evitata kriżi ġdida tal-pagamenti lejn l-aħħar snin tal-QFP attwali;

12. Jisħaq fuq il-fatt li Orizzont 2020 jeħtieġlu jkun primarjament ibbażat fuq l-għotjiet u orjentat lejn il-finanzjament ta’ riċerka fundamentali u kollaborattiva b’mod partikolari; jinsisti li r-riċerka tista’ tkun investiment riskjuż ferm għall-investituri u li huwa neċessarju li r-riċerka tkun iffinanzjata permezz ta’ għotjiet; jenfasizza, f’dan ir-rigward, li, fi kwalunkwe każ, l-istituzzjonijiet pubbliċi ħafna drabi lanqas biss ikunu f’pożizzjoni legali li jaċċettaw self; jesprimi dispjaċir dwar it-tendenza, f’xi każijiet, ta’ ċaqliq mill-għotjiet lejn l-użu ta’ self; jirrikonoxxi li l-istrumenti finanzjarji jenħtieġ li jkunu disponibbli għal TRLs għoljin, li jkunu qrib l-attivitajiet tas-suq bħala parti mill-istrumenti finanzjarji InnovFin, u barra mill-PQ (eż. BEI, skemi tal-FEI);

13. Jissottolinja l-fatt li bosta Stati Membri mhumiex qegħdin jirrispettaw l-impenji nazzjonali tagħhom ta’ investiment fir-R&Ż; jisħaq fuq il-fatt li hemm bżonn li l-objettiv ta’ 3 % tal-PDG jintlaħaq u jittama li dan l-objettiv ikun jista’ jiżdied għal-livell tal-akbar kompetituri globali tal-UE mill-aktar fis possibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għaldaqstant, jidderieġu l-istrateġiji nazzjonali biex jilħqu tali objettiv u jappella għall-allokazzjoni ta’ partijiet mill-Fondi Strutturali għal attivitajiet u programmi ta’ R&Ż, speċjalment l-investimenti fil-bini ta’ kapaċitajiet, l-infrastruttura tar-riċerka u s-salarji kif ukoll attivitajiet li jappoġġaw il-preparazzjoni ta’ proposti u l-ġestjoni tal-proġetti fl-ambitu tal-PQ;

***Evalwazzjoni***

14. Jikkonferma li l-“eċċellenza” jenħtieġ li tibqa’ l-kriterju ta’ evalwazzjoni fundamentali fit-tliet pilastri tal-PQ, filwaqt li josserva l-kriterji eżistenti tal-“impatt” u tal-“kwalità u tal-effiċjenza tal-implimentazzjoni”, li jafu jgħinu biex jindikaw il-valur miżjud għall-UE ta’ proġett; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, teżamina l-modi kif jitqiesu l-kriterji tal-“impatt” u tal-“kwalità u tal-effiċjenza tal-implimentazzjoni”: in-nuqqas ta’ involviment tar-reġjuni tal-UE sottorappreżentati, l-inklużjoni tas-setturi tax-xjenza sottorappreżentati, bħax-xjenzi soċjali u umanistiċi, u l-isfruttament tal-infrastrutturi ta’ riċerka ffinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej (FSIE), li donnu li huma importanti biex tirnexxi l-implimentazzjoni taż-ŻER u biex joffru sinerġiji bejn il-PQ u l-FSIE;

15. Jitlob evalwazzjoni u assigurazzjoni tal-kwalità aħjar u aktar trasparenti mill-evalwaturi; jisħaq fuq il-ħtieġa li jitjieb il-feedback li jingħata lill-parteċipanti matul il-proċess ta’ evalwazzjoni u jħeġġeġ li jitqiesu l-ilmenti magħmula minn applikanti li ma rnexxilhomx jintgħażlu fejn jgħidu li r-Rapporti Sommarji tal-Evalwazzjoni (ESRs) huma neqsin mill-profondità u miċ-ċarezza dwar x’jenħtieġ li jsir differenti biex wieħed jirnexxielu; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tippubblika, flimkien mas-sejħa għal proposti, il-kriterji ta’ evalwazzjoni dettaljati, biex il-parteċipanti jingħataw ESRs aktar dettaljati u informattivi u biex torganizza s-sejħiet għal proposti b’tali mod li jkun evitat numru ferm eċċessiv ta’ applikazzjonijiet, fatt li jolqot negattivament il-motivazzjoni tar-riċerkaturi u r-reputazzjoni tal-programm;

(1) Studju tal-EPRS ta’ Frar 2017 “Horizon 2020 EU framework programme for research and innovation – European Implementation Assessment”.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

16. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti definizzjoni usa' ta' "impatt" fid-dawl tal-effetti kemm ekonomiċi kif ukoll soċjali; jisħaq fuq il-fatt li l-valutazzjoni tal-impatt ta' proġetti ta' riċerka fundamentali jenħtieġ li tibqa' flessibbli; jitlob lill-Kummissjoni żżomm il-bilanċ bejn sejħiet minn isfel għal fuq u minn fuq għal isfel u tanalizza liema proċedura ta' evalwazzjoni (stadju wieħed jew tnejn) hija l-aktar utli sabiex jiġi evitat numru eċċessiv ta' applikazzjonijiet u ssir riċerka ta' kwalità;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta kemm jagħmel sens li jkun hemm enfasi tematika aktar b'saħħitha fil-kuntest tas-sostenibbiltà;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel disponibbli b'mod aktar faċli l-portal tal-parteċipanti u testendi u tgħammar b'aktar riżorsi n-netwerk tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali sabiex tiżgura, b'mod partikolari għal impriżi mikro u żgħar, servizz effiċjenti ta' assistenza waqt il-fażi ta' preżentazzjoni u evalwazzjoni tal-proposti tal-proġetti;

19. Jikkunsidra li l-Kunsill Ewropew tar-Riċerka jenħtieġ li jinvolvi ruħu f'aktar proġetti kollaborattivi fl-Ewropa kollha, u b'mod partikolari jqis reġjuni u istituzzjonijiet b'kapaċità baxxa sabiex il-politika R&I u l-għarfien tal-UE jinxterdu mal-UE kollha;

### *Kwistjonijiet trasversali*

20. Jinnota li l-istruttura ta' Orizzont 2020 u l-approċċ tal-sfidi soċjetali b'mod partikolari huma milqugħa b'mod wiesa' mill-partijiet ikkonċernati; jistieden lill-Kummissjoni tkompli ttejjeb l-approċċ tal-isfidi soċjetali u jenfasizza l-importanza ta' riċerka kollaborattiva bejn l-universitajiet, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, l-industrija (speċjalment l-SMEs) u partijiet ikkonċernati oħrajn; jitlob lill-Kummissjoni tqis il-valutazzjoni tal-adegwatezza u tal-baġits individwali tal-isfidi soċjetali abbażi tal-kuntest ekonomiku, soċjali u politiku attwali matul l-implimentazzjoni tal-PQ u f'kooperazzjoni stretta mal-Parlament Ewropew;

21. Jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni biex tissemplifika l-amministrazzjoni u tnaqqas iż-żmien bejn il-pubblikazzjoni ta' sejħa u l-allokazzjoni ta' għotja; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tagħmel ħilitha biex taqta' l-burokrazija żejda u tissemplifika l-amministrazzjoni; jilqa' pożittivament il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu introdotti pagamenti b'rata fissa sabiex jiġu ssemplifikati l-amministrazzjoni u l-awditjar;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk il-mudell ta' finanzjament issemplifikat introdott għal Orizzont 2020 wassalx għal aktar parteċipazzjoni tal-industrija, kif kien maħsub; jappella, f'dan ir-rigward, li tiġi vverifikata l-effikaċja tal-mudell ta' finanzjament;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta sa liema punt l-użu ta' sistemi tal-kontabbiltà nazzjonali jew speċifiċi, minflok is-sistema speċifikata fir-regoli tal-parteċipazzjoni, jista' jwassal għal proċedura ta' kontabbiltà sostanzjalment issemplifikata u għaldaqstant għal tnaqqis fir-rata ta' żbalji fil-kuntest tal-ħlas tal-proġetti li rċevew finanzjament Ewropew; jappella, f'dan ir-rigward, għal kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif ukoll għall-possibbiltà ta' "one-stop audit";

24. Jinnota li s-sinerġiji bejn il-fondi huma kruċjali sabiex l-investimenti jsiru aktar effikaċi; jisħaq fuq il-fatt li RIS3 huma għodda importanti sabiex jiġu katalizzati sinġeriji li jistabbilixxu oqfsa nazzjonali u reġjonali għal investimenti fir-R&Ż&I u, b'hekk, jenħtieġ li jiġu promossi u msaħħa; jesprimi dispjaċir dwar il-preżenza ta' ostakli sostanzjali sabiex is-sinerġiji jsiru operattivi għalkollox ([1]); ifittex, għalhekk, allinjament tar-regoli u tal-proċeduri għall-proġetti tar-R&Ż&I fl-ambitu tal-FSIE u tal-PQ u josserva li użu effikaċi tal-iskema Marka ta' Eċċellenza jkun biss possibbli jekk il-kundizzjonijiet ta' hawn fuq ikunu sodisfatti; jistieden lill-Kummissjoni tallokata parti mill-FSIE għal sinerġiji RIS3 ma' Orizzont 2020; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi r-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat u tippermetti li proġetti ta' fondi strutturali ta' R&Ż ikunu ġustifikabbli fi ħdan ir-regoli ta' proċedura tal-PQ filwaqt li fl-istess ħin tiggarantixxi t-trasparenza tagħhom;

([1]) Infrastruttura tar-riċerka kbira tinkwadra sew taħt il-kamp ta' applikazzjoni u l-objettivi tal-FEŻR, iżda fondi tal-FEŻR allokati f'livell nazzjonali ma jistgħux jintużaw biex jikkofinanzjawha; spejjeż ta' kostruzzjoni assoċjati ma' infrastrutturi ta' riċerka ġodda huma eleġibbli skont il-FEŻR, iżda spejjeż operattivi u tal-persunal mhumiex.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-applikazzjoni korretta tal-prinċipju ta' addizzjonalità, li fil-prattika jfisser li ma jenħtieġx li l-kontribuzzjonijiet mill-fondi Ewropej jissostitwixxu n-nefqa nazzjonali jew ekwivalenti minn Stat Membru fir-reġjuni fejn japplika dan il-prinċipju;

25. Josserva li l-implimentazzjoni ta' suċċess taż-ŻER tirrikjedi użu sħiħ tal-potenzjal tar-R&Ż&I tal-Istati Membri kollha; jirrikonoxxi l-problema tad-distakk fil-parteċipazzjoni fil-programm Orizzont 2020, li jeħtiġilha tkun indirizzata kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak nazzjonali, anki permezz tal-FSIE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadattaw l-istrumenti eżistenti jew jadottaw miżuri ġodda biex inaqqsu d-distakk, pereżempju, bis-saħħa tal-iżvilupp ta' strumenti ta' networking għar-riċerkaturi; jilqa' b'sodisfazzjon il-politika tat-Tixrid tal-Eċċellenza u t-Twessigħ tal-Parteċipazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk it-tliet strumenti ta' twessigħ laħqux l-objettivi speċifiċi tagħhom: li joffru baġit adegwat u ġabra bbilanċjata ta' strumenti li jindirizzaw id-disparitajiet eżistenti fl-UE fil-qasam tar-riċerka u innovazzjoni; jisteden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħorġu b'regoli ċari li jippermettu l-implimentazzjoni sħiħa tal-iskema tal-Marka ta' Eċċellenza u jeżaminaw sinerġiji ta' finanzjament; jitlob lill-Kummissjoni toħloq mekkaniżmi li jippermettu l-inklużjoni tal-proġetti tal-PQ fl-infrastrutturi tar-riċerka ffinanzjati permezz tal-FSIE; jappella biex l-indikaturi użati biex jiddefinixxu lill-pajjiżi u lir-reġjuni "sottorappreżentati" jkunu rieżaminati u l-lista ta' tali pajjiżi u reġjuni tkun regolarment verifikata matul l-implimentazzjoni tal-PQ;

26. Jinnota li skont ir-rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 għall-2014 u l-2015, l-UE-15 irċevew 88,6 % tal-fondi filwaqt li l-UE-13 irċevew biss 4,5 % – ċifra saħansitra inqas min dik tal-finanzjament għall-pajjiżi ta' assoċjazzjoni (6,4 %);

27. Jilqa' l-isforzi biex jiġu assigurati rabtiet aħjar bejn iż-ŻER u ż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja, bil-għan li jiffaċilitaw modi ta' kif titħarreġ il-ġenerazzjoni ta' riċerkaturi li jmiss; jirrikonoxxi l-importanza li jiġu inkorporati ħiliet ta' STEM (xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika), tar-riċerka u tal-imprenditorija fis-sistemi edukattivi tal-Istati Membri sa minn fażi bikrija sabiex iż-żgħażagħ jiġu mħeġġa jiżviluppaw dawn il-ħiliet, billi r-R&Ż jenħtieġ li jitqiesu f'termini strutturali aktar milli ċikliċi jew temporali; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jtejbu l-istabilità u l-attrattività tal-impjiegi għar-riċerkaturi żgħażagħ;

28. Jenfasizza l-importanza ta' aktar kooperazzjoni bejn l-industriji u s-sistemi universitarji u xjentifiċi sabiex jiġi promoss il-ħolqien ta' strutturi ddedikati fi ħdan l-universitajiet u ċ-ċentri xjentifiċi biex tiżdied ir-rabta mas-settur tal-produzzjoni;

29. Jisħaq fuq il-fatt li l-kooperazzjoni globali hija mezz importanti biex tissaħħaħ ir-riċerka Ewropea; jikkonferma li l-parteċipazzjoni internazzjonali niżlet minn 5 % fis-7PQ għal 2,8 % f'Orizzont 2020; ifakkar li l-PQ jenħtieġ li jikkontribwixxi sabiex jiżgura li l-Ewropa tibqa' protagonista globali ewlenija, waqt li jenfasizza l-importanza tad-diplomazija xjentifika; jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina t-termini tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-PQ u tistabbilixxi miżuri konkreti u immedjati kif ukoll viżjoni strateġika fit-tul u struttura biex issostni dan l-objettiv; jilqa' favorevolment, f'dan ir-rigward, l-inizjattivi bħal BONUS u PRIMA;

30. Jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali fi ħdan id-9PQ u t-tixrid tad-diplomazija xjentifika;

31. Ifakkar li l-integrazzjoni tax-xjenzi soċjali u umanistiċi tfisser riċerka dwar ix-xjenzi soċjali u umanistiċi fi proġetti interdixxiplinari u mhux żieda *ex post* għal proġetti li altrimenti huma teknoloġiċi, u li l-problemi l-aktar pressanti li qiegħda tiffaċċja l-UE jeħtieġu riċerka metodoloġika li hija aktar iffukata kunċettwalment fuq ix-xjenzi soċjali u umanistiċi; josserva li x-xjenzi soċjali u umanistiċi huma sottorappreżentati fil-PQ attwali; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-possibbiltajiet għar-riċerkaturi fil-qasam tax-xjenzi soċjali u umanistiċi biex jipparteċipaw fil-proġetti interdixxiplinari tal-PQ u toffri biżżejjed fondi għas-suġġetti tax-xjenzi soċjali u umanistiċi;

32. Jenfasizza l-bilanċ tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-programm Orizzont 2020 u jitlob li jittieħed approċċ simili għall-PQ li jmiss; jilqa' pożittivament il-ħolqien ta' EIC [1], iżda jinsisti li jenħtieġ li dan ma jwassalx għas-separazzjoni tar-riċerka mill-innovazzjoni jew għal aktar frammentazzjoni tal-finanzjament, bħal fl-imgħoddi; jenfasizza li Orizzont 2020 mhuwiex biżżejjed iffukat biex iwarrab il-fażi msejħa l-"wied tal-mewt" li jikkostitwixxi l-ostaklu ewlieni għall-konverżjoni ta' prototipi fi produzzjoni;

---

[1] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Il-mexxejja li jmiss tal-Ewropa: l-Inizjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu" (COM(2016)0733);

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

33. Jistieden lill-Kummissjoni tikkjarifika l-objettivi, l-istrumenti u l-funzjonament tal-EIC u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu evalwati r-riżultati pilota tal-EIC; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi taħlita bbilanċjata ta' strumenti għall-portafoll tal-EIC; jenfasizza li l-EIC fl-ebda ċirkostanza m'għandu jieħu post il-Pilastru 2 u jenħtieġ li dan tal-aħħar ma jiżviluppax fi strument għall-finanzjament uniku iżda pjuttost jenħtieġ li r-riċerka kollaborattiva tibqa' l-qofol; jenfasizza l-ħtieġa li jinżammu u jissaħħu l-programmi "SME Instrument" (Strument għall-SMEs) u "Fast Track to Innovation" (Korsija Veloċi għall-Innovazzjoni); jistieden lill-Kummissjoni tfassal mekkaniżmi biex itejjeb l-inklużjoni tal-SMEs fi proġetti interdixxiplinari akbar fl-ambitu tad-9PQ bil-għan li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni żżomm lill-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) fl-istruttura attwali tal-EIT, filwaqt li jisħaq fuq l-importanza tat-trasparenza u tal-involviment intensiv tal-partijiet ikkonċernati, u tanalizza kif l-EIT u l-KKI jistgħu jinteraġixxu mal-EIC; jitlob lill-Kummissjoni tfassal qafas għal investimenti kapitali ta' riskju privati f'kooperazzjoni mal-EIC biex jiġu inkoraġġiti l-investimenti kapitali ta' riskju fl-Ewropa;

34. Jilqa' inizjattivi li jgħaqqdu flimkien is-setturi privati u pubbliċi sabiex jistimulaw ir-riċerka u l-innovazzjoni; jisħaq fuq il-bżonn ta' tmexxija msaħħa tal-UE fil-prijoritizzazzjoni tal-bżonnijiet tar-riċerka pubblika u għal biżżejjed trasparenza, traċċabbiltà u livell ekwu ta' redditu pubbliku mill-investimenti ta' Orizzont 2020 f'termini ta' aċċessibbiltà ekonomika, disponibbiltà u idoneità tal-prodotti finali, u b'mod partikolari b'ċerti setturi sensittivi bħas-saħħa, filwaqt li jiġu ssalvagwardjat l-interess pubbliku u u garantit impatt soċjali ekwu; jistieden lill-Kummissjoni teżamina aktar il-mekkaniżmi, speċjalment fid-dawl tal-isfruttament fit-tul tal-proġetti kollha ffinanzjati mill-għotjiet fornuti mill-PQ, billi tgħaqqad redditu pubbliku ekwu u inċentivi għall-parteċipazzjoni tal-industrija;

35. Jilqa' pożittivament il-fatt li l-kunċett ta' Aċċess Miftuħ issa huwa prinċipju ġenerali fl-ambitu ta' Orizzont 2020; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li n-numru sostanzjali ta' pubblikazzjonijiet marbuta ma' proġetti ta' Orizzont 2020 sa Diċembru 2016 ([1]) juri li l-politiki l-ġodda dwar l-infurzar tal-kondiviżjoni ta' data u għarfien huma rikjesti sabiex ikunu massimizzati r-riżultati tar-riċerka u l-ammont ta' data xjentifika disponibbli; jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina l-kriterji ta' flessibbiltà li jafu jikkostitwixxu ostaklu għal dan l-objettiv, u żżid l-għarfien u l-iżvilupp;

36. Jilqa' l-finanzjament pilota Open Research Data (Data dwar ir-Riċerka Miftuħa) bħala l-ewwel pass lejn Open Science Cloud (Cloud tax-Xjenza Miftuħa); jirrikonoxxi r-rilevanza u l-potenzjal tal-infrastrutturi elettroniċi u tas-superkomputazzjoni, il-bżonn ta' involviment tal-partijiet ikkonċernati u tas-soċjetà ċivili tas-settur pubbliku u privat u l-importanza tax-xjenza għaċ-ċittadini sabiex jiġi żgurat li s-soċjetà jkollha sehem aktar attiv fid-definizzjoni u fl-indirizzar tal-problemi u tal-preżentazzjoni konġunta tas-soluzzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-komunità ta' riċerka pubblika u privata biex jeżaminaw mudelli ġodda li jintegraw riżorsi tal-cloud u tan-networking privati u infrastrutturi elettroniċi pubbliċi u t-tnedija ta' aġendi għaċ-ċittadini fix-xjenza u l-innovazzjoni;

37. Jilqa' pożittivament il-kunċett introdott għall-ewwel darba mill-Kummissjoni taċ-ċentri ta' innovazzjoni, li se jkomplu jsaħħu l-qafas tal-innovazzjoni Ewropew billi jipprovdu assistenza lill-impriżi, b'mod partikolari SMEs, sabiex dawn itejbu l-mudelli tan-negozju u l-proċessi tal-produzzjoni tagħhom;

38. Jinkoraġġixxi lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali jkunu aktar involuti fil-promozzjoni ta' proġetti mogħtija l-Marka ta' Eċċellenza, u fl-assistenza fit-tfittxija għal sorsi oħrajn ta' finanzjament pubbliku jew privat, nazzjonali jew internazzjonali, għal dawk il-proġetti billi jsaħħu l-kooperazzjoni f'dan il-qasam fi ħdan in-netwerk tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali;

***Rakkomandazzjonijiet tad-9PQ***

39. Jemmen li l-UE għandha l-potenzjal li ssir ċentru globali ta' eċċellenza għar-riċerka u x-xjenza fuq skala dinjija; jemmen, barra minn hekk, li sabiex jiġu promossi t-tkabbir, l-impjiegi u l-innovazzjoni, id-9PQ għandu jsir prijorità assoluta għall-Ewropa;

40. Japprezza s-suċċess ta' Orizzont 2020 u l-fattur ta' lieva ta' 1:11; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi żieda fil-baġit ġenerali li tammonta għal EUR 120 biljun għad-9PQ; iqis li lil hinn miż-żieda fil-baġit, hemm bżonn qafas li jinkorpora l-innovazzjoni u jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tiċċara l-kunċett ta' innovazzjoni u t-tipoloġiji differenti tagħha;

---

([1]) Rapport OpenAIRE: F'Orizzont 2020, 2 017 minn numru totali ta' 10 684 proġett (19 %) tlestew filwaqt li 8 667 għadhom għaddejjin. OpenAIRE identifika 6 133 pubblikazzjoni marbuta ma' 1 375 proġett ta' Orizzont 2020.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

41. Jinnota li l-UE qed tiffaċċja għadd kbir ta' sfidi sinifikanti u dinamiċi u jistieden lill-Kummissjoni biex flimkien mal-Parlament Ewropew, fil-Pilastru 3 tipprovdi ġabra bbilanċjata u flessibbli ta' strumenti li twieġeb għan-natura dinamika tal-problemi emerġenti; jissottolinja l-ħtieġa li jingħata biżżejjed baġit għall-isfidi speċifiċi fil-Pilastru 3 kif ukoll il-ħtieġa ta' reviżjoni regolari tal-adegwatezza ta' dawk l-isfidi;

42. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm bilanċ adegwat bejn ir-riċerka fundamentali u l-innovazzjoni fi ħdan id-9PQ; josserva l-bżonn li tissaħħaħ ir-riċerka kollaborattiva; jissottolinja l-importanza ta' involviment aħjar tal-SMEs fil-proġetti kollaborattivi u fl-innovazzjoni;

43. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni ssaħħaħ is-sinerġiji bejn id-9PQ u l-fondi Ewropej iddedikati għar-riċerka u l-innovazzjoni u tistabbilixxi strumenti armonizzati u regoli allinjati għal tali fondi, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali, u f'kooperazzjoni stretta mal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tqis r-rwol importanti tal-istandardizzazzjoni f'dak li jirrigwarda l-innovazzjoni anke fil-programmi qafas futuri;

44. Jinnota li d-9PQ jenħtieġ li jindirizza l-problema possibbli tan-numru eċċessiv ta' applikazzjonijiet u r-rati baxxi ta' suċċess iffaċċjati fl-Orizzont 2020; jissuġġerixxi li titqies l-introduzzjoni mill-ġdid tal-proċedura ta' evalwazzjoni f'żewġ stadji li fiha l-ewwel stadju jkun unifikat waqt li t-tieni stadju jkun speċifikat u ddedikati għall-applikanti magħżula; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura ESRs komprensivi biżżejjed b'indikazzjonijiet dwar kif tista' tittejjeb il-proposta;

45. Jisħaq fuq il-fatt li l-"valur miżjud Ewropew" irid jibqa' qofol inkontestat tal-P Q għar-riċerka;

46. Jistieden lill-Kummissjoni tifred ir-riċerka dwar id-difiża mir-riċerka ċivili fil-QFP li jmiss, u toffri żewġ programmi differenti b'żewġ baġits separati li ma jaffettwawx l-ambizzjonijiet baġitarji tar-riċerka ċivili tad-9PQ; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tippreżenta lill-Parlament il-modi possibbli ta' finanzjament tal-programm ta' riċerka futura fil-qasam tad-difiża skont it-Trattati, b'baġit iddedikat b'riżorsi ġodda u regoli speċifiċi; jenfasizza l-importanza tas-sorveljanza parlamentari f'dan ir-rigward;

47. Iqis li l-programm tat-Teknoloġiji Futuri u Emerġenti għandu potenzjal kbir għall-futur u jirrappreżenta għodda tajba għat-tixrid ta' ideat innovattivi u kompetenzi fil-livelli nazzjonali u reġjonali;

48. Jenfasizza l-ħtieġa, fil-kuntest tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-objettivi tal-UE dwar il-klima, li jingħata prijorità lill-finanzjament għar-riċerka dwar it-tibdil fil-klima u l-infrastruttura tal-ġbir ta' data dwar il-klima – b'mod partikolari billi l-Istati Uniti qegħdin jikkunsidraw tnaqqis baġitarju sinifikanti għall-istituzzjonijiet ta' riċerka ambjentali tal-Istati Uniti;

49. Jenfasizza li d-9PQ għar-R&I jenħtieġ li jsaħħaħ il-progress soċjetali u l-kompetittività tal-UE, il-ħolqien tat-tkabbir u tal-impjiegi u l-ksib ta' għarfien u innovazzjonijiet ġodda sabiex jiġu indirizzati l-isfidi kruċjali li qed tħabbat wiċċha magħhom l-Ewropa, kif ukoll il-progress ulterjuri lejn l-iżvilupp ta' ŻER sostenibbli; jilqa' f'dan ir-rigward l-istruttura tal-pilastru attwali tal-PQ u jistieden lill-Kummissjoni żżomm din l-istruttura fl-interessi tal-kontinwità u tal-prevedibbiltà; jitlob, għaldaqstant, lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem fuq il-koerenza, is-semplifikazzjoni, it-trasparenza u ċ-ċarezza tal-programm, fuq it-titjib tal-proċess ta' evalwazzjoni, it-tnaqqis tal-frammentazzjoni, id-duplikazzjoni, u l-evitar ta' piżijiet amministrattivi bla bżonn;

50. Jirrikonoxxi li, sa ċertu punt, il-kompiti amministrattivi u r-riċerka jikkanċellaw lil xulxin; jenfasizza, għalhekk, l-importanza li l-obbligi ta' rapportar jinżammu f'livell minimu, sabiex jiġi evitat li l-burokrazija żejda tostakola l-innovazzjoni u jiġi żgurat l-użu effikaċi tal-finanzjament fl-ambitu tad-9PQ filwaqt li fl-istess ħin tiġi żgurata l-awtonomija tar-riċerka; jinkoraġġixxi, għal dan il-għan, lill-Kummissjoni tintensifika l-isforzi tagħha fir-rigward tas-semplifikazzjoni;

51. Jinnota li l-Kummissjoni qiegħda ssemmi dejjem aktar l-appoġġ ibbażat fuq l-output; jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi l-"output" b'aktar preċiżjoni;

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

52. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu s-sinerġiji bejn il-PQ u l-fondi l-oħra u jindirizzaw il-problema tan-nuqqasijiet fir-riċerka li qegħdin jiffaċċjaw reġjuni ta' konverġenza f'xi Stati Membri, b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' addizzjonalità; jesprimi dispjaċir li allokazzjonijiet finanzjarji mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment jistgħu jwasslu għal tnaqqis fl-infiq fir-R&Ż nazzjonali f'reġjuni fejn dawn il-fondi japplikaw, u jinsisti li dawn iridu jiżdiedu man-nefqa pubblika nazzjonali; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-finanzjament pubbliku tar-R&I jitqies bħala investiment fil-futur aktar milli spiża;

53. Jinnota li l-investimenti reali fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-ambitu tal-Fondi Strutturali huma possibbli biss permezz ta' regolamentazzjoni adegwata tal-kuntest fl-Istati Membri; jitlob, għaldaqstant, li jkun hemm konnessjoni aktar b'saħħitha bejn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għal riformi strutturali u l-innovazzjonijiet fir-R&I;

54. Jenfasizza l-ħtieġa ta' ċentri u reġjuni ġodda ta' eċċellenza ogħla u l-importanza li tkompli tiġi żviluppata ż-ŻER; jisħaq fuq il-bżonn li jkunu fornuti aktar sinerġiji bejn il-PQ, il-FEIS u l-FSIE biex dan l-għan jintlaħaq; jitlob l-implimentazzjoni ta' politiki biex jitneħħew ostakli bħal salarji aktar baxxi li jiffaċċjaw pajjiżi tal-Lvant u tan-Nofsinhar sabiex jiġi evitat l-eżodu ta' mħuħ; jappella biex l-eċċellenza tal-proġett tingħata prijorità fuq l-eċċellenza tal-istituzzjonijiet "elite" ewlenin;

55. Huwa tal-fehma li hemm bżonn li jiġu inklużi inċentivi għall-użu tal-Fondi SIE għall-investimenti fir-R&I fejn hemm rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għal dak l-għan jew fejn jiġu identifikati d-dgħufijiet; jikkonkludi li l-Fondi SIE għal investimenti fir-R&I se jiġġeneraw EUR 65 biljun fil-perjodu 2014-2020; jipproponi, għalhekk, li r-riżerva ta' prestazzjoni għall-Fondi SIE stabbilita fl-Istati Membri tiġi użata biex jiġi investit proporzjon sostanzjali tad-dħul mill-Fondi Strutturali fir-R&I;

56. Jilqa' pożittivament il-prinċipju u l-potenzjal tal-Marka ta' Eċċellenza, bħala tikketta ta' kwalità għal sinerġiji bejn il-Fondi SIE u Orizzont 2020, iżda jinnota li dan ma jiġix applikat biżżejjed fil-prattika, minħabba n-nuqqas ta' finanzjament fl-Istati Membri; jemmen li l-proġetti – li ġew ppreżentati għall-finanzjament fl-ambitu ta' Orizzont 2020, għaddew kriterji stretti ta' selezzjoni u aġġudikazzjoni b'eżitu pożittiv, iżda li ma setgħux jiġu ffinanzjati minħabba restrizzjonijiet tal-baġit – għandhom jiġu ffinanzjati mir-riżorsi tal-Fondi SIE, jekk dawn ir-riżorsi jkunu disponibbli għal dak l-għan; jirrimarka li mekkaniżmu simili għandu jiġi definit ukoll għall-proġetti ta' riċerka kollaborattiva;

57. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi livelli ta' appoġġ akbar fl-ambitu tad-9PQ għar-riċerkaturi żgħażagħ, bħal għodod ta' networking pan-Ewropej, u ssaħħaħ l-iskemi ta' finanzjament għal riċerkaturi fi stadju bikri b'inqas minn sentejn esperjenza wara t-tlestija ta' PhD;

58. Josserva li l-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie huma rikonoxxuti minn bosta bħala sors ta' finanzjament fost ir-riċerkaturi u jippromwovu l-mobilità tar-riċerkaturi u l-iżvilupp tar-riċerkaturi żgħażagħ; huwa tal-fehma li, fl-interessi tal-kontinwità, ikun tajjeb li l-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie jkomplu jiġu ffinanzjati fid-9PQ;

59. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jinkoraġġixxu l-investimenti privati fir-R&Ż&I, li jridu jiżdiedu ma' dawk pubbliċi u mhux jissostitwixxuhom; ifakkar li ż-żewġ terzi tat-3 % tal-PDG għar-R&Ż jenħtieġ li jiġu mis-settur privat ([1]); jappreza l-isforzi li saru s'issa mill-industrija u, fid-dawl tar-riżorsi ġeneralment skarsi għall-infiq pubbliku fir-R&Ż, jistieden lis-settur privat jinvolvi ruħu aktar fl-infiq għar-R&Ż, kif ukoll fl-Aċċess Miftuħ u fix-Xjenza Miftuħa; jistieden lill-Kummissjoni tiddetermina l-grad ta' parteċipazzjoni tal-industrija l-kbira (permezz ta' self, għotjiet jew a spejjeż tagħhom), skont il-kobor tal-valur miżjud Ewropew tal-proġett u tal-potenzjal tiegħu li jkun forza motriċi għall-SMEs, u fl-istess ħin jitqiesu l-ispeċifiċitajiet u l-bżonnijiet ta' kull settur; jitlob lill-Kummissjoni timmonitorja l-kontribuzzjonijiet in natura biex ikun żgurat li l-investimenti huma reali u ġodda;

60. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb it-trasparenza u ċ-ċarezza tar-regoli għall-kooperazzjoni pubblika-privata fi ħdan proġetti tad-9PQ b'segwitu għar-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mill-evalwazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni tivverifika u tivvaluta l-istrumenti eżistenti għal shubijiet pubbliċi-privati;

([1]) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2015.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

61. Jenfasizza li l-parteċipazzjoni tal-industrija għandha tibqa' tiġi promossa, irrispettivament mill-istrument tal-SMEs, peress li f'ħafna oqsma l-industrija ġġib magħha l-kompetenzi neċessarji u tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja importanti;

62. Jesprimi dispjaċir dwar il-ġabra mħallta ta' riżultati miksuba mill-enfasi fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi f'Orizzont 2020, peress li l-uniku objettiv li ntlaħaq huwa dak tal-perċentwal ta' nisa fil-gruppi ta' konsulenza, waqt li l-perċentwal ta' nisa fil-gruppi ta' evalwazzjoni tal-proġetti u fost il-koordinaturi ta' proġetti, u d-dimensjoni tas-sessi fil-kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni għadhom taħt il-livelli fil-mira; jissottolinja l-bżonn li jitjiebu l-parteċipazzjoni u l-integrazzjoni tad-dimensjoni tas-sessi fid-9PQ u jintlaħqu l-livelli fil-mira fir-regolament Orizzont 2020, u jistieden lill-Kummissjoni tagħmel studju biex teżamina l-ostakli jew id-diffikultajiet li jistgħu jikkundizzjonaw s-sottorappreżentanza tan-nisa fil-programm; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri, abbażi tal-objettivi taż-ŻER, joħolqu ambjent ġuridiku u politiku bbilanċjat fil-lat tal-ġeneru u joffru inċentivi għall-bidla; jilqa' pożittivament il-Linji Gwida tal-Kummissjoni fil-qasam tal-Ugwaljanza tal-Ġeneru fl-ambitu ta' Orizzont 2020 [1]; ifakkar li, skont dawn il-Linji Gwida, il-bilanċ tal-ġeneru huwa wieħed mill-fatturi ta' ordni ta' prijorità tal-proposti bl-istess punteġġ 'il fuq mil-livell minimu;

63. Jinnota li l-PQ li jmiss ser ikollu jqis il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u l-implikazzjonijiet ta' dan; jinnota li r-R&I jibbenefikaw minn oqfsa ċari u stabbli fit-tul, u li r-Renju Unit għandu pożizzjoni fuq quddiem fil-qasam tax-xjenza; jesprimi x-xewqa li n-netwerks u l-kollaborazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-UE jkunu jistgħu jkomplu fil-qasam tar-riċerka, u li, f'ċerti kundizzjonijiet, tkun tista' tinstab malajr soluzzjoni stabbli u sodisfaċenti, biex ikun żgurat li l-UE ma titlifx ir-riżultati xjentifiċi miksuba fil-qafas ta' Orizzont 2020 u tad-9PQ;

o

o o

64. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

(1) Ara l-Linji Gwida tal-Kummissjoni fil-qasam tal-Ugwaljanza tal-Ġeneru fl-ambitu ta' Orizzont 2020. http://eige.europa.eu/sites/default/files/h2020-hi-guide-gender_en.pdf

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0254

# Elementi fundamentali għal politika ta' koeżjoni tal-UE wara l-2020

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar l-elementi fundamentali għal politika ta' koeżjoni tal-UE wara l-2020 (2016/2326(INI))**

(2018/C 331/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu, u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikoli 4, 162, 174 sa 178 u 349 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ([1]) ("ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni"),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1302/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1082/2006 dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) fir-rigward tal-kjarifika, is-simplifikazzjoni u t-titjib għat-twaqqif u l-funzjonament ta' tali raggruppamenti ([5]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 ([6]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([7]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([8]),

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289.
([3]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470.
([4]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259.
([5]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 303.
([6]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 281.
([7]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([8]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2016 bit-titolu "Rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 – Baġit tal-UE iffukat fuq ir-riżultati" (COM(2016)0603),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2015 bit-titolu "Ninvestu f'impjiegi u tkabbir – nimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej" (COM(2015)0639),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 dwar l-investiment f'impjiegi u tkabbir – nimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej: evalwazzjoni tar-rapport skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2016 dwar il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea – l-aħjar prattiki u miżuri innovattivi ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2010 dwar Strateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju ([4]), ir-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u r-rwol tal-makroreġjuni fil-futur tal-politika ta' koeżjoni ([5]), ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2015 dwar Strateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku ([6]), u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2016 dwar Strateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Alpi ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2016 dwar sinerġiji għall-innovazzjoni: il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, Orizzont 2020 u fondi ta' innovazzjoni Ewropej u programmi tal-UE oħra ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2016 dwar "Għodod ġodda għall-iżvilupp territorjali fil-politika ta' koeżjoni 2014-2020: Investiment Territorjali Integrat (ITI) u Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD)" ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2015, "Lejn simplifikazzjoni u orjentament tal-prestazzjoni fil-politika ta' koeżjoni 2014-2020" ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Settembru 2015 dwar "Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi: il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni" ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Settembru 2015 dwar id-dimensjoni urbana tal-politiki tal-UE ([12]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni u r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2012 dwar ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-Istrateġija UE 2020 ([13]) u dik tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-ottimizzazzjoni tal-potenzjal tar-Reġjuni Ultraperiferiċi permezz tal-ħolqien ta' sinerġiji bejn il-fondi strutturali tal-UE u programmi oħra tal-UE ([14]),

---

([1]) Testi adottati, P8_TA(2017)0053.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0321.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2016)0217.
([4]) ĠU C 305 E, 11.11.2010, p. 14.
([5]) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 1.
([6]) Testi adottati, P8_TA(2015)0383.
([7]) Testi adottati, P8_TA(2016)0336.
([8]) Testi adottati, P8_TA(2016)0311.
([9]) Testi adottati, P8_TA(2016)0211.
([10]) Testi adottati, P8_TA(2015)0419.
([11]) Testi adottati, P8_TA(2015)0308.
([12]) Testi adottati, P8_TA(2015)0307.
([13]) ĠU C 258 E, 7.9.2013, p. 1.
([14]) Testi adottati, P7_TA(2014)0133.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2015 dwar il-politika ta' koeżjoni u r-rieżami tal-istrateġija Ewropa 2020 ([1]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli għall-monitoraġġ tas-simplifikazzjoni għall-benefiċjarji tal-Fondi SIE,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport speċjali nru 31 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Infiq ta' mill-inqas euro wieħed minn kull ħamsa mill-baġit tal-UE fuq l-azzjoni klimatika: qed isir xogħol ambizzjuż, iżda hemm riskju serju li ma jkunx suffiċjenti", adottat fil-21 ta' Marzu 2017,

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Diċembru 2015 ([2]) dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 349 TFUE,

— wara li kkunsidra rapport speċjali Nru 19/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: L-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE permezz ta' strumenti finanzjarji – tagħlimiet li għandhom jinsiltu mill-perjodu tal-programm 2007-2013,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-22 ta' Frar 2016 bit-titolu "European Structural and Investment Funds and European Fund for Strategic Investments complementarities – ensuring coordination, synergies and complementarity" (Il-komplementarjetajiet bejn il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi – l-iżgurar tal-koordinament, is-sinerġiji u l-komplementarjetà),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0202/2017),

A. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE toriġina mit-TUE u t-TFUE u tikkostitwixxi espressjoni tas-solidarjetà tal-UE bħala wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-Unjoni, billi ssegwi l-objettiv imsejjes fuq it-Trattat tagħha li tnaqqas id-differenzi reġjonali u tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fost ir-reġjuni kollha fl-UE;

B. billi l-funzjonament tal-UE bħala "għodda ta' konverġenza" waqaf wara l-2008, u dan ikkawża żieda fid-diverġenzi li jeżistu bejn l-Istati Membri u fihom stess, u barra minn hekk żied l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi fl-UE kollha; ifakkar li l-politika ta' koeżjoni fil-livell Ewropew hija effikaċi ħafna, b'mod partikolari fil-promozzjoni ta' diversi forom ta' kooperazzjoni territorjali, u għaldaqstant tibqa' – fid-dimensjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha – politika urġentement neċessarja li tikkombina l-ħtiġijiet speċifiċi ta' territorju mal-prijoritajiet tal-UE u twassal riżultati tanġibbli fuq il-post għaċ-ċittadini kollha;

C. billi l-politika ta' koeżjoni kienet u għadha l-politika ta' investiment ewlenija, b'suċċess kbir u apprezzata ħafna fil-livell tal-UE għall-ġenerazzjoni tal-impjiegi sostenibbli u l-ħolqien ta' tkabbir u kompetittività intelliġenti, sostenibbli u inklużivi wara l-2020, b'mod speċjali fil-kuntest ta' tnaqqis qawwi fl-investimenti pubbliċi u privati f'bosta Stati Membri u l-implikazzjonijiet tal-globalizzazzjoni; ifakkar li l-politika ta' koeżjoni s'issa kellha rwol essenzjali u wriet kapaċità ta' rispons sinifikanti għar-restrizzjonijiet makroekonomiċi;

D. billi l-aħħar riforma tal-politika ta' koeżjoni fl-2013 kienet estensiva u sostanzjali, peress li ffokat fuq il-politika favur approċċ orjentat lejn ir-riżultati, il-konċentrazzjoni tematika, l-effikaċja u l-effiċjenza fuq naħa u l-prinċipji, inklużi s-sħubija, il-governanza f'diversi livelli, l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti u l-approċċi bbażati fuq il-post fuq in-naħa l-oħra;

E. billi l-politika ta' koeżjoni mġedda rriżultat f'bidla fl-enfasi minn politika bbażata fuq proġetti kbar marbuta mal-infrastruttura għal politika intiża biex tistimola l-ekonomija tal-għarfien u l-innovazzjoni

F. billi dawn il-prinċipji għandhom jinżammu u jiġu kkonsolidati wara l-2020 sabiex jiġu żgurati l-kontinwità, il-viżibilità, iċ-ċertezza tad-dritt, l-aċċessibilità u t-trasparenza tal-implimentazzjoni tal-politika;

(1) Testi adottati, P8_TA(2015)0384.
(2) ECLI:EU:C:2015:813

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

G. billi sabiex il-politika ta' koeżjoni tkun ta' suċċess wara l-2020, huwa essenzjali li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji u l-awtoritajiet maniġerjali, li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati tal-politika u l-livelli ta' verifiki u kontrolli biex tiżdied il-proporzjonalità, jiġi introdott d-divrenzjar fl-implimentazzjoni tal-programmi u jiġu ssimplifikati r-regoli u l-proċeduri, peress li attwalment hija meqjusa bħala kumplessa żżejjed;

H. billi dawn l-elementi – flimkien mal-approċċ ta' politika integrata u l-prinċipju ta' sħubija – juru l-valur miżjud tal-politika ta' koeżjoni;

I. billi l-limitazzjonijiet dejjem jiżdiedu kemm fuq il-baġit tal-UE kif ukoll fuq dak nazzjonali u l-konsegwenzi ta' Brexit m'għandhomx iwasslu għall-indeboliment tal-politika ta' koeżjoni tal-UE; jitlob, f'dan il-kuntest, biex in-negozjaturi UE/Renju Unit jirriflettu fuq il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li r-Renju Unit ikompli jipparteċipa fil-programmi ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea;

J. billi l-politika ta' koeżjoni diġà tindirizza firxa wiesgħa ħafna ta' sfidi marbuta mal-objettivi tagħha kif stabbilit fit-Trattati u wieħed ma jistax jistenna li din tindirizza l-isfidi ġodda kollha li l-UE se tħabbat wiċċha magħhom wara l-2020 bl-istess baġit jew b'baġit iċken, għad li l-impatt jaf ikun akbar jekk l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet ikollhom aktar flessibilità biex jirreaġixxu għal sfidi politiċi ġodda;

***Il-valur miżjud tal-politika ta' koeżjoni tal-UE***

1. Jopponi bil-qawwa kwalunkwe xenarju għall-UE27 sal-2025, kif stabbilit fil-White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, li kieku jnaqqas l-isforzi tal-UE b'rabta mal-politika ta' koeżjoni; jistieden lill-Kummissjoni, għall-kuntrarju, tippreżenta proposta leġiżlattiva komprensiva għal politika ta' koeżjoni b'saħħitha u effikaċi għal wara l-2020;

2. Jissottolinja li t-tkabbir u l-konverġenza reġjonali, ekonomika u soċjali ma jistgħux jinkisbu mingħajr governanza tajba, kooperazzjoni, fiduċja reċiproka bejn il-partijiet ikkonċernati kollha u l-involviment effikaċi tas-sħab fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, kif huwa minqux fil-prinċipju ta' sħubija (l-Artikolu 5 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni); itenni li l-arranġament għall-ġestjoni kondiviża tal-politika ta' koeżjoni tal-UE jipprovdi lill-UE b'għodda unika biex tindirizza b'mod dirett l-interessi taċ-ċittadini fir-rigward tal-isfidi interni u esterni; huwa tal-opinjoni li l-ġestjoni konġunta, li hija msejsa fuq il-prinċipju tas-sħubija, il-governanza f'diversi livelli u l-koordinament ta' livelli amminstrattivi differenti, hija ta' importanza sinifikanti biex jiġi żgurat li jkun hemm sjieda u responsabilità għall-implimentazzjoni tal-politika fost il-partijiet ikkonċernati kollha;

3. Jenfasizza l-effetti katalistiċi tal-politika ta' koeżjoni u t-tagħlimiet għall-amministrazzjonijiet, il-benefiċjarji u l-partijiet ikkonċernati; jenfasizza l-approċċ orizzontali u trażversali tal-politika ta' koeżjoni bħala politika intelliġenti, sostenibbli u inklużiva li tipprovdi qafas għall-mobilizzazzjoni u l-koordinament ta' atturi nazzjonali u sottonazzjonali, u għall-involviment dirett tagħhom biex jaħdmu flimkien ħalli jilħqu l-prijoritajiet tal-UE permezz ta' proġetti kkofinanzjati; jitlob, f'dan il-kuntest, biex ikun hemm koordinament u kooperazzjoni ottimali bejn id-DĠ tal-Kummissjoni responsabbli għall-politika ta' koeżjoni u DĠ oħra, kif ukoll mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali;

4. Jiddispjaċih għall-adozzjoni tardiva ta' bosta programmi operattivi u d-deżinjazzjoni tardiva tal-awtorità maniġerjali f'xi Stati Membri tul il-perjodu ta' programmazzjoni attwali; jilqa' l-ewwel sinjali tal-implimentazzjoni aċċellerata tal-programmi operattivi osservati tul l-2016; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli bit-Task Force għal Implimentazzjoni Aħjar bil-għan li tappoġġa l-implimentazzjoni u tidentifika l-kawżi tad-dewmien, u tipproponi mezzi prattiċi u miżuri biex tevita tali problemi fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss; iħeġġeġ bil-qawwa lill-atturi kollha involuti biex ikomplu jtejbu u jaċċelleraw aktar l-implimentazzjoni mingħajr ma jikkawżaw ostakli;

5. Jinnota li n-nuqqasijiet tas-sistema għall-ippjanar u l-implementazzjoni finanzjarji wasslu għall-akkumulazzjoni ta' kontijiet mhux imħallsa u ta' arretrat mingħajr preċedent li ġie riportat mill-aħħar Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għal dak attwali; jappella lill-Kummissjoni sabiex toħroġ b'soluzzjoni strutturata biex issolvi tali problemi qabel jintemm il-QFP attwali u biex twaqqafhom milli jkollhom riperkussjonijiet fil-QFP li jmiss; jissottolinja li l-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament irid jikkorrispondi mal-impenji preċedenti, b'mod speċjali lejn tmiem il-perjodu, meta l-livell tat-talbiet għal pagament mill-Istati Membri għandu tendenza jiżdied b'mod sinifikanti;

6. Jirrikonoxxi li, f'xi Stati Membri, il-prinċipju ta' sħubija wassal għal kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, filwaqt li għad hemm lok għal titjib sabiex jiġi żgurat l-involviment reali u bikri tal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluża s-soċjetà ċivili, bil-għan li jiġi żgurat li jkun hemm aktar responsabilità u viżibilità fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni mingħajr ma jiżdiedu l-piżijiet amministrattivi jew jiġi kkawżat dewmien; jissottolinja li l-partijiet ikkonċernati jenħtieġ ikomplu jkunu involuti f'konformità mal-approċċ ta' governanza f'diversi livelli; huwa tal-opinjoni li l-prinċipju tas-sħubija u l-kodiċi ta' kondotta fil-futur jenħtieġ jissaħħu ulterjorment permezz, perezempju, tal-introduzzjoni ta' rekwiżiti minimi ċari għall-involviment fis-sħubija;

7. Jisħaq li, minkejja li l-politika ta' koeżjoni mmitigat l-impatt tal-kriżi ekonomika u finanzjarja reċenti fl-UE, kif ukoll l-impatt tal-miżuri ta' awsterità, id-differenzi reġjonali, kif ukoll id-differenzi fil-kompetittività u l-inugwaljanzi soċjali, għadhom kbar; jappella għal azzjoni msaħħa biex jitnaqqsu dawn id-differenzi u jiġi impedit l-iżvilupp ta' differenzi ġodda fit-tipi kollha ta' reġjuni, filwaqt li jinżamm u jiġi kkonsolidat is-sostenn għar-reġjuni bil-għan li tiġi ffaċilitata s-sjieda tal-politika f'kull tip ta' reġjun u sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-UE fl-UE kollha; iqis, f'dan il-kuntest, li jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni biex ir-reġjuni jsiru aktar reżiljenti għall-ħasdiet;

8. Josserva li l-kooperazzjoni territorjali fis-suriet kollha tagħha, inklużi l-istrateġiji makroreġjonali, li l-potenzjal tagħhom għad irid jiġi sfruttat bis-sħiħ, tittrasponi l-kunċett tal-kooperazzjoni politika u l-koordinament tar-reġjuni u ċ-ċittadini min naħa ta' fruntiera għal oħra fl-UE; jissottolinja l-valur tal-politika ta' koeżjoni meta jiġu indirizzati l-isfidi inerenti għall-gżejjer, ir-reġjuni transfruntiera u r-reġjuni tat-Tramuntana l-aktar mbiegħda u b'popolazzjoni baxxa, kif previst mill-Artikolu 174 TFUE, ir-reġjuni ultraperiferiċi definiti fl-Artikoli 349 u 355 TFUE li jgawdu minn status speċjali u li l-għodod u l-finanzjament speċifiċi tagħhom għandhom jinżammu sa wara l-2020, u r-reġjuni periferiċi;

9. Jinnota li l-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea hija waħda mill-għanijiet importanti tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2014-2020 li żżid valur miżjud sostanzjali għall-objettivi tal-UE, tħeġġeġ is-solidarjetà bejn ir-reġjuni tal-UE u mal-ġirien tagħha u tiffaċilità l-iskambju ta' esperjenza u t-trasferiment ta' prattika tajba, pereżempju permezz ta' dokumenti standardizzati; jinsisti fuq il-ħtieġa li tkompli ssir ħidma favur il-kooperazzjoni transfruntiera, transnazzjonali u interreġjonali bħala parti mill-għan li tissaħħaħ il-koeżjoni territorjali f'konformità mal-Artikolu 174 tat-TFUE; iqis li din għandha tibqa' strument importanti wara l-2020; jissottolinja, minkejja dan, li l-baġit attwali tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea ma jikkorrispondix mal-isfidi l-kbar li qed iħabbtu wiċċhom magħhom il-programmi Interreg u lanqas ma jappoġġa b'mod effikaċi l-kooperazzjoni transfruntiera; jitlob, għaldaqstant, li fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss ikun hemm baġit miżjud sostanzjalment għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea;

10. Jissottolinja l-importanza tal-programm ta' kooperazzjoni Interreg Europe attwali għall-awtoritajiet pubbliċi Ewropej biex jiffaċilità l-iskambju ta' esperjenza u t-trasferiment ta' prattika tajba; jissuġġerixxi li l-possibilitajiet ta' finanzjament fil-programm ta' kooperazzjoni Interreg Europe li jmiss wara l-2020 jiġu estiżi bil-għan li jkun jista' jsir investiment fil-proġetti pilota fiżiċi u fil-proġetti ta' dimostrazzjoni, filwaqt li jitqies ukoll l-involviment tal-partijiet ikkonċernati fl-Ewropa kollha;

***L-arkitettura tal-politika ta' koeżjoni wara l-2020 – il-kontinwità u l-oqsma fejn jeħtieġ isir titjib***

11. Jissottolinja li l-klassifikazzjoni attwali tar-reġjuni, ir-riformi introdotti, bħall-konċentrazzjoni tematika, u l-qafas ta' prestazzjoni taw prova tal-valur tal-politika ta' koeżjoni; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta ideat għal flessibilità akbar fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE kollu kemm hu; iqis il-ħolqien ta' riżerva bħala opzjoni interessanti f'dan il-kuntest biex jiġu indirizzati avvenimenti kbar mhux previsti tul il-perjodu ta' programmazzjoni u biex tiġi ffaċilitata r-riprogrammazzjoni tal-programmi operattivi bil-għan li l-investimenti FSIE jiġu adattati għall-ħtiġijiet mutevoli ta' kull reġjun, kif ukoll biex jiġu indirizzati l-effetti tal-globalizzazzjoni fil-livell reġjonali u lokali mingħajr ma, minkejja dan, jintlaqtu b'mod negattiv l-investimenti tal-politika ta' koeżjoni jew l-orjentazzjoni strateġika, l-objettivi fit-tul u ċ-ċertezza tal-ippjanar u l-istabilità tal-programmi pluriennali għall-awtorità lokali;

12. Jirrikonoxxi l-valur tal-kondizzjonalitajiet ex ante, b'mod partikolari l-kondizzjonalità dwar l-Istrateġiji dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti (RIS3), li jkomplu jappoġġaw il-programmazzjoni strateġika tal-Fondi SIE u wasslu għal żieda fl-orjentazzjoni lejn ir-riżultati; jinnota li l-kondizzjonalitajiet ex ante jippermettu lill-FSIE jappoġġaw b'mod effikaċi l-għanijiet tal-Ewropa wara l-2020, mingħajr preġudizzju għall-objettivi tal-politika ta' koeżjoni, kif stabbiliti fit-Trattat;

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

13. Jopponi l-kundizzjonalitajiet makroekonomiċi u jenfasizza li r-rabta bejn il-politika ta' koeżjoni u l-proċessi ta' governanza ekonomika fis-Semestru Ewropew u trid tkun ibbilanċjata, reċiproka u nonpunittiva fir-rigward tal-partijiet kollha interessati; jappoġġa rikonoxximent ulterjuri tad-dimensjoni territorjali li jaf ikun tkun ta' benefiċċju għas-Semestru Ewropew, jiġifieri l-governanza ekonomika u l-objettivi tal-politika ta' koeżjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, kif ukoll it-tkabbir sostenibbli, l-impjieg u l-protezzjoni ambjentali, għandhom jitqiesu b'approċċ ekwilibrat;

14. Jemmen, fid-dawl tal-fatt li l-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni huwa intiż biex jagħti spinta lill-investiment, it-tkabbir u l-impjieg fl-UE kollha, li l-Kummissjoni għandha tesplora, fis-7 Rapport dwar il-Koeżjoni, u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-gvernijiet tal-Istati Membri, kif tindirizza l-impatt ta' dawn l-investimenti fuq id-defiċit tal-baġit ta' dawn il-gvernijiet;

15. Josserva li ż-żieda fil-kapaċitajiet amministrattivi u istituzzjonali – u għaldaqstant it-tisħiħ tal-aġenziji nazzjonali u reġjonali għas-sostenn tal-investimenti – fil-qasam tal-programmazzjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi operattivi, kif ukoll il-kwalità tat-taħriġ professjonali fl-Istati Membri u r-reġjuni, hija kruċjali biex ir-riżultati tal-politika ta' koeżjoni tkun f'waqtha u ta' suċċess u bil-għan li tintlaħaq konverġenza lejn standards ogħla; jisħaq, f'dan il-kuntest, fuq l-importanza tal-inizjattiva Taiex Regio Peer 2 Peer li ttejjeb il-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali u tipproduċi riżultati aħjar għall-investimenti tal-UE;

16. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi ssimplifikata s-sistema ta' ġestjoni tal-politika ta' koeżjoni fil-livelli ta' governanza kollha, billi jiġu ffaċilitati l-ipprogrammar, il-ġestjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi operattivi, bil-għan li din issir aktar aċċessibbli, flessibli u effikaċi; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-ġlieda kontra l-gold-plating fl-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni żżid il-possibilitajiet għall-koeżjoni elettronika u t-tipi speċifiċi ta' nefqa, bħal skala standard ta' spejjeż għal kull unità u ammonti b'rata fissa taħt ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, u tintroduċi pjattaforma diġitali jew one-stop shops għall-informazzjoni għall-applikanti u l-benefiċjarji; jappoġġa l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li ġew adottati s'issa mill-"Grupp ta' Livell Għoli għall-monitoraġġ tas-simplifikazzjoni għall-benefiċjarji tal-Fondi SIE", u jħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw dawk ir-rakkomandazzjonijiet;

17. Jitlob lill-Kummissjoni tirrifletti dwar soluzzjonijiet ibbażati fuq il-proporzjonalità u d-diverenzjar fl-implimentazzjoni tal-programmi, ibbażati fuq ir-riskju, kriterji objettivi u inċentivi pożittivi għall-programmi, l-iskala u l-kapaċità amministrattiva tagħhom, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-bosta livelli ta' awditjar, li għandhom jiffokaw fuq il-ġlieda kontra l-irregolaritajiet, b'mod partikolari l-frodi u l-korruzzjoni, u l-għadd ta' kontrolli, biex tintlaħaq aktar armonizzazzjoni bejn il-politika ta' koeżjoni, il-politika ta' kompetizzjoni u politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari r-regoli tal-għajnuna mill-Istat, li japplikaw għal-Fondi SIE iżda mhux lill-FEIS jew Orizzont 2020, kif ukoll għal dak li jikkonċerna l-possibilità li jkun hemm sett wieħed ta' regoli għall-Fondi SIE kollha bil-għan li l-finanzjament isir aktar effiċjenti filwaqt illi jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' kull Fond;

18. Jitlob lill-Kummissjoni, bil-għan li ssir simplifikazzjoni reali, u bi qbil mal-awtorità maniġerjali tal-programmi nazzjonali u reġjonali, biex tfassal pjan fattibbli ħalli r-reġim tal-ispejjeż issemplifikati jiġi estiż għall-FEŻR, anki f'dak li jikkonċerna l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-proposta għal regolament biex jiġu emendati r-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit – l-hekk imsejjaħ regolament Omnibus;

19. Jemmen li l-għotjiet għandhom jibqgħu l-bażi għall-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni; jinnota, madankollu, ir-rwol dejjem akbar tal-istrumenti finanzjarji; josserva li s-self, l-ekwità jew il-garanziji jista' jkollhom rwol komplementari, iżda dawn għandhom jintużaw b'kawtela, abbażi ta' valutazzjoni ex ante xierqa, u l-għotjiet għandhom ikunu kkomplementati biss f'każijiet meta dawn l-istrumenti finanzjarji juru valur miżjud u jista' jkollhom effett ta' lieva billi jattiraw sostenn finanzjarju addizzjonali, filwaqt li jitqiesu d-differenzi reġjonali u d-diversità tal-prattiki u l-esperjenzi;

20. Jisħaq fuq l-importanza li tingħata assistenza mill-Kummissjoni, il-BEI u l-Istati Membri lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji innovattivi permezz ta' pjattaformi bħal Fi-compass jew billi jipprovdu inċentivi għall-benefiċjarji; ifakkar li dawn l-istrumenti mhumiex adegwati għat-tipi kollha ta' interventi taħt il-politika ta' koeżjoni; huwa tal-opinjoni li r-reġjuni kollha, fuq bażi volontarja, għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji skont il-ħtiġijiet tagħhom; jopponi ruħu, madankollu, għall-objettivi kwantitattivi vinkolanti għall-użu tal-istrumenti finanzjarji, u jissottolinja l-punt li l-użu dejjem jiżdied tal-istrumenti finanzjarji m'għandux iwassal għal tnaqqis tal-baġit tal-UE b'mod ġenerali;

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

21. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura sinerġiji u komunikazzjoni aħjar bejn il-Fondi SIE u fondi u programmi oħra tal-Unjoni, inkluż il-FEIS, u tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet li jagħmlu użu minn diversi fondi; jisħaq fuq il-punt li l-FEIS m'għandux jimmina l-koerenza strateġika, il-konċentrazzjoni territorjali u l-perspettiva fit-tul tal-ipprogrammar tal-politika ta' koeżjoni, u la għandu jieħu post jew jeskludi l-għotjiet u lanqas jimmira li jissostitwixxi jew inaqqas il-baġit tal-FEIS; jinsisti fuq l-addizzjonalità reali tar-riżorsi tiegħu; jitlob l-istabbiliment ta' delimitazzjonijiet ċari bejn il-FEIS u l-politika ta' koeżjoni, u li jingħataw opportunitajiet biex dawn ikunu jistgħu jiġu kkombinati u użati mingħajr ma jitħalltu, peress li, bis-saħħa ta' dan, l-istruttura tal-finanzjament issir aktar attraenti, bil-għan li jsir użu tajjeb mir-riżorsi skarsi tal-UE; jemmen li hija meħtieġa armonizzazzjoni tar-regoli għal operazzjonijiet li jagħmlu użu minn diversi fondi, kif ukoll strateġija ta' komunikazzjoni ċara dwar il-possibilitajiet ta' finanzjament eżistenti; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, tiżviluppa sett ta' għodod għall-benefiċjarji;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti fuq l-iżvilupp ta' sett addizzjonali ta' indikaturi li jikkomplementaw l-indikatur tal-PDG, li għadu l-metodu leġittimu u affidabbli ewlieni għall-allokazzjoni tal-Fondi SIE b'mod ġust; jemmen li l-Indiċi ta' Progress Soċjali jew indikatur demografiku għandhom jiġu evalwati u meqjusa f'dan il-kuntest, bil-għan li tiġi pprovduta stampa komprensiva tal-iżvilupp reġjonali; iqis li tali indikaturi jistgħu jagħtu rispons aħjar għat-tipi kollha ta' inugwaljanza li qed jinħolqu bejn ir-reġjuni tal-UE; jisħaq, barra minn hekk, fuq ir-rilevanza tal-indikaturi tal-eżitu biex tissaħħaħ l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati u l-prestazzjoni tal-politika;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tqis miżuri mmirati biex isolvu l-kwistjoni tal-finanzjament nazzjonali tal-proġetti ta' politika ta' koeżjoni fid-dawl tal-problema li qed iħabbtu wiċċhom magħha l-awtoritajiet lokali u reġjonali fi Stati Membri ċċentralizzati ħafna li m'għandhomx biżżejjed kapaċitajiet fiskali u finanzjarji u li jgħaddu minn diffikultajiet kbar fi proġetti kkofinanzjati, u spiss anki fit-tħejjija tad-dokumentazzjoni marbuta mal-proġetti, minħabba nuqqas ta' riżorsi finanzjarji disponibbli, u dan jostakola l-użu sħiħ tal-politika ta' koeżjoni;

24. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis il-possibilità li tuża l-livell NUTS III bħala klassifikazzjoni tar-reġjuni fil-politika ta' koeżjoni għal ċerti prijoritajiet magħżula;

***Oqsma ta' politika ewlenin għall-politika ta' koeżjoni wara l-2020***

25. Jisħaq fuq l-importanza tal-FSE, il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, speċjalment fil-ġlieda kontra l-qgħad fit-tul u l-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-Unjoni, li jinsabu f'livell storikament għoli, b'mod partikolari f'reġjuni anqas żviluppati, reġjuni ultraperiferiċi u r-reġjuni li ntlaqtu l-aktar mill-kriżi; jenfasizza r-rwol ewlieni li għandhom l-SMEs fil-ħolqien tal-impjiegi – fid-dawl tal-fatt li dawn jikkostitwixxu 80 % tal-impjiegi fl-Unjoni – fil-promozzjoni ta' setturi innovattivi bħalma huma l-ekonomija diġitali u l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju;

26. Jemmen li l-politika ta' koeżjoni għal wara l-2020 għandha tkompli tieħu ħsieb il-persuni vulnerabbli u emarġinati, tindirizza l-inugwaljanzi li kulma jmur qegħdin jiżdiedu u tibni s-solidarjetà; jinnota l-impatt pożittiv f'dak li jikkonċerna l-valur miżjud soċjali u okkupazzjonjali tal-investimenti fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-kultura; josserva, barra minn hekk, il-ħtieġa li tinżamm l-inklużjoni soċjali, inkluż l-infiq tal-FSE, ikkomplementata mill-investimenti FEŻR f'dak il-qasam;

27. Jissuġġerixxi li jsir użu aħjar mill-Fondi SIE sabiex jiġu indirizzati kemm it-tibdil demografiku kif ukoll il-konsegwenzi reġjonali u lokali tiegħu; huwa tal-opinjoni li f'reġjuni li qed iħabbtu wiċċhom ma' sfidi, bħad-depopolazzjoni, il-Fondi SIE għandhom ikunu mmirati bl-aħjar mod biex joħolqu l-impjiegi u t-tkabbir;

28. Jinnota l-importanza dejjem tiżdied tal-Aġenda Territorjali u tas-sħubijiet ta' suċċess bejn iż-żoni rurali u urbani, kif ukoll ir-rwol eżemplari tal-bliet intelliġenti bħala mikrokosmi u katalisti għal soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi reġjonali u lokali;

29. Jilqa' l-Patt ta' Amsterdam u r-rikonoxximent akbar li ngħata lir-rwol tal-bliet u taż-żoni urbani fit-tfassil tal-politiki Ewropej, u jitlob implimentazzjoni effikaċi tal-metodu ta' ħidma kooperattiv permezz tas-sħubijiet previsti mill-Patt; jistenna li r-riżultati jiġu inkorporati fil-politiki futuri tal-UE għal wara l-2020;

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

30. Jissottolinja d-dimensjoni urbana mtejba tal-politika ta' koeżjoni fl-għamla ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għall-iżvilupp urban sostenibbli u għal azzjonijiet innovattivi urbani; iqis li wara l-2020 dan għandu jiġi żviluppat ulterjorment u msaħħaħ mil-lat finanzjarju, u li s-sottodelega ta' kompetenzi għal livelli inferjuri għandha tiġi msaħħa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ttejjeb il-koordinament bejn diversi miżuri mmirati lejn il-bliet biex jittejjeb is-sostenn dirett lill-gvernijiet lokali fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni billi tipprovdi finanzjament u strumenti maħsuba apposta għall-iżivlupp territorjali; jenfasizza r-rwol futur tal-għodod ta' żvilupp territorjali, bħall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità u l-investimenti territorjali integrati;

31. Jappoġġa l-impenji tal-UE fil-kuntest tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima; ifakkar, f'dan il-kuntest, l-għan appoġġat mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE li jintefaq minn tal-anqas 20 % tal-baġit tal-UE fuq azzjoni marbuta mat-tibdil fil-klima, u jissottolinja li l-Fondi SIE għandhom rwol ewlieni f'din id-direzzjoni u għandhom ikomplu jintużaw b'mod effikaċi kemm jista' jkun għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament, kif ukoll għall-ekonomiji ekoloġiċi u l-enerġiji rinnovabbli; iqis li huwa neċessarju li tittejjeb is-sistema ta' monitoraġġ u traċċar għall-infiq għall-klima; jenfasizza l-potenzjal tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea f'dan ir-rigward, kif ukoll ir-rwol tal-bliet u r-reġjuni fil-kuntest tal-Aġenda Urbana;

32. Jinnota li r-RIS3 ssaħħaħ l-ekosistemi ta' innovazzjoni reġjonali; jisħaq fuq il-punt li l-iżvilupp għar-riċerka, l-innovazzjoni għandu jibqa' jkollu rwol prominenti biex l-UE tkun tista' tikkompeti fil-livell globali; iqis li l-mudell ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti għandu jsir wieħed mill-approċċi ewlenin tal-politika ta' koeżjoni għal wara l-2020 billi jħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn reġjuni differenti, bejn ż-żoni urbani u rurali u jsaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku tal-UE, u dan billi joħloq sinerġiji bejn r-RIS3 transnazzjonali u r-raggruppamenti ta' livell dinji; ifakkar fil-proġett pilota eżistenti "Triq lejn l-Eċċellenza" (S2E — Stairway to Excellence), li jkompli jipprovdi sostenn lir-reġjuni fl-iżvilupp u l-isfruttament tas-sinerġiji bejn l-FSIE, Orizzont 2020 u progetti ta' finanzjament oħra tal-UE; huwa tal-fehma, għaldaqstant, li jridu jsiru sforzi ulterjuri biex jiġu mmassimizzati s-sinerġiji bil-għan li jiġu msaħħa ulterjorment l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti u l-innovazzjoni wara l-2020;

33. Jissottolinja li ż-żieda fil-viżibilità tal-politika ta' koeżjoni hija essenzjali għall-ġlieda kontra l-ewroxettiċiżmu u tista' tikkontribwixxi biex terġa' tintrebaħ il-fiduċja taċ-ċittadini; jenfasizza li, bil-għan li tittejjeb il-viżibilità tal-Fondi SIE, għandha ssir enfasi akbar fuq il-kontenut u r-riżultati tal-programmi tagħhom, permezz ta' approċċ minn fuq għal isfel kif ukoll minn isfel għal fuq li jippermetti l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u l-benefiċjarji li jistgħu jaġixxu bħala mezz effikaċi għat-tixrid tal-kisbiet tal-politika ta' koeżjoni; iħeġġeġ, barra minn hekk, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-bliet biex jikkomunikaw b'mod aktar effiċjenti kemm dwar ir-riżultati li jistgħu jitkejlu tal-politika ta' koeżjoni li jġibu magħhom valur miżjud għall-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadin tal-UE; jappella biex l-attivitajiet ta' komunikazzjoni fil-kuntest ta' baġit speċifiku fl-ambitu tal-assistenza teknika għandhom ikomplu, jekk xieraq, sa wara l-konklużjoni ta' proġett meta r-riżultati tiegħu isiru viżibbli b'mod ċar;

### *X'inhuma l-prospetti?*

34. Jappella biex it-trawwim tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u s-solidarjetà fl-UE u l-orjentazzjoni tal-finanzjament tal-UE lejn it-tkabbir, l-impjieg u l-kompetittività jkunu prijorità tal-aġenda tal-UE; jappella wkoll biex issir ġlieda kontra d-differenzi reġjonali, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll kontra d-diskriminazzjoni; iqis li, flimkien mal-għanijiet minquxa fit-Trattati, il-politika ta' koeżjoni għandha tkompli sservi bħala għodda biex jintlaħqu l-objettivi politiċi tal-UE, biex b'hekk jikkontribwixxu wkoll biex ikun hemm aktar konsapevolezza tar-riżultati tagħha u tibqa' l-politika ta' investiment ewlenija tal-Unjoni disponibbli għar-reġjuni kollha;

35. Itenni li wasal iż-żmien biex titħejja l-politika ta' koeżjoni tal-UE wara l-2020 bil-għan li tiġi varata b'mod effikaċi fil-bidu nett tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid; jitlob, għaldaqstant, biex it-tħejjija min-naħa tal-Kummissjoni tal-qafas leġiżlattiv ġdid tibda fi żmien debitu, jiġifieri eżatt wara l-preżentazzjoni u t-traduzzjoni fil-lingwi uffiċjali kollha tal-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP li jmiss; jitlob, barra minn hekk, l-adozzjoni f'waqtha tal-proposti leġiżlattivi kollha għall-politika ta' koeżjoni futura, u gwida dwar il-ġestjoni u l-kontroll qabel il-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid, mingħajr ebda effett retroattiv; jissottolinja li l-implimentazzjoni mdewma tal-programmi operattivi taffettwa l-effiċjenza tal-politika ta' koeżjoni;

36. Jinnota li n-nukleu tal-qafas leġiżlattiv tal-politika ta' koeżjoni attwali għandu jinżamm wara l-2020 b'politika rfinata, imsaħħa, faċilment aċċessibbli u orjentata lejn ir-riżultati, u li ċ-ċittadini għandhom jingħataw informazzjoni aħjar dwar il-valur miżjud tal-politika;

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

37. Jisħaq, fid-dawl tal-proposta tal-Kummissjoni 2016/0282(COD), fuq il-punt li l-akkoljenza ta' migranti u rifuġjati li jinsabu taħt protezzjoni internazzjonali, kif ukoll l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom, jirrikjedu approċċ transnazzjonali koerenti, li għandu jiġu indirizzat ukoll permezz tal-politika ta' koeżjoni attwali u futura tal-UE;

38. Josserva l-importanza tal-istabilità fir-regoli; jappella lill-Kummissjoni biex, meta tkun qed tfassal id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni għall-politika ta' koeżjoni taħt il-QFP li jmiss, tagħmel l-iċken ammont ta' tibdiliet possibbli; jinsab konvint dwar il-ħtieġa li s-sehem tal-baġit tal-UE għall-politika ta' koeżjoni wara l-2020 jinżamm f'livell adegwat, jekk mhux saħansitra miżjud, fid-dawl tal-isfidi interni u esterni kumplessi li l-politika ser ikollha tindirizza biex tlaħħaq l-objettivi tagħha; iqis li din il-politika ma tista' tiddgħajjef fl-ebda ċirkostanza, inkluż Brexit, u li jkun tajjeb li fil-ġejjieni is-sehem tagħha tal-baġit totali tal-UE ma jitnaqqasx minħabba d-devjazzjoni ta' riżorsi għal sfidi ġodda; jissottolinja, barra minn hekk, in-natura pluriennali tal-politika ta' koeżjoni u jitlob li l-perjodu ta' programmazzjoni ta' seba' snin tagħha jinżamm jew li jiġi introdott perjodu ta' programmazzjoni ta' 5+5 snin b'reviżjoni ta' nofs it-terminu obbligatorja;

39. Jitlob l-allokazzjoni rapida tar-riżerva ta' prestazzjoni; jinnota li ż-żmien bejn il-prestazzjoni u r-rilaxx tar-riżerva huwa twil wisq, u għaldaqstant inaqqas l-effikaċja tar-riżerva; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippermetti lill-Istati Membri jagħmlu użu mir-riżerva ta' prestazzjoni malli jiġi ffinalizzat ir-rieżami;

40. Josserva, f'dan il-kuntest, li l-aġenda diġitali, inkluż l-għoti tal-infrastruttura meħtieġa u s-soluzzjonijiet teknoloġiċi avvanzati, għandha tkun prijorità fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari fil-perjodu ta' finanzjament li jmiss; jinnota li l-iżviluppi fis-settur tat-telekomunikazzjoni jrid fi kwalunkwe każ ikun akkumpanjat minn taħriġ adegwat, li għandu jkun appoġġat ukoll mill-politika ta' koeżjoni;

o

o o

41. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Istati Membri u l-parlamenti tagħhom u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0255

# L-istat tal-istokkijiet tal-ħut u s-sitwazzjoni soċjoekonomika tas-settur tas-sajd fil-Mediterran

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar l-istat tal-istokkijiet tal-ħut u s-sitwazzjoni soċjoekonomika tas-settur tas-sajd fil-Mediterran (2016/2079(INI))**

(2018/C 331/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]) (Ir-Regolament CFP),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 ([3]);

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (Ir-Regolament IUU), li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 ([4]) (Ir-Regolament IUU),

— wara li kkunsidra l-istrateġija ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) (2017-2020), li timmira għas-sostenibbiltà tas-swieq tal-ħut tal-Mediterran u tal-Baħar l-Iswed,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li timplimenta l-Ftehim konkluż bejn il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea (COGECA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF), u l-Assoċjazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd (EUROPÊCHE) tal-21 ta' Mejju 2012 kif emendat fit-8 ta' Mejju 2013 li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ([5]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tan-NU adottata mill-Assemblea Ġenerali fil-25 ta' Settembru 2015, intitolata "Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli",

— wara li kkunsidra l-Konferenza Reġjonali dwar "Building a future for sustainable small-scale fisheries in the Mediterranean and the Black Sea" (Nibnu futur għal sajd sostenibbli fuq skala żgħira fil-Mediterran u l-Baħar l-Iswed" li saret fl-Alġier, l-Alġerija 7-9 ta' Marzu 2016,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0179/2017),

A. billi l-Mediterran, bis-17 000 speċi marittima tiegħu, huwa wieħed mill-postijiet ewlenin fid-dinja għall-bijodiversità; billi għalhekk jeħtieġ li jittieħed approċċ multispeċi meta tittieħed deċiżjoni dwar kif għandu jiġi ġestit;

---

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.
([2]) ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.
([3]) ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11.
([4]) ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.
([5]) Testi adottati, P8_TA(2016)0343.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

B. billi, fil-komunikazzjoni tagħha intitolata "Konsultazzjoni dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 skont il-Politika Komuni tas-Sajd" (COM(2016)0396), il-Kummissjoni ssostni li fil-Mediterran is-sajd żejjed għadu prevalenti u jenħtieġu miżuri urġenti biex titranġa din is-sitwazzjoni; billi f'dan id-dokument il-Kummissjoni tesprimi tħassib minħabba li ħafna mill-ispeċijiet ivvalutati qed jiġu mistada f'livell ogħla sew mill-istimi fl-objettiv tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY);

C. billi l-Mediterran irid jilqa' l-isfida kbira li jintlaħaq l-għan li b'mod progressiv jiġu rrestawrati u jinżammu l-popolazzjonijiet tal-istokkijiet tal-ħut 'il fuq mil-livelli ta' bijomassa li kapaċi jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli sa mhux aktar tard mill-2020 għall-ispeċijiet kollha; billi din l-isfida teħtieġ il-parteċipazzjoni u l-impenn ta' pajjiżi li mhumiex fl-UE; billi l-livell ġenerali ta' sajd eċċessiv fil-Baċin tal-Mediterran jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għal darbtejn sa tliet darbiet aktar mil-livell tal-FMSY; billi, minkejja l-isforzi konsiderevoli li saru kemm fil-livell tal-UE kif ukoll barra l-UE biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tas-settur tas-sajd u l-konformità magħha, aktar minn 93 % tal-ispeċijiet ivvalutati fil-Mediterran għadhom meqjusa soġġetti għal sajd eċċessiv;

D. billi s-sajd f'dan ir-reġjun huwa ta' importanza soċjoekonomika kbira għall-popolazzjonijiet kostali; billi s-settur jimpjega mijiet ta' eluf ta' nies, inkluż permezz tas-settur tal-ipproċessar sekondarju, b'numru sostanzjali ta' nisa, b'mod partikolari, li jiddependu fuq is-sajd għal impjieg; billi l-Mediterran jagħti kontribut vitali biex jipproteġi s-sigurtà tal-ikel, b'mod partikolari għall-aktar popolazzjonijiet vulnerabbli tar-reġjun; billi s-sajd joffri mezz biex jissupplimenta d-dħul u l-provvisti tal-ikel u jikkontribwixxi għall-istabbiltà reġjonali;

E. billi l-Baħar Mediterran huwa affettwat minn firxa ta' fatturi – bħat-tniġġis ikkawżat mit-trasport marittimu – li, flimkien mas-sajd, għandhom impatt fuq is-saħħa tal-istokkijiet tal-ħut;

F. billi s-sajd fuq skala żgħira (SSF) jammonta għal 80 % tal-flotot u 60 % tal-impjiegi fil-baċin tal-Mediterran; billi hija ħasra li ma hemm l-ebda definizzjoni bi qbil komuni tal-SSF fil-livell Ewropew, għalkemm dan huwa xogħol diffiċli minħabba l-varjetà ta' speċifiċitajiet u karatteristiċi fl-ekosistema tal-baħar u s-settur tas-sajd; billi "sajd kostali fuq skala żgħira" huwa formalment definit għall-iskopijiet tal-Fond Ewropew għas-Sajd (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006) biss bħala "sajd imwettaq minn bastimenti tas-sajd b'tul globali ta' inqas minn 12-il metru u li ma jużawx tagħmir irmunkat tas-sajd" (bħal xbieki tat-tkarkir); billi d-definizzjoni tas-sajd fuq skala żgħira jenħtieġ li tqis firxa ta' karatteristiċi nazzjonali u reġjonali;

G. billi, fil-laqgħa ta' livell għoli dwar l-istatus tal-istokkijiet fil-Mediterran li saret f'Katanja fi Frar 2016, intlaħaq ftehim dwar il-ħtieġa urġenti biex dawn ix-xejriet negattivi jitreġġgħu lura, u ġiet rikonoxxuta l-isfida kbira li jiġu rrestawrati u jinżammu l-popolazzjonijiet tal-istokkijiet tal-ħut 'il fuq mil-livelli ta' bijomassa li kapaċi jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, filwaqt li jikkonformaw mal-obbligu tas-CFP relatat mal-MSY għall-ispeċijiet kollha sa mhux aktar tard mill-2020;

H. billi, minbarra s-sajd żejjed, il-Baħar Mediterran qed iħabbat wiċċu ma' għadd ta' sfidi, li l-biċċa kbira minnhom jistgħu jiġu attribwiti għal żoni kostali b'densità għolja tal-popolazzjoni (eċċess ta' nutrijenti, sustanzi li jniġġsu, l-alterazzjonijiet tal-ħabitat u tax-xtut) iżda wkoll għat-trasport marittimu u l-isfruttament żejjed tar-riżorsi, inkluż l-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass, fost oħrajn; billi, barra minn hekk, il-Mediterran huwa vulnerabbli ħafna għat-tibdil fil-klima li flimkien ma' traffiku marittimu intensiv, qed jiffavorixxi l-introduzzjoni u l-istabbiliment ta' speċijiet invażivi ġodda;

I. billi l-impossibbiltà tal-użu ta' rkaptu u tekniki speċifiċi – li huma aktar aċċettabbli u li għandhom impatt iżgħar fuq l-istatus ta' stokkijiet fil-periklu – għandha effett serju fuq il-vijabbiltà tal-komunitajiet kostali u ta' gżejjer diġà marġinalizzati, tfixkel l-iżvilupp u tikkawża żieda fid-depopolazzjoni;

J. billi l-komunitajiet tal-kosta fl-Istati Membri Mediterranji huma dipendenti ħafna fuq is-sajd u b'mod speċjali fuq l-SSF, u għalhekk huma fil-periklu minħabba n-nuqqas ta' sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut;

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

K. billi hemm numru kbir ta' komunitajiet kostali fl-UE li huma dipendenti ħafna fuq l-attivitajiet tas-sajd tradizzjonali, artiġjanali u fuq skala żgħira fil-Baċin tal-Baħar Mediterran;

L. billi s-sajd rikreattiv huwa ta' valur soċjoekonomiku f'ħafna reġjuni tal-Mediterran u għandu kemm impatt dirett kif ukoll indirett fuq l-impjiegi;

M. billi hemm bżonn li jittieħed kont tar-rwol li s-sajd rikreattiv għandu fir-rigward tal-istat tal-istokkijiet fiż-żona tal-Mediterran;

1. Jenfasizza l-importanza li jiġu infurzati b'mod komprensiv, fuq tul ta' żmien qasir, il-miri u l-miżuri stipulati fil-PKS, u l-abbozzar fil-ħin u l-implimentazzjoni effettiva tal-pjanijiet ta' ġestjoni pluriennali f'konformità mal-approċċ li jiffoka fuq ir-reġjonalizzazzjoni u l-multipliċità tal-ispeċi; jenfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jintlaħaq l-għan ta' Qagħda Ambjentali Tajba (GES) stabbilit mid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (Direttiva 2008/56/KE), filwaqt li jitqies li l-miżuri tal-ġestjoni tas-sajd jenħtieġ li jiġu deċiżi fil-kuntest tal-PKS;

2. Huwa tal-fehma li l-Mediterran jenħtieġ li jibqa' jingħata trattament differenzjali meta mqabbel mal-bqija tal-baċini tal-baħar skont il-PKS, peress li ħafna minnu jinkludi ilmijiet internazzjonali li fihom il-pajjiżi terzi għandhom rwol deċiżiv fir-rigward l-istat tal-istokkijiet;

3. Jikkunsidra li tenħtieġ b'mod urġenti tweġiba li tkun kollettiva, ibbażata fuq il-kooperazzjoni internazzjonali, Ewropea, nazzjonali u reġjonali li tkun fuq diversi livelli; iqis li l-partijiet interessati relevanti kollha, inklużi s-sajjieda professjonali u dilettanti, l-industrija tas-sajd, is-sajd tradizzjonali u artiġjanali fuq skala żgħira, ix-xjenzati, l-organizzazzjonijiet reġjonali, il-maniġers ta' nħawi marini protetti, it-trejdunjins u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, għandhom ikunu involuti fi proċess inklużiv u minn isfel għal fuq; jenfasizza r-rwol strateġiku li għandu l-Kunsill Konsultattiv tal-Mediterran f'dan il-kuntest;

4. Jenfasizza li mingħajr l-għarfien, l-appoġġ sħiħ u l-involviment tal-komunitajiet tal-kosta, li jeħtiġilhom jiġu informati dwar il-perikli li jiġu eżawriti l-istokkijiet u l-ispeċijiet għall-futur soċjoekonomiku tagħhom, il-miżuri u r-regolamenti ta' ġestjoni mhux se jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom;

5. Jinnota li m'hemm l-ebda definizzjoni komuni, dettaljata għal sajd fuq skala żgħira u artiġjanali; jenfasizza li definizzjonijiet bħal dawn huma meħtieġa fil-livell tal-UE malajr kemm jista' jkun, għall-użu f'azzjoni politika ulterjuri;

6. Isostni li fil-qasam tas-sajd, it-tfassil tal-politika għandu jkun tali li jippermetti lis-sajjieda u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, it-trejdunjins, il-Gruppi ta' Azzjoni tal-Kosta u l-komunitajiet lokali jkunu involuti fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u jagħmlu parti integrali minnu, skont il-prinċipju tar-reġjonalizzazzjoni tal-PKS, u jkun jinkludi pajjiżi terzi fuq ix-xtut tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Mediterran; jenfasizza li huwa biss billi jinħolqu kundizzjonijiet ġusti, bilanċjati u ekwi għall-pajjiżi kollha involuti u għall-operaturi kollha tas-sajd fil-Mediterran li jkun possibbli li jiġu żgurati riżorsi tas-sajd b'saħħithom u sajd sostenibbli u ta' qligħ, u għalhekk li jinżammu l-livelli attwali ta' impjiegi u idealment jinħolqu aktar impjiegi fis-settur tas-sajd; jenfasizza r-rwol importanti ta' sħab soċjali b'saħħithom u indipendenti fis-settur tas-sajd, kif ukoll ta' djalogu soċjali istituzzjonalizzat u l-parteċipazzjoni tal-impjegati fil-kwistjonijiet tal-kumpaniji;

7. Jinnota li l-PKS tipprovdi inċentivi, inklużi opportunitajiet ta' sajd, għal sajd li jsir b'mod selettiv u b'mod li jiżgura impatt limitat fuq l-ekosistema tal-baħar u riżorsi tas-sajd; jisħaq, f'dak ir-rispett, fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri japplikaw kriterji trasparenti u oġġettivi, inklużi kriterji ambjentali, soċjali u ekonomiċi (Artikolu 17 tar-Regolament dwar il-PKS); iħeġġeġ li għandhom isiru sforzi f'din id-direzzjoni biex jiġi żgurat li jingħataw aktar inċentivi u aċċess preferenzjali għaż-żoni tas-sajd kostali għall-flotot fuq skala żgħira (artiġjanali u tradizzjonali) jekk jistadu b'mod selettiv u b'mod li jkollu impatt limitat; jenfasizza l-importanza li jiġu kkonsultati l-komunitajiet tal-kosta kkonċernati;

8. Josserva li l-influwenza tas-sajd rikreattiv fuq l-istokkijiet u l-potenzjal soċjoekonomiku tiegħu fil-Mediterran ma ġewx studjati biżżejjed; iqis li, fil-futur, jenħtieġ li tinġabar data dwar in-numru ta' sajjieda rikreattivi, il-volum tal-qabdiet tagħhom u l-valur miżjud minnhom f'komunitajiet kostali;

9. Jinnota li s-sajd rikreattiv għandu dħul ekonomiku għoli għall-komunitajiet lokali, permezz ta' attivitajiet bħat-turiżmu, u għandu impatt ambjentali żgħir u għalhekk jenħtieġ li jitħeġġeġ;

10. Iqis li huwa essenzjali li jiġi ddefinit is-sajd kostali, is-sajd kostali fuq skala żgħira u s-sajd tradizzjonali f'konformità mal-karatteristiċi soċjoekonomiċi filwaqt li jiġi applikat approċċ reġjonali;

11. Jenfasizza li s-sajd kostali juża rkapti u tekniki tradizzjonali li, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom jiddefinixxu l-identità u l-mod ta' ħajja tar-reġjuni kostali, u li huwa għalhekk vitali li jiġi ppreservat l-użu tagħhom u jiġu protetti bħala element ta' wirt kulturali, storiku u tradizzjonali;

12. Iqis li, fil-kuntest tar-reġjonalizzazzjoni, u filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' kull tip ta' sajd, jenħtieġ li jiġu permessi ċerti derogi ġustifikati rigward l-użu ta' rkaptu u tekniki tas-sajd speċifiċi;

13. Jenfasizza li, skont l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO), jenħtieġ li jiġi applikat approċċ prekawzjonarju għall-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttament tar-riżorsi tal-baħar ħajjin, filwaqt li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi, b'mod li jinkiseb sajd sostenibbli filwaqt li jiġi protett u ppreservat l-ambjent marittimu kollu; jenfasizza li n-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika ma jridx ikun skuża għall-falliment tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni; iqis li huwa vitali li tinstab soluzzjoni malajr għan-nuqqas ta' data u informazzjoni xjentifika tanġibbli dwar l-istatus tal-istokkijiet; jenfasizza li l-partijiet interessati kollha jenħtieġ li jiġu kkonsultati u involuti f'dan il-proċess;

14. Huwa tal-opinjoni li biex jitħarsu u jiġu salvagwardjati r-riżorsi Mediterranji tas-sajd u dawk ambjentali, il-politiki ta' ġestjoni tas-sajd iridu jkunu effettivi u akkumpanjati minn politiki b'saħħithom, wesgħin u urġenti u kontromiżuri għall-fatturi li jaffettwaw u jkollhom impatt negattiv fuq dawk ir-riżorsi bħal: it-tibdil fil-klima (it-tisħin, l-aċidifikazzjoni, l-ammont ta' xita), it-tniġġis (kimiku, organiku, makro u mikroskopiku), it-tiftix u l-estrazzjoni tal-gass u taż-żejt bla kontroll, it-trasport marittimu, l-ispeċijiet invażivi u l-qerda jew it-tibdil tal-ħabitats naturali, speċjalment dawk tal-kosta; għaldaqstant, jenfasizza l-importanza ta' fehim aħjar tal-impatt ta' dawk il-fatturi fuq l-istokkijiet tal-ħut; jitlob biex il-kapaċitajiet Ewropej eżistenti għall-osservazzjoni u l-monitoraġġ tal-baħar Mediterran, bħal EMODnet, u l-programm Copernicus u l-komponent tal-baħar tiegħu, jissaħħu f'dan ir-rigward;

15. Iqis li l-ħarsien u s-salvagwardja tar-riżorsi tas-sajd u r-riżorsi tal-baħar fil-baċin Mediterran jenħtieġ li ma jkunux ibbażati biss fuq miżuri relatati mal-industrija tas-sajd iżda jenħtieġ li jinvolvu wkoll setturi ta' attività oħrajn li għandhom impatt fuq l-ambjent marin;

16. Huwa tal-fehma li l-isforzi fil-qasam tal-għarfien dwar il-baħar jenħtieġ li jiġu intensifikati, b'attenzjoni partikolari lil speċijiet sfruttati b'mod kummerċjali, u li dan l-għarfien jenħtieġ li jintuża bħala l-bażi għall-ippjanar tal-isfruttament sostenibbli tagħhom;

17. Jenfasizza bil-qawwa li fil-Baċin Mediterranju għadha teżisti problema estensiva ta' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU), anki fil-pajjiżi tal-UE; jemmen li l-ebda intervent għas-salvagwardja tar-riżorsi, inkluż u fuq kollox għall-ekonomiji tas-sajd fuq skala żgħira, ma jista' jkun effettiv sakemm ma ssirx ġlieda konvinta u deċiżiva kontra s-sajd IUU; jemmen li l-UE jeħtieġ li tassigura l-appoġġ tal-pajjiżi Mediterranji mhux tal-UE għall-isforzi tagħha fil-ġlieda kontra s-sajd IUU; jemmen li, barra minn hekk, dawk il-proċeduri ta' spezzjoni jenħtieġ li jiġu armonizzati, kif xieraq, fil-baċin tal-Mediterran kollu fid-dawl tal-applikazzjoni li tvarja ħafna tal-proċeduri ta' spezzjoni u dawk penali;

18. Ifakkar li l-komunitajiet tal-kosta għandhom influwenza kbira fuq l-effiċjenza tal-miżuri li jimmiraw lejn il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-identifikazzjoni tas-sajd IUU;

19. Jagħti prijorità lill-intensifikar tal-attivitajiet ta' kontroll, kemm fuq l-art, tul il-katina sħiħa ta' distribuzzjoni (is-swieq u l-kummerċ tal-forniment tal-ikel) kif ukoll fuq il-baħar, speċjalment f'oqsma fejn l-attività tas-sajd hija sospiża jew ipprojbita b'mod temporanju;

20. Hu tal-fehma li, sabiex jiġu evitati l-inugwaljanzi soċjali, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu allokati permezz ta' kriterji oġġettivi u trasparenti, inklużi kriterji ambjentali, soċjali u ekonomiċi, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-metodi b'impatt baxx; iqis li jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd ikunu wkoll distribwiti b'mod ġust fid-diversi segmenti tas-sajd, inkluż is-sajd tradizzjonali u dak fuq skala żgħira; huwa tal-opinjoni, barra minn hekk, li jenħtieġ li jingħataw inċentivi biex il-flotot jużaw apparat u teknika tas-sajd aktar selettivi li jkollhom impatt aktar baxx fuq l-ambjent tal-baħar, f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament dwar il-PKS;

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

21. Huwa tal-fehma li jenħtieġ li t-tnaqqis tal-istokkijiet tal-ħut fil-Mediterran jiġi indirizzat permezz ta' miżuri ta' ġestjoni u konservazzjoni tas-sajd kummerċjali u rikreattiv, inkluż, b'mod partikolari, permezz ta' restrizzjonijiet marbutin maż-żoni u bbażati fuq iż-żmien u limitazzjonijiet tas-sajd ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa, kif ukoll kwoti, fejn xieraq; iqis li dan ser jiggarantixxi kundizzjonijiet ekwi ma' pajjiżi terzi għal stokkijiet maqsuma; jemmen li dawn il-miżuri jenħtieġ li jiġu deċiżi b'kooperazzjoni mill-qrib mas-settur ikkonċernat sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti;

22. Jilqa' ż-żieda fin-numru ta' spezzjonijiet magħmula mill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd u jisħaq fuq il-bżonn li jissaħħu l-isforzi biex jiġu indirizzati ż-żewġ problemi ewlenin f'termini ta' konformità fl-2016, partikolarment: id-dikjarazzjoni falza tad-dokumenti (ġurnali ta' abbord, dikjarazzjonijiet ta' ħatt l-art u tat-trasferiment, noti tal-bejgħ eċċ) u l-użu ta' rkaptu pprojbit jew tagħmir tas-sajd mhux konformi;

23. Jenfasizza li s-sajjieda jenħtieġ li qatt ma jitħallew jerfgħu r-responsabbiltajiet li jirriżultaw mill-obbligu ta' ħatt l-art stabbilit fil-PKS riformata;

24. Jitlob li jsir studju tal-konsegwenzi li t-tmiem tar-rimi tal-ħut se jkollu f'dak li jirrigwarda l-fatt li l-organiżmi tal-baħar u speċijiet oħra bħall-gawwin jiċċaħħdu min-nutrijenti;

25. Jinnota li s-sistema ta' żoni protetti tal-baħar fil-Mediterran tkopri perċentwal mhux adegwat tal-wiċċ, u b'differenzi kbar fil-kopertura bejn id-diversi baċini; jirrimarka li hemm nuqqas ġenerali ta' riżorsi ekonomiċi; iqis li huwa kruċjali li jiġi rikonoxxut u jittejjeb ir-rwol li ż-żoni protetti tal-baħar diġà għandhom bħala laboratorji avvanzati għar-riċerka xjentifika, għall-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi u għall-kooperazzjoni u l-ġestjoni kondiviża mas-sajjieda, u li jiġi ottimizzat l-użu tagħhom fid-dawl tal-parir xjentifiku u l-objettivi ta' konservazzjoni; iqis li huwa importanti, f'dan ir-rigward, li tiġi żgurata żieda stabbli fil-finanzjament tas-sistema; iqis li huwa kruċjali li ssir kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-GFCM u l-pajjiżi mhux tal-UE bil-għan li jidentifikaw iż-żoni li għandhom ikunu koperti minn miżuri ta' protezzjoni, u li jistabbilixxu sistema effettiva ta' monitoraġġ u kontroll li tanalizza l-effettività ta' dawk iż-żoni;

26. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li żoni protetti tal-baħar ikunu jkopru, sal-2020, mill-inqas 10 % tal-Baħar Mediterran, f'konformità mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14.5 tan-Nazzjonijiet Uniti; jistieden lill-GFCM, waqt is-Sessjoni Annwali tal-2018, biex tilħaq qbil dwar kalendarju progressiv b'objettivi kwalifikati sabiex tintlaħaq din il-mira; jenfasizza li, f'ħafna każijiet, iż-żoni protetti tal-baħar eżistenti mhumiex ġestiti sew; iqis, għalhekk, li minbarra li tiġi introdotta sistema effettiva ta' monitoraġġ u kontroll, huwa neċessarju li jiġu żviluppati u applikati miżuri ta' ġestjoni skont l-approċċ tal-ekosistema sabiex tkun tista' tiġi mmonitorjata l-effettività tal-miżuri ta' protezzjoni;

27. Jenfasizza, b'mod partikolari, l-bżonn li tiġi protetta l-kooperazzjoni fil-ġestjoni ta' żoni sensittivi li jirrappreżentaw postijiet riproduttivi għall-aktar speċijiet ekonomikament importanti (eż. il-Jabuka Pit fil-Baħar Adrijatiku);

28. Jenfasizza li l-Mediterran huwa kkaratterizzat minn popolazzjoni bijoloġikament unika li hija sfruttata minn flotot minn pajjiżi differenti, u li għalhekk il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mill-qrib tal-miżuri biex jiġi rregolat is-sajd fost il-partijiet interessati kollha u fuq il-livelli kollha huma vitali;

29. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri ħalli jindirizzaw il-problema tal-iskart fil-baħar u l-plastik fil-baħar, li joħolqu ħsarat ambjentali, ekoloġiċi, ekonomiċi u għas-saħħa serji ħafna;

30. Iqis li huwa vitali għall-politiki li jkollhom approċċ varjat u modulat, fil-pjanijiet ta' ġestjoni, u li jużaw kriterji differenti bbażati fuq il-karatteristiċi bijoloġiċi tal-ispeċijiet u fuq dawk tekniċi tal-metodi tas-sajd; jemmen, barra minn hekk, li kull pjan pluriennali jenħtieġ li jipprevedi pjanifikazzjoni adegwata fl-ispazju (iż-żoni fejn ma jistax isir sajd, fuq bażi ta' rotazzjoni, għeluq totali jew parzjali skont is-sistemi tas-sajd) u fiż-żmien (perjodi ta' rkupru bijoloġiku), kif ukoll il-promozzjoni ta' miżuri tekniċi mmirati lejn selettività massima tal-irkaptu; jenfasizza li jenħtieġ li jiġi previst kumpens finanzjarju xieraq;

31. Jilqa' l-impenji meħuda mill-Kummissjoni fir-rigward ta' pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-Baħar Mediterran; jenfasizza l-importanza tar-reġjonalizzazzjoni tal-PKS għall-ġestjoni tas-sajd fil-baċin Mediterran; jitlob li l-Kunsill Konsultattiv tal-Mediterran (MEDAC) jiġi involut tul il-proċess ta' ppjanar u twaqqif tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali u l-miżuri reġjonalizzati;

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

32. Is-sajjieda jeħtiġilhom li jiġu garantiti dħul diċenti waqt il-perjodi ta' mistrieħ bijoloġiku;

33. Jenfasizza li jenħtieġ li fil-Mediterran jiġi adottat daqs minimu permess għall-ispeċijiet immirati kummerċjali u rikreattivi kollha, skont il-maturità sesswali u abbażi tal-aħjar għarfien xjentifiku disponibbli; jinnota li jenħtieġ li jittieħdu miżuri biex dawn id-daqsijiet minimi permessi jiġu infurzati b'mod aktar strett;

34. Jemmen li jeħtieġ li titħeġġeġ azzjoni kkoordinata ma' pajjiżi terzi mill-Mediterran billi tiżdied il-kooperazzjoni politika u teknika taħt il-patronaġġ ta' istituzzjonijiet internazzjonali attivi f'dan il-qasam; jilqa' t-tnedija reċenti tal-programm MedFish4Ever tal-Kummissjoni, li hija sejħa għal azzjoni biex jitwaqqaf it-tnaqqis tal-istokkijiet tal-ħut fil-Mediterran; jenfasizza l-bżonn li nagħmlu dak kollu li nistgħu taħt dan il-programm sabiex jiġi promoss sajd sostenibbli fil-pajjiżi tal-Mediterran;

35. Jenfasizza l-bżonn li jiġi promoss u implimentat ftehim rigward l-għeluq tal-unitajiet temporali/spazjali li jimponu limiti sekwenzjali temporanji fuq is-sajd fiż-żoni ta' tgħammir ta' ċerti speċijiet matul is-sena; din l-istaġjonalizzazzjoni u l-ispeċjalizzazzjoni tal-isforzi għas-sajd se tkun produttiva ħafna u jenħtieġ li tiġi skedata mal-ftehim tal-komunitajiet tas-sajd u l-konsulenti xjentifiċi;

***Miżuri fir-rigward ta' pajjiżi terzi***

36. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi miżuri permezz tal-GFCM li jtejbu l-istat tal-istokkijiet kondiviżi mal-pajjiżi terzi, filwaqt li jittieħed ukoll vantaġġ mill-attivitajiet ta' kooperazzjoni diġà stabbiliti bejn il-korpi li jirrappreżentaw il-flotot u dawk li jirrappreżentaw l-impriżi li joperaw fl-industrija tas-sajd u l-awtoritajiet jew korpi korrispondenti tal-pajjiżi terzi kkonċernati;

37. Jinnota li n-nuqqas ta' qafas regolatorju komuni għall-flotot tal-UE u dawk mhux tal-UE li joperaw fil-Mediterran joħloq kompetizzjoni inġusta bejn is-sajjieda filwaqt li fl-istess ħin jhedded is-sostenibbiltà tal-qabda fit-tul għall-ispeċijiet kondiviżi;

38. Jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni u l-ħtieġa li tiġi promossa l-konformità u l-kundizzjonijiet ekwi fil-kontroll tas-sajd mal-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u li tissaħħaħ il-koordinazzjoni orizzontali għall-ġestjoni taż-żoni marini u l-istokkijiet tal-ħut lil hinn mill-ġurisdizzjonijiet nazzjonali;

39. jistieden lill-Kummissjoni tgħin lill-pajjiżi Mediterranji mhux tal-UE biex iwettqu sajd sostenibbli, billi jappoġġjaw is-sajd fuq skala żgħira u dak kostali, jikkondividu l-aħjar prattiki u jżommu kanal miftuħ ta' komunikazzjoni, u biex jistabbilixxu d-djalogu meħtieġ bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali differenti involuti, sabiex tiġi appoġġjata b'mod adegwat l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' nofs it-terminu tal-GFCM (2017-2020) u tinqaleb it-tendenza allarmanti fl-istatus tal-istokkijiet tal-Mediterran; jistieden lill-Kummissjoni torganizza skambji effettivi ta' informazzjoni mal-pajjiżi terzi fil-Mediterran dwar l-attivitajiet ta' flotot ta' pajjiżi terzi li joperaw fil-Mediterran;

40. Jitlob li jiġi stabbilit pjan reġjonali, taħt il-patronaġġ tal-GFCM, bil-għan li jiġi żgurat li jintlaħqu kundizzjonijiet ugwali għall-bastimenti kollha tas-sajd fiż-żona tal-Mediterran u li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn ir-riżorsi tas-sajd u l-kapaċità tal-flotta tal-pajjiżi kollha fix-xatt tal-Mediterran; jitlob, barra minn hekk, l-istabbiliment ta' ċentru reġjonali dwar is-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS) u operazzjonijiet ta' spezzjoni konġunti;

41. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tissospendi l-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi li ma jieħdux il-miżuri meħtieġa biex jimpedixxu, jiskoraġġixxu u jeradikaw is-sajd IUU li huma mitluba minnhom mil-liġi internazzjonali bħala stati tal-bandiera, tal-port, kostali jew ta' kummerċjalizzazzjoni;

42. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jappoġġjaw, jagħtu l-assistenza kollha possibbli u jaħdmu flimkien mal-pajjiżi terzi biex jiġġieldu b'mod aħjar kontra l-IUU fil-Mediterran kollu;

**It-Tlieta 13 ta’ Ġunju 2017**

43. Iħeġġeġ lill-istati max-xatt biex jikkooperaw sabiex jistabbilixxu żoni tas-sajd ristretti u żoni protetti tal-baħar inkluż fl-ibħra internazzjonali;

44. Jenfasizza l-bżonn li jiġi stabbilit sett ta’ regoli bażi għall-ġestjoni tas-sajd rikreattiv tul il-Mediterran kollu;

*Aspetti soċjoekonomiċi*

45. Jenfasizza li 250 000 ruħ huma impjegati direttament fuq il-vapuri u li n-numru ta’ persuni dipendenti fuq l-industrija tas-sajd għall-għajxien tagħhom huwa esponenzjalment ogħla jekk wieħed iqis il-familji li jgħixu bis-saħħa tas-sajd reġjonali u li huma impjegati fl-industriji sekondarji, bħall-ipproċessar u l-manutenzjoni tal-bastimenti u t-turiżmu, inkluż turiżmu marbut mas-sajd rikreattiv; jinnota li 60 % tal-impjiegi involuti fis-sajd jinsabu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran, fatt li jindika kemm hu importanti s-sajd fuq skala żgħira (artiġjanali u tradizzjonali) u dak rikreattiv fl-iżvilupp sostenibbli ta’ dawk ir-reġjuni u, b’mod partikolari, tal-komunitajiet l-aktar vulnerabbli tal-kosta;

46. Iqis li huwa essenzjali li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sajjieda, billi wieħed jibda mir-remunerazzjoni diċenti u l-kompetizzjoni ġusta, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali għar-rata għolja ta’ inċidenti tal-industrija u r-riskju għoli ta’ mard okkupazzjonali; jissuġġerixxi li l-Istati Membri jistabbilixxu strumenti ta’ appoġġ tad-dħul, b’rispett dovut għal-liġijiet u d-drawwiet ta’ kull Stat Membru; jirrakkomanda fl-aħħar li l-Istati Membri jwaqqfu fond ta’ kumpens għal paga stabbli sabiex ikopri l-perjodi mingħajr sajd, li jistgħu jkunu minħabba kundizzjonijiet ħżiena tat-temp li jagħmlu s-sajd impossibbli, staġuni magħluqa għas-sajd (perjodi ta’ mistrieħ bijoloġiku) sabiex jissalvagwardjaw iċ-ċiklu tal-ħajja tal-ispeċijiet sfruttati, diżastri ambjentali jew avvenimenti li jinvolvu tniġġis ambjentali fit-tul jew kontaminazzjoni permezz ta’ bijotossini marini;

47. Jinnota li l-industrija tas-sajd tal-UE issa ilha għaddejja minn perjodu diffiċli għal bosta snin minħabba spejjeż tal-produzzjoni ogħla, tnaqqis fl-istokkijiet tal-ħut, qabdiet imnaqqsa u tnaqqis kostanti fid-dħul;

48. Jinnota li s-sitwazzjoni soċjoekonomika fis-settur marret lura minħabba raġunijiet differenti, inkluż it-tnaqqis fl-istokkijiet tal-ħut, it-tnaqqis fil-valur tal-ħut mal-ewwel bejgħ (li ma kienx rifless fil-prezz tal-bejgħ bl-imnut, minħabba d-distribuzzjoni mhux ġusta tal-valur miżjud tul il-katina tal-valur tas-settur mill-biċċa l-kbira tal-intermedjarji u, f’xi reġjuni, minħabba l-monopolji fuq id-distribuzzjoni), u ż-żieda fl-ispejjeż tal-fjuwil; jinnota li dawn id-diffikultajiet ikkontribwew għaż-żieda fl-isforz tas-sajd, li huwa ta’ tħassib partikolari fil-każ tas-sajd fuq skala żgħira u jistgħu tabilħaqq jipperikolaw il-futur ta’ dan l-għajxien tradizzjonali u l-għajxien tal-komunitajiet lokali li jiddependu ħafna mis-sajd;

49. Jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati inizjattivi li jistgħu jħallu impatt pożittiv fuq l-impjiegi u li jkunu kompatibbli mat-tnaqqis tal-isforz tas-sajd, bħat-turiżmu tas-sajd jew l-attivitajiet ta’ riċerka;

50. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għal kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti u protezzjoni soċjali adegwata għall-ħaddiema kollha fis-settur tas-sajd, irrispettivament mid-daqs u t-tip tal-impriża li timpjegahom, il-post tax-xogħol jew il-kuntratt sottostanti, anki billi jużaw il-ftehimiet ta’ sħubija dwar is-sajd sostenibbli ffirmati fir-reġjun biex jiġġieldu d-dumping soċjali u jtejbu l-aċċess għas-swieq u l-finanzi, il-kooperazzjoni mal-amministrazzjonijiet u l-istituzzjonijiet pubbliċi u d-diversifikazzjoni tal-mezzi tal-għajxien; jenfasizza l-importanza ta’ spezzjonijiet u kontrolli effikaċi tax-xogħol;

51. Jissottolinja l-ħtieġa li jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sajjieda minħabba r-rata għolja ta’ inċidenti fis-settur, kif ukoll ir-riskju sproporzjonalment għoli ta’ mard okkupazzjonali, kemm fiżiku kif ukoll mentali; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ xieraq bejn ix-xogħol u l-ħajja għas-sajjieda; jenfasizza l-importanza li jkunu pprovduti faċilitajiet sanitarji xierqa, kemm abbord il-bastimenti tas-sajd kif ukoll fuq l-art, u wkoll akkomodazzjoni diċenti u opportunitajiet għal attivitajiet rikreattivi; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-portijiet u l-kanali interni jinżammu joperaw b’mod sikur u navigabbli;

52. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi ggarantit li kull ħuta u prodott tas-sajd impurtati fl-UE jissodisfaw il-kundizzjonijiet li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali ambjentali, tax-xogħol u tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw kompetizzjoni u sostenibbiltà ġusti fis-settur tas-sajd sabiex jiġu salvagwardjati l-impjiegi u t-tkabbir; jenfasizza li dan huwa essenzjali mhux biss fir-rigward tal-kompetizzjoni fl-Unjoni, iżda wkoll u b’mod partikolari fir-rigward tal-kompetituri bbażati f’pajjiżi terzi;

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

53. Jemmen li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu l-użu sħiħ mill-fondi permezz tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat; huwa tal-fehma li l-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel l-aħjar li tista' biex tassisti kemm lill-Istati Membri kif ukoll lill-Istati mhux tal-UE fl-użu tal-fondi kollha disponibbli bl-aktar mod effiċjenti, b'mod partikolari fir-rigward ta' dan li ġej:

— titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sikurezza abbord;

— tisħiħ tal-qagħda tax-xogħol u t-taħriġ vokazzjonali u appoġġ tal-emerġenza u l-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi ġodda fis-settur permezz ta' reklutaġġ, edukazzjoni u taħriġ multidixxiplinarju taż-żgħażagħ;

— tisħiħ tar-rwol tan-nisa fis-sajd u fis-setturi ta' produzzjoni marbuta direttament miegħu, filwaqt li jitqies li dawn jammontaw għal 12 % tal-forza tax-xogħol globali tal-industrija;

54. Jirrimarka li l-FEMS irid jgħin lill-industrija tas-sajd fuq skala żgħira biex iġedded l-irkaptu tagħha sabiex, b'mod partikolari, tissodisfa r-restrizzjonijiet severi marbuta mal-obbligu ta' ħatt l-art;

55. Jistieden lill-Kummissjoni biex tħeġġeġ it-twaqqif u l-attivitajiet ta' Gruppi ta' Azzjoni tas-Sajd Lokali (FLAGs) li jippromwovu mudell ta' sajd sostenibbli;

56. Hu jqis essenzjali l-promozzjoni, it-tisħiħ u l-inċentivazzjoni tal-kooperazzjoni fost is-sajjieda, b'mod partikolari s-sajjieda ż-żgħar, tal-istess żona jew reġjun, sabiex jindirizzaw flimkien l-ippjanar u l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd lokali, bl-għan ta' reġjonalizzazzjoni effettiva u prattika, bi qbil mal-miri tal-PKS, iqis li l-frammentazzjoni u d-differenzjazzjoni enormi tax-xogħlijiet, il-miri, il-karatteristiċi tekniċi u tal-ekwipaġġ użat huma fattur partikolari għas-sajd fil-Mediterran, u li approċċ trażversali u uniformi, għalhekk, ma jkunx jirrispetta dawn l-ispeċifiċitajiet lokali;

57. Josserva li, minkejja t-titjib riċenti, in-numru tal-istokkijiet mingħajr valutazzjoni affidabbli tal-qagħda tagħhom għadu għoli, u li l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) jilmenta li qegħdin naffaċċjaw ukoll tnaqqis fl-istess valutazzjonijiet, minn 44 fl-2012 għal 15 biss fl-2014; jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat ġbir rapidu u xieraq ta' data u li tissaħħaħ u tiġi appoġġjata żieda fin-numru ta' studji u speċji koperti mid-data, b'hekk jiżdied l-għarfien dwar l-istokkijiet, l-impatt tas-sajd rikreattiv u fatturi esterni bħat-tniġġis sabiex tinkiseb ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet;

58. Iqis li l-ġestjoni korretta u sostenibbli tar-riżorsi hija kontinġenti fuq il-kwantità u l-użu xjentifiku tad-data miġbura fuq fatturi, bħal pereżempju l-kapaċità tas-sajd, l-attivitajiet tas-sajd imwettqa u s-sitwazzjoni soċjoekonomika tagħhom, u l-istat bijoloġiku tal-istokk sfruttat;

59. Jinnota li 40 % tal-ħut li jinħatt l-art fiż-żona koperta mill-GFCM ġej minn stokkijiet li għalihom teżisti valutazzjoni xjentifika pprovduta lill-Kummissjoni, u li l-perċentwal huwa anqas f'dak li jirrigwarda stokkijiet koperti minn pjan ta' ġestjoni; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jittejjeb l-iskop tal-valutazzjonijiet xjentifiċi dwar il-qagħda tal-istokkijiet u li jiżdied il-perċentwal tal-ħatt l-art li jkun ġej minn tipi ta' sajd irregolati minn pjanijiet ta' ġestjoni pluriennali;

60. Iqis li l-valutazzjonijiet tal-isforz tas-sajd fis-sajd rikreattiv u l-ġbir ta' data dwar il-qabdiet f'kull baċin tal-baħar u fil-Mediterran huma importanti;

61. Jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċi integrati li jieħdu inkunsiderazzjoni fl-istess waqt l-eteroġeneità tal-ambjent tal-baħar, il-kumplessità tal-ispeċijiet (kemm dawk sfruttati u dawk li mhumiex) fil-baħar, il-karatteristiċi differenti u l-imġiba tal-attivitajiet tas-sajd, il-fenomenu tat-tnaqqis fil-valur tal-ħut mal-ewwel bejgħ u, f'xi reġjuni, il-monopolji fuq id-distribuzzjoni, kif ukoll il-fatturi l-oħrajn kollha li jkollhom effett fuq is-saħħa tal-istokkijiet tal-ħut;

62. Jirrikonoxxi li d-data disponibbli biex jitkejlu l-firxa u l-impatt tal-attività tas-sajd fuq skala żgħira hija ftit u tista' wkoll tvarja minn pajjiż għal ieħor; josserva li, minħabba dan in-nuqqas ta' data, is-sajd mhux industrijali għandu t-tendenza li jiġi sottovalutat;

63. Jenfasizza li fehim aħjar tal-impatt ekonomiku u soċjali tat-tipi differenti ta' sajd, speċjalment dak fuq skala żgħira u dak rikreattiv, jgħin fid-determinazzjoni tal-aħjar miżuri ta' ġestjoni;

**It-Tlieta 13 ta’ Ġunju 2017**

64. Jappoġġja bil-qawwa l-proposta tal-GFCM li jinħoloq katalogu tal-attività tas-sajd, u li dan ikun jinkludi informazzjoni dwar l-irkaptu u l-operazzjonijiet tas-sajd, deskrizzjoni taż-żoni tas-sajd kif ukoll l-ispeċijiet fil-mira u l-qabdiet inċidentali, li minnha tinkiseb deskrizzjoni sħiħa tal-attivitajiet tas-sajd fiż-żona u tal-interazzjonijiet ma’ setturi oħrajn bħas-sajd rikreattiv;

65. Iqis li jenħtieġ li jiġu applikati regoli ġodda għas-sajd rikreattiv u li jenħtieġ li jitfassal ukoll katalogu ta’ attivitajiet ta’ sajd rikreattiv, li jinkludi informazzjoni dwar l-irkaptu u l-operazzjonijiet tas-sajd, deskrizzjoni taż-żoni tas-sajd, l-ispeċijiet fil-mira u l-qabdiet aċċessorji;

66. Jappella lill-Kummissjoni biex tippromwovi kooperazzjoni xjentifika qawwija u biex taħdem fuq it-titjib tal-ġbir tad-data għall-istokkijiet l-aktar importanti, tqassar il-ħin bejn il-ġbir u l-valutazzjoni finali, u titlob valutazzjonijiet tal-istokkijiet il-ġodda mill-STECF; jiddeplora b’mod qawwi l-fatt li, fil-Mediterran, il-parti l-kbira tal-ħatt l-art ġej minn speċijiet li dwarhom hemm disponibbli verament ftit data (“data deficient fisheries”);

67. Jenfasizza l-ħtieġa qawwija u kruċjali li tiżdied il-kondiviżjoni tad-data u li jingħeleb in-nuqqas ta’ aċċessibbiltà u t-tixrid tagħha, permezz tal-iżvilupp ta’ database komuni b’data dwar is-sajd komprensiva u affidabbli u permezz tal-istabbiliment ta’ netwerk ta’ esperti u istituzzjonijiet ta’ riċerka li jkopru oqsma differenti tax-xjenza tas-sajd; din id-database jenħtieġ li tiġi ffinanzjata mill-UE u jenħtieġ li jkun fiha d-data kollha dwar is-sajd u l-attivitajiet tas-sajd minn subżona ġeografika, inkluża d-data dwar is-sajd rikreattiv, sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tad-data ta’ kwalità, indipendenti u komprensiva u b’hekk jitjiebu l-valutazzjonijiet tal-istokkijiet;

68. Jinnota li l-impatt, il-karatteristiċi u l-iskala tas-sajd IUU mhumiex attwalment ivvalutati b’mod suffiċjenti, li l-valutazzjoni tagħhom tista’ tvarja minn pajjiż għal ieħor fil-baċin tal-Mediterran u li dawn il-pajjiżi, għalhekk, mhumiex rappreżentati korrettament fl-informazzjoni dwar l-istat attwali tas-sajd u dwar ix-xejriet tul iż-żmien; jenfasizza li dawn il-pajjiżi għandhom jiġu kkunsidrati b’mod xieraq fl-iżvilupp ta’ valutazzjonijiet xjentifiċi għall-finijiet tal-ġestjoni tas-sajd;

69. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw il-frodi li tikkonċerna l-ikel ġej mill-baħar permezz tat-tikkettar u t-traċċabbiltà tal-prodotti u jżidu l-isforzi tagħhom biex jiġġieldu s-sajd illegali; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta’ informazzjoni disponibbli dwar is-sitwazzjoni tal-maġġoranza tal-istokkijiet (“stokkijiet li dwarhom ftit hemm data”) u l-fatt li madwar 50 % tal-qabdiet mhumiex iddikjarati uffiċjalment filwaqt li 80 % tal-qabdiet li jinħattu l-art jiġu minn stokkijiet “li dwarhom ftit hemm data”;

70. Jistieden lill-Istati Membri biex jirratifikaw u jimplimentaw b’mod sħiħ il-konvenzjonijiet tal-ILO rilevanti kollha għall-ħaddiema fis-setturi tas-sajd, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, u biex jissaħħu l-istituzzjonijiet ta’ negozjar kollettiv sabiex il-ħaddiema tal-baħar, inklużi dawk li jaħdmu għal rashom, jibbenefikaw mid-drittijiet tax-xogħol tagħhom;

71. Jistieden lill-Kummissjoni biex tħeġġeġ u tappoġġja l-investimenti fid-diversifikazzjoni u l-innovazzjoni fis-settur tas-sajd permezz tal-iżvilupp ta’ attivitajiet komplementari;

***Għarfien***

72. Hu jenfasizza li jistgħu jinkisbu riżultati effettivi u twettiq sħiħ b’livell għoli ta’ responsabbiltà u għarfien fost l-operaturi tas-settur, permezz tat-tisħiħ u l-edukazzjoni tas-sajjieda kollha (professjonali u sportivi) u l-involviment tagħhom fil-proċess tat-teħid ta’ deċiżjonijiet, waqt li jiżdiedu l-azzjonijiet għat-tixrid ta’ prattiki tajbin;

73. Jemmen li huwa importanti li tiġi rrakkomandata l-provvista obbligatorja ta’ informazzjoni xierqa għall-konsumatur li tagħti dettalji dwar l-oriġini eżatta tal-prodotti u l-metodu u d-data tal-qabda; iqis li jeħtieġ li nanalizzaw u nivvalutaw jekk il-miżuri pprovduti fl-OKS il-ġdida rnexxielhomx itejbu l-informazzjoni għall-konsumatur;

74. Iqis li huwa importanti, barra minn hekk, li titqajjem kuxjenza fost il-konsumaturi u jiġu edukati biex jikkunsmaw il-ħut b’mod responsabbli, billi jagħtu preferenza lill-ispeċijiet lokali, maqbuda b’tekniki sostenibbli, u li possibbilment ikunu ġejjin minn stokkijiet mhux sfruttati żżejjed u mhux mibjugħa b’mod wiesa’; iqis li huwa neċessarju, għal dan il-għan, li titħeġġeġ sistema ta’ traċċabbiltà u tikkettar effettiva u affidabbli, f’kooperazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti sabiex, fost l-oħrajn, jiġu infurmati l-konsumaturi u tiġi miġġielda l-frodi tal-ikel;

**It-Tlieta 13 ta’ Ġunju 2017**

75. Jemmen li jrid jinħoloq bilanċ bejn il-kompetizzjoni ġusta, il-ħtiġijiet tal-konsumaturi, is-sostenibbiltà tas-settur tas-sajd u ż-żamma tal-impjiegi; jenfasizza l-ħtieġa ta’ approċċ komprensiv u rieda politika qawwija mill-pajjiżi kollha Mediterranji sabiex jiffaċċjaw l-isfidi u jtejbu s-sitwazzjoni fil-Baħar Mediterran;

76. Jilqa’ l-kampanja MEDFISH4EVER imnedija mill-Kummissjoni bil-għan li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku tas-sitwazzjoni fil-Baħar Mediterran;

77. Huwa tal-fehma li l-iskejjel, l-isptarijiet u faċilitajiet pubbliċi oħrajn jenħtieġ li jiġu forniti b’ħut minn sajd lokali;

78. Jenfasizza li, fid-dawl ta’ dan ix-xenarju l-ġdid u ta’ dawn il-fatturi ġodda kollha marbutin ma’ xulxin fil-Mediterran, ir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 irid jiġi rivedut għall-Mediterran biex ikun adattat għas-sitwazzjoni attwali;

79. Jirrimarka li r-Regolament (KE) Nru 1967/2006 irid jiġi rivedut, b’mod partikolari l-parti li tirreferi għall-projbizzjoni tal-użu ta’ ċertu rkaptu tradizzjonali (eż. il-projbizzjoni tal-użu ta’ għeżula barra mill-kategorija ta’ sajd kummerċjali) u d-dispożizzjonijiet li għandhom x’jaqsmu mal-karatteristiċi speċifiċi tal-irkaptu, bħall-għoli u d-daqs tal-malja tax-xbieki tas-sajd u l-fond u d-distanza mill-kosta fejn jista’ jintuża l-irkaptu;

o

o o

80. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0260

## Il-ħtieġa ta' strateġija tal-UE biex jitwaqqfu u jiġu evitati d-differenzi bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-ħtieġa ta' strateġija tal-UE biex titwaqqaf u tiġi evitata d-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel (2016/2061(INI))**

(2018/C 331/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8, 151, 153, u 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tagħha dwar id-drittijiet soċjali u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 22 u 25 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Kumment Ġenerali Nru 16 tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (CESCR): Id-dritt ugwali tal-irġiel u n-nisa għat-tgawdija tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali (l-Artikolu 3 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ICESCR)), ([1]) u l-Kumment Ġenerali Nru 19 tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (CESCR): Id-dritt għas-sigurtà soċjali (l-Artikolu 9 tal-ICESCR) ([2]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 4(2), 4(3), 12, 20 u 23 tal-Karta Soċjali Ewropea,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tal-5 ta' Diċembru 2014 ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ([5]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi ([6]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) ([7]),

---

([1]) 11 ta' Awwissu 2005, E/C.12/2005/4.
([2]) 4 ta' Frar 2008, E/C.12/GC/19.
([3]) XX-3/def/GRC/4/1/EN,
([4]) ĠU L 6, 10.1.1979, p. 24.
([5]) ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.
([6]) ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37.
([7]) ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

— wara li kkunsidra l-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni ta' Awwissu 2015 intitolat "New start to address the challenges of work-life balance faced by working families" (Bidu ġdid biex jiġu indirizzati l-isfidi li jiffaċċjaw il-familji ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja tax-xogħol),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-3 ta' Diċembru 2015 bit-titolu "Strategic engagement for gender equality 2016-2019" (Involviment strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019) (SWD (2015)0278), u b'mod partikolari l-Objettiv 3.2 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2011 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa li jkunu qed joqorbu lejn l-età tal-pensjoni ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar is-sitwazzjoni tal-ommijiet waħedhom ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2012 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2013 dwar l-impatt tal-kriżi ekonomika fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2015 dwar il-progress fl-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea fl-2013 ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2015 dwar l-istrateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel wara l-2015 ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2016 dwar il-ħolqien ta' kundizzjonijiet fis-suq tax-xogħol favorevoli għal bilanċ bejn il-ħajja u dik tax-xogħol ([8]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-18 ta' Ġunju 2015 dwar "Opportunitajiet ta' dħul ugwali għan-nisa u l-irġiel: Intemmu d-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u l-irġiel",

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-7 ta' Diċembru 2015 tal-Grupp ta' Tliet Presidenzi tal-UE (in-Netherlands, is-Slovakkja u Malta) dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi,

— wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020), adottat mill-Kunsill fis-7 ta' Marzu 2011,

— wara li kkunsidra l-istudju kkummissjonat mid-Dipartiment tal-Politika għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u Affarijiet Kostituzzjonali intitolat "Id-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi: id-differenzi bejn l-ommijiet u n-nisa li m'għandhomx tfal" (2016) u l-istudju tal-Kummissjoni "Id-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi fl-UE" (2013),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0197/2017),

---

(1) ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 9.
(2) ĠU C 131 E, 8.5.2013, p. 60.
(3) ĠU C 264 E, 13.9.2013, p. 75.
(4) ĠU C 36, 29.1.2016, p. 6.
(5) ĠU C 316, 30.8.2016, p. 2.
(6) ĠU C 407, 4.11.2016, p. 2.
(7) Testi adottati, P8_TA(2015)0351.
(8) Testi adottati, P8_TA(2016)0338.

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

A. billi fl-2015, fl-UE, id-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel, li tista' tiġi definita bħala d-differenza fid-dħul medju qabel it-taxxa li n-nisa jirċievu bħala pensjoni meta mqabbla ma' dik tal-irġiel, kienet ta' 38,3 % għall-faxxa tal-età ta' 65 sena u aktar, u żdiedet f'nofs l-Istati Membri fl-aħħar ħames snin; billi l-kriżi finanzjarja tas-snin riċenti kellha impatt negattiv fuq id-dħul ta' ħafna nisa; billi f'xi Stati Membri bejn 11 % u 36 % tan-nisa m'għandhom ebda aċċess għal xi pensjoni;

B. billi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija wieħed mill-prinċipji komuni u fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 8 tat-TFUE u l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; billi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel jenħtieġ li bl-istess mod tiġi integrata fil-politiki, l-inizjattivi, il-programmi u l-azzjonijiet kollha tal-UE;

C. billi n-nisa jibbenefikaw minn kopertura aktar dgħajfa mill-irġiel fir-rigward tal-pensjoni fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u t-tnejn huma rrappreżentati żżejjed fil-kategoriji tal-pensjonijiet l-aktar foqra u mhumiex irrappreżentati biżżejjed fil-kategoriji l-aktar għonja;

D. billi dawn id-disparitajiet huma inaċċettabbli u jenħtieġ li jitnaqqsu u l-kontribuzzjonijiet kollha tal-pensjonijiet jiġu kkalkolati u miġbura b'mod newtrali fir-rigward tal-irġiel u n-nisa fl-UE, li għandha l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel bħala wieħed mill-prinċipji fundamentali tagħha, kif ukoll id-dritt tal-persuni kollha għal ħajja dinjituża bħala wieħed mid-drittijiet fundamentali tagħha kif minqux fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE;

E. billi persuna minn kull erbgħa fit-28 Stat Membru tal-UE tiddependi mill-pensjoni tagħha bħala sors prinċipali ta' introjtu u billi kien hemm żieda sinifikanti fl-għadd ta' persuni li laħqu l-età tal-irtirar, minħabba l-fatt li l-istennija tal-għomor twalet u l-popolazzjoni b'mod ġenerali xjaħet, dan se jwassal għall-irduppjar f'din il-kategorija sal-2060;

F. billi, b'riżultat tat-tibdil demografiku, fil-futur anqas u anqas impjegati attivi se jkollhom jipprovdu għal għadd dejjem akbar ta' pensjonanti, li jfisser li l-iskemi tal-pensjonijiet għall-anzjani privati u okkupazzjonali se jsiru dejjem aktar importanti;

G. billi l-għan tal-politiki tal-pensjonijiet huwa li jiżguraw indipendenza ekonomika, li hija essenzjali għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u li s-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-Istati Membri jagħtu liċ-ċittadini kollha tal-UE dħul tal-irtirar adegwat u diċenti u standard ta' għajxien aċċettabbli u jħarsuhom mir-riskju tal-faqar li jirriżulta minn diversi fatturi jew mill-esklużjoni soċjali, biex b'hekk jiġu ggarantiti parteċipazzjoni soċjali, kulturali u politika attiva u ħajja b'dinjituża fix-xjuħija, sabiex ikomplu jkunu parti mis-soċjetà;

H. billi r-responsabilità individwali li qed tikber għal deċiżjonijiet rigward tfaddil li jinvolvu riskji differenti tfisser ukoll li l-individwi jridu jiġu informati b'mod ċar dwar il-possibbiltajiet disponibbli u r-riskji assoċjati; billi kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel, u b'mod partikolari n-nisa, iridu jiġu appoġġjati fit-titjib tal-livell tal-litteriżmu finanzjarju tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet informati dwar kwistjoni dejjem iżjed kumplessa;

I. billi d-differenza bejn il-pensjonijiet għandha t-tendenza li taggrava s-sitwazzjoni tan-nisa fir-rigward tal-vulnerabbiltà ekonomika u tħallilhom esposti għall-esklużjoni soċjali, il-faqar u d-dipendenza ekonomika permanenti, b'mod partikolari mill-konjuġi jew membri oħra tal-familja tagħhom; billi d-differenza bejn il-pagi u l-pensjonijiet hija saħansitra aktar qawwija għan-nisa b'diversi żvantaġġi jew li jagħmlu parti minn minoranzi razzjali, etniċi, reliġjużi u lingwistiċi, peress li dawn spiss ikunu f'impjiegi li jeħtieġu inqas ħiliet b'inqas responsabbiltà;

J. billi l-pensjonijiet marbuta ma' dritt individwali u mhux derivat jistgħu jgħinu biex jiggarantixxu l-indipendenza ekonomika ta' kulħadd, inaqqsu d-diżinċentivi għall-parteċipazzjoni fix-xogħol formali, u jnaqqsu l-istereotipi bbażati fuq il-ġeneru;

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

K. billi, minħabba l-istennija ta' għomor itwal tagħhom, bħala medja n-nisa aktarx ikollhom ħtiġijiet ta' dħul ogħla mill-irġiel matul il-perjodu kollu wara li jirtiraw; billi tali dħul addizzjonali jistgħu jkunu disponibbli lilhom minn mekkaniżmi ta' pensjonijiet tas-superstiti;

L. billi n-nuqqas ta' data kumparabbli, kompluta, affidabbli u aġġornata regolarment li tippermetti l-evalwazzjoni tal-entità tad-differenza bejn il-pensjonijiet u l-piż tal-fatturi li jikkontribwixxu għal dan jitfgħu ċerta inċertezza fuq il-mezzi l-aktar effiċjenti li għandhom jiġu implimentati għall-ġlieda kontra din id-differenza;

M. billi din id-differenza hija ikbar għall-kategorija tal-etajiet bejn il-65 u l-74 sena (aktar minn 40 %) meta mqabbla mal-medja li għandhom aktar minn 65 sena, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasferimenti tad-drittijiet, bħal dawk marbuta mal-irmulija, li jeżistu f'ċerti Stati Membri;

N. billi t-tnaqqis u l-iffriżar tal-pensjonijiet iżidu r-riskju ta' faqar fix-xjuħija, b'mod partikolari fost in-nisa; billi l-perċentwal ta' nisa anzjani f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali kien ta' 20,2 % fl-2014, meta mqabbel ma' 14,6 % tal-irġiel, u sal-2050 il-proporzjon tal-persuni li għandhom iktar minn 75 sena f'riskju ta' faqar jista' jiżdied sa 30 % fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri;

O. billi l-persuni 'l fuq minn 65 sena għandhom dħul li jilħaq madwar 94 % tal-medja tal-popolazzjoni kollha kemm hi; billi, madankollu, madwar 22 % tan-nisa 'l fuq minn 65 sena jgħixu taħt is-soll ta' riskju tal-faqar;

P. billi l-medja tad-differenza bejn il-pensjonijiet fl-UE kollha fl-2014 kienet taħbi disparitajiet kbar bejn l-Istati Membri; billi, bħala paragun, l-inqas differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel hija ta' 3,7 % u l-ogħla hija ta' 48,8 %, filwaqt li d-differenza taqbeż it-30 % f'14-il Stat Membru;

Q. billi l-perċentwal tal-popolazzjoni li tirċievi pensjoni tvarja ħafna bejn l-Istati Membri, u fl-2013 kien 15,1 % f'Ċipru u 31,8 % fil-Litwanja, filwaqt li l-maġġoranza tal-benefiċjarji tal-pensjonijiet fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE fl-2013 kienu nisa;

R. billi d-differenza bejn il-pagi, ibbażata fuq realtà li tolqot diversi fatturi, hija xhieda tal-iżbilanċi bejn is-sitwazzjoni tal-irġiel u tan-nisa fir-rigward tal-karrieri professjonali u l-ħajja familjari tagħhom, kif ukoll l-opportunitajiet li jagħmlu kontribuzzjonijiet għall-pensjonijiet, il-pożizzjoni fl-istruttura tal-familja u l-mod kif jiġi kkalkolat id-dħul għall-finijiet ta' pensjoni; billi tirrifletti wkoll is-segregazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-ogħla proporzjon ta' nisa li jaħdmu part-time, b'pagi fis-siegħa aktar baxxi, b'interruzzjonijiet fil-karriera u b'anqas snin fl-impjieg minħabba x-xogħol mhux imħallas imwettaq min-nisa bħala ommijiet u bħala l-indokraturi fil-familji tagħhom; billi, għalhekk, id-differenza bejn il-pensjonijiet jenħtieġ li titqies bħala indikatur ewlieni tal-inugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol, aktar u aktar minħabba li l-livell attwali tad-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel hija qrib ħafna d-differenza fil-qligħ totali (39,7 % fl-2015);

S. billi l-portata sħiħa tad-differenza bejn il-pensjonijiet, li hija l-prodott tal-iżbilanċi u l-inugwaljanzi kollha bejn in-nisa u l-irġiel – f'termini, pereżempju, ta' aċċess tul il-ħajja għas-setgħa u r-riżorsi finanzjarji – li jiżviluppaw matul il-ħajja tax-xogħol tan-nies u huma riflessi fl-ewwel u fit-tieni pilastri tal-pensjonijiet, tista' tkun moħbija minn mekkaniżmi korrettivi;

T. billi d-differenza bejn il-pensjonijiet, meta tiġi eżaminata fi kwalunkwe mument speċifiku, hija riflessjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq soċjali u tax-xogħol fuq perjodu li jmur lura diversi deċennji; billi dawk il-kundizzjonijiet huma soġġetti, kultant, għal bidliet kbar li jkollhom effett indirett fuq il-ħtiġijiet ta' diversi ġenerazzjonijiet ta' pensjonanti nisa;

U. billi d-differenza bejn il-pensjonijiet tvarja minn pensjonanta mara għal oħra skont l-istatus personali, soċjali, taż-żwieġ u/jew tal-familja; billi, fid-dawl ta' dan, approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" mhux bilfors jipproduċi l-aħjar riżultati;

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

V. billi l-familji b'ġenitur wieħed huma partikolarment vulnerabbli peress li jirrappreżentaw 10 % tal-familji kollha li għandhom tfal dipendenti, u 50 % minnhom huma f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali, jiġifieri d-doppju tar-rata għall-popolazzjoni kollha kemm hi; billi hemm korrelazzjoni pożittiva bejn id-differenza bejn il-pensjonijiet u n-numru ta' tfal imrobbija, u billi d-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel tan-nisa miżżewġin u tal-ommijiet hija ferm akbar minn dik tan-nisa waħedhom mingħajr tfal; billi, fid-dawl ta' dan, l-inugwaljanzi mġarrba mill-ommijiet, speċjalment l-ommijiet waħedhom, x'aktarx li jaggravaw meta jirtiraw;

W. billi t-tqala u l-leave tal-ġenituri għandhom it-tendenza li jimbotta lill-ommijiet – li jirrappreżentaw 79,76 % tal-persuni li jnaqqsu l-ħin tax-xogħol tagħhom sabiex jieħdu ħsieb it-tfal ta' anqas minn tmien snin – lejn impjiegi b'paga baxxa jew part-time jew interruzzjonijiet fil-karriera mhux mixtieqa biex jieħdu ħsieb it-tfal tagħhom; billi l-leave tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri huwa strument meħtieġ u vitali għall-kondiviżjoni aħjar tal-kompiti relatati mal-kura, it-titjib tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-minimizzazzjoni tal-interruzzjonijiet fil-karriera tan-nisa;

X. billi l-livell tal-pagi u għalhekk l-intitolamenti tal-pensjoni tal-missirijiet mhumiex affettwati, jew jistgħu saħansitra jiġu affettwati b'mod pożittiv, mill-għadd ta' tfal tagħhom;

Y. billi r-rata tal-qgħad fost in-nisa hija sottovalutata, minħabba l-fatt li ħafna nisa mhumiex irreġistrati bħala qiegħda, partikolarment dawk li jgħixu f'żoni rurali jew remoti, li ħafna minnhom jiddedikaw ruħhom esklussivament ukoll għall-kompiti domestiċi u l-kura tat-tfal; billi dan joħloq disparitajiet fil-pensjonijiet tagħhom;

Z. billi l-arranġamenti tradizzjonali tal-ħin tax-xogħol jagħmluha diffiċli għal koppji fejn iż-żewġ ġenituri jkunu jixtiequ jaħdmu full-time li jsibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

AA. billi l-krediti tal-pensjoni għall-irġiel u n-nisa bħala forma ta' allokazzjoni għall-indukrar tat-tfal jew il-membri tal-familja jistgħu jgħinu biex jiżguraw li l-interruzzjonijiet fil-karriera għal raġunijiet ta' indukrar ma jkollhomx impatt negattiv fuq il-pensjonijiet, u huwa rrakkomandat li tali skemi jiġu estiżi jew miżjuda fl-Istati Membri kollha;

AB. billi l-krediti tal-pensjoni li japplikaw għal forom differenti ta' xogħol jistgħu jgħinu lill-ħaddiema kollha jiksbu dħul mill-pensjoni;

AC. billi, minkejja li saru xi sforzi biex din is-sitwazzjoni titranġa, ir-rata ta' inseriment tan-nisa fis-suq tax-xogħol għadha taħt l-objettivi tal-Istrateġija Ewropea 2020, u għadha ferm iktar baxxa minn dik fost l-irġiel; billi l-parteċipazzjoni tiżdied tan-nisa fis-suq tax-xogħol tikkontribwixxi għall-isforzi biex titnaqqas id-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel fl-UE, minħabba li hemm rabta diretta bejn il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-livell tal-pensjonijiet; billi, madankollu, ir-rata tal-impjieg ma fiha ebda informazzjoni dwar id-durata jew it-tip ta' impjieg u għalhekk hija limitata f'dak li tista' tgħidilna dwar il-livelli tal-pagi u tal-pensjonijiet;

AD. billi l-għadd ta' snin maħduma għandu impatt dirett fuq id-dħul mill-pensjoni; billi l-karrieri tan-nisa, bħala medja, huma aktar minn għaxar snin iqsar minn dawk tal-irġiel, u billi d-differenza bejn il-pensjonijiet hija darbtejn akbar għan-nisa li ħadmu għal anqas minn 14-il sena (64 %) minn dawk li ħadmu għal perjodu itwal (32 %);

AE. billi huwa aktar probabbli li n-nisa jieħdu interruzzjonijiet fil-karriera mill-irġiel, jieħdu forom mhux standard ta' impjieg, jaħdmu part-time (32 % tan-nisa meta mqabbla ma' 8,2 % tal-irġiel) jew mingħajr ħlas, speċjalment meta jipprovdu l-kura għat-tfal u l-qraba u jkunu kważi unikament responsabbli mill-kura u x-xogħol tad-dar minħabba l-inugwaljanzi persistenti bejn in-nisa u l-irġiel, u dan huwa kollu ta' detriment għall-pensjonijiet tagħhom;

AF. billi l-investiment fl-iskejjel, fl-edukazzjoni ta' qabel l-iskola, fl-universitajiet u fil-kura tal-anzjani jistgħu jgħinu biex jinħoloq bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u jista' jirriżulta fit-tul mhux biss fil-ħolqien tal-impjiegi, iżda anke fil-fatt li n-nisa jiksbu impjieg ta' kwalità għolja u jkunu jistgħu jibqgħu fis-suq tax-xogħol għal żmien itwal, li fuq perjodu twil ta' żmien ikollu effett pożittiv fuq il-pensjonijiet tagħhom;

AG. billi l-kura informali hija pilastru fundamentali tas-soċjetà tagħna u fil-biċċa l-kbira issir min-nisa, u dan l-iżbilanċ huwa rifless fid-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel; billi dan it-tip ta' xogħol inviżibbli mhuwiex rikonoxxut biżżejjed, b'mod partikolari meta jiġu kkunsidrati d-drittijiet tal-pensjoni;

AH. billi għad hemm differenza kbira bejn il-pagi tan-nisa u tal-irġiel fl-UE; billi dik id-differenza, li kienet ta' 16,3 % fl-2014, hija kkawżata b'mod partikolari mid-diskriminazzjoni u s-segregazzjoni li jirriżultaw fis-sovrarappreżentanza tan-nisa f'setturi fejn il-paga hija aktar baxxa minn dik f'setturi ddominati prinċipalment mill-irġiel; billi fatturi oħra, bħall-interruzzjonijiet fil-karriera jew il-bidu ta' xogħol part-time involontarju biex jinstab bilanċ bejn ir-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-familja, l-istereotipi, is-sottovalutar tax-xogħol tan-nisa, u d-differenzi fil-livelli tal-edukazzjoni u l-esperjenza professjonali jikkontribwixxu wkoll għad-differenza bejn il-pagi tan-nisa u tal-irġiel;

AI. billi l-objettiv tal-UE li tinkiseb protezzjoni soċjali adegwata huwa minqux fl-Artikolu 151 tat-TFUE; billi, għalhekk, l-UE għandha tappoġġja l-Istati Membri billi tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kif ittejjeb il-protezzjoni għall-persuni anzjani li għandhom dritt għal pensjoni fid-dawl tal-età jew is-sitwazzjoni personali tagħhom;

AJ. billi t-tisħiħ tar-rabta bejn il-kontribuzzjoni u r-remunerazzjoni, li jmur pari passu maż-żieda tat-tieni u tat-tielet pilastru fl-organizzazzjoni tal-iskemi tal-irtirar għandu tendenza li jittrasferixxi r-riskji tal-fatturi relatati speċifikament mal-ġeneri fid-differenza bejn il-pensjonijiet lill-atturi privati;

AK. billi ma twettqet l-ebda valutazzjoni ex ante jew ex post tal-impatt fir-rigward tal-ġeneru għar-riformi fis-sistemi tal-pensjoni stabbiliti fil-white paper tal-Kummissjoni dwar il-pensjonijiet tal-2012;

AL. billi l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà unika għall-organizzazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u s-sistemi tal-pensjonijiet pubbliċi; billi l-UE għandha primarjament kompetenza ta' appoġġ fil-qasam tal-iskemi tal-pensjonijiet, b'mod partikolari skont l-Artikolu 153 tat-TFUE;

***Rimarki ġenerali***

1. Jitlob lill-Kummissjoni taħdem mill-qrib mal-Istati Membri fit-tfassil ta' strateġija biex tiġi eliminata d-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel fl-Unjoni Ewropea u tgħinhom jistabbilixxu linji gwida f'dan ir-rigward;

2. Jendorsja u jappoġġja l-appell tal-Kunsill għal inizjattiva ġdida tal-Kummissjoni li tistabbilixxi strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għall-2016-2020, biex din tieħu l-forma ta' komunikazzjoni bħalma kien il-każ bi strateġiji preċedenti, u biex l-impenn strateġiku tal-UE għall-ugwaljanza bejn is-sessi jkun imtejjeb, billi jintrabat mill-qrib mal-istrateġija Ewropa 2020;

3. Jemmen li din l-istrateġija għandha tfittex mhux biss li tindirizza fil-livell tal-Istati Membri l-impatt tad-differenza bejn il-pensjonijiet, b'mod partikolari fuq l-aktar gruppi vulnerabbli, iżda anke li tevita li dan jerġa' jseħħ fil-futur billi jiġu miġġielda l-kawżi tiegħu, bħalma huma l-inugwaljanzi fil-pożizzjonijiet bejn in-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol f'termini ta' paga, avvanz fil-karriera u opportunitajiet ta' xogħol full-time, kif ukoll is-segregazzjoni tas-suq tax-xogħol; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, id-djalogu intergovernattiv u l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri;

4. Jenfasizza li approċċ multidimensjonali, b'taħlita ta' azzjonijiet fil-qafas ta' politiki differenti li jkollhom l-għan li jtejbu l-ugwaljanza bejn is-sessi, huwa meħtieġ sabiex jagħmel suċċess mill-istrateġija, li jeħtieġ tħaddan approċċ tul il-ħajja għall-pensjonijiet, billi tqis il-ħajja tax-xogħol kollha tal-persuna, kif ukoll billi tindirizza l-inugwaljanzi bejn l-irġiel u n-nisa f'termini ta' livell ta' impjieg, karrieri, u possibilitajiet ta' ħlas ta' kontribuzzjonijiet tal-pensjoni, kif ukoll dawk li jirriżultaw mill-mod li bih huma organizzati s-sistemi pensjonistiċi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2015 bit-titlu "Opportunitajiet ugwali ta' dħul għan-nisa u l-irġiel: intemmu d-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u l-irġiel";

5. Jiġbed l-attenzjoni lejn ir-rwol importanti li jaqdu s-sħab soċjali fid-diskussjoni tal-kwistjonijiet relatati mal-paga minima filwaqt li jiġi rrispett il-prinċipju ta' sussidjarjetà; jenfasizza r-rwol importanti tat-trade unions u tal-arranġamenti ta' negozjar kollettivi biex jiġi żgurat li l-persuni ta' età akbar ikollhom aċċess għal pensjonijiet pubbliċi f'konformità mal-prinċipju tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi; jenfasizza kemm hu importanti li jitqiesu kif xieraq is-sħab soċjali meta jkunu qed jittieħdu deċiżjonijiet politiċi li jbiddlu aspetti ġuridiċi sinifikanti tal-

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

kundizzjonijiet tal-eliġibilità għall-intitolament għall-pensjonijiet; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri biex, b'kooperazzjoni mas-sħab soċjali u mal-organizzazzjonijiet favur l-ugwaljanza bejn is-sessi, jistabbilixxu u jimplimentaw politiki li jeliminaw id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa; jirrakkomanda li l-Istati Membri jikkunsidraw li jwettqu l-immappjar tal-pagi fuq bażi regolari biex jikkomplementaw dawn l-isforzi;

6. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu miżuri rispettużi u li jipprevjenu l-faqar għall-ħaddiema li s-saħħa tagħhom ma tippermettilhomx li jaħdmu sal-età legali tal-irtirar; jemmen li l-arranġamenti ta' rtirar bikri għandhom jibqgħu fis-seħħ għall-ħaddiema esposti għal kundizzjonijiet tax-xogħol iebsa ħafna jew perikolużi; iqis li żieda fir-rati tal-impjieg permezz ta' impjiegi ta' kwalità tista' tgħin biex titnaqqas konsiderevolment iż-żieda futura ta' persuni li ma jkunux jistgħu jaħdmu sal-età legali tal-irtirar u, b'hekk, tgħin biex jittaffa l-piż finanzjarju tat-tixjiħ;

7. Jinsab profondament imħasseb minħabba l-impatt li r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (CSRs) xprunati mill-awsterità għandhom fuq l-iskemi tal-pensjoni u fuq is-sostenibilità tagħhom u fuq l-aċċess għall-pensjonijiet ibbażati fuq il-kontribuzzjonijiet f'għadd dejjem jikber ta' Stati Membri, u minħabba l-effetti negattivi tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż fuq il-livelli ta' dħul u fuq it-trasferimenti soċjali meħtieġa biex jinqerdu l-faqar u l-esklużjoni soċjali;

8. Jenfasizza li l-prinċipju tas-sussidjarjetà jeħtieġ jiġi applikat b'mod strett anke fil-qasam tal-pensjonijiet;

***Valutazzjoni u sensibilizzazzjoni għal azzjoni aktar effikaċi biex tiġi indirizzata d-differenza bejn il-pensjonijiet***

9. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jkomplu jinvestigaw id-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel u jaħdmu flimkien mal-Eurostat u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) fl-iżvilupp ta' indikaturi formali u affidabbli tad-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel, kif ukoll l-identifikazzjoni tal-fatturi differenti warajha, sabiex iwettqu monitoraġġ tagħha u jistabbilixxu miri ta' tnaqqis ċari, u jistedinhom jirrapportaw lill-Parlament Ewropew; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu lill-Eurostat, fuq bażi annwali, statistika dwar id-differenza bejn il-pagi u bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel, sabiex ikunu jistgħu jiġu vvalutati l-iżviluppi fl-UE kollha u l-mezzi biex tiġi indirizzata l-kwistjoni;

10. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni dettaljata tal-impatt fuq l-aktar gruppi vulnerabbli, u b'mod partikolari fuq in-nisa, tar-rakkomandazzjonijiet tal-White Paper tal-2012 dwar il-Pensjonijiet, li għandha l-għan li tiġġieled il-kawżi tad-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel, kif ukoll tistabbilixxi indikatur formali tad-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel u twettaq monitoraġġ sistematiku; jitlob li jkun hemm evalwazzjoni adegwata tar-rakkomandazzjonijiet jew il-miżuri meħuda s'issa u monitoraġġ tal-impatt tagħhom fir-rigward tas-sessi; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-iżvilupp ta' statistika diżaggregata skont is-sess u riċerka bil-ħsieb li jitjiebu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-effetti tar-riforma tal-pensjonijiet fuq il-prosperità u l-benessri tan-nisa;

11. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu azzjoni biex tintemm id-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel permezz tal-politiki soċjali tagħhom, iqajmu kuxjenza fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet f'dan il-qasam, u jiżviluppaw programmi li joffru lin-nisa aktar informazzjoni dwar l-implikazzjonijiet li din id-differenza għandha għalihom, kif ukoll joffrulhom l-għodod li jeħtieġu sabiex jippjanaw strateġiji ta' finanzjament tal-pensjoni li jkunu sostenibbli u mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa, kif ukoll dwar l-aċċess tan-nisa għall-pensjonijiet tat-tieni u t-tielet pilastru, partikolarment f'setturi prevalentement femminili fejn l-adeżjoni tista' tkun baxxa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jestendu u jqajmu aktar kuxjenza fost il-pubbliku rigward l-ugwaljanza fil-pagi u d-differenza bejn il-pensjonijiet, kif ukoll id-diskriminazzjoni diretta u indiretta fil-konfront tan-nisa fil-post tax-xogħol;

12. Itenni l-ħtieġa ta' definizzjonijiet armonizzati sabiex jiġi ffaċilitat it-tqabbil fil-livell tal-UE ta' termini bħal "differenza bejn il-pagi tan-nisa u tal-irġiel" u "differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel";

13. Jistieden lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jippromwovu studji dwar l-effetti tad-differenza bejn in-nisa u l-irġiel fuq il-pensjonijiet u l-indipendenza finanzjarja tan-nisa, fid-dawl ta' kwistjonijiet bħat-tixjiħ tal-popolazzjoni, id-differenzi bejn is-sessi fil-kundizzjonijiet tas-saħħa u l-istennija tal-għomor, kif l-istrutturi tal-familja nbidlu u l-għadd ta' djar okkupati minn persuna waħda żdied, u d-differenzi fis-sitwazzjonijiet personali tan-nisa; jistedinhom ukoll ifasslu strateġiji fattibbli biex tintemm id-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel;

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

*It-tnaqqis tal-inugwaljanzi fir-rigward tal-kapaċitajiet kontributorji*

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-diskriminazzjoni diretta u indiretta bejn is-sessi tiġi implimentata kif suppost u jkun hemm monitoraġġ sistematiku tal-progress tagħha, u li jinfetħu proċeduri ta' ksur f'każ ta' nonkonformità, u possibbilment jirreveduha sabiex ikun żgurat li l-irġiel u n-nisa jkollhom l-istess kapaċità li jħallsu l-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni;

15. Jikkundanna d-disparità fil-pagi bejn is-sessi u l-komponent "inspjegabbli" tiegħu li jirriżulta mid-diskriminazzjoni fil-post tax-xogħol, u jtenni t-talba tiegħu biex id-Direttiva 2006/54/KE, li ġiet trasposta b'mod ċar u suffiċjenti f'żewġ Stati Membri biss, tiġi riveduta biex jiġi żgurat trattament aktar ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u pagi, bl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali bejn in-nisa u l-irġiel, li ilu ggarantit mit-Trattat sa mill-fondazzjoni tal-KEE;

16. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u ugwaljanza fis-suq tax-xogħol u fl-aċċess għall-impjieg, u, b'mod partikolari, jadottaw miżuri ta' protezzjoni soċjali biex jiżguraw li l-intitolamenti tan-nisa għal paga u għal benefiċċji, inklużi l-pensjonijiet, ikunu konformi mal-prinċipju ta' pagi ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu miżuri xierqa biex irażżnu l-vjolazzjonijiet tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali għan-nisa u għall-irġiel;

17. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, lil min iħaddem u lit-trade unions ifasslu u jimplimentaw għodod ta' evalwazzjoni prattiċi u speċifiċi tax-xogħol biex jiddeterminaw ix-xogħol ta' valur ugwali u b'hekk jiżguraw li l-irġiel u n-nisa jirċievu paga ugwali u għaldaqstant, fil-futur, pensjonijiet ugwali; iħeġġeġ lill-impriżi jwettqu verifiki annwali dwar l-ugwaljanza fil-pagi, jippubblikaw id-data bl-akbar trasparenza, u jnaqqsu d-differenza bejn il-pagi tan-nisa u tal-irġiel;

18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw is-segregazzjoni orizzontali u vertikali fis-suq tax-xogħol billi jeliminaw l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni bejn is-sessi fl-impjiegi u jħeġġu, b'mod partikolari permezz tal-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni fost il-bniet u n-nisa, l-istudju, l-impjieg u l-karrieri f'setturi innovattivi ta' tkabbir li fil-preżent huma ddominati mill-irġiel minħabba l-persistenza tal-istereotipi;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joffru lin-nisa aktar inċentivi biex jaħdmu aktar fit-tul u b'inqas interruzzjonijiet, sabiex jiżdied il-livell ta' indipendenza ekonomika tagħhom illum u fil-futur;

20. Jirrimarka l-importanza, f'kuntest fejn il-piż tar-responsabbiltà għall-pensjonijiet qiegħed jiċċaqlaq minn fuq is-sistemi pensjonistiċi tal-Istat għal skemi ta' finanzjament personali, li jiġi żgurat li l-aċċess għas-servizzi finanzjarji skont id-Direttiva 2004/113/KE ma jkunx diskriminatorju u jkun ibbażat fuq kriterji attwarji "unisex"; jinnota li l-applikazzjoni tar-regola "unisex" tgħin biex titnaqqas id-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jżidu t-trasparenza, l-aċċess għall-informazzjoni u ċ-ċertezza għall-membri u l-benefiċjarji tal-iskemi pensjonistiċi okkupazzjonali, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji tal-UE ta' nondiskriminazzjoni u ugwaljanza bejn is-sessi;

21. Jenfasizza li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għamlitha ċara li l-iskemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali għandhom jitqiesu bħala paga u li għalhekk il-prinċipju ta' trattament ugwali japplika għal dawn l-iskemi wkoll;

22. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali lin-nisa, li sikwit ma jkunux akkwistaw drittijiet pensjonistiċi u għalhekk ikunu nieqsa mill-indipendenza ekonomika, b'mod speċjali f'każ ta' divorzju;

*It-tnaqqis tal-inugwaljanzi bejn l-irġiel u n-nisa f'dak li għandu x'jaqsam mal-karriera*

23. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni wieġbet għas-sejħa tiegħu biex ittejjeb ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali u privata, permezz ta' proposti mhux leġiżlattivi u proposta leġiżlattiva li toħloq diversi tipi ta' leave bil-għan li jiġu indirizzati l-isfidi tas-seklu 21; jenfasizza li l-proposti magħmula mill-Kummissjoni huma bażi tajba biex jiġu ssodisfati l-aspettativi taċ-ċittadini Ewropej; jistieden lill-istituzzjonijiet kollha biex iwettqu dan il-pakkett kemm jista' jkun malajr;

24. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrispettaw u jinfurzaw il-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet għall-maternità sabiex in-nisa ma jsofrux żvantaġġi f'termini ta' pensjonijiet għax ikunu saru ommijiet matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom;

25. Jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw li l-impjegati jingħataw il-possibbiltà li jinnegozjaw arranġamenti flessibbli volontarji f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħinijiet tax-xogħol, inklużi metodi aġevolati ta' ħidma ("smart working"), f'konformità mal-prattika nazzjonali u indipendentement mill-età tat-tfal jew is-sitwazzjoni familjari, u b'hekk jippermettu lin-nisa u l-irġiel jilħqu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, b'tali mod li ma jkollhomx jagħżlu bejn waħda u oħra meta jassumu responsabbiltajiet ta' kura;

26. Jinnota l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-leave tal-persuni li jindukraw fid-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw, u jfakkar l-appell tiegħu għal remunerazzjoni u protezzjoni soċjali adegwati; iħeġġeġ lill-Istati Membri jintroduċu, abbażi ta' kondiviżjoni tal-aħjar prattika, u għall-benefiċċju sew tan-nisa kif ukoll tal-irġiel, "care credits" li jpattu għal interruzzjonijiet mill-impjieg biex tingħata kura informali lil membri tal-familja u għal perjodi ta' kura formali, bħal leave tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, u li jgħoddu b'mod ġust dawn il-krediti mad-drittijiet tal-pensjoni; iqis li dawn il-krediti għandhom jingħataw għal perjodu qasir u stabbilit, sabiex ma jkunx hemm stereotipi u inugwaljanzi ulterjuri;

27. Jitlob lill-Istati Membri jfasslu strateġiji biex jirrikonoxxu l-importanza tal-kura informali mwettqa għal membri tal-familja u persuni dipendenti oħra, u t-tqassim ġust tagħhom bejn in-nisa u l-irġiel, li n-nuqqas tiegħu jista' jkun kawża ta' interruzzjonijiet fil-karrieri u xogħol prekarju fost in-nisa u b'hekk jipperikola d-drittijiet pensjonistiċi tagħhom; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza li jingħataw inċentivi għall-irġiel biex jagħmlu użu mil-leave tal-ġenituri u tal-paternità;

28. Jistieden lill-Istati Membri jippermettu t-trasferiment lura tal-impjegati għal arranġament komparabbli ta' xogħol wara l-leave tal-maternità jew il-leave tal-ġenituri;

29. Jirrimarka li ma jistax jintlaħaq bilanċ xieraq bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-irġiel u n-nisa jekk ma jkunx hemm faċilitajiet lokali ta' kwalità għolja, affordabbli u aċċessibbli, għall-kura għat-tfal, l-anzjani u l-persuni dipendenti u mingħajr ma jitħeġġeġ it-tqassim ugwali tar-responsabbiltajiet, l-ispejjeż u l-kura; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-investiment fis-servizzi għat-tfal, jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm faċilitajiet għall-kura tat-tfal fiż-żoni rurali kollha, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri, inkluż permezz tal-għoti ta' fondi disponibbli mill-UE, fil-ħolqien ta' faċilitajiet bħal dawn f'forma li tkun aċċessibbli għal kulħadd; jistieden lill-Istati Membri biex mhux biss jilħqu l-miri ta' Barċellona malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-2020, iżda jiddefinixxu wkoll miri simili għal servizzi ta' kura fit-tul, u fl-istess ħin joffru lill-familji li jippreferu mudell ta' kura ta' tfal differenti l-libertà li jagħżlu; jifraħ lil dawk l-Istati Membri li diġà laħqu ż-żewġ settijiet ta' miri;

***L-impatt tas-sistemi pensjonistiċi fuq id-differenza bejn il-pensjonijiet***

30. Jistieden lill-Istati Membri jivvalutaw, abbażi ta' data preċiża u komparabbli, l-impatt li s-sistemi pensjonistiċi tagħhom qed ikollhom fuq id-differenza bejn il-pensjonijiet u l-fatturi li jikkawżawha, sabiex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni u tinħoloq trasparenza fis-sistemi pensjonistiċi tal-Istati Membri;

31. Jenfasizza li s-sostenibbiltà tas-sistemi pensjonistiċi għandha tqis l-isfidi tal-bidliet demografiċi, it-tixjiħ tal-popolazzjoni, ir-rata tat-twelid, u l-proporzjon bejn il-persuni f'impjieg bi qligħ u dawk fl-età tal-pensjoni; ifakkar li s-sitwazzjoni ta' dawn tal-aħħar tiddependi ħafna fuq l-għadd ta' snin li matulhom ikunu ħadmu u ħallsu kontribuzzjonijiet;

32. Jistieden lill-Istati Membri jwettqu b'urġenza l-bidliet strutturali meħtieġa fis-sistemi pensjonistiċi, sabiex tiġi żgurata sigurtà soċjali sostenibbli fid-dawl taż-żieda fl-istennija tal-għomor fl-UE;

33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistudjaw f'aktar dettall kif id-differenza bejn il-pensjonijiet tista' tintlaqat minn bidla minn pensjonijiet statutorji tal-Istat għal arranġamenti aktar flessibbli fi skemi okkupazzjonali u privati għall-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni, kemm fir-rigward tal-kalkolu tat-tul tal-kontribuzzjoni għas-sistema pensjonistika kif ukoll fir-rigward tal-progressività tal-irtirar;

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

34. Iwissi dwar ir-riskji għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel irrappreżentati miċ-ċaqliqa mill-pensjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-pensjonijiet iffinanzjati personalment, peress li l-pensjonijiet personali huma bbażati fuq kontribuzzjonijiet individwali u ma jikkumpensawx għaż-żminijiet imqatta' fl-indukrar tat-tfal u ta' qraba dipendenti oħra, jew għall-perjodi ta' qgħad, leave minħabba mard, jew diżabilità; jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li r-riformi tas-sistemi tal-pensjonijiet li jorbtu l-benefiċċji soċjali mat-tkabbir, u mal-istat tas-swieq tax-xogħol u dawk finanzjarji, jiffokaw biss fuq aspetti makroekonomiċi u jinjoraw l-għan soċjali tal-pensjonijiet;

35. Jistieden lill-Istati Membri jneħħu l-elementi tas-sistemi pensjonistiċi tagħhom, u tar-riformi implimentati, li jżidu mal-iżbilanċi fil-pensjonijiet (speċjalment l-iżbilanċi bejn is-sessi bħalma hija d-differenza eżistenti bejn il-pensjonijiet), filwaqt li jitqies l-impatt fuq is-sessi tar-riformi tal-pensjonijiet futuri, kif ukoll jimplimentaw miżuri biex tinqered din id-diskriminazzjoni; jenfasizza li kwalunkwe bidla fil-politika relatata mal-pensjonijiet għandha titkejjel mal-impatt tagħha fuq id-differenza bejn in-nisa u l-irġiel, b'analiżi speċifika li tqabbel l-impatt tal-bidliet proposti fuq in-nisa u l-irġiel, u li dan għandu jkun karatteristika tal-proċessi ta' ppjanar, tfassil, implimentazzjoni u evalwazzjoni tal-politika pubblika;

36. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ il-kondiviżjoni tal-aħjar prattika sabiex jiġu identifikati kemm il-mekkaniżmi korrettivi l-aktar effikaċi kif ukoll dawk li jistgħu jiġġieldu l-fatturi li jikkontribwixxu għad-differenza bejn il-pensjonijiet;

37. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu tariffi tal-ħajja "unisex" fl-iskemi tal-pensjonijiet u l-"care credits", kif ukoll il-benefiċċji derivati, sabiex in-nisa jkunu jistgħu jirċievu l-istess ħlasijiet ta' pensjoni għal kontribuzzjonijiet ugwali, anke jekk mistennija jgħixu aktar mill-irġiel, u jiżguraw li l-istennija tal-għomor tan-nisa ma titqajjimx bħala skuża għal diskriminazzjoni, b'mod partikolari fil-kalkolu tal-pensjonijiet;

38. Jappella għal rieżami tal-inċentivi kollha disponibbli taħt is-sistemi tat-tassazzjoni u tal-pensjonijiet u tal-impatt tagħhom fuq id-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi, b'enfasi partikolari fuq familji mmexxija minn ommijiet waħedhom; jappella wkoll għat-tneħħija ta' inċentivi kontroproduttivi u l-individwalizzazzjoni tal-intitolamenti;

39. Jenfasizza r-rwol importanti li għandhom il-pensjonijiet tas-superstiti fil-ħarsien u s-salvagwardja ta' ħafna anzjani nisa mir-riskju akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali li jħabbtu wiċċhom magħhom meta mqabbel mal-anzjani rġiel; jistieden lill-Istati Membri jirriformaw, jekk ikun meħtieġ, is-sistemi tagħhom għall-pensjonijiet tas-superstiti u l-pensjonijiet tar-romol sabiex in-nisa mhux miżżewġa ma jkunux penalizzati; jistieden lill-Istati Membri biex, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jistudjaw l-effetti ta' sistemi differenti li jipprovdu pensjonijiet tas-superstiti fid-dawl tar-rati għolja ta' divorzju, l-inċidenza ta' faqar fost il-koppji mhux miżżewġin u l-esklużjoni soċjali tal-anzjani nisa, u jikkunsidraw li jipprevedu strumenti legali li jiżguraw drittijiet pensjonistiċi kondiviżi f'każ ta' divorzju;

40. Jenfasizza l-fatt li kulħadd għandu d-dritt għal pensjoni pubblika aċċessibbli universalment, u jfakkar li l-Artikolu 25 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni jirrikonoxxi d-dritt tal-persuni anzjani għal ħajja deċenti u indipendenti, u li l-Artikolu 34 tal-Karta jirrikonoxxi d-dritt għal aċċess għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u għas-servizzi soċjali li jiggarantixxu protezzjoni f'każijiet bħall-maternità, il-mard, l-inċidenti fil-post tax-xogħol, id-dipendenza jew ix-xjuħija, kif ukoll f'każ ta' telf ta' impjieg; jenfasizza l-importanza tas-sistemi tas-sigurtà soċjali pubbliċi ffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet bħala element importanti għal pensjoni adegwata;

41. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa jkollhom iċ-ċans jilħqu l-perjodi kontributorji kollha, u jiżguraw ukoll li kulħadd ikollu d-dritt għal pensjoni, bil-ħsieb li titneħħa d-differenza fil-pensjonijiet permezz tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bejn is-sessi fl-impjiegi, jiġu aġġustati l-edukazzjoni u l-ippjanar tal-karriera, jittejjeb il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u jissaħħaħ l-investiment fil-kura tat-tfal u l-anzjani; iqis bħala rilevanti wkoll l-introduzzjoni ta' regolamenti sodi dwar is-saħħa u s-sikurezza fil-post tax-xogħol li jqisu r-riskji okkupazzjonali kif ukoll psikosoċjali skont is-sessi, l-investiment fis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi li jistgħu jiggwidaw nisa ta' kull età li jkunu qed ifittxu impjieg, u l-introduzzjoni ta' regoli flessibbli għat-tranżizzjoni mix-xogħol għall-pensjoni;

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

42. Jinnota li fil-Kumment Ġenerali tiegħu Nru 16 (2005) dwar id-dritt ugwali tal-irġiel u tan-nisa għat-tgawdija tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali kollha, il-Kumitat għad-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali tan-NU stabbilixxa r-rekwiżiti tal-Artikolu 3 b'rabta mal-Artikolu 9 tal-ICESCR, inkluż ir-rekwiżit li l-età tal-irtirar obbligatorja tkun l-istess kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa u li jiġi żgurat li n-nisa jibbenefikaw bl-istess mod fil-qafas tal-iskemi pensjonistiċi pubbliċi u privati;

o

o o

43. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0261

# Rapport tal-2016 dwar is-Serbja

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni 2016 dwar is-Serbja (2016/2311(INI))**

(2018/C 331/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Salonka tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 dwar il-prospettiva tal-adeżjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent mal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/213/KE tat-18 ta' Frar 2008 dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet, u l-kundizzjonijiet kontenuti fis-Sħubija Ewropea mas-Serbja u li tħassar id-Deċiżjoni 2006/56/KE ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2011 dwar l-applikazzjoni tas-Serbja għall-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea (SEC(2011)1208), id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tat-2 ta' Marzu 2012 biex jingħata status ta' kandidat lis-Serbja u d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tas-27-28 ta' Ġunju 2013 biex jinfetħu n-negozjati mas-Serbja,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom u r-Repubblika tas-Serbja, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2013,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1244 (1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, l-Opinjoni Konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ) tat-22 ta' Lulju 2010 dwar il-konformità mad-dritt internazzjonali tad-dikjarazzjoni unilaterali ta' indipendenza fir-rigward tal-Kosovo, u r-riżoluzzjoni 64/298 tad-9 ta' Settembru 2010 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU li rrikonoxxiet il-kontenut tal-opinjoni tal-QIĠ u laqgħet id-disponibbiltà tal-UE li taġevola d-djalogu bejn is-Serbja u l-Kosovo,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet adottati fil-ħames laqgħa tal-Kumitat Parlamentari ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE-Serbja tat-22-23 ta' Settembru 2016,

— wara li kkunsidra r-Rapport dwar il-Politika għall-Impriża u l-Industrija adottat fis-7 ta' Ottubru 2016 mill-Kumitat Konsultattiv Konġunt tas-Soċjetà Ċivili UE-Serbja,

— wara li kkunsidra r-rapport finali relatat mal-missjoni ta' osservazzjoni elettorali limitata tal-OSKE/ODHIR dwar l-elezzjonijiet parlamentari bikrin fis-Serbja tad-29 ta' Lulju 2016,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni 2016 dwar is-Serbja tad-9 ta' Novembru 2016 (SWD(2016)0361),

— wara li kkunsidra l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Programm ta' Riforma Ekonomika tas-Serbja (2016-2018) (SWD(2016)0137),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent u t-Turkija tas-26 ta' Mejju 2016 (9500/2016),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tat-13 ta' Diċembru 2016,

— wara li kkunsidra t-tielet laqgħa tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni UE-Serbja li saret fit-13 ta' Diċembru 2016,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2016 dwar ir-Rapport tal-2015 dwar is-Serbja ([2]),

([1]) ĠU L 80, 19.3.2008, p. 46.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0046.

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0063/2017),

A. billi s-Serbja, bħal kull pajjiż li jaspira li jaderixxi mal-UE, għandha tiġi ġġudikata abbażi tal-merti proprji tagħha li tissodisfa, timplimenta u tkun konformi mal-istess ġabra ta' kriterji, u billi l-kwalità tar-riformi neċessarji u d-dedikazzjoni lejhom jiddeterminaw il-kalendarju tal-adeżjoni;

B. billi l-progress tas-Serbja fil-kapitoli 23 u 24 dwar l-istat tad-dritt u fil-kapitolu 35 dwar il-proċess ta' normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo għadu fundamentali għar-ritmu kumplessiv tal-proċess tan-negozjati, f'konformità mal-Qafas ta' Negozjar;

C. billi s-Serbja għamlet passi importanti lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo, li rriżultaw fl-Ewwel Ftehim dwar il-Prinċipji ta' Normalizzazzjoni tar-Relazzjonijiet tad-19 ta' April 2013 u l-ftehimiet ta' Awwissu 2015, iżda għad hemm ħafna xi jsir f'dan ir-rigward; billi huma meħtieġa b'urġenza miżuri ulterjuri sabiex il-kwistjonijiet pendenti kollha bejn iż-żewġ pajjiżi jiġu ttrattati, isir progress fihom u jiġu solvuti;

D. billi s-Serbja baqgħet impenjata li toħloq ekonomija tas-suq li tiffunzjona u kompliet timplimenta l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA);

E. billi l-implimentazzjoni tal-qafas ġuridiku dwar il-protezzjoni tal-minoranzi jeħtieġ li tkun garantita bis-sħiħ, partikolarment fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-użu tal-lingwa, l-aċċess għall-midja u għas-servizzi reliġjużi bil-lingwi minoritarji u r-rappreżentanza politika adegwata tal-minoranzi nazzjonali fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali;

1. Jilqa' pożittivament il-ftuħ tan-negozjati dwar il-Kapitoli 23 (Ġudikatura u Drittijiet Fundamentali) u 24 (Ġustizzja, Libertà u Sigurtà) bħala l-kapitoli ewlenin fl-approċċ tal-UE għal tkabbir ibbażat fuq l-istat tad-dritt, inkwantu l-progress f'dawn il-kapitoli jibqa' fundamentali għar-ritmu kumplessiv tal-proċess tan-negozjati; jilqa' pożittivament il-ftuħ tal-Kapitoli 32 (Kontroll Finanzjarju) u 35 (Kwistjonijiet Oħra), il-ftuħ tan-negozjati dwar il-Kapitolu 5 (Akkwist Pubbliku) u l-ftuħ u l-għeluq provviżorju tal-Kapitolu 25 (Xjenza u Riċerka) il-ftuħ tan-negozjati dwar il-Kapitolu 20 (Impriża u Politika Industrijali) u l-ftuħ u l-għeluq provviżorju tal-Kapitolu 26 (Edukazzjoni u Kultura); jistenna bil-ħerqa l-ftuħ tal-kapitoli addizzjonali li tħejjew mil-lat tekniku;

2. Jilqa' l-impenn kontinwu tas-Serbja fit-triq lejn l-integrazzjoni fl-UE u l-approċċ kostruttiv u mħejji tajjeb tagħha f'dak li għandu x'jaqsam man-negozjati, li huwa sinjal ċar ta' determinazzjoni u rieda politika; jistieden lis-Serbja tkompli tippromwovi u tikkomunika b'mod attiv din id-deċiżjoni strateġika fost il-popolazzjoni Serba, anki billi tippromwovi sensibilizzazzjoni msaħħa taċ-ċittadini Serbi dwar il-finanzjament mill-baġit tal-UE dirett lejn is-Serbja; jistieden lill-awtoritajiet Serbi jastjenu mir-retorika u mill-messaġġi kontra l-UE diretti lejn il-pubbliku; jissottolinja l-bżonn ta' dibattiti informati, trasparenti u kostruttivi dwar l-UE, l-istituzzjonijiet tagħha u l-implikazzjonijiet ta' adeżjoni; jieħu nota tat-titjib fid-djalogu u fil-konsultazzjonijiet pubbliċi mal-partijiet interessati u mas-soċjetà ċivili rilevanti kif ukoll l-involviment tagħhom fil-proċess ta' integrazzjoni tal-UE;

3. Jissottolinja li l-implimentazzjoni bir-reqqa tar-riformi u tal-politiki tibqa' indikatur ewlieni tas-suċċess tal-proċess ta' integrazzjoni; ifaħħar l-adozzjoni tal-Programm Nazzjonali għall-Adozzjoni tal-Acquis (PNAA); jistieden lis-Serbja ttejjeb l-ippjanar, il-koordinament u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki l-ġodda, billi titwaqqaf kapaċità amministrattiva adegwata u effiċjenti, u twettaq sforzi ulterjuri biex tiżgura l-inklużjoni sistematika tas-soċjetà ċivili fid-djalogi ta' politika, inkluż fil-proċess ta' adeżjoni, bħala strument għat-titjib tal-istandards tal-governanza demokratika; jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi kontinwi min-naħa tal-Uffiċċju tal-Gvern għall-Kooperazzjoni mas-Soċjetà Ċivili mmirati biex itejbu l-kooperazzjoni bejn l-Istat u s-settur ċivili;

4. Josserva dewmien fl-assorbiment tal-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni, anki minħabba l-qafas istituzzjonali inadegwat; iħeġġeġ lill-awtoritajiet ifittxu eżempji pożittivi u l-aħjar prattiki fost l-Istati Membri; jissottolinja l-bżonn li tiġi stabbilita sistema istituzzjonali aktar effikaċi u komprensiva fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, għall-assorbiment tal-IPA (Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni) u ta' fondi oħra disponibbli;

5. Jilqa' l-progress li sar mis-Serbja fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona u t-titjib fis-sitwazzjoni ekonomika globali fil-pajjiż; jenfasizza li s-Serbja għamlet progress pożittiv hija u tindirizza wħud mid-dgħufijiet politiċi tagħha, partikolarment fir-rigward tad-defiċit tal-baġit li llum jinsab inqas mil-livell iffissat fil-kriterji ta' Maastricht; jenfasizza li l-prospettivi tat-tkabbir tjiebu u l-iżbilanċi interni u esterni tnaqqsu; jilqa' favorevolment il-fatt li r-ristrutturar tal-impriżi ta' proprjetà pubblika mexa 'l quddiem, partikolarment fil-qasam tal-enerġija u tat-trasport ferrovjarju, u jissottolinja l-importanza tat-tmexxija professjonali tagħhom sabiex isiru aktar effikaċi, kompetittivi u ekonomiċi; jissottolinja r-rilevanza tal-impjieg fis-settur pubblika fis-Serbja u l-importanza tar-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema;

6. Jieħu nota tar-riżultati tal-elezzjonijiet presidenzjali li saru fit-2 ta' April 2017; jikkundanna bil-qawwa r-retorika li ntużat matul il-kampanja presidenzjali mill-uffiċjali tal-gvern u l-midja favur il-gvern kontra kandidati presidenzjali oħra; jiddispjaċih dwar l-aċċess mhux uniformi tal-kandidati għall-midja matul il-kampanja elettorali, kif ukoll il-fatt li l-parlament kien wieqaf matul il-kampanja, u b'hekk il-politiċi tal-oppożizzjoni ċċaħdu minn forum pubbliku; jistieden lill-awtoritajiet jinvestigaw b'mod adegwat allegazzjonijiet ta' diversi tipi ta' irregolaritajiet, vjolenza u intimidazzjoni matul l-elezzjonijiet; jirrikonoxxi l-protesti li kienu qed iseħħu matul dak iż-żmien f'bosta bliet Serbi u jħeġġeġ lill-awtoritajiet iqisu t-talbiet tagħhom f'konformità mal-istandards demokratiċi u l-ispirtu tad-demokrazija;

7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għall-ekonomija Serba u jistieden lill-pajjiż ikompli jtejjeb l-ambjent tan-negozju għas-settur privat; jistieden lill-Gvern Serb u lill-istituzzjonijiet tal-UE jespandu l-opportunitajiet ta' finanzjament tagħhom favur l-SMEs, speċjalment fil-qasam tal-IT u tal-ekonomija diġitali; ifaħħar l-isforzi tas-Serbja rigward l-edukazzjoni dupliċi ta' taħriġ professjonali biex ikun indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażagħ u jissottolinja l-importanza tal-organizzazzjoni ta' taħriġ aktar adegwat għad-domanda tas-suq tax-xogħol; iħeġġeġ lis-Serbja tippromwovi l-imprenditorija, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ; josserva t-tendenzi demografiċi sfavorevoli u l-fenomenu tal-"eżodu tal-imħuħ" u jistieden lis-Serbja tintroduċi programmi nazzjonali maħsuba biex jippromwovu l-impjieg fost iż-żgħażagħ;

8. Jilqa' l-iżvolġiment tal-elezzjonijiet parlamentari fl-24 ta' April 2016 li kienu valutati b'mod pożittiv mill-osservaturi internazzjonali; jistieden lill-awtoritajiet jindirizzaw bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-missjoni ta' osservazzjoni elettorali tal-OSKE/ODIHR, partikolarment fir-rigward tal-kopertura medjatika mhux imparzjali, tal-vantaġġ indebitu għal dawk fil-kariga, ta' distinzjoni vaga bejn l-attivitajiet statali u tal-partiti, tal-proċess ta' reġistrazzjoni u tan-nuqqas ta' trasparenza fil-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-kampanja elettorali; jenfasizza li l-finanzjament tal-partiti politiċi għandu jkun f'konformità mal-ogħla standards internazzjonali; jistieden lill-awtoritajiet jinvestigaw bir-reqqa l-akkużi ta' irregolaritajiet, vjolenza u intimidazzjoni li tqajmu matul il-proċess elettorali; jistieden lis-Serbja tiżgura elezzjonijiet ħielsa u ġusti f'April 2017;

9. Josserva li l-Prim Ministru Aleksandar Vučić irċieva 55,08 % tal-voti fl-elezzjoni presidenzjali tal-2 ta' April 2017; jenfasizza li delegazzjoni multipartitika mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa osservat l-elezzjoni u li l-OSKE/ODIHR bagħtet missjoni ta' valutazzjoni elettorali;

10. Itenni l-appell tiegħu lis-Serbja, konformement mar-rekwiżiti tal-istatus ta' kandidat tagħha, biex tallinja progressivament il-politika estera u ta' sigurtà tagħha ma' dik tal-UE, inkluża l-politika tagħha fil-konfront tar-Russja; iqis deplorevoli l-iżvolġiment ta' taħriġ militari konġunt bejn is-Serbja u r-Russja; huwa mħasseb bil-preżenza ta' faċilitajiet tal-ajru Russi f'Nis; jiddispjaċih li, f'Diċembru 2016 li għadda, is-Serbja kienet wieħed mis-26 pajjiż li ma tax is-sostenn tiegħu lir-riżoluzzjoni dwar il-Krimea fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti li tagħmel appell għal missjoni ta' osservazzjoni internazzjonali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-peniżola; jilqa' l-kontribut importanti tas-Serbja għal bosta missjonijiet u operazzjonijiet PSDK tal-UE (EUTM Mali, EUTM Somalia, EUNAVFOR Atalanta u EUTM RCA) u l-parteċipazzjoni kontinwa tagħha fl-operazzjonijiet internazzjonali ta' żamma tal-paċi; jinkoraġġixxi u jsostni bil-qawwa lis-Serbja fin-negozjati dwar l-adeżjoni mad-WTO;

11. Ifaħħar l-approċċ kostruttiv u umanitarju tas-Serbja fil-mod kif tittratta l-kriżi migratorja; jistieden lis-Serbja trawwem dan l-approċċ kostruttiv anki mal-pajjiżi ġirien; josserva b'mod pożittiv l-isforzi sostanzjali li s-Serbja għamlet biex tiżgura li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jingħataw kenn u provvisti umanitarji bl-appoġġ tal-UE u tal-komunità internazzjonali; jenfasizza li s-Serbja għandha tadotta u timplimenta l-liġi l-ġdida dwar l-asil; jistieden lill-awtoritajiet Serbi jkomplu jipprovdu lir-rifuġjati u lill-migranti kollha s-servizzi bażiċi bħal djar, ikel, sanità u assistenza għas-saħħa ta' livell

adegwat; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipprovdu appoġġ kontinwu favur is-Serbja bil-għan li tindirizza l-isfidi tal-migrazzjoni u tissorvelja mill-qrib l-applikazzjoni tas-sussidji finanzjarji għall-organizzazzjoni u għall-ġestjoni tal-flussi migratorji; jinkoraġġixxi lis-Serbja ssostni t-tendenza dekrexxenti ta' persuni li jfittxu asil li jidħlu fl-UE mis-Serbja; jistieden lis-Serbja tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet tal-applikanti għall-asil u tiżgura li l-minorenni mhux akkumpanjati u separati jiġu identifikati u mħarsa; jistieden lill-Kummissjoni tkompli l-ħidma dwar kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni flimkien mal-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent, b'mod li tiżgura l-konformità man-normi u mal-istandards Ewropej u internazzjonali;

***Stat tad-dritt***

12. Jinnota li, filwaqt li sar xi progress fil-qasam relatat mal-ġudikatura, b'mod partikolari billi ttieħdu passi għall-armonizzazzjoni tal-ġurisprudenza u l-promozzjoni ulterjuri ta' sistema ta' reklutaġġ meritokratika, l-indipendenza ġudizzjarja mhijiex assigurata fil-prattika, u dan ma jħallix lill-imħallfin u lill-prosekuturi jattwaw il-leġiżlazzjoni adottata; jistieden lill-awtoritajiet jallinjaw il-qafas kostituzzjonali u leġiżlattiv mal-istandards Ewropej sabiex titnaqqas l-influwenza politika fir-reklutaġġ u fil-ħatra tal-imħallfin u tal-prosekuturi; jenfasizza li l-kwalità u l-effiċjenza tal-ġudikatura u l-aċċess għall-ġustizzja jibqgħu taħt pressjoni minħabba distribuzzjoni inugwali ta' volum ta' xogħol, kwantità tqila ta' xogħol ġudizzjarju li baqa' lura u assenza ta' assistenza legali mingħajr ħlas, li jeħtieġ li tkun stabbilita; jappella għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

13. Jinsab imħasseb bin-nuqqas ta' progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u jħeġġeġ lis-Serbja turi rieda politika u impenn ċari biex jinstab tarf ta' din il-kwistjoni, anki permezz ta' titjib u tisħiħ b'mod totali tal-qafas ġuridiku; jistieden lis-Serbja tintensifika l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali kontra l-korruzzjoni u l-pjan ta' azzjoni, u jitlob li jitfassal l-ewwel bilanċ tal-investigazzjonijiet, tal-prosekuzzjonijiet u tal-kundanni għal korruzzjoni ta' livell għoli; japprezza l-progress fil-finalizzazzjoni tal-abbozz ta' liġi dwar l-Aġenzija kontra l-Korruzzoni u fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni previsti bis-saħħa tal-proġett ta' ġemellaġġ tal-UE li għadu kemm ġie stabbilit; iħeġġeġ lis-Serbja temenda u timplimenta t-taqsima tal-Kodiċi Kriminali dwar ir-reati ekonomiċi u ta' korruzzjoni sabiex jipprevedu qafas kredibbli u prevedibbli tad-dritt kriminali; huwa mħasseb bl-iżvelar ripetut lill-midja dwar l-investigazzjonijiet li għaddejjin; jistieden lill-awtoritajiet Serbi jinvestigaw bis-serjetà għadd ta' kawżi ta' profil għoli li fihom provi ta' allegata mġiba ħażina ġew ippreżentati mill-ġurnalisti; itenni l-appell tiegħu għal riforma adegwata tar-reat tal-abbuż tal-uffiċċju u tal-abbuż tar-responsabbiltajiet sabiex ikun evitat l-użu ħażin jew l-interpretazzjoni arbitrarja; jisħaq fuq il-fatt li r-rikors eċċessiv għad-dispożizzjoni dwar l-abbuż tal-uffiċċju fis-settur privat jagħmel ħsara lill-klima tan-negozju u jxekkel iċ-ċertezza tad-dritt; jistieden lis-Serbja tiggarantixxi n-newtralità u l-kontinwità tal-amministrazzjoni pubblika;

14. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rwol attiv tas-Serbja fil-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija fuq livell internazzjonali u reġjonali, fil-progress li sar fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u fl-adozzjoni, min-naħa tas-Serbja, tal-ewwel valutazzjoni tat-theddid gravi tal-kriminalità organizzata (SOCTA); jistieden lis-Serbja tintensifika l-isforzi biex tinvestiga netwerks kriminali usa', ittejjeb l-investigazzjonijiet finanzjarji u l-attivitajiet tal-pulizija bbażati fuq l-intelligence u tiżviluppa każistika solida ta' kundanni definittivi; jistieden lis-Serbja timplimenta b'mod sħiħ il-liġi ta' Frar 2016 dwar il-pulizija, tallinja mar-regoli tal-UE dwar il-konfiska tal-assi kriminali u tistabbilixxi pjattaforma sigura għall-iskambju tal-intelligence bejn l-aġenziji inkarigati mill-eżekuzzjoni tal-liġi; japprezza l-bidliet reċenti fil-liġi dwar il-proprjetà pubblika u jisħaq fuq il-fatt li l-implimentazzjoni trasparenti u nondiskriminatorja tagħha trid tkun garantita, u li jridu jiġu adottati miżuri oħrajn biex tkun stabbilita totalment iċ-ċarezza tad-dritt rigward id-drittijiet tal-proprjetà; jagħmel appell għal sforzi addizzjonali biex tkun indirizzata l-kwistjoni tal-kamp ta' applikazzjoni, tal-implimentazzjoni u tal-implikazzjonijiet tal-Liġi dwar l-Organizzazzjoni u l-Kompetenzi tal-Awtoritajiet Statali fil-Proċeduri tad-Delitti tal-Gwerra; jistieden lill-awtoritajiet jittrattaw il-każijiet ta' użu eċċessiv tal-poter min-naħa tal-pulizija fil-konfront taċ-ċittadini; ħa nota, bi tħassib, tal-avvenimenti kontroversjali li ġraw fid-distrett ta' Savamala ta' Belgrad, partikolarment fir-rigward tat-twaqqigħ tal-proprjetà privata; jesprimi tħassib dwar il-fatt li għaddiet sena sħiħa mingħajr ma saru xi żviluppi fl-investigazzjoniu jitlob ir-riżoluzzjoni rapida tagħha kif ukoll il-kooperazzjoni totali mal-awtoritajiet ġudizzjarji fl-investigazzjonijiet biex min hu responsabbli jiġi mħarrek; jistieden lill-Ministeru tal-Intern tas-Serbja u lill-awtoritajiet tal-belt ta' Belgrad jikkooperaw bis-sħiħ mal-prosekutur pubbliku f'dan il-każ; jistieden lill-awtoritajiet iżommu lura milli jagħmlu akkużi, pressjoni u attakki indirizzati lejn il-membri tal-moviment ċivili "Let's not drown Belgrade";

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

15. Jilqa' pożittivament ir-rwol attiv tas-Serbja fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u jfakkar li fl-2014 is-Serbja diġà kkriminalizzat l-attivitajiet tal-ġellieda barranin konformement mar-riżoluzzjoni 2178 (2014) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; iħeġġeġ l-adozzjoni tal-istrateġija nazzjonali għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra t-terroriżmu finalizzata f'Marzu 2016; jistieden lis-Serbja timplimenta b'mod sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Evalwazzjoni ta' Miżuri Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu (Moneyval), u partikolarment ir-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) dwar il-finanzjament tat-terroriżmu u l-ħasil tal-flus; jilqa' favorevolment il-kooperazzjoni kontinwa fuq livell internazzjonali u reġjonali min-naħa tas-Serbja fil-ġlieda kontra d-drogi iżda jenfasizza li hemm bżonn aktar sforzi biex jiġu identifikati u mħarrka n-netwerks kriminali involuti fit-traffikar tal-bnedmin; iqis li strateġija reġjonali u kooperazzjoni msaħħa fir-reġjun huma fundamentali biex jiġu miġġielda l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata;

***Demokrazija***

16. Jilqa' b'sodisfazzjon il-miżuri meħuda biex jitjiebu t-trasparenza u l-proċess ta' konsultazzjoni fi ħdan il-Parlament, inklużi seduti ta' smigħ pubbliċi u laqgħat u konsultazzjonijiet regolari mal-Konvenzjoni Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni Ewropea, speċjalment billi huma partijiet importanti tal-proċedura tan-negozjati; jibqa' mħasseb dwar l-użu estensiv ta' proċeduri urġenti fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni; jisħaq fuq il-fatt li l-użu frekwenti tal-proċeduri urġenti u l-bidliet tal-aħħar minuta lill-aġenda parlamentari jimminaw l-effikaċja parlamentari, il-kwalità u t-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv u fl-istess ħin ma jippermettux biżżejjed konsultazzjoni mal-partijiet interessati u mal-pubbliku ġenerali; jenfasizza li jeħtieġ li tissaħħaħ is-sorveljanza tal-Parlament fuq l-eżekuttiv; jitlob koordinament aħjar fil-livelli kollha u adozzjoni immedjata ta' kodiċi tal-kondotta tal-parlament; jiddispjaċih li, minħabba tfixkil, id-Delegazzjoni tal-UE lis-Serbja ma setgħetx tippreżenta r-rapport tal-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat għall-Integrazzjoni Ewropea tal-Parlament Serb; jenfasizza li l-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE jeħtieġ li jkun jista' jippreżenta dan ir-rapport mingħajr ostakli bla bżonn u dan se jippermetti wkoll sorveljanza adegwata tal-proċess ta' adeżjoni min-naħa tal-Parlament Serb;

17. Jinnota li l-Kostituzzjoni teħtieġ reviżjoni biex b'hekk tirrifletti b'mod sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja, b'mod partikolari fir-rigward tar-rwol tal-Parlament f'ħatriet ġudizzjarji, il-kontroll tal-partiti politiċi fuq il-mandat tal-Membri tal-Parlament, l-indipendenza tal-istituzzjonijiet ewlenin u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali;

18. Jilqa' favorevolment l-adozzjoni tal-programm pubbliku dwar ir-riforma tal-ġestjoni finanzjarja, l-istrateġija tal-gvern elettroniku, strateġija dwar riforma regolatorja u t-tfassil tal-politika, liġijiet ġodda dwar proċeduri amministrattivi ġenerali, salarji pubbliċi u impjegati pubbliċi fil-livell tal-gvern provinċjali u lokali; jinnota li f'xi oqsma l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni relatat mar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika kienet bil-mod, u li ma sar l-ebda progress fl-emendar tal-qafas ġuridiku għall-impjegati pubbliċi tal-gvern ċentrali; jissottolinja li hemm bżonn aktar sforz biex l-amministrazzjoni tkompli tkun professjonalizzata u depolitiċizzata u biex il-proċeduri ta' reklutaġġ u ta' sensja jsiru aktar trasparenti;

19. Itenni l-importanza ta' entitajiet regolatorji indipendenti bħall-Ombudsman, il-Kummissarju għall-Informazzjoni ta' Importanza Pubblika u l-Protezzjoni tad-Data Personali, l-Istitut Statali tal-Awditjar, l-Aġenzija Kontra l-Korruzzjoni u l-Kunsill Kontra l-Korruzzjoni fil-garanzija tas-sorveljanza u tal-obbligu ta' rendikont tal-eżekuttiv; jisħaq fuq il-bżonn ta' trasparenza u obbligu ta' rendikont tal-istituzzjonijiet statali; jistieden lill-awtoritajiet jipprovdu bis-sħiħ l-indipendenza ta' dawn l-entitajiet regolatorji, joffru sostenn politiku u amministrattiv totali għal ħidmithom u jiżguraw segwitu adegwat tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom; jistieden lill-awtoritajiet jastjenu milli jagħmlu akkużi u attakki politiċi mhux fondati diretti kontra l-Ombudsman;

20. Jissottolinja l-bżonn li tkun żgurata sistema edukattiva aċċessibbli b'kurrikulu komplet u bbilanċjat, anki rigward l-importanza tad-drittijiet tal-bniedem u l-miżuri kontra d-diskriminazzjoni kif ukoll opportunitajiet ta' xogħol u ta' taħriġ għaż-żgħażagħ u l-promozzjoni tal-programmi ta' studju Ewropej, bħall-programm Erasmus;

***Drittijiet tal-bniedem***

21. Jissottolinja li l-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali għall-osservanza tad-dritt internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem huwa fis-seħħ; jenfasizza li hija meħtieġa implimentazzjoni konsistenti fil-pajjiż kollu; josserva li hemm bżonn sforzi sostnuti ulterjuri biex titjieb is-sitwazzjoni tal-persuni li jagħmlu parti mill-gruppi vulnerabbli, inklużi r-Rom, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni bl-HIV/AIDS, il-persuni LGBTI, il-migranti u dawk li jfittxu l-asil kif ukoll il-minoranzi etniċi; jissottolinja l-bżonn għall-awtoritajiet Serbi, għall-partiti politiċi kollha u għall-personalitajiet pubbliċi kollha jippromwovu

klima ta’ tolleranza u inklużjoni fis-Serbja; jistieden lill-awtoritajiet jiżguraw implimentazzjoni adegwata tal-leġiżlazzjoni adottata kontra d-diskriminazzjoni, speċjalment fir-rigward tar-reati ta’ mibegħda; jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tal-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Vittmi Ċivili tal-Gwerra, li teskludi ċerti gruppi ta’ vittmi tal-vjolenza matul il-kunflitt, u jistieden lill-awtoritajiet jeżaminaw mill-ġdid din il-liġi;

22. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li ma sar ebda progress biex titjieb is-sitwazzjoni fir-rigward tal-libertà ta’ espressjoni, tal-awtoċensura u tal-midja li jikkostitwixxi fenomenu dejjem aktar gravi; jisħaq fuq il-fatt li l-indħil politiku, it-theddid, il-vjolenza u l-intimidazzjoni kontra l-ġurnalisti, inklużi l-aggressjonijiet fiżiċi, it-theddid bil-fomm u bil-miktub u l-attakki fuq il-proprjetà jibqgħu kwistjoni ta’ tħassib; jistieden lill-awtoritajiet jikkundannaw pubblikament u inekwivokabbilment dawn l-attakki kollha, joffru riżorsi adegwati għall-investigazzjoni b’mod aktar proattiv tal-każijiet ta’ attakki kontra l-ġurnalisti u l-mezzi tal-komunikazzjoni u jħarrku malajr lil dawk responsabbli; jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-kawżi ċivili ta’ malafama u l-kampanji denigratorji qegħdin jimmiraw b’mod sproporzjonat il-mezzi ta’ komunikazzjoni u l-ġurnalisti kritiċi u dwar ir-riperkussjonijiet possibbli fuq il-libertà tal-mezzi ta’ komunikazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-ġudikatura fir-rigward tal-malafama; jesprimi tħassib dwar kampanja negattiva kontra ġurnalisti investigattivi li jirrappurtaw dwar il-korruzzjoni, u jistieden lill-uffiċjali tal-gvern joqogħdu lura milli jinvolvu ruħhom f’kampanji bħal dawn; jitlob li jkun hemm implimentazzjoni sħiħa tal-liġijiet tal-mezzi ta’ komunikazzjoni; jilqa’ pożittivament l-iffirmar tal-ftehim dwar il-kooperazzjoni u l-protezzjoni tal-ġurnalisti bejn il-prosekuturi, il-pulizija, il-ġurnalisti u l-assoċjazzjonijiet tal-istampa u jistenna b’interess l-implimentazzjoni tiegħu; jissottolinja l-ħtieġa ta’ trasparenza sħiħa fis-sjieda tal-mezzi ta’ komunikazzjoni u l-finanzjament tagħhom; jinkoraġġixxi lill-gvern jiggarantixxi l-indipendenza u s-sostenibbiltà finanzjarja tal-organizzazzjonijiet tal-mezzi ta’ komunikazzjoni tas-servizz pubbliku kif ukoll il-fattibbiltà finanzjarja tal-kontenut medjatiku bil-lingwi minoritarji, u jżid ir-rwol tax-xandara pubbliċi f’dan is-settur;

23. Jinsab imħasseb bil-fatt li l-Liġi dwar ir-Reklamar ġiet adottata fl-2015 mingħajr konsultazzjoni pubblika adegwata, u aboliet dispożizzjonijiet importanti bħal dawk relatati mal-projbizzjoni tar-reklamar tal-awtoritajiet pubbliċi u tar-reklamar politiku barra mill-kampanji elettorali;

24. Jiddeplora r-rekwiżit għall-użu tal-fondi IPA li jesiġi li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) isiru sħab tal-Istat biex l-applikazzjonijiet tagħhom jintemmu b’suċċess;

25. Jikkundanna l-kampanja negattiva tal-gvern u tal-mezzi ta’ komunikazzjoni mmexxijin mill-gvern kontra l-OSĊ; huwa mħasseb bil-ħolqien min-naħa tal-gvern ta’ istituzzjonijiet fittizji ta’ OSĊ f’oppożizzjoni għall-OSĊ indipendenti; iqis li huwa inaċċettabbli li tinħtieġ sħubija mal-gvern sabiex l-applikazzjonijiet tal-OSĊ għall-fondi IPA jintemmu b’suċċess;

***Rispett u protezzjoni tal-minoranzi***

26. Itenni li l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali hija kundizzjoni preliminari fundamentali għall-adeżjoni mal-UE; jilqa’ pożittivament l-adozzjoni ta’ pjan ta’ azzjoni għar-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali, u l-adozzjoni ta’ digriet li jistabbilixxi fond għall-minoranzi nazzjonali, li hemm bżonn isir operattiv; jappella għall-implimentazzjoni totali tal-pjan ta’ azzjoni u tal-anness tiegħu b’mod komprensiv u trasparenti, bl-involviment kostruttiv tal-partijiet kollha; itenni l-appell tiegħu lis-Serbja tiżgura implimentazzjoni konsistenti tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-minoranzi u tagħti attenzjoni partikolari lit-trattament nondiskriminatorju tal-minoranzi nazzjonali fil-pajjiż kollu, inkluż fir-rigward tal-edukazzjoni, l-użu tal-lingwi, ir-rappreżentanza adegwata fil-ġudikatura, l-amministrazzjoni pubblika, il-parlament nazzjonali u l-entitajiet lokali u reġjonali kif ukoll aċċess għall-mezzi ta’ komunikazzjoni u għas-servizzi reliġjużi bil-lingwi minoritarji; jilqa’ b’sodisfazzjon l-adozzjoni ta’ standards edukattivi ġodda għat-tagħlim tas-Serb bħala lingwa mhux materna u l-progress fit-traduzzjoni tal-kotba tal-iskola fil-lingwi minoritarji, u jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Serbi jiżguraw is-sostenibbiltà ta’ dawn il-proċessi; jistieden lis-Serbja timplimenta b’mod sħiħ it-trattati internazzjonali kollha li jikkonċernaw id-drittijiet tal-minoranzi;

27. Josserva li d-diversità multietnika, multikulturali u multikonfessjonali tal-Vojvodina tikkontribwixxi wkoll għall-identità tas-Serbja; jissottolinja li l-Vojvodina żammet grad għoli ta’ protezzjoni tal-minoranzi u li s-sitwazzjoni interetnika baqgħet tajba; jenfasizza li l-awtonomija tal-Vojvodina jenħtieġ li ma tiddgħajjifx u li l-liġi dwar ir-riżorsi tal-Vojvodina għandha tiġi adottata mingħajr aktar dewmien, kif previst mill-Kostituzzjoni; jilqa’ b’sodisfazzjon ir-riżultat tal-belt Serba ta’ Novi Sad li ntgħażlet bħala l-Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2021;

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

28. Josserva l-adozzjoni tal-istrateġija l-ġdida għall-inklużjoni soċjali tar-Rom 2016-2025, li tkopri l-edukazzjoni, is-saħħa, id-djar, l-impjiegi, il-protezzjoni soċjali, il-miżuri kontra d-diskriminazzjoni u l-ugwaljanza tal-ġeneru; jitlob l-implimentazzjoni sħiħa u malajr tal-istrateġija l-ġdida għall-inklużjoni tar-Rom, billi huma l-grupp l-aktar dgħajjef, emarġinat u diskriminat fis-Serbja, l-adozzjoni urġenti tal-pjan ta' azzjoni u l-ħolqien ta' korp għall-koordinament tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni; jikkundanna l-qerda tal-insedjamenti informali tar-Rom min-naħa tal-awtoritajiet, mingħajr avviż jew offerti ta' alloġġ alternattiv; jinsab estremament imħasseb bin-nuqqas ta' ħruġ ta' dokumenti personali lill-popolazzjoni Rom, fatt li jillimita d-drittijiet fundamentali tagħhom; huwa tal-fehma li l-kwistjonijiet kollha msemmija hawn fuq jissarrfu f'għadd kbir ta' persuni Rom mis-Serbja jfittxu asil fl-UE;

***Kooperazzjoni reġjonali u relazzjonijiet ta' bon viċinat***

29. Jilqa' pożittivament il-fatt li s-Serbja tibqa' b'mod kostruttiv impenjata lejn relazzjonijiet bilaterali ma' pajjiżi oħrajn tat-tkabbir u ma' Stati Membri ġirien tal-UE; jinkoraġġixxi lis-Serbja ssaħħaħ l-involviment proattiv u pożittiv tagħha mal-ġirien tagħha u mar-reġjun tal-madwar, tippromwovi relazzjonijiet ta' bon viċinat u tintensifika l-isforzi mal-pajjiżi ġirien biex issolvi l-kwistjonijiet bilaterali skont id-dritt internazzjonali; itenni l-appell tiegħu lill-awtoritajiet biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-arkivji li jikkonċernaw lil dawk li kienu r-repubbliki tal-Jugoslavja; jistieden lis-Serbja timplimenta b'mod sħiħ il-ftehimiet bilaterali mal-pajjiżi ġirien; jissottolinja li tilwim bilaterali pendenti ma għandux ikollu effett ta' detriment fuq il-proċess ta' adeżjoni; jinkoraġġixxi lis-Serbja ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE ġirien, partikolarment fiż-żoni tal-fruntiera, bil-għan li jkun faċilitat l-iżvilupp ekonomiku;

30. Ħa nota pożittiva tal-fatt li s-Serbja wriet impenn kostruttiv dejjem jikber f'inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali bħall-Istrateġija tad-Danubju, il-Proċess ta' Kooperazzjoni fl-Ewropa tax-Xlokk, il-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali, il-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali, l-Inizjattiva Adrijatika-Jonika, il-proċess Brdo-Brijuni, l-inizjattiva tas-Sitta tal-Balkani tal-Punent u l-aġenda ta' konnettività tagħha u l-proċess ta' Berlin; jilqa' favorevolment il-Prim Ministri tal-Bulgarija, tar-Rumanija u tas-Serbja dwar il-kooperazzjoni tal-infrastrutturi enerġetiċi u tat-trasport u jsostni l-idea ta' format permanenti tal-laqgħat tal-"Grupp ta' Craiova"; jishaq fuq l-importanza tal-Uffiċċju għall-Kooperazzjoni Reġjonali fost iż-Żgħażagħ tal-Balkani tal-Punent fil-promozzjoni tar-rikonċiljazzjoni; jistieden lis-Serbja timplimenta l-miżuri tar-riforma tal-konnettività assoċjati mal-aġenda tal-konnettività kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Konferenza ta' Pariġi tal-2016 dwar il-Balkani tal-Punent u r-regolament TEN-T; ifaħħar ir-rwol tal-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija tas-Serbja biex tippromwovi l-kooperazzjoni reġjonali u tikkontribwixxi għat-twaqqif tal-Forum tal-Investiment tal-Kamra tal-Balkani tal-Punent;

31. Jilqa' favorevolment l-adozzjoni ta' strateġija nazzjonali għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti tal-gwerra; jistieden lis-Serbja tippromwovi klima ta' rispett u ta' tolleranza u tikkundanna kull forma ta' inċitament għall-mibegħda, approvazzjoni pubblika jew tiċħid ta' ġenoċidji, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra; jinnota li l-mandat tal-ex Prosekutur tad-Delitti tal-Gwerra skada f'Diċembru 2015; jenfasizza li l-ħatra tas-suċċessur tiegħu hija kwistjoni ta' tħassib serju; jappella għall-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija nazzjonali u għall-adozzjoni tal-istrateġija operattiva dwar il-prosekuzzjoni bi qbil mal-prinċipji u mar-regoli tad-dritt internazzjonali u tal-istandards internazzjonali; jappella għal kooperazzjoni reġjonali msaħħa fit-trattament tad-delitti tal-gwerra u fir-riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet pendenti kollha f'dan ir-rigward, anki bis-saħħa tal-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji tal-Prosekuturi tad-Delitti tal-Gwerra fir-reġjun dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni sħiħa mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY), li għadha essenzjali; jitlob li d-delitti tal-gwerra jiġu ttrattati mingħajr ebda diskriminazzjoni, billi l-impunità tiġi indirizzata u l-obbligu ta' rendikont jiġi żgurat; iħeġġeġ lill-awtoritajiet ikomplu jaħdmu dwar il-kwistjoni tad-destin tal-persuni li għebu, tal-lokalizzazzjoni tal-oqbra tal-massa u tal-garanzija tad-drittijiet tal-vittmi u tal-familji tagħhom; itenni l-appoġġ tiegħu favur l-inizjattiva biex titwaqqaf Kummissjoni reġjonali għall-aċċertament tal-fatti dwar id-delitti tal-gwerra u ksur gravi ieħor tad-drittijiet tal-bniedem kommess f'dik li kienet il-Jugoslavja u jħeġġeġ lill-Gvern Serb ikollu rwol ta' tmexxija f'dan l-aċċertament;

32. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-parteċipazzjoni ta' xi uffiċjali Serbi ta' grad għoli fiċ-ċelebrazzjonijiet tad-9 ta' Jannar 2017 ta' Jum ir-Republika Srpska, li saru bi ksur tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Bożnija-Ħerzegovina; jenfasizza li kemm is-Serbja, bħala pajjiż kandidat, kif ukoll il-Bożnija-Ħerzegovina, bħala pajjiż potenzjalment kandidat, għandhom jiddefendu u jippromwovu b'azzjonijiethom l-istat tad-dritt; jistieden lill-awtoritajiet Serbi jappoġġaw ir-riformi kostituzzjonali fil-Bożnija-Ħerzegovina bil-għan li tissaħħaħ il-kapaċità tal-pajjiż biex jiffunzjona u jipparteċipa fit-taħditiet dwar l-adeżjoni mal-UE;

33. Ifaħħar il-ftuħ ta' tliet punti ta' qsim tal-fruntiera bejn is-Serbja u r-Rumanija bħala żvilupp pożittiv u jirrakkomanda l-ftuħ ta' tliet punti ta' qsim tal-fruntiera ttardjati mal-Bulgarija f'Salash–Novo Korito, f'Bankya–Petachinci u fi Treklyano–Bosilegrad;

34. Ifaħħar kemm lis-Serbja kif ukoll lill-Albanija għall-impenn kontinwu tagħhom biex itejbu r-relazzjonijiet bilaterali u jsaħħu l-kooperazzjoni reġjonali fuq livell politiku u soċjetali, pereżempju permezz tal-Uffiċċju għall-Kooperazzjoni Reġjonali fost iż-Żgħażagħ (RYCO), bis-sede f'Tirana; jinkoraġġixxi liż-żewġ pajjiżi jkomplu bil-kooperazzjoni tajba tagħhom sabiex jippromwovu r-rikonċiljazzjoni fir-reġjun;

35. Jilqa' pożittivament l-impenn kontinwu tas-Serbja fil-proċess ta' normalizzazzjoni mal-Kosovo, u l-impenn tagħha għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet milħuqa fid-djalogu ffaċilitat mill-UE; itenni li l-progress fid-Djalogu għandu jitkejjel f'termini tal-implimentazzjoni tiegħu fil-post; jistieden, għaldaqstant, liż-żewġ partijiet javvanzaw bl-implimentazzjoni sħiħa, f'bona fide u b'mod tempestiv, tal-ftehimiet kollha li diġà ntlaħqu u jkomplu b'mod determinat il-proċess ta' normalizzazzjoni, inkluża l-kwistjoni tal-Komunità tal-Muniċipalitajiet Serbi; jinkoraġġixxi lis-Serbja u lill-Kosovo jidentifikaw oqsma ġodda ta' diskussjoni għad-djalogu, bil-għan li titjieb ħajjet iċ-ċittadini u jinnormalizzaw b'mod komprensiv ir-relazzjonijiet bejniethom; itenni l-appell tiegħu lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) biex iwettaq evalwazzjoni tal-prestazzjoni taż-żewġ naħat biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom;

36. Jiddispjaċih, madankollu, fir-rigward tad-deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet Serbi li ma jħallux lill-eks President tal-Kosovo, Atifete Jahjaga, tattendi l-festival "Mirëdita, Dobar Dan", fejn hija kienet mistiedna tagħmel diskors dwar il-vittmi tal-vjolenza sesswali waqt il-gwerra tal-Kososvo; jiddispjaċih ukoll fir-rigward tal-miżura reċiproka adottata mill-awtoritajiet tal-Kosovo li ma jħallux lill-Ministru tax-Xogħol tas-Serbja, Aleksandar Vulin, jidħol il-Kosovo; jenfasizza li tali deċiżjonijiet huma fi ksur tal-Ftehim ta' Brussell dwar il-libertà ta' moviment konkluż mis-Serbja u mill-Kosovo fi ħdan il-qafas tal-proċess ta' normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet ta' bejn iż-żewġ pajjiżi;

37. Jesprimi tħassib serju dwar t-tensjonijiet reċenti bejn is-Serbja u l-Kosovo rigward l-ewwel traġitt ferrovjarju bejn Belgrad u Mitrovica tat-Tramuntana, inklużi d-dikjarazzjonijiet ta' propaganda tal-gwerra u r-retorika anti-UE; jisħaq fuq il-bżonn li kemm Belgrad kif ukoll Pristina jastjenu minn kwalunkwe azzjoni li taf tikkomprometti l-progress miksub sal-lum u jastjenu minn azzjonijiet provokattivi u retorika inutli tista' tostakola l-proċess ta' normalizzazzjoni;

38. Jilqa' b'sodisfazzjon l-appoġġ li wrew l-awtoritajiet Serbi lill-Montenegro fl-investigazzjoni tiegħu tal-attakki falluti ppjanati għall-ġurnata tal-elezzjonijiet Montenegrini fl-2016; josserva li l-awtoritajiet Serbi arrestaw żewġ suspettati b'segwitu għall-ħruġ tal-mandat ta' arrest min-naħa tal-Montenegro; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Serbi jkomplu jikkooperaw mal-Montenegro biex jaqblu dwar l-estradizzjoni tas-suspettati lejn il-Montenegro skont it-termini tal-ftehim bilaterali dwar l-estradizzjoni taż-żewġ pajjiżi;

39. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel sforzi ulterjuri biex tappoġġa proċess ta' rikonċiljazzjoni ġenwin fir-reġjun, partikolarment permezz ta' appoġġ għal proġetti kulturali li jittrattaw il-passat reċenti u l-promozzjoni ta' fehim komuni u kondiviż tal-istorja u kultura pubblika u politika ta' tolleranza, inklużjoni u rikonċiljazzjoni;

***Enerġija***

40. Jistieden lis-Serbja timplimenta bis-sħiħ il-miżuri ta' riforma ta' konnettività fis-settur tal-enerġija; jinkoraġġixxi lis-Serbja tiżviluppa l-kompetizzjoni fis-suq tal-gass u tieħu miżuri biex ittejjeb l-allinjament mal-acquis fis-setturi tal-effiċjenza enerġetika, tal-enerġija rinnovabbli u tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, inkluża l-adozzjoni ta' politika komprensiva dwar il-klima; jappella għar-ratifika tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-klima; jappella għall-iżvilupp ta' strateġija għall-enerġija idroelettrika għall-Balkani tal-Punent fl-intier tagħhom bi qbil mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE u jistieden lill-awtoritajiet jużaw il-finanzjament addizzjonali tal-UE li jammonta għal EUR 50 miljun għall-iżvilupp tal-potenzjal idroelettriku tar-reġjun; ifaħħar lis-Serbja talli stabbiliet sistema ta' finanzjament għall-ambjent permezz tal-Fond Ekoloġiku; jisħaq fuq il-bżonn li jkunu żviluppati l-interkonnessjonijiet tal-gass u tal-elettriku tas-Serbja mal-ġirien tagħha; jinkoraġġixxi lis-Serbja taċċelera l-preparamenti tekniċi u baġitarji għall-interkonnettur tal-gass bejn il-Bulgarija u s-Serbja;

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

41. Jindika li s-Serbja għad trid tadotta formalment l-Istrateġija dwar il-Ġestjoni tal-Ilma u għadha ma għamlitx reviżjoni tal-Liġi dwar l-Ilma u l-Pjan Nazzjonali ta' Ġestjoni tal-Baċir Idrografiku tad-Danubju; jenfasizza li dawn il-liġijiet huma ta' importanza fundamentali għall-allinjament ulterjuri mal-acquis tal-UE u għat-titjib tal-implimentazzjoni tad-direttivi UE fis-settur tal-ilma;

o

o o

42. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvern u lill-Parlament tas-Serbja.

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0262

# Rapport 2016 dwar il-Kosovo

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni 2016 dwar il-Kosovo (2016/2314(INI))

(2018/C 331/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Salonka tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 dwar il-prospettiva tal-adeżjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent mal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Kosovo, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2016,

— wara li kkunsidra l-iffirmar ta' ftehim qafas mal-Kosovo dwar il-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni,

— wara li kkunsidra l-Ewwel Ftehim dwar il-Prinċipji li Jirregolaw in-Normalizzazzjoni tar-Relazzjonijiet, iffirmat mill-Prim Ministri Hashim Thaçi u Ivica Dačić fid-19 ta' April 2013, u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Implimentazzjoni tat-22 ta' Mejju 2013,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/947 tal-14 ta' Ġunju 2016 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX Kosovo),

— wara li kkunsidra r-rapporti tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-attivitajiet li għaddejjin tal-Missjoni Temporanja ta' Amministrazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo (UNMIK) u l-iżviluppi li għandhom x'jaqsmu magħhom, inkluż l-aktar rapport reċenti maħruġ fis-26 ta' Ottubru 2016, u d-dibattitu tal-Kunsill tas-Sigurtà dwar l-UNMIK li sar fis-16 ta' Novembru 2016,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2016 dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE (COM(2016)0715),

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni tal-2016 dwar il-Kosovo tad-9 ta' Novembru 2016 (SWD(2016)0363),

— wara li kkunsidra l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2016 dwar il-Programm ta' Riforma Ekonomika 2016-2018 tal-Kosovo (SWD(2016)0134),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent u t-Turkija tas-26 ta' Mejju 2016 (9500/2016),

— wara li kkunsidra l-Aġenda Ewropea għar-Riforma mnedija fil-11 ta' Novembru 2016 fi Pristina,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar it-tkabbir u l-proċessi ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tas-7 ta' Diċembru 2009, tal-14 ta' Diċembru 2010 u tal-5 ta' Diċembru 2011, li enfasizzaw u affermaw mill-ġdid, rispettivament, li l-Kosovo, mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Istati Membri dwar l-istatus tiegħu, jenħtieġ li jgawdi wkoll mill-prospettiva tal-liberalizzazzjoni eventwali tal-viża, ladarba jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża għall-persuni mill-Kosovo tal-1 ta' Ġunju 2016 (COM(2016)0277) u r-raba' rapport tal-Kummissjoni tal-4 ta' Mejju 2016 dwar il-progress li għamel il-Kosovo biex jissodisfa r-rekwiżiti tal-pjan direzzjonali dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża (COM(2016)0276),

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1244 (1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, l-Opinjoni Konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ) tat-22 ta' Lulju 2010 dwar il-konformità mad-dritt internazzjonali tad-dikjarazzjoni unilaterali ta' indipendenza fir-rigward tal-Kosovo, u r-Riżoluzzjoni 64/298 tad-9 ta' Settembru 2010 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, li rrikonoxxiet il-kontenut tal-opinjoni tal-QIĠ u laqgħet id-disponibbiltà tal-UE li taġevola d-djalogu bejn is-Serbja u l-Kosovo,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet konġunti tal-laqgħat interparlamentari bejn il-Parlament Ewropew u l-Kosovo tat-28-29 ta' Mejju 2008, tas-6-7 ta' April 2009, tat-22-23 ta' Ġunju 2010, tal-20 ta' Mejju 2011, tal-14-15 ta' Marzu 2012, tat-30-31 ta' Ottubru 2013 u tad-29-30 ta' April 2015, u d-dikjarazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati fl-ewwel u t-tieni laqgħa tal-Kumitat Parlamentari ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE-Kosovo tas-16-17 ta' Mejju 2016 u tat-23-24 ta' Novembru 2016 rispettivament, u l-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni li saret fil-25 ta' Novembru 2016,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0062/2017),

A. billi 114 mill-193 stat membru tan-NU, inklużi 23 mit-28 Stat Membru tal-UE, jirrikonoxxu l-indipendenza tal-Kosovo;

B. billi kull pajjiż (potenzjalment) kandidat jiġi ġġudikat fuq il-merti tiegħu stess, u billi r-rapidità u l-kwalità tar-riformi meħtieġa jiddeterminaw il-kalendarju għall-adeżjoni;

C. billi l-UE tenniet bosta drabi r-rieda tagħha li tassisti l-iżvilupp ekonomiku u politiku tal-Kosovo permezz ta' perspettiva Ewropea ċara, f'konformità mal-perspettiva Ewropea tar-reġjun, u l-Kosovo wera aspirazzjoni għall-mixja tiegħu lejn l-integrazzjoni Ewropea;

D. billi l-UE poġġiet l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi, inkluża r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll ir-relazzjonijiet ta' bon viċinat, l-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività, fil-qalba tal-politika ta' tkabbir tagħha;

E. billi aktar minn 90 % tal-Kosovari jinsabu f'riskju ta' qgħad u iktar minn 30 % jirċievu bejn EUR 0 u EUR 120 fix-xahar;

1. Jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE-Kosovo (FSA) tal-1 ta' April 2016 bħala l-ewwel relazzjoni kuntrattwali u pass essenzjali biex jitkompla l-proċess ta' integrazzjoni tal-Kosovo mal-UE; jilqa' t-tnedija tal-Aġenda ta' Riforma Ewropea fil-11 ta' Novembru 2016 u l-adozzjoni tal-istrateġija nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-FSA bħala pjattaforma biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-FSA, u jistieden lill-Kosovo jkompli juri rieda politika ċara u determinazzjoni biex jimplimenta l-pjan direzzjonali miftiehem, inkluż it-twaqqif tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni għall-implimentazzjoni tal-FSA, u jaħtaf il-momentum pożittiv maħluq mill-FSA sabiex jimplimenta u jistituzzjonalizza r-riformi u jtejjeb l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-Kosovo, jistabbilixxi kooperazzjoni mal-UE f'diversi oqsma li jżidu l-integrazzjoni kummerċjali u ta' investiment tal-Kosovo, imexxi 'l quddiem ir-relazzjonijiet mal-pajjiżi ġirien u jikkontribwixxi għall-istabbiltà fir-reġjun; jistieden lill-Gvern tal-Kosovo jiffoka fuq l-implimentazzjoni tar-riformi komprensivi meħtieġa biex jonora l-obbligi tiegħu taħt l-FSA; jilqa' l-fatt li fit-23-24 ta' Novembru 2016 sar it-Tieni Kumitat Parlamentari ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u li fil-25 ta' Novembru 2016 kien hemm l-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Kosovo; jinnota kemm hu kruċjali għall-ġejjieni demokratiku tal-Kosovo kif ukoll għall-futur fil-proċess ta' integrazzjoni tiegħu mal-UE, li l-elezzjonijiet ġenerali bikrija u l-elezzjonijiet muniċipali li se jsiru fit-tieni parti tal-2017 ikunu ħielsa, ġusti u trasparenti;

2. Jilqa' l-iżvolġiment ġeneralment paċifiku u ordnat tal-elezzjonijiet ġenerali bikrija li saru fil-11 ta' Ġunju 2017; jiddispjaċih, madankollu, li, parzjalment minħabba ż-żmien qasir għad-dispożizzjoni, uħud mir-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) tal-OSKE tal-2014 ma ġewx indirizzati; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-problemi osservati mill-osservaturi tal-UE matul il-kampanja elettorali fir-rigward, partikolarment, tal-indħil, min-naħa ta' ċerti partiti politiċi, li ħarbat l-indipendenza tal-mezzi tal-komunikazzjoni, kemm dawk privati kif ukoll pubbliċi, u tat-theddid u tal-atti ta' intimidazzjoni fil-konfront tal-membri u tal-kandidati tal-

komunità Serba tal-Kosovo li kkontestaw l-elezzjoni mal-Lista Serba (Srpska Lista); iħeġġeġ lill-partiti jifformaw malajr gvern biex ikompli fit-triq li qabad il-Kosovo lejn l-UE u jimpenjaw ruħhom li jirratifikaw ftehim ta' demarkazzjoni tal-konfini mal-Montenegro u jkomplu r-riżultati pożittivi f'dawk li huma l-kundanni għal korruzzjoni f'livell għoli u għall-kriminalità organizzata bil-għan li titwitta t-triq għall-eżenzjoni mill-obbligu ta' viża għaċ-ċittadini Kosovari;

3. Jesprimi tħassib dwar il-polarizzazzjoni estrema persistenti tax-xena politika; jistieden lill-partijiet kollha juru responsabbiltà u sjieda u joħolqu l-kundizzjonijiet għal soluzzjoni li tagħti l-frott u għal djalogu orjentat lejn ir-riżultati, bil-għan li titbatta t-tensjoni, u jintlaħaq kompromess sostenibbli sabiex jiġi ffaċilitat il-progress tal-pajjiż fil-mixja Ewropea tiegħu;

4. Iħeġġeġ lill-mexxejja tal-komunità Kosovo-Serba jieħdu posthom u r-rwol tagħhom bis-sħiħ fl-istituzzjonijiet tal-pajjiż, filwaqt li jaġixxu b'mod indipendenti minn Belgrad u b'mod kostruttiiv għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha tal-Kosovo, u jħeġġeġ lill-Kosovo jkompli jappoġġa l-aċċess tas-Serbi tal-Kosovo fl-istituzzjonijiet tal-Kosovo; jilqa' f'dan ir-rigward l-integrazzjoni ta' persunal ġudizzjarju, tal-pulizija u l-protezzjoni ċivili Serbi tal-Kosovo fi ħdan is-sistema tal-Kosovo; jistieden lill-awtoritajiet tal-Kosovo jkomplu jibnu fiduċja reċiproka bejn il-komunitajiet filwaqt li jippromwovu l-integrazzjoni ekonomika tagħhom;

5. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-isfrattar vjolenti ta' attivitajiet minn xi membri tal-oppożizzjoni li seħħ fil-parlament tal-Kosovo fl-ewwel nofs tal-2016, u jilqa' l-fatt li l-oppożizzjoni reġgħet bdiet tipparteċipa fix-xogħlijiet tal-Assemblea dwar il-maġġorparti tal-kwistjonijiet, u li kien hemm involviment kostruttiv min-naħa tal-membri kollha tad-delegazzjoni parlamentari konġunta tal-Parlament Ewropew u l-Assemblea tal-Kosovo matul l-parti finali tal-leġiżlatura uxxenti; jenfasizza l-importanza tad-djalogu politiku, il-parteċipazzjoni attiva u kostruttiva tal-partiti politiċi kollha fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-ħidma parlamentari mingħajr xkiel bħala kundizzjonijiet essenzjali għal progress fil-proċess ta' integrazzjoni mal-UE;

6. Jissottolinja li t-triq lejn l-integrazzjoni mal-UE tirrikjedi viżjoni strateġika fit-tul u impenn sostnut fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa;

7. Jinnota li ħames Stati Membri ma rrikonoxxewx lill-Kosovo; jenfasizza li r-rikonoxximent ikun ta' benefiċċju għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn il-Kosovo u s-Serbja u jżid il-kredibbiltà tal-UE fir-rigward tal-politika esterna tagħha; jilqa' b'mod pożittiv l-approċċ kostruttiv tal-Istati Membri kollha biex jiġu ffaċilitati u msaħħa r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Kosovo sabiex jitrawmu l-iżvilupp soċjoekonomiku, l-istat tad-dritt u l-konsolidament demokratiku għall-benefiċċju tal-poplu tal-Kosovo; jinkoraġġixxi approċċ pożittiv fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-Kosovo f'organizzazzjonijiet internazzjonali;

8. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' liberalizzazzjoni tal-viża, li jkun jikkostitwixxi pass pożittiv ħafna għall-Kosovo fit-triq lejn l-integrazzjoni Ewropea; jinnota b'mod pożittiv it-tnaqqis fit-talbiet għall-asil minn ċittadini tal-Kosovo, kemm fl-UE kif ukoll f'pajjiżi assoċjati Schengen, u jilqa' l-introduzzjoni tal-fond u ta' programmi ta' integrazzjoni mill-ġdid għaċ-ċittadini tal-Kosovo li rritornaw; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-istaġnar fl-Assemblea uxxenti fir-rigward tar-ratifika tal-ftehim ta' demarkazzjoni mal-Montenegro, u jenfasizza li l-liberalizzazzjoni tal-viża tista' tingħata biss ladarba l-Kosovo jissodisfa l-kriterji kollha, inkluż f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħolqien ta' każistika f'dawk li huma kundanni ta' livell għoli għall-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, li ġie appoġġat bil-kbir mill-mekkaniżmu ta' traċċar tal-IT għal każijiet ta' profil għoli li l-Kosovo juża għal reati ta' livell għoli – mekkaniżmu li jenħtieġ li jiġi estiż ukoll għal każijiet kriminali oħrajn; jistieden, għalhekk, lill-awtoritajiet jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jittrattaw kwistjonijiet ta' ħasil tal-flus, traffikar tad-drogi, traffikar ta' bnedmin, kummerċ fl-armi u pussess illegali tal-armi;

9. Iqis li huwa vitali li l-politika estera u ta' sigurtà tal-Kosovo tiġi allinjata mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE;

10. Jilqa' l-progress li sar fl-implimentazzjoni tad-diversi ftehimiet iffirmati minn Awwissu 2016 fil-proċess ta' normalizzazzjoni mas-Serbja, wara xhur ta' ftit li xejn progress; jenfasizza li l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet hija essenzjali għall-evoluzzjoni ulterjuri b'suċċess tad-djalogu bejn Pristina u Belgrad; jistieden lill-Kosovo u lis-Serbja juru aktar impenn u rieda politika sostnuta fir-rigward tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet, u biex iżommu lura minn kwalunkwe azzjoni li tista' tipperikola l-progress miksub sa issa f'dan il-proċess; ifakkar li din hija kundizzjoni għall-adeżjoni mal-UE;

jieħu nota tal-fatt li sar xi progress dwar kwistjonijiet tekniċi oħra bħall-katasti, id-diplomi universitarji u l-pjanċi tar-reġistrazzjoni, u dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim dwar il-Pont ta' Mitrovica; kien qed isegwi bi tħassib l-iżviluppi dwar il-Pont ta' Mitrovica u jappoġġa l-ftehim reċenti; jilqa' l-allokazzjoni ta' kodiċi telefoniku indipendenti u internazzjonali lill-Kosovo; itenni l-appell tiegħu lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex iwettaq evalwazzjoni fuq bażi regolari tal-prestazzjoni tal-partijiet fir-rigward tar-rispett tal-obbligi tagħhom, u biex jirrapporta s-sejbiet tiegħu lill-Parlament Ewropew; jenfasizza li l-ftehimiet milħuqa jenħtieġ li jtejbu l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini komuni; jinnota li l-benefiċċji tad-djalogu mhumiex evidenti għaċ-ċittadini tal-Kosovo u tas-Serbja u jenfasizza l-bżonn tal-akbar trasparenza fil-komunikazzjoni tar-riżultati tad-djalogu, b'mod partikolari fit-Tramuntana tal-Kosovo; jenfasizza l-importanza ta' relazzjonijiet tajba mal-viċinat fir-rigward tal-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent;

11. Jikkundanna bil-qawwa l-azzjoni li tintbagħat ferrovija nazzjonalista Serba minn Belgrad għat-Tramuntana tal-Kosovo; jesprimi tħassib serju dwar dikjarazzjonijiet ta' propoganda tal-gwerra u retorika kontra l-UE; jinnota d-deċiżjoni tal-qorti ta' Colmar (Franza) li tirrifjuta l-estradizzjoni lejn is-Serbja u l-ħelsien tas-Sur Ramush Haradinaj, li li kien ġie lliberat mill-akkużi mit-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY) fl-2008 u l-2012 u arrestat fi Franza fl-4 ta' Jannar 2017 fuq il-bażi ta' mandat ta' arrest internazzjonali maħruġ mis-Serbja fl-2004 skont il-liġi tagħha dwar l-Organizzazzjoni u l-Kompetenzi tal-Awtoritajiet tal-Istat fl-ambitu tal-Proċedimenti tad-Delitti tal-Gwerra; jiddispjaċih li din il-liġi minn dak iż-żmien 'l hemm intużat b'mod ħażin għat-tfittxija ta' ċittadini minn pajjiżi li qabel kienu jiffurmaw parti mill-Jugoslavja, kif juri dan l-aħħar każ; iħeġġeġ liż-żewġ partijiet iżommu lura minn passi provokattivi u retorika inutli li jistgħu jxekklu l-proċess ta' normalizzazzjoni; jistieden lill-UE, il-Kosovo u s-Serbja jiddiskutu dawn il-kwistjonijiet b'mod kostruttiv fil-qafas tan-negozjati għall-adeżjoni mal-UE;

12. Jinnota li l-Assoċjazzjoni tal-Muniċipalitajiet Serbi għadha ma ġietx stabbilita, li l-istatut korrispondenti għadu ma ġiex abbozzat u li l-istabbiliment tal-assoċjazzjoni huwa responsabbiltà tal-gvern tal-Kosovo; iħeġġeġ lill-Kosovo jistabbilixxi l-assoċjazzjoni mingħajr aktar dewmien, f'konformità mal-ftehim milħuq fil-qafas tad-djalogu ffaċilitat mill-UE u mas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Kosovo; iħeġġeġ f'dan ir-rigward lill-awtoritajiet tal-Kosovo biex jaħtru grupp ta' ħidma ta' livell għoli b'mandat ċar u marbut biż-żmien biex jipproponi statut għal kontribut pubbliku u rieżami parlamentari; jesprimi tħassib dwar il-preżenza kontinwa ta' strutturi paralleli tas-Serbja, inkluż permezz tal-appoġġ finanzjarju kontinwu tagħhom, u jitlob li dawn jiżżarmaw; iħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati kollha jsibu soluzzjoni fit-tul aċċettabbli u li jista' jaqbel magħha kulħadd għall-istatus taċ-ċentru ta' minjieri Trepca;

13. Jistieden lill-forzi politiċi jiżguraw li jiġu rispettati l-libertajiet ċivili u s-sigurtà tal-komunità Serba u tal-postijiet ta' qima tagħhom;

14. Jilqa' t-twaqqif ta' Awli Speċjalizzati għall-Kosovo u ta' Uffiċċju ta' Prosekutur Speċjalizzat fl-Aja bħala pass essenzjali biex jiġu żgurati ġustizzja u rikonċiljazzjoni; jenfasizza li l-ħarsien tax-xhieda huwa kruċjali għas-suċċess tal-Qorti Speċjali, u għalhekk jistieden lill-awtoritajiet jippermettu liċ-ċittadini jibbenefikaw minn din is-sistema mingħajr biża' ta' tpattija; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jkomplu jappoġġaw il-Qorti, inkluż permezz ta' finanzjament xieraq; jilqa' r-rieda tan-Netherlands biex tospita l-Qorti;

15. Jappella lill-Kosovo biex jindirizza l-kwistjoni ta' persuni nieqsa, inkluż: billi jiggarantixxi b'mod effettiv id-drittijiet tal-proprjetà, jipprojbixxi l-ħtif ta' proprjetajiet u jiggarantixxi r-ritorn u l-integrazzjoni mill-ġdid ta' persuni spustati; jistieden lill-Kosovo jiżgura kumpens effettiv għall-vittmi ta' stupru waqt gwerra kif iddikjarat fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali; jinnota bi tħassib il-progress kajman fl-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u l-kundanni f'każijiet ta' delitti tal-gwerra, inkluż f'każijiet ta' vjolenza sesswali matul il-gwerra tal-Kosovo 1998-1999, u jħeġġeġ lill-Kosovo jintensifika l-isforzi tiegħu f'dan ir-rigward;

16. Jiddispjaċih dwar il-fatt li s-soċjetà ċivili ma tiġix ikkonsultata regolarment bħala parti mill-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet; jinsisti fuq il-bżonn li s-soċjetà ċivili tingħata aktar setgħa, u jappella biex tintwera aktar rieda politika biex ikun hemm involviment tas-soċjetà ċivili, u dan billi jiġu implimentati standards minimi għall-konsultazzjoni pubblika;

17. Jitlob lill-forzi politiċi kollha jiggarantixxu, jirrispettaw, jappoġġaw u jintensifikaw l-isforzi biex jitjieb l-istat tad-dritt, inkluża l-indipendenza tal-ġudikatura, u billi ssir distinzjoni ċara bejn l-aspirazzjoni leġittima tal-poplu tal-Kosovo għal-libertà u l-ġustizzja u l-azzjonijiet ta' individwi li allegatament wettqu delitti tal-gwerra, li għandhom ikunu debitament imħarrka mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti;

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

18. Jinnota li l-Ombudsman beda jimplimenta l-liġi dwar l-Ombudsman tal-2015 b'rappurtar miżjud u mtejjeb, u jħeġġeġ l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja relatata; jistieden lill-assemblea u lill-gvern tal-Kosovo jiżguraw l-indipendenza finanzjarja, funzjonali u organizzattiva tal-Ombudsman, f'konformità mal-istandards internazzjonali dwar l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-gvern jagħti segwitu għar-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali u l-Ombudsman;

19. Jenfasizza l-ħtieġa għal funzjonament tajjeb tal-istituzzjoni tal-Ombudsman, u l-ħtieġa li jiġi żgurat li jirċievi r-riżorsi kollha meħtieġa biex iwettaq l-attivitajiet tiegħu;

20. Jinnota li, filwaqt li sar xi progress fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni għall-funzjonament xieraq tal-ġudikatura, l-amministrazzjoni tal-ġustizzja xorta waħda għadha kajmana u ineffiċjenti u mxekkla min-nuqqasijiet li fadal tal-leġiżlazzjoni kriminali, il-konvenjenzi politiċi u ekonomiċi, l-indħil politiku, in-nuqqas ta' responsabbiltà u riżorsi finanzjarji u umani limitati, inkluż fl-Uffiċċju għall-Prosekuzzjoni Speċjali; iħeġġeġ lill-Kosovo jindirizza dawn il-kwistjonijiet bħala kwistjoni ta' prijorità sabiex tiġi żgurata ċertezza tad-dritt fir-rigward tad-drittijiet ta' proprjetà ta' investituri barranin; jinnota l-isforzi li saru mill-pulizija u l-uffiċċju tal-prosekutur kontra l-kriminalità organizzata; jirrikonoxxi l-isforzi tal-awtoritajiet kompetenti biex jinvestigaw il-mewt fil-ħabs tas-Sur Astrit Dehari, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti jiffinalizzaw l-investigazzjoni;

21. Jilqa' l-iffirmar ta' ftehim qafas għall-parteċipazzjoni tal-Kosovo fil-programmi tal-UE, u jinkoraġġixxi biex wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew il-ftehim jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun u b'implimentazzjoni xierqa;

22. Jesprimi tħassib serju dwar in-nuqqas ta' progress li sar fir-rigward tal-protezzjoni tal-libertà ta' espressjoni u l-libertà tal-midja, kif ukoll dwar iż-żieda fl-indħil politiku u l-pressjoni u l-intimidazzjoni eżerċitati fuq il-midja; jinsab imħasseb ħafna dwar iż-żieda fl-għadd ta' theddid dirett u attakki fuq ġurnalisti, kif ukoll dwar l-awtoċensura mifruxa; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Kosovo jirrikonoxxu u jipproteġu bis-sħiħ il-libertà tal-espressjoni f'konformità mal-istandards tal-UE, u jtemmu l-impunità għal attakki kontra l-ġurnalisti, filwaqt li dawk responsabbli jinġiebu quddiem il-ġustizzja; iħeġġeġ lill-gvern jiggarantixxi l-indipendenza u s-sostenibbiltà tal-midja tas-servizz pubbliku RTK u jintroduċi skema ta' finanzjament adegwata; jitlob l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni soda dwar id-drittijiet tal-awtur u li tiġi żgurata t-trasparenza tas-sjieda tal-midja;

23. Jistieden lill-Gvern tal-Kosovo jiżgura li każijiet ta' attakki fiżiċi kontra ġurnalisti u forom oħrajn ta' pressjoni jiġu investigati fil-pront, iħaffef u jsaħħaħ l-aġġudikazzjoni tal-każijiet mill-ġudikatura, ikompli jikkundanna mingħajr tlaqliq l-attakki kollha kontra ġurnalisti u mezzi ta' komunikazzjoni, u jiżgura t-trasparenza fis-sjieda tal-midja biex jiġu miġġielda r-riskji dejjem jiżdiedu ta' pressjoni eċċessiva fuq l-edituri u l-ġurnalisti;

24. Jilqa' l-ftehim iffirmat mill-Kosovo u s-Serbja fit-30 ta' Novembru 2016 dwar il-passi finali għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ġustizzja, milħuq fi ħdan id-Djalogu tad-9 ta' Frar 2015, li se jippermetti lill-istituzzjonijiet ġudizzjarji tal-pajjiż isiru operattivi fit-territorju kollu tal-Kosovo;

25. Jenfasizza li l-korruzzjoni sistemika tmur kontra l-valuri fundamentali tal-UE tat-trasparenza u l-indipendenza tal-ġudikatura; itenni t-tħassib tiegħu dwar il-progress kajman ħafna fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u jappella għal sforzi mġedda u rieda politika ċara biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet – kwistjonijiet li min-naħa tagħhom ixekklu progress ekonomiku sinifikanti; jiddispjaċih li l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata mhumiex penalizzati f'ċerti żoni tal-Kosovo, b'mod partikolari fit-Tramuntana; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-każistika f'dawk li huma investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni finali għadha dgħajfa u li l-konfiska u s-sekwestru ta' assi kriminali jintużaw rarament, minkejja li dawn huma għodda essenzjali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u għaldaqstant jirrakkomanda l-iffriżar fil-pront tal-assi u żieda fl-għadd ta' konfiski finali; iħeġġeġ lill-Aġenzija kontra l-Korruzzjoni tal-Kosovo tieħu approċċ aktar proattiv fl-investigazzjonijiet; jesprimi tħassib li l-partiti politiċi u l-finanzjament tal-kampanji mhumiex koperti kif xieraq minn sorveljanza regolatorja; huwa tal-fehma li l-liġi dwar il-kunflitti ta' interess hemm bżonn li tinġieb f'konformità mal-istandards Ewropej, u li tiġi applikata fil-prattika t-tneħħija effettiva ta' uffiċjali pubbliċi akkużati jew misjuba ħatja ta' reati serji jew marbuta mal-korruzzjoni; jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' koordinazzjoni effettiva bejn l-istituzzjonijiet responsabbli għall-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni; jesprimi tħassib serju dwar l-involviment ta' gruppi armati kriminali f'attivitajiet kriminali transkonfinali, u jitlob kooperazzjoni diretta u effikaċi bejn il-Kosovo u s-Serbja, kif ukoll bejn il-pajjiżi kollha fir-reġjun, fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata; jenfasizza li s-sħubija tal-Kosovo mal-Interpol u l-kooperazzjoni mal-Europol jiffaċilitaw dawn l-isforzi;

26. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-Kosovo għadu pajjiż ta' ħżin u tranżitu għal drogi qawwijin; jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' ħżin sikur għad-drogi maqbuda qabel ma dawn jinqerdu; jesprimi tħassib serju dwar ir-rata baxxa ta' kundanni f'kawżi kontra t-traffikar tal-bnedmin, minkejja li l-Kosovo huwa għajn, tranżitu u destinazzjoni għan-nisa u t-tfal ittraffikati; jinnota bi tħassib l-eżistenza ta' gruppi armati u l-involviment tagħhom f'attivitajiet kriminali organizzati bħat-traffikar tal-armi, kif ukoll l-impunità evidenti li biha huma kapaċi joperaw bejn il-fruntieri;

27. Jistieden lill-Kosovo jagħmel sforzi ulterjuri biex iwaqqaf il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u jiżgura t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-Kosovo jallokaw finanzjament adegwat għall-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali dwar il-vjolenza domestika, li tinkludi mekkaniżmi internazzjonali bħall-Konvenzjoni ta' Istanbul; jilqa' l-appoġġ politiku ta' livell għoli għad-drittijiet tal-persuni LGBTI; jilqa' l-organizzazzjoni tat-tieni "pride parade", iżda jtenni li għad hemm biża' fost il-komunità LGBTI;

28. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Kosovo jindirizzaw l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri bħala prijorità, u jiżguraw li l-korpi regolatorji u l-awtoritajiet imexxu bl-eżempju; jinsab imħasseb dwar l-isfidi strutturali li jxekklu l-implimentazzjoni tal-liġi dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jibqa' mħasseb dwar is-sottorappreżentanza tan-nisa f'karigi li jinvolvu t-teħid tad-deċiżjonijiet; iħeġġeġ lill-Kosovo jibqa' jinkoraġġixxi lin-nisa li jkunu qed ifittxu karigi ta' livell għoli; jesprimi tħassib dwar il-livell baxx ta' sjieda ta' proprjetà fost in-nisa, u jistieden lill-awtoritajiet jiżguraw b'mod attiv li d-drittijiet tal-proprjetà tan-nisa, fosthom id-drittijiet għall-wirt, jiġu garantiti; jilqa' l-adozzjoni ta' strateġija nazzjonali dwar il-vjolenza domestika u jitlob l-implimentazzjoni sħiħa tagħha sabiex ikun hemm progress fil-ġlieda kontra l-vjolenza domestika u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; itenni r-rabta bejn il-vjolenza sesswali matul il-gwerer u l-kunflitti u n-normalizzazzjoni u l-livelli għolja ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru f'pajjiżi li jkunu għaddew minn kunflitt, meta dawn il-kwistjonijiet ma jiġux indirizzati kif suppost; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jinkoraġġixxu pubblikament u jdaħħlu fis-seħħ mekkaniżmi ta' protezzjoni u miżuri ta' kenn għan-nisa li ma jibqgħux fommhom sieket u jirrappurtaw il-vjolenza domestika; iħeġġeġ il-ħidma tal-NGOs dwar din il-kwistjoni;

29. Jinnota, filwaqt li jfaħħar l-istabbiliment ta' Grupp ta' Koordinazzjoni Interministerjali għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-2016, li hemm bżonn li jsiru aktar sforzi biex jiġu protetti d-drittijiet tal-minoranzi kollha fil-Kosovo, inklużi l-komunitajiet Rom, Ashkali, Eġizzjani u Gorani, u dan permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni rilevanti u l-allokazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti; jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali u lokali kompetenti jwettqu bħala kwistjoni ta' prijorità l-miżuri leġiżlattivi u prattiċi neċessarji kollha biex tiġi limitata d-diskriminazzjoni, u biex jaffermaw id-drittijiet tad-diversi minoranzi etniċi, inklużi d-drittijiet kulturali, lingwistiċi u tal-proprjetà, sabiex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' soċjetà multietnika; jistieden lill-Kosovo jiżgura li r-rifuġjati li jirritornaw, li ħafna minnhom huma Rom, jiġu integrati bis-sħiħ u jerġgħu jingħataw drittijiethom bħala ċittadini, biex b'hekk tintemm l-apolidija; jistieden lill-Kosovo jadotta strateġija u pjan ta' azzjoni ġodda għall-integrazzjoni tal-komunitajiet Rom, Ashkali u Eġizzjani;

30. Jilqa' ż-żieda fl-isforzi għall-għelib, il-ġlieda u l-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni, u jirrikonoxxi l-ħidma importanti mwettqa mill-Kosovo f'dan il-qasam; jinnota li għadd kbir ta' ġellieda barranin irritornaw lejn il-Kosovo u jistieden lill-awtoritajiet jiżguraw li dawn jiġu mmonitorjati u mħarrka, u biex jistabbilixxu approċċ komprensiv permezz ta' politiki effikaċi għall-prevenzjoni, id-deradikalizzazzjoni u, fejn ikun il-każ, l-integrazzjoni mill-ġdid; jappella għal aktar identifikazzjoni, prevenzjoni u qtugħ tal-fluss ta' ġellieda barranin u ta' flejjes li ma jistgħux jiġu rintraċċati maħsuba għar-radikalizzazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa ta' programmi komunitarji effettivi li jindirizzaw l-ilmenti li jinstigaw l-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni, u biex jinbnew relazzjonijiet li jippromwovu t-tolleranza u d-djalogu;

31. Jilqa' t-titjib fil-qagħda ekonomika u ż-żieda fid-dħul mit-taxxa li qed jagħmlu aktar riżorsi disponibbli għall-gvern biex iwettaq il-politiki tiegħu; jesprimi t-tħassib tiegħu, madankollu, dwar is-sostenibbiltà tal-baġit tal-Kosovo fir-rigward, b'mod partikolari, tal-ammont ta' benefiċċji allokati lill-veterani tal-gwerra, u jitlob li jkun hemm riforma tal-liġi rilevanti f'dan ir-rigward kif miftiehem mal-Fond Monetarju Internazzjonali; itenni li riformi strutturali soċjoekonomiċi huma kruċjali biex jiġi appoġġat it-tkabbir fit-tul; jenfasizza l-bżonn li tissaħħaħ l-industrija lokali bħala kwistjoni ta' urġenza, filwaqt li jkun hemm enfasi fuq il-kompetittività ta' prodotti manifatturati lokalment sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw l-istandards tal-importazzjoni tal-UE; jinsab imħasseb dwar id-dipendenza fuq ir-rimessi tal-migranti; jesprimi tħassib dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet ta' finanzjament *ad hoc*, li qed jimmina l-istabbiltà li għandhom bżonn in-negozji; itenni l-ħtieġa li titħaffef ir-reġistrazzjoni ta' negozji ġodda, li attwalment huma mxekkla minn amministrazzjoni mingħajr obbligu ta' rendikont, infrastruttura sottożviluppata, stat tad-dritt dgħajjef u korruzzjoni; iħeġġeġ lill-Kosovo jsegwi r-rakkomandazz-

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

jonijiet li rriżultaw mill-valutazzjoni tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar tal-UE u li jiġu introdotti valutazzjonijiet tal-impatt regolatorji biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-SMEs, u jistieden lill-Kummissjoni żżid l-assistenza lill-SMEs; jistieden lill-Kosovo jimplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Programm ta' Riforma Ekonomika 2016-2018 u l-Aġenda Ewropea għar-Riforma mnedija fil-11 ta' Novembru 2016;

32. Jinnota bi tħassib ir-rata għolja ta' qgħad, speċjalment il-qgħad fost iż-żgħażagħ, u jesprimi tħassib dwar id-diskriminazzjoni kontra n-nisa fis-suq tax-xogħol, speċjalment fil-proċess ta' reklutaġġ; jistieden lill-Kosovo jintensifika l-isforzi tiegħu sabiex iżid il-livell tal-impjieg u jtejjeb il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol; jenfasizza l-ħtieġa li ssir enfasi fuq it-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni, inkluż billi jitjieb it-taħriġ tal-għalliema, u b'hekk tiġi appoġġata t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol u l-kompetenzi edukattivi jitlaqqgħu mal-ħtiġijiet tal-impjiegi, li jikkostitwixxi pass essenzjali fil-ġlieda kontra r-rata għolja ħafna ta' qgħad fost iż-żgħażagħ; jitlob li jsiru aktar sforzi biex tiżdied l-edukazzjoni konġunta tal-komponenti kollha tas-soċjetà tal-Kosovo; jenfasizza l-ħtieġa li jittejbu l-mekkaniżmi ta' infurzar, b'mod partikolari l-ispettorati tax-xogħol u l-qrati, u biex jissaħħaħ id-djalogu, permezz tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tal-Kosovo, bejn l-istituzzjonijiet pubbliċi u s-sħab soċjali; jilqa' l-konklużjonijiet tas-summit ta' Pariġi tal-2016 u l-istabbiliment tal-ewwel Uffiċċju tal-Kooperazzjoni Reġjonali fost iż-Żgħażagħ;

33. Jiddispjaċih dwar il-pass kajman tal-isforzi tal-Kosovo rigward il-bini ta' kapaċità amministrattiva adegwata u effiċjenti, li qed jimpedixxi lill-pajjiż milli jimplimenta bis-sħiħ il-liġijiet adottati u juża l-fondi tal-UE b'mod effikaċi; jesprimi d-dispjaċir tiegħu dwar il-korruzzjoni endemika, l-indħil politiku u l-politiċizzazzjoni ta' persunal fl-amministrazzjoni pubblika fil-livelli kollha, kif ukoll dwar ħatriet f'diversi istituzzjonijiet u aġenziji indipendenti li ma jsirux b'mod suffiċjenti fuq kriterji professjonali, iżda fuq il-bażi ta' affiljazzjoni politika; jitlob li jsiru aktar sforzi biex ikun żgurat reklutaġġ meritokratiku, li huwa neċessarju għal garanzija ta' amministrazzjoni pubblika effikaċi, effiċjenti u professjonalment indipendenti; jappella biex isiru investigazzjonijiet dwar l-allegazzjoni reċenti ta' ndħil politiku fir-reklutaġġ u l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet f'korpi pubbliċi;

34. Jinnota li l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti għal applikazzjonijiet għal kwalunkwe tip ta' kuntratt taħt il-finanzjament tal-IPA huma tant diffiċli li kumpaniji Kosovari jew reġjonali spiss ma jkunux jistgħu japplikaw għalihom, u jitlob, għal dan l-għan, li tingħata attenzjoni speċjali għall-għoti ta' gwida u istruzzjonijiet lill-partijiet interessati; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jidderieġu l-assistenza li fadal, li għadha ma ġietx ipprogrammata, lejn proġetti b'impatt aktar dirett fuq l-ekonomija tal-Kosovo;

35. Jilqa' l-estensjoni tal-mandat tal-EULEX Kosovo u jħeġġeġ lill-Kosovo jkompli jikkoopera b'mod attiv għall-eżekuzzjoni sħiħa u bla xkiel tal-mandat tal-EULEX; jappella biex l-UE tkompli bl-isforzi tagħha sabiex jissaħħu ulterjorment is-sistemi indipendenti tal-ġustizzja, il-pulizija u d-dwana lil hinn mill-2018 bil-għan li l-Kosovo jieħu sjieda sħiħa ta' dawn il-funzjonijiet; jitlob li jkun hemm tranżizzjoni bla xkiel u effiċjenti tal-każijiet ġudizzjarji ttrattati minn prosekuturi tal-EULEX lill-prosekuturi nazzjonali, b'salvagwardji xierqa li jiggarantixxu li l-vittmi ta' ksur imwettaq fil-passat ikollhom aċċess għall-verità, il-ġustizzja u r-riparazzjoni;

36. Jinnota t-tmiem tal-investigazzjoni kriminali dwar l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni fil-missjoni EULEX; jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu dwar il-fatt li l-uffiċjali tal-UE involuti ġew meħlusa minn kull għemil ħażin; jistieden lill-EULEX tiżgura aktar effikaċja, trasparenza sħiħa u responsabbiltà akbar fir-rigward tal-missjoni tul il-mandat tagħha, u li timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha li saru mill-espert indipendenti Jean-Paul Jacqué fir-rapport tiegħu tal-2014;

37. Jinnota li s'issa, il-Kosovo għad mhuwiex rotta ewlenija ta' tranżitu għal rifuġjati u migranti li jivvjaġġaw fuq ir-'rotta tal-Balkani tal-Punent'; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Kosovo jiżguraw li dawk li jkunu għaddejjin jiġu ttrattati skont id-dritt Ewropew u internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Rifuġjati tal-1951; itenni li l-finanzjament, fost dispożizzjonijiet oħra fl-intestatura IPA II, jenħtieġ li jkun disponibbli u lest biex jiġi mobilizzat u implimentat b'rapidità u b'effikaċja fi żminijiet ta' kriżi u ta' bżonn;

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

38. Jilqa' l-fatt li bosta siti reliġjużi u kulturali Serbi li sfortunatament inqerdu fl-2004, ġew rinnovati b'finanzjament pubbliku tal-Kosovo, kif seħħ fir-rigward tal-Katidral Ortodoss; jirrikonoxxi l-impenn tal-Kosovo biex jipproteġi siti ta' wirt kulturali, u jistieden lill-awtoritajiet jimplimentaw il-konvenzjonijiet kollha tan-NU dwar il-wirt kulturali fil-livelli kollha, ikun xi jkun l-istatus tal-Kosovo fir-rigward tal-UNESCO, permezz tal-adozzjoni ta' strateġija xierqa u ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, u jiżguraw il-protezzjoni adegwata u l-ġestjoni tas-siti ta' wirt kulturali fil-Kosovo kollu; jilqa', f'dan ir-rigward, il-programm iffinanzjat mill-UE mmirat lejn il-protezzjoni u r-rikostruzzjoni ta' siti ta' wirt kulturali żgħar, bil-ħsieb li jitrawwem id-djalogu interkulturali u interreliġjuż fil-muniċipalitajiet multietniċi kollha; itenni l-ħtieġa li jiġi adottat l-abbozz ta' liġi dwar il-libertà tar-reliġjon, u li dan jenħtieġ li jinkorpora r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar din il-kwistjoni;

39. Jilqa' bil-ħerqa d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-għoti tal-istatus ta' osservatur lill-Kosovo fl-Assemblea Parlamentari tiegħu minn Jannar 2017 fir-rigward tas-sessjonijiet relatati mal-Kosovo; jappoġġa l-isforzi tal-Kosovo biex jintegra fil-komunità internazzjonali; jitlob, f'dan ir-rigward, li jkun hemm parteċipazzjoni tal-Kosovo fl-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali rilevanti kollha u jħeġġeġ lis-Serbja ma tibqax tindaħal f'dan il-proċess;

40. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Kosovo jadottaw strateġija kredibbli fit-tul dwar l-enerġija u qafas leġiżlattiv ibbażat fuq l-effiċjenza enerġetika, id-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija u l-iżvilupp tal-enerġiji rinnovabbli; jenfasizza l-ħtieġa li titkompla l-ħidma lejn grilji tal-elettriku affidabbli u biex is-settur tal-enerġija jsir aktar sostenibbli, kemm f'termini ta' sigurtà kif ukoll ta' standards ambjentali; jistieden lill-awtoritajiet jiffirmaw il-Memorandum ta' Qbil tal-Balkani tal-Punent 6 dwar l-iżvilupp tas-suq reġjonali tal-elettriku, u dwar it-twaqqif ta' qafas għal kollaborazzjoni futura ma' pajjiżi oħra; jenfasizza li fl-2017 il-Kosovo se jkollu l-presidenza tat-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija, u jfakkar lill-awtoritajiet fl-obbligu ġuridiku tal-Kosovo skont dan it-trattat li jiżgura li 25 % tal-elettriku kollu jiġi minn sorsi rinnovabbli sal-2020; jistieden lill-gvern jirrispetta l-ftehim dwar id-dekummisjonament tal-impjant tal-elettriku Kosovo A u t-tiġdid tal-impjant tal-elettriku Kosovo B, bl-użu tas-EUR 60 miljun allokati għal dan l-għan mill-UE fi ħdan il-qafas tal-fondi tal-IPA; jitlob li jkun hemm strateġija tal-idroenerġija għar-reġjun kollu tal-Balkani tal-Punent;

41. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-livell allarmanti ta' tniġġis tal-arja fil-Kosovo, b'mod partikolari fiż-żona urbana ta' Pristina, u jitlob lill-awtoritajiet lokali u tal-istat biex b'mod urġenti jieħdu miżuri adegwati biex jittrattaw din l-emerġenza; jenfasizza li l-istrateġija nazzjonali dwar il-kwalità tal-arja hemm bżonn li tiġi infurzata kif xieraq; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-ġestjoni tal-iskart tibqa' waħda mill-problemi l-aktar viżibbli fil-Kosovo u li l-leġiżlazzjoni attwali ma tindirizzax bis-sħiħ din l-isfida;

42. Jilqa' t-tnedija tal-proġett ta' konnettività ferrovjarja ġdida għall-Kuritur Orjent/Mediterran tal-Lvant, li jinkludi linji ġodda u stazzjonijiet tal-ferrovija fil-Kosovo u jikkostitwixxi l-uniku konnessjoni tal-Kosovo għar-reġjun tal-madwar; jistieden lill-gvern tal-Kosovo jappoġġa bis-sħiħ l-implimentazzjoni tal-proġett;

43. Jilqa' l-isforzi li saru mill-Kummissjoni sabiex tiġi żblukkata l-grilja ta' interkonnessjoni tal-elettriku bejn l-Albanija u l-Kosovo, li ilha mblukkata għal xahar mis-Serbja, u jappella għal kooperazzjoni kostruttiva bejn l-awtoritajiet tal-elettriku Serbi u Kosovari; ifakkar lis-Serbja li l-iskadenza stabbilita mill-Komunità tal-Enerġija biex jitneħħa l-imblokk kienet il-31 ta' Diċembru 2016 l-aktar tard;

44. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli ħidmietha fi kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni flimkien mal-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent, b'mod li tiżgura l-konformità man-normi u l-istandards Ewropej u internazzjonali; jilqa' l-ħidma li saret sa issa f'dan ir-rigward;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel sforzi ulterjuri biex tappoġġa proċess ta' rikonċiljazzjoni ġenwin fir-reġjun, partikolarment permezz ta' appoġġ għal proġetti kulturali li jittrattaw il-passat reċenti u l-promozzjoni ta' fehim komuni u kondiviż tal-istorja u kultura pubblika u politika ta' tolleranza, inklużjoni u rikonċiljazzjoni;

46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna kif ukoll lill-Gvern u lill-Assemblea Nazzjonali tal-Kosovo.

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0263

## Rapport 2016 dwar l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni 2016 dwar l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (2016/2310(INI))**

(2018/C 331/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Thessaloniki tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 dwar il-prospettiva tal-adeżjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent mal-Unjoni,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas konkluż f'Ohrid u ffirmat fi Skopje fit-13 ta' Awwissu 2001 (Ftehim Qafas ta' Ohrid, "l-OFA"),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2005 li jagħti lill-pajjiż l-istatus ta' kandidat għal sħubija fl-UE, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2008, il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2008, Diċembru 2012, Diċembru 2014 u Diċembru 2015, u l-konklużjonijiet tal-Presidenza tat-13 ta' Diċembru 2016, li ġew appoġġati mill-maġġoranza l-kbira tad-delegazzjonijiet u li tennew l-impenn qawwi u inekwivokabbli fil-proċess ta' adeżjoni tal-pajjiż mal-UE,

— wara li kkunsidra t-13-il laqgħa tal-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-pajjiż u l-Kummissjoni, li saret fi Skopje fil-15 ta' Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2016 bit-titolu "Il-Politika tat-Tkabbir tal-UE" (COM(2016)0715), akkumpanjata mid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni bit-titolu "Rapport tal-2016 dwar l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja" (SWD(2016)0362),

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri ta' Ġunju 2016 dwar l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja,

— wara li kkunsidra l-Prijoritajiet ta' Riforma Urġenti tal-Kummissjoni għall-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ta' Ġunju 2015,

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar Kwistjonijiet Sistematiċi tal-Istat tad-Dritt fir-rigward tal-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet żvelata fir-rebbiegħa tal-2015,

— wara li kkunsidra l-ftehim politiku (l-hekk imsejjaħ "Ftehim ta' Pržino") li ntlaħaq bejn l-erba' partiti politiċi ewlenin fi Skopje fit-2 ta' Ġunju u l-15 ta' Lulju 2015, u l-ftehim bejn l-erba' partijiet dwar l-implimentazzjoni tiegħu tal-20 ta' Lulju u l-31 ta' Awwissu 2016,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Finali tal-President tas-Summit dwar il-Balkani tal-Punent, li sar f'Pariġi fl-4 ta' Lulju 2016 kif ukoll ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili għas-Summit ta' Pariġi tal-2016,

— wara li kkunsidra s-sejbiet u l-konklużjonijiet preliminari, kif ukoll ir-rapport finali tal-OSKE/ODIHR dwar l-elezzjoni parlamentari preċedenti tal-11 ta' Diċembru 2016,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet 817 (1993) u 845 (1993) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, kif ukoll ir-riżoluzzjoni 47/225 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU u l-Ftehim Interim tat-13 ta' Settembru 1995,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar l-Applikazzjoni tal-Ftehim Interim tat-13 ta' Settembru 1995,

([1]) ĠU L 84, 20.3.2004, p. 13.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-pajjiż,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0055/2017),

A. billi, wara li ġiet posposta darbtejn, l-elezzjoni parlamentari bikrija fl-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja saret fil-11 ta' Diċembru 2016 f'atmosfera kalma u normali, f'konformità mal-istandards internazzjonali u skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/ODIHR; billi saret mingħajr inċidenti kbar, kienet ġeneralment amministrata sew u l-ammont ta' votanti kien kbir;

B. billi r-riformi u l-preparazzjonijiet għall-adeżjoni qed jiġu mxekkla minn polarizzazzjoni politika, nuqqas kbir ta' fiduċja reċiproka u nuqqas ta' djalogu ġenwin bejn il-partijiet; billi jista' jiġi osservat rigress b'mod kontinwu f'xi żoni importanti; billi d-demokrazija u l-istat tad-dritt kontinwament ġew sfidati, b'mod partikolari bħala riżultat ta' manipulazzjoni tal-istat li taffettwa l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi u l-oqsma ewlenin tas-soċjetà;

C. billi, fis-27 ta' April 2017, Talat Xhaferi ġie elett bħala l-Ispeaker il-ġdid tal-Parlament tal-Maċedonja; billi, fis-17 ta' Mejju 2017, il-President tar-Repubblika tal-Maċedonja ta l-mandat lill-kap tal-SDSM, Zoran Zaev, biex jifforma gvern ġdid; billi, fil-31 ta' Mejju 2017, il-gvern il-ġdid immexxi mill-Prim Ministru Zoran Zaev ġie approvat mill-Parlament tal-Maċedonja;

D. billi xi wħud mill-kwistjonijiet ewlenin fil-proċess ta' riforma jinkludu riforma tal-ġudikatura, l-amministrazzjoni pubblika u l-midja, il-qgħad fost iż-żgħażagħ u rieżami tal-implimentazzjoni tal-OFA;

E. billi huwa meħtieġ impenn serju mill-forzi politiċi kollha sabiex il-pajjiż ikompli jaħdem favur l-integrazzjoni fl-UE u d-direzzjoni Ewro-Atlantika; billi gvern ġdid għandu bżonn jadotta u jimplimenta bis-sħiħ riformi robusti kkaratterizzati minn riżultati konkreti, partikolarment fl-oqsma tal-istat tad-dritt, il-ġustizzja, il-korruzzjoni, id-drittijiet fundamentali, l-affarijiet interni u r-relazzjonijiet tajba tal-viċinat;

F. billi hemm fehim komuni bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament li ż-żamma tar-rakkomandazzjoni pożittiva biex jinfetħu n-negozjati dwar l-adeżjoni għadha dipendenti fuq/subordinata għal progress fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pržino u progress sostanzjali fl-implimentazzjoni tal-Prijoritajiet ta' Riforma Urġenti;

G. billi l-Kunsill qed jimblokka l-progress minħabba l-kwistjoni mhux solvuta dwar l-isem mal-Greċja; billi l-kwistjonijiet bilaterali jenħtieġ li ma jintużawx bħala skuża biex ifixklu l-bidu rapidu tan-negozjati mal-UE;

H. billi t-tilwim bilaterali jenħtieġ li ma jintużax biex ixekkel il-proċess ta' adeżjoni mal-UE, u lanqas il-ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni, iżda jenħtieġ li jiġi indirizzat fi spirtu kostruttiv u f'konformità mal-istandards tal-UE u tan-NU; billi jenħtieġ li jsiru l-isforzi kollha biex jinżammu relazzjonijiet tajbin fil-viċinat u interetniċi;

I. billi l-pajjiżi kandidati (potenzjali) jiġu ġġudikati fuq il-merti tagħhom stess, u r-rapidità u l-kwalità tar-riformi meħtieġa jiddeterminaw il-kalendarju għall-adeżjoni; billi jenħtieġ li jiġi garantit il-ftuħ ta' negozjati dwar l-adeżjoni wara li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet meħtieġa; billi l-pajjiż tqies għal bosta snin bħala wieħed mill-aktar pajjiżi kandidati avvanzati f'termini ta' allinjament mal-acquis;

J. billi l-proċess tal-adeżjoni mal-UE huwa inċentiv ewlieni għal aktar riformi, b'mod partikolari fir-rigward tal-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-ġudikatura, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u l-libertà tal-midja; billi l-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajbin fil-viċinat huma elementi essenzjali tal-proċess tat-tkabbir, il-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u l-proċess ta' adeżjoni tal-pajjiż;

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

K. billi fl-20 ta' Lulju u l-31 ta' Awwissu 2016 il-mexxejja tal-erba' partiti politiċi ewlenin laħqu ftehim dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pržino, li kien jinkludi l-istabbiliment tal-11 ta' Diċembru 2016 bħala d-data għal elezzjoni parlamentari bikrija u biex jiddikjaraw l-appoġġ tagħhom għall-ħidma tal-Prosekutur Speċjali; billi huma tennew ukoll l-impenn tagħhom biex jimplimentaw l-"Prijoritajiet ta' Riforma Urġenti";

L. billi l-kriżi politika reċenti wriet in-nuqqas ta' sistema effettiva ta' kontrokontrolli fl-istituzzjoinjiet tal-Maċedonja u l-ħtieġa li jiżdiedu t-trasparenza u r-responsabilità pubblika;

M. billi l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni għadha fundamentali sabiex tiġi miġġielda l-infiltrazzjoni kriminali tas-sistemi politiċi, ġuridiċi u ekonomiċi;

1. Jilqa' l-formazzjoni ta' gvern ġdid fil-31 ta' Mejju 2017; iħeġġeġ lill-partiti politiċi kollha biex jaġixxu fi spirtu ta' rikonċiljazzjoni, fl-interess komuni taċ-ċittadini kollha u jaħdmu mal-gvern biex terġa' tiġi restawrata l-fiduċja fil-pajjiż u fl-istituzzjonijiet tiegħu, inkluż permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Przino u tal-Prijoritajiet ta' Riforma Urġenti;

2. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rispett għal-libertajiet fundamentali muri matul l-elezzjoni bikrija fil-11 ta' Diċembru 2016, li kienet amministrata sew, saret b'mod trasparenti u inkluživ u mingħajr inċidenti kbar; jinnota li l-OSKE/ODIHR ikkunsidrat li l-elezzjoni kienet kompetittiva; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-partiti politiċi kollha aċċettaw ir-riżultati tagħha fl-interess tal-istabilità domestika u jenfasizza r-responsabilità tagħhom li jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda rigress fi kriżi politika; jistieden lill-partijiet kollha biex iżommu lura milli b'xi mod jostakolaw il-funzjonament effettiv tal-parlament; iħeġġeġ lill-gvern il-ġdid biex jipproċedi malajr bir-riformi neċessarji, biex tiġi żgurata l-integrazzjoni Ewro-Atlantika tal-pajjiż u biex titmexxa 'l quddiem il-perspettiva Ewropea tiegħu għall-benefiċċju taċ-ċittadini; iqis li l-kooperazzjoni bejn il-partiti u interetnika hija essenzjali għall-indirizzar tal-isfidi urġenti interni u dawk relatati mal-UE, u għaż-żamma tar-rakkomandazzjoni pożittiva biex jinfetħu n-negozjati ta' adeżjoni mal-UE;

3. Jilqa' b'sodisfazzjon it-titjib fil-proċess elettorali, inkluż il-qafas ġuridiku, il-lista tal-votanti u l-kopertura tal-midja; jilqa' l-fatt li r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili osservaw l-elezzjoni fil-biċċa l-kbira tal-postijiet tal-votazzjoni; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jindirizzaw b'mod effettiv l-allegati irregolaritajiet u nuqqasijiet, inklużi l-intimidazzjoni tal-votanti, ix-xiri ta' voti, u l-użu ħażin ta' riżorsi amministrattivi, il-pressjoni politika fuq il-midja, kif ukoll il-lingwa ta' konfrontazzjoni u l-attakki verbali fuq il-ġurnalisti, anke fil-perspettiva tal-elezzjoni lokali f'Mejju 2017; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-OSKE/ODIHR u l-Kummissjoni ta' Venezja u biex jistabbilixxu rekord kredibbli ta' skrutinju effettiv tal-finanzjament tal-partiti politiċi u l-kampanja elettorali; jenfasizza l-ħtieġa ta' iktar trasparenza u depoliticizzazzjoni tal-ħidma tal-amministrazzjoni elettorali sabiex tiżdied il-fiduċja tal-pubbliku fl-elezzjonijiet futuri;

4. Iqis li huwa importanti li jitwettaq ċensiment tal-popolazzjoni (l-aħħar ċensiment sar fl-2002), sakemm ikun hemm qbil madwar il-pajjiż dwar il-metodoloġija li għandha tiġi applikata, sabiex tinkiseb stampa realistika u aġġornata tad-demografija tal-popolazzjoni tal-Maċedonja, biex jiġu ssodisfati aħjar il-ħtiġijiet ta' u jiġu offruti servizzi liċ-ċittadini tal-Maċedonja, u tkompli tiġi aġġornata l-lista tal-votanti u jitnaqqsu kwalunkwe irregolaritajiet u nuqqasijiet fil-ġejjieni;

5. Jistenna li l-gvern il-ġdid, bħala l-ewwel prijorità, f'kooperazzjoni ma' partiti oħra, jaċċellera r-riformi relatati mal-UE; itenni l-appoġġ tiegħu għall-ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni, li jiddependi fuq il-progress tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pržino biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni sħiħa, tanġibbli u sostenibbli tiegħu u progress sostanzjali fl-implimentazzjoni tal-Prijoritajiet ta' Riforma Urġenti dwar riformi sistemiċi; jistieden lill-Kunsill biex jindirizza l-kwistjoni tan-negozjati dwar l-adeżjoni mill-aktar fis possibbli; jibqa' konvint li n-negozjati jistgħu jiġġeneraw ir-riformi tant meħtieġa, joħolqu dinamika ġdida, jagħtu ħajja mill-ġdid lill-perspettiva Ewropea u jinfluwenzaw b'mod pożittiv ir-riżoluzzjoni ta' tilwim bilaterali sabiex ma jfixkilx il-proċess ta' adeżjoni mal-UE;

6. Jenfasizza l-importanza strateġika ta' aktar progress fil-proċess tal-adeżjoni mal-UE u jitlob għal darb'oħra li jintwerew ir-rieda politika u s-sjieda mill-partijiet kollha fl-implimentazzjoni sħiħa tal-Prijoritajiet ta' Riforma Urġenti u l-Ftehim ta' Pržino; jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pržino hija importanti ħafna wkoll wara l-elezzjoni biex jiżgura l-istabilità u s-sostenibilità politika fil-ġejjieni; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta, mill-aktar fis possibbli iżda qabel tmiem l-2017, il-progress tal-pajjiż fl-implimentazzjoni u tirrapporta lura lill-Parlament u lill-Kunsill; filwaqt li jfakkar li jeħtieġ li jitniedu u jiġu implimentati r-riformi li misshom ilhom li ttieħdu, jappoġġa l-kontinwazzjoni tad-Djalogu ta' Livell Għoli

dwar l-Adeżjoni ħalli jgħin lill-pajjiż b'mod sistematiku f'dan ir-rigward; jiddispjaċih li l-ebda laqgħa ma saret taħt id-Djalogu ta' Livell Għoli dwar l-Adeżjoni u li ftit li xejn kien hemm progress fl-ilħuq tal-miri preċedenti; jiġbed l-attenzjoni għall-konsegwenzi politiċi, ta' sigurtà u soċjoekonomiċi negattivi potenzjali ta' dewmien ulterjuri fil-proċess ta' integrazzjoni Ewro-Atlantika tal-pajjiż; barra minn hekk jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex iżidu l-viżibilità tal-proġetti ffinanzjati mill-UE fil-pajjiż sabiex l-UE toqrob lejn iċ-ċittadini tal-pajjiż;

7. Jenfasizza l-progress sinifikanti li għamel il-pajjiż fil-proċess ta' integrazzjoni fl-UE u jenfasizza l-konsegwenzi negattivi ta' dewmien ulterjuri tal-proċess ta' integrazzjoni, inkluża t-theddida għall-kredibilità tal-politika ta' tkabbir tal-UE u r-riskju ta' instabilità fir-reġjun;

8. Jirrimarka li l-isfidi attwali li qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea (Brexit, il-migrazzjoni, ir-radikaliżmu, eċċ.) jenħtieġ li ma jxekklux il-proċess ta' tkabbir, iżda pjuttost li dawn l-isfidi wrew il-ħtieġa li jiġu integrati bis-sħiħ il-Balkani tal-Punent fl-istrutturi tal-UE biex tissaħħaħ u tiġi approfondita s-sħubija u jingħelbu l-kriżijiet internazzjonali;

9. Jilqa' b'sodisfazzjon il-livell għoli ta' allinjament leġiżlattiv mal-acquis communautaire u jirrikonoxxi l-prijorità mogħtija lill-implimentazzjoni effettiva u l-infurzar ta' oqfsa ġuridiċi u politiċi eżistenti, bħal fil-każ ta' pajjiżi li diġà huma impenjati fin-negozjati tal-adeżjoni;

10. Jifraħ lill-pajjiż dwar it-tkomplija tal-issodisfar tal-impenji tiegħu taħt l-FSA; jistieden lill-Kunsill biex jadotta l-proposta tal-Kummissjoni tal-2009 biex jimxi għat-tieni stadju tal-FSA, b'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti;

11. Iħeġġeġ lill-partijiet kollha biex juru r-rieda politika u r-responsabilità biex jingħelbu l-ambjent politiku diviżiv, il-polarizzazzjoni u n-nuqqas ta' kultura ta' kompromess u biex jinvolvu ruħhom mill-ġdid fi djalogu; jenfasizza għal darb'oħra r-rwol ewlieni tal-parlament fl-iżvilupp demokratiku tal-pajjiż u bħala l-forum għad-djalogu politiku u r-rappreżentanza politika; jitlob li l-funzjonijiet ta' sorveljanza jiġu msaħħa u li jiġu stabbiliti limiti fuq il-prattika ta' bidliet leġiżlattivi frekwenti għal-liġijiet u l-użu ta' proċeduri mqassra għall-adozzjoni, mingħajr biżżejjed konsultazzjoni jew valutazzjoni tal-impatt; iħeġġeġ l-operazzjoni bla xkiel tal-kumitati parlamentari fuq l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet u fuq is-sigurtà u l-kontrospjunaġġ, u l-aċċess bla xkiel tagħhom għad-data u t-testimonjanzi meħtieġa sabiex jiġi pprovdut kontroll parlamentari kredibbli fuq is-servizzi rilevanti; jirrikonoxxi r-rwol kostruttiv li għandha s-soċjetà ċivili fl-appoġġ u t-titjib tal-proċessi demokratiċi;

12. Jinnota xi progress fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika inklużi l-passi biex jiġi implimentat il-qafas ġuridiku ġdid dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani; jappella għal aktar impenn biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni; jibqa' mħasseb dwar l-amministrazzjoni pubblika politiċizzata u minħabba li l-impjegati taċ-ċivil huma soġġetti għal pressjoni politika; iħeġġeġ lill-gvern il-ġdid biex juri impenn politiku qawwi biex jitjiebu l-professjonaliżmu, il-mertu, in-newtralità u l-indipendenza fil-livelli kollha permezz tal-implimentazzjoni tal-programmi ġodda ta' reklutaġġ abbażi tal-mertu u l-proċedura ta' evalwazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li titlesta l-istrateġija għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika 2017-2022, inkluż billi jsiru biżżejjed allokazzjonijiet tal-baġit għall-implimentazzjoni tagħha, u li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva rilevanti; jitlob lill-gvern li jmiss biex jistabbilixxi linji ta' responsabilità trasparenti u effettivi bejn u fi ħdan l-istituzzjonijiet; jirrakkomanda li l-komunitajiet kollha jkunu rrappreżentati b'mod ġust fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni pubblika;

13. Jirrakkomanda li l-gvern li jmiss jiżviluppa strateġija komprensiva dwar il-governanza elettronika flimkien ma' aktar żvilupp tas-servizzi elettroniċi għaċ-ċittadini u n-negozji sabiex inaqqsu l-piż burokratiku għall-istat, għaċ-ċittadini u għan-negozji; jenfasizza li l-governanza elettronika u s-servizzi elettroniċi jtejbu l-prestazzjoni ekonomika tal-pajjiż u jżidu t-trasparenza u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi pubbliċi; jenfasizza d-dritt taċ-ċittadini għall-aċċess għall-informazzjoni pubblika u jappella għal aktar sforzi biex jiġi żgurat li dan id-dritt bl-ebda mod ma jkun ostakolat; iħeġġeġ is-sejba ta' soluzzjonijiet elettroniċi innovattivi sabiex ikun żgurat aċċess faċli għall-informazzjoni pubblika u biex titnaqqas il-burokrazija relatata;

14. Jiddeplora r-rigress kontinwu fir-riforma tal-ġudikatura, li jenħtieġ li tiġi mħeġġa sabiex taħdem b'mod indipendenti; jiddeplora l-interferenza politika rikorrenti fil-ħidma tagħha, inkluż fil-ħatra u l-promozzjoni tal-imħallfin u l-prosekuturi, kif ukoll in-nuqqas ta' responsabilità u l-każijiet ta' ġustizzja selettiva; għal darb'oħra jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jindirizzaw b'mod effettiv il-kwistjonijiet pendenti kif identifikati fil-'Prijoritajiet ta' Riforma Urġenti' u biex juru rieda politika biex isir progress fir-riforma tas-sistema ġudizzjarja, inkluż permezz tat-titjib fil-liġi u fil-prattika, it-trasparenza fil-

proċeduri ta' ħatra u promozzjoni u billi jitnaqqas it-tul tal-proċedimenti fil-qorti; jirrikonoxxi li saru xi sforzi biex tittejjeb it-trasparenza; jistieden, barra minn hekk, lill-awtoritajiet jiżguraw il-professjonalità tal-Kunsill Ġudizzjarju u tal-Kunsill tal-Prosekuturi u l-indipendenza funzjonali tas-sistema ġudizzjarja kollha kemm hi;

15. Itenni l-importanza ta' investigazzjoni komprensiva u indipendenti, mingħajr xkiel, dwar l-allegazzjonijiet ta' azzjonijiet ħżiena li nkixfu bl-interċettazzjonijiet telefoniċi u n-nuqqasijiet relatati tas-sorveljanza; ifakkar fl-importanza tal-mandat u l-ħidma kemm tal-Prosekutur Speċjali kif ukoll tal-Kumitat Parlamentari ta' Inkjesta li jinvestigaw ir-responsabilità ġuridika u r-responsabilità politika, rispettivament; jinnota li l-Prosekutur Speċjali qajjem l-ewwel akkużi kriminali dwar in-nuqqasijiet li jirriżultaw mill-interċettazzjoni telefonika;

16. Huwa mħasseb dwar l-attakki politiċi kontra u l-ostakli amministrattivi u ġudizzjarji għall-ħidma tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali u n-nuqqas ta' kooperazzjoni minn istituzzjonijiet oħra; ifakkar lill-qrati kriminali li ma jirrispondux għal talbiet uffiċjali mill-Istati tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali li għandhom obbligu legali biex jgħinuh; iqis li huwa essenzjali għall-proċess demokratiku li l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali jkun jista' jwettaq il-funzjonijiet kollha tiegħu u jwettaq investigazzjonijiet bir-reqqa b'awtonomija sħiħa, mingħajr xkiel u bil-mezzi neċessarji; jitlob li jingħata appoġġ sħiħ lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali u l-kondizzjonijiet u ż-żmien meħtieġ biex titlesta l-ħidma importanti tiegħu; jitlob li jintemmu l-ostakli fil-qrati kontra r-riferiment ta' provi lill-Prosekutur Speċjali, u li jiġu appoġġati emendi fil-liġi bl-għan li tiġi żgurata l-awtorità awtonoma tiegħu fir-rigward tal-protezzjoni tax-xhieda f'każijiet li jaqgħu taħt ir-responsabilità tiegħu; jemmen bis-sħiħ li r-riżultati tal-investigazzjonijiet jikkostitwixxu pass importanti lejn il-kisba mill-ġdid tal-fiduċja fl-istituzzjonijiet nazzjonali; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li jiġu adottati emendi għal-Liġi dwar il-Protezzjoni tax-Xhieda;

17. Jibqa' mħasseb li l-korruzzjoni għadha problema serja u li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni qed tiġi mminata mill-interferenza politika; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm rieda politika qawwija biex din tiġi indirizzata; jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ l-indipendenza tal-pulizija, il-prosekuzzjoni u l-Kummissjoni Statali għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni; jitlob li tittieħed azzjoni biex titjieb it-trasparenza u biex jiġu żgurati għażla u ħatra abbażi tal-mertu tal-membri tal-Kummissjoni Statali għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni; jitlob, bħala kwistjoni ta' urġenza, biex isiru sforzi li jiżguraw il-prevenzjoni u s-sanzjoni effikaċi tal-kunflitti ta' interess u li jiġi stabbilit rekord kredibbli dwar il-korruzzjoni f'livell għoli, inklużi l-implimentazzjoni tal-qafas ġuridiku dwar il-protezzjoni tal-informaturi f'konformità mal-istandards Ewropej, il-Prijoritajiet ta' Riforma Urġenti u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja; iħeġġeġ għal darb'oħra lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili indipendenti u lill-midja biex jikxfu l-korruzzjoni u jappoġġaw investigazzjonijiet indipendenti u imparzjali; jistieden lill-awtoritajiet biex jappoġġaw il-ħidma tal-Ombudsman b'miżuri adegwati rigward il-persunal u l-baġit;

18. Jinsab imħasseb dwar l-għaqda ta' attivitajiet tal-midja, politiċi u tal-gvern, b'mod partikolari fir-rigward tal-infiq pubbliku; jikkundanna bil-qawwa l-eżistenza ta' rabtiet ekonomiċi, politiċi u tal-familja illegali f'dak li għandu x'jaqsam mal-infiq ta' fondi pubbliċi; jistieden lill-gvern biex jadotta qafas leġiżlattiv li jirregola kunflitti ta' interess u jagħmel disponibbli għall-pubbliku l-assi ta' persuni li jokkupaw karigi statali għoljin bħala miżura addizzjonali biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni;

19. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-qafas leġiżlattiv u l-istrateġiji għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata huma fis-seħħ; jilqa' l-eliminazzjoni tan-netwerks kriminali u r-rotot relatati mat-traffikar tal-bnedmin u d-drogi u jitlob għal aktar intensifikazzjoni tal-isforzi biex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata; iħeġġeġ aktar titjib fil-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi kemm fil-pajjiż kif ukoll ma' pajjiżi fil-viċinat, u t-tisħiħ tas-setgħat u r-riżorsi tal-qrati; iqis li huwa essenzjali li tiġi żviluppata aktar il-kapaċità tal-infurzar tal-liġi biex jiġu investigati r-reati finanzjarji u jiġu kkonfiskati l-assi;

20. Japprezza l-isforzi kontinwi biex jiġu miġġielda r-radikalizzazzjoni Iżlamika u l-ġellieda terroristiċi barranin; jilqa' l-adozzjoni tal-istrateġija 2013-2019 għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, li tiddefinixxi wkoll il-kunċetti ta' estremiżmu vjolenti, radikalizzazzjoni, prevenzjoni u integrazzjoni mill-ġdid; jitlob li tiġi implimentata permezz ta' aktar kooperazzjoni bejn l-aġenziji tas-sigurtà u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-mexxejja reliġjużi, il-komunitajiet lokali u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-istat fl-oqsma tal-edukazzjoni, tas-saħħa u tas-servizzi soċjali biex jiġu indirizzati l-istadji differenti ta' radikalizzazzjoni u l-iżvilupp ta' għodod għal reintegrazzjoni u riabilitazzjoni; jitlob li jkun hemm monitoraġġ kontinwu ta' ġellieda barranin li jirritornaw mis-servizzi tas-sigurtà, biex jintegraw sew mill-ġdid fis-soċjetà, kif ukoll skambju kontinwu ta' informazzjoni mal-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-UE u dawk fil-viċinat;

21. Jinsab imħasseb dwar sinjali li ġejjin mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirreferu għad-deterjorament tal-klima li joperaw fiha; jibqa' mħasseb dwar l-attakki pubbliċi radikali fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u r-rappreżentanti barranin mill-politiċi u l-midja; jirrikonoxxi u jħeġġeġ ir-rwol importanti tas-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ, l-appoġġ u t-titjib tal-proċessi demokratiċi, inkluż il-proċess elettorali, u l-iżgurar ta' kontrokontrolli; huwa mħasseb dwar l-impenn limitat tal-gvern u l-kooperazzjoni insuffiċjenti mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livelli kollha; jenfasizza l-importanza ta' djalogu regolari u kostruttiv u kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u jħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti biex jinkluduhom fit-tfassil tal-politika b'mod regolari u strutturat; jistieden lill-awtoritajiet biex ma jiddiskriminawx kontra l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili abbażi ta' affiljazzjoni politika, fehmiet reliġjużi jew kompożizzjoni etnika; jemmen li l-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni jenħtieġ li ma tiġi miċħuda lil ebda grupp ta' nies mingħajr ġustifikazzjoni serja;

22. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet biex ikomplu x-xogħol taċ-ċensiment tal-popolazzjoni interrott li jista' jipprovdi statistika preċiża, li tista' sservi bħala bażi għal programmi ta' żvilupp tal-gvern u l-ippjanar baġitarju adegwat;

23. Ifakkar lill-gvern u lill-partiti politiċi dwar ir-responsabilitajiet tagħhom fit-tfassil, bil-liġi u fil-prattika, ta' kultura ta' inklużjoni u tolleranza; jilqa' l-adozzjoni tal-istrateġija nazzjonali għall-ugwaljanza u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni 2016-2020; huwa mħasseb dwar l-imparzjalità u l-indipendenza tal-Kummissjoni għall-Protezzjoni mid-Diskriminazzjoni u jitlob għal proċess ta' għażla trasparenti għall-membri tagħha; itenni l-kundanna tiegħu ta' diskors ta' mibegħda kontra l-gruppi diskriminati; huwa mħasseb li l-intolleranza, id-diskriminazzjoni u l-attakki kontra l-persuni lesbjani, omosesswali, bisesswali, transesswali u intersesswali (LGBTI) jippersistu; itenni t-talba tiegħu biex il-Liġi kontra d-Diskriminazzjoni tiġi allinjata mal-acquis tal-Unjoni fir-rigward tad-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali; jenfasizza għal darb'oħra l-ħtieġa li jiġu miġġielda l-preġudizzju u d-diskriminazzjoni kontra r-Rom, u li jiġu ffaċilitati l-integrazzjoni tagħhom u l-aċċess tagħhom għas-sistema tal-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol; huwa mħasseb dwar il-kundizzjonijiet fiżiċi inumani u l-popolazzjoni eċċessiva fil-ħabsijiet, minkejja żieda sinifikanti fil-baġit tal-ħabs; jitlob li r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman ikunu rrispettati;

24. Jappella għal sforzi ulterjuri biex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja politika u fl-impjieg, biex tittejjeb is-sitwazzjoni soċjoekonomika tagħhom u jissaħħu d-drittijiet tan-nisa b'mod ġenerali; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti biex itejbu l-implimentazzjoni tal-Liġi dwar l-Opportunitajiet Indaqs, biex jindirizzaw in-nuqqas ta' rappreżentanza tan-nisa f'pożizzjonijiet ewlenin ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha u biex isaħħu l-effikaċja ta' mekkaniżmi istituzzjonali għall-avvanz tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti jagħmlu allokazzjonijiet baġitarji suffiċjenti għall-implimentazzjoni tagħha; jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' aċċess tan-nisa għal ċerti servizzi tas-saħħa bażiċi kif ukoll dwar ir-rata persistentement għolja ta' mortalità tat-trabi;

25. Iħeġġeġ lill-gvern biex jieħu miżuri biex jirrieżamina l-Liġi dwar il-Prevenzjoni ta' u l-Ħarsien kontra l-Vjolenza Domestika u liġijiet oħra rilevanti, sabiex jipprovdi protezzjoni xierqa għall-vittmi kollha tal-vjolenza domestika u l-vjolenza sessista u biex itejjeb is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi ta' vjolenza domestika, inkluż għadd adegwat ta' postijiet ta' kenn; barra minn hekk, iħeġġeġ lill-gvern jiżgura li każijiet ta' vjolenza domestika jiġu investigati bir-reqqa u l-persuni li wettqu dawn l-atti jiġu soġġetti għal proċediment kriminali, u jkompli jqajjem kuxjenza dwar il-vjolenza domestika;

26. Itenni li s-sitwazzjoni interetnika għadha fraġli; iħeġġeġ lill-partiti politiċi u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kollha biex jippromwovu b'mod attiv soċjetà multietnika, multikulturali u multireliġjuża inklużiva u tolleranti u biex isaħħu l-koeżistenza u d-djalogu; jemmen li huma meħtieġa miżuri speċifiċi sabiex tinkiseb il-koeżjoni soċjali fost id-diversi komunitajiet etniċi, nazzjonali u reliġjużi; ifakkar lill-gvern u lill-mexxejja tal-partiti dwar l-impenn tagħhom għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim Qafas ta' Ohrid b'mod inklużiv u trasparenti, biex jiffinalizzaw ir-rieżami pendenti mingħajr aktar dewmien, inklużi rakkomandazzjonijiet ta' politika, u sabiex jiġi żgurat li jkun hemm baġit suffiċjenti għall-implimentazzjoni tiegħu; jikkundanna kull forma ta' irridentiżmu u kwalunkwe tentattiv li jiġu ddiżintegrati gruppi soċjali differenti; jenfasizza l-importanza li jinbeda ċ-ċensiment tant mistenni mingħajr aktar dewmien;

27. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel sforzi ulterjuri biex tappoġġa proċess ta' rikonċiljazzjoni ġenwin fir-reġjun, partikolarment permezz ta' appoġġ għal proġetti kulturali li jittrattaw il-passat reċenti u l-promozzjoni ta' fehim komuni u kondiviż tal-istorja u kultura pubblika u politika ta' tolleranza, inklużjoni u rikonċiljazzjoni;

28. Itenni li l-awtoritajiet u s-soċjetà ċivili jenħtieġ li jieħdu miżuri xierqa biex tinkiseb ir-rikonċiljazzjoni storika sabiex tingħeleb il-firda bejn u fi ħdan id-diversi gruppi etniċi u nazzjonali, inklużi ċ-ċittadini ta' identità Bulgara;

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

29. Iħeġġeġ lill-gvern jibgħat sinjali ċari lill-pubbliku u lill-mezzi ta' komunikazzjoni li d-diskriminazzjoni abbażi tal-identità nazzjonali mhijiex tollerata fil-pajjiż, inkluż fir-rigward tas-sistema ġudizzjarja, tal-midja, tal-impjieg u tal-opportunitajiet soċjali; jissottolinja l-importanza ta' dawn l-azzjonijiet għall-integrazzjoni tad-diversi komunitajiet etniċi u l-istabilità u l-integrazzjoni Ewropea tal-pajjiż;

30. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet jirkupraw l-arkivji tas-servizzi sigrieti Jugoslavi rilevanti mis-Serbja; huwa tal-fehma li l-ġestjoni trasparenti tal-imgħoddi totalitarju, inkluż il-ftuħ tal-arkivji tas-servizzi sigrieti, hija pass 'il quddiem lejn aktar demokratizzazzjoni, responsabilità u saħħa istituzzjonali;

31. Itenni l-importanza tal-libertà u l-indipendenza tal-midja bħala wieħed mill-valuri fundamentali tal-UE u l-pedament ta' kull demokrazija; għadu mħasseb dwar il-libertà ta' espressjoni u tal-midja, l-użu ta' diskors ta' mibegħda, il-każijiet ta' intimidazzjoni u ta' awtoċensura, l-interferenza politika sistemika fi u l-pressjoni fuq il-politiki editorjali, in-nuqqas ta' rappurtar investigattiv, oġġettiv u preċiż, kif ukoll ir-rappurtar żbilanċjat tal-attivitajiet tal-gvern; itenni t-talba tiegħu għal rappurtar ta' varjetà ta' opinjonijiet permezz tal-midja prinċipali, partikolarment tax-xandar pubbliku;

32. Jistieden lill-gvern il-ġdid jiżgura li l-intimidazzjoni jew il-vjolenza kontra l-ġurnalisti tiġi investigata kif xieraq u li dawk reponsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja; jenfasizza l-ħtieġa għal sostenibilità u awtonomija politika u finanzjarja tas-servizz pubbliku tax-xandir sabiex tiġi żgurata l-indipendenza finanzjarja u editorjali, u d-dritt ta' aċċess għal informazzjoni imparzjali; jappella għal korpi ta' rappreżentanza tal-interessi tal-midja inklużivi; jappella għall-istabbiliment ta' kodiċi ta' kondotta professjonali aċċettat kemm mill-midja pubblika kif ukoll minn dik privata; iħeġġeġ ħidma konġunta bejn l-uffiċjali tal-gvern, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tal-ġurnalisti dwar ir-riforma tal-midja;

33. Jibqa' mħasseb li s-sitwazzjoni politika tirrappreżenta riskju serju lill-ekonomija Maċedonjana; jiqba' mħasseb dwar l-infurzar dgħajjef tal-kuntratti, id-daqs tal-ekonomija informali u d-diffikultà fil-ksib ta' aċċess għall-finanzi; jenfasizza li l-ekonomija moħbija mdaqqsa hija ostakolu importanti għan-negozju; jenfasizza l-ħtieġa li jittieħdu miżuri li jsaħħu l-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi fis-settur privat, u jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jindirizzaw ukoll l-effiċjenza ġudizzjarja;

34. Jilqa' l-fatt li nżammu l-istabilità makroekonomika, it-tnaqqis tar-rata tal-qgħad u l-impenn kontinwu tal-gvern biex jippromwovi t-tkabbir u l-impjiegi permezz ta' politiki ekonomiċi bbażati fuq is-suq, iżda jinsab imħasseb dwar is-sostenibilità tad-dejn pubbliku u dwar il-fatt li l-qgħad għadu għoli b'parteċipazzjoni baxxa ħafna fis-suq tax-xogħol, speċjalment fost iż-żgħażagħ, in-nisa u l-persuni b'diżabilità; iħeġġeġ ukoll lill-awtoritajiet kompetenti jindirizzaw il-qgħad fit-tul u strutturali, jippromwovu l-kooperazzjoni tal-politika ekonomika, jallinjaw aħjar l-edukazzjoni mad-domanda tas-suq tax-xogħol u jiżviluppaw strateġija mmirata dwar kif iż-żgħażagħ u n-nisa jistgħu jiġu integrati b'mod aħjar fis-suq tax-xogħol; jinsab imħasseb dwar it-tluq ta' professjonisti żgħażagħ b'edukazzjoni għolja u jappella lill-gvern biex jiżviluppa programmi biex jippermetti lill-professjonisti żgħażagħ b'edukazzjoni għolja jirritornaw u jipparteċipaw fil-proċessi politiċi u ta' teħid ta' deċiżjonijiet; jitlob li tittieħed azzjoni biex titjieb id-dixxiplina fiskali u t-trasparenza u tiżdied il-kapaċità tal-ippjanar tal-baġit; jinkoraġġixxi l-prinċipju ta' baġits ibbilanċjati; jinnota li l-ambjent regolatorju affidabbli u prevedibbli għan-negozji jwassal għal żieda fl-istabilità makroekonomika u t-tkabbir; jitlob li jkun hemm konsultazzjoni adegwata mal-partijiet interessati kollha f'dan ir-rigward;

35. Jilqa' b'mod pożittiv il-progress li sar fil-modernizzazzjoni tan-netwerks tat-trasport, tal-enerġija u tat-telekomunikazzjonijiet u, b'mod partikolari, l-isforzi biex jitlesta l-Kuritur X [1]; fid-dawl tal-importanza ta' kollegamenti ferrovjarji fil-qafas ta' sistema sostenibbli ta' trasport, jilqa' b'mod pożittiv l-intenzjoni tal-gvern li jimmodernizza jew jibni kollegamenti ferrovjarji minn Skopje sal-kapitali tal-pajjiżi fil-viċinat u jappella għal aktar progress, speċjalment fil-finalizzazzjoni tal-kollegamenti ferrovjarji u bit-triq fi ħdan il-Kuritur VIII [2];

(1) Il-Kuritur X huwa wieħed mill-għaxar kurituri tat-trasport pan-Ewropej u jmur minn Salzburg (l-Awstrija) sa Salonka (il-Greċja).
(2) Il-Kuritur VIII huwa wieħed mill-kurituri tat-trasport pan-Ewropej u jmur minn Durrës (l-Albanija) sa Varna (il-Bulgarija). Jgħaddi wkoll minn Skopje.

36. Jilqa' l-livell tajjeb ta' tħejjija fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u s-soċjetà tal-informazzjoni; jappella għal aktar progress fil-qasam tas-sigurtà ċibernetika u jissottolinja l-ħtieġa biex tiġi żviluppata u adottata strateġija nazzjonali għaċ-ċibersigurtà sabiex tiżdied ir-reżiljenza ċibernetika;

37. Huwa mħasseb dwar in-nuqqasijiet sinifikanti fil-qasam tal-ambjent, b'mod partikolari fil-qasam tat-tniġġis industrijali u t-tniġġis tal-arja u tal-ilma; jinnota li l-kundizzjoni attwali tas-sistema tal-provvista tal-ilma hija ġeneralment ħażina, li tirriżulta fi kwistjonijiet ta' telf kbir tal-ilma u l-kwalità tal-ilma; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żviluppata u implimentata politika dwar l-iskart sostenibbli, u jitlob li jkun hemm politika u strateġija komprensiva dwar l-azzjoni klimatika li tkun konformi mal-qafas tal-UE tal-2030 għall-politika dwar il-klima, u għar-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima;

38. Jilqa' r-rwol kostruttiv tal-pajjiż fil-kooperazzjoni reġjonali, b'mod partikolari l-inizjattiva tas-Sitt Pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u l-aġenda ta' konnettività; jinnota, madankollu, li r-rabtiet tal-infrastruttura tat-trasport u l-enerġija mal-ġirien reġjonali u l-konnessjoni man-netwerk TEN-T għadhom limitati; jilqa' l-progress li sar fis-sigurtà tal-provvista, kif ukoll fil-qasam ta' interkonnetturi ta' trażmissjoni tal-elettriku u interkonnessjonijiet tal-gass; jinnota l-ftehim iffirmat mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent dwar l-iżvilupp ta' suq reġjonali tal-elettriku; jenfasizza l-ħtieġa li jsir progress fil-ftuħ tas-suq tal-elettriku biex tiġi żviluppata l-kompetizzjoni fis-suq tal-enerġija u tal-gass, b'ħidma għal separazzjoni tal-utilitajiet f'konformità mat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija tal-UE; jitlob titjib sostanzjali fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; jappella għar-ratifika tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-klima;

39. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet biex isaħħu l-kapaċitajiet amministrattivi u ta' finanzjament sabiex ikun żgurat reġim ta' akkwist pubbliku trasparenti, effiċjenti u effettiv, jipprevjenu kwalunkwe irregolarità u jimplimentaw il-fondi tal-UE b'mod xieraq u f'waqtu, u biex jipprovdu, fl-istess ħin, rapporti regolari dettaljati dwar l-ipprogrammar u l-użu tal-fondi tal-Komunità; jinnota bi tħassib li l-Kummissjoni reġġħet naqqset l-għajnuna finanzjarja għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni b'madwar EUR 27 miljun bħala konsegwenza ta' nuqqas ta' impenn politiku biex jitwettqu riformi fil-ġestjoni finanzjarja pubblika; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fir-rapporti tagħha informazzjoni dwar l-appoġġ tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni għall-pajjiż u l-effikaċja tal-miżuri implimentati, b'mod partikolari l-appoġġ tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni allokat għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ewlenin u l-proġetti rilevanti;

40. Ifaħħar lill-pajjiż għar-rwol kostruttiv u l-kooperazzjoni tiegħu u għall-isforzi enormi tiegħu fl-indirizzar tal-isfidi tal-kriżi tal-migrazzjoni, biex b'hekk jikkontribwixxi b'mod sostanzjali għas-sigurtà u l-istabilità tal-UE; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi lill-pajjiż bl-għodod kollha meħtieġa biex tittaffa l-kriżi; jirrakkomanda aktar miżuri u azzjonijiet f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali biex titjieb is-sistema tal-ażil, sabiex tiġi żgurata l-kapaċità meħtieġa biex jiġi evitat u miġġieled it-traffikar ta' bnedmin u migranti, inkluż ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' Stati fil-viċinat fil-ġlieda kontra l-kriminalità, u biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-ġestjoni tal-fruntieri;

41. Jinnota li l-pajjiż jinsab fuq l-hekk imsejjaħ "rotta tal-Balkani tal-Punent" u li bejn wieħed u ieħor 600 000 rifuġjat u migrant, inklużi gruppi vulnerabbli bħalma huma t-tfal u l-anzjani, s'issa vvjaġġaw minnha fi triqithom lejn l-Ewropa; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tiegħu jiżguraw li l-migranti u r-rifuġjati li japplikaw għal ażil fil-pajjiż jew li jkunu qegħdin jivvjaġġaw fit-territorju tiegħu, jiġu trattati b'konformità mad-dritt internazzjonali u tal-UE, inklużi l-Konvenzjoni tar-Rifuġjati tal-1951 u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli l-ħidma dwar kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni flimkien mal-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent, b'mod li tiżgura l-konformità man-normi u l-istandards Ewropej u internazzjonali;

43. Jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni reġjonali bħala għodda biex jitmexxa 'l quddiem il-proċess tal-integrazzjoni tal-UE, u jfaħħar l-isforzi kostruttivi tal-pajjiż u l-kontribuzzjonijiet proattivi fil-promozzjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mal-pajjiżi kollha fir-reġjun;

44. Jemmen li l-kooperazzjoni reġjonali hija element essenzjali fil-proċess tal-adeżjoni mal-UE, iġġib l-istabilità u l-prosperità fir-reġjun, u jenħtieġ li tkun prijorità għall-gvern; jilqa' r-rwol kostruttiv kontinwu tal-pajjiż u l-kontributi proattivi li jippromwovu l-kooperazzjoni bilaterali, reġjonali u internazzjonali, kif ukoll il-parteċipazzjoni tiegħu fl-operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' kriżijiet ċivili u militari; ifaħħar iż-żieda fl-allinjament mal-politika barranija tal-UE (73 %);

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

jistieden lill-awtoritajiet tal-Maċedonja biex jallinjaw ukoll il-miżuri restrittivi tal-UE kontra r-Russja wara l-annessjoni illegali tal-Krimea; itenni l-importanza li jiġu finalizzati n-negozjati dwar trattat ta' ħbiberija u ta' viċinanza tajba mal-Bulgarija; jitlob lill-awtoritajiet jirrispettaw id-drittijiet politiċi, soċjali u kulturali taċ-ċittadini tal-pajjiż li jqisu lilhom infushom bħala ċittadini Bulgari;

45. Iħeġġeġ it-twaqqif ta' kumitati ta' esperti konġunti dwar l-istorja u l-edukazzjoni mal-pajjiżi fil-viċinat, li twassal għal interpretazzjoni tal-istorja oġġettiva u bbażata fuq il-fatti, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni akkademika u l-promozzjoni ta' attitudnijiet pożittivi fiż-żgħażagħ fir-rigward tal-ġirien tagħhom;

46. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżultati tanġibbli mill-inizjattiva għal miżuri ta' bini ta' fiduċja bejn dan il-pajjiż u l-Greċja, li jista' jikkontribwixxi għal fehim aħjar u relazzjonijiet bilaterali aktar b'saħħithom, biex b'hekk titwitta t-triq għal soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ naħat rigward il-kwistjoni tal-isem, u jirrikonoxxi l-iżviluppi pożittivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tagħhom; jenfasizza l-importanza li jkunu evitati attitudnijiet, azzjonijiet kontroversjali u dikjarazzjonijiet li jista' jkollhom impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet tajbin bejn il-pajjiżi fil-viċinat; itenni bil-qawwa l-istedina tiegħu lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli (VP/RGħ) u lill-Kummissjoni biex jiżviluppaw inizjattivi ġodda sabiex jingħelbu d-differenzi li jkun baqa' u biex jaħdmu, f'kooperazzjoni maż-żewġ pajjiżi u r-Rappreżentant Speċjali tan-NU, fuq soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ naħat dwar il-kwistjoni tal-isem u biex jirrapportaw lura lill-Parlament dwar dan;

47. Jilqa' b'sodisfazzjon l-attivitajiet imwettqa fil-qafas tal-Proċess ta' Berlin, li juru appoġġ politiku b'saħħtu għall-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent; jirrimarka dwar l-importanza ta' dan il-proċess għall-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiżi fir-reġjun permezz ta' investimenti f'netwerks ewlenin u proġetti bilaterali fl-oqsma tal-infrastruttura, l-ekonomija u l-interkonnettività; itenni l-importanza ta' parteċipazzjoni attiva f'inizjattivi reġjonali relatati maż-żgħażagħ, bħal pereżempju l-Uffiċċju Reġjonali tal-Kooperazzjoni taż-Żgħażagħ tal-Balkani tal-Punent; jilqa' t-twaqqif tal-Fond tal-Balkani tal-Punent, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tqis l-inizjattivi u l-proġetti proposti;

48. Jifraħ lill-pajjiż dwar il-presidenza tiegħu tal-IEĊ fejn matul l-2015 il-fokus kien fuq il-kooperazzjoni ekonomika u l-opportunitajiet ta' negozju, l-infrastruttura u l-iżvilupp ekonomiku ġenerali, inkluż l-iżvilupp rurali u t-turiżmu, u fuq il-kollegament tal-makroreġjuni;

49. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-gvern u lill-parlament tal-pajjiż.

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0264

# Is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (2017/2703(RSP))**

(2018/C 331/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, b'mod partikolari dawk dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) tat-23 ta' Ġunju 2016 ([1]), tal-1 ta' Diċembru 2016 ([2]) u tat-2 ta' Frar 2017 ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet li saru mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà / Viċi President tal-Kummissjoni Federica Mogherini u mill-kelliem tagħha dwar is-sitwazzjoni fir-RDK,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tad-Delegazzjoni tal-UE għar-RDK dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż,

— wara li kkunsidra l-ftehim politiku li ntlaħaq fir-RDK fil-31 ta' Diċembru 2016,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE tal-15 ta' Ġunju 2016 dwar is-sitwazzjoni preelettorali u s-sitwazzjoni tas-sigurtà fir-RDK,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2016 u tas-6 ta' Marzu 2017 dwar ir-RDK,

— wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tal-10 ta' Marzu 2017 dwar il-Missjoni ta' Stabbilizzazzjoni tan-NU fir-RDK,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar ir-RDK, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni 2293 (2016) dwar it-tiġdid tar-reġim ta' sanzjonijiet fuq ir-RDK u l-mandat tal-Grupp ta' Esperti, u r-riżoluzzjoni 2348 (2017) dwar it-tiġdid tal-mandat tal-Missjoni ta' Stabbilizzazzjoni tan-NU fir-RDK (MONUSCO),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta dwar ir-RDK mill-Unjoni Afrikana, min-Nazzjonijiet Uniti, mill-Unjoni Ewropea u mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Frankofonija tas-16 ta' Frar 2017,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou rivedut,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli ta' Ġunju 1981,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza,

— wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tar-RDK, adottata fit-18 ta' Frar 2006,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-RDK ġarrbet ċikli kontinwi ta' kunflitt u ta' repressjoni politika brutali; billi l-kriżi umanitarja u ta' sigurtà fir-RDK komplet sejra għall-agħar minħabba l-kriżi politika kkawżata mill-fatt li l-President Joseph Kabila naqas milli jikkonforma mal-limitu ta' żewġ mandati stabbilit mill-kostituzzjoni;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0290.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0479.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2017)0017.

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

B. billi l-kunflitt qed iseħħ fil-kuntest ta' kriżi politika fir-RDK; billi ftehim li ntlaħaq fil-31 ta' Diċembru 2016 taħt l-awspiċi tal-Konferenza Episkopali Nazzjonali tal-Kongo (CENCO) jipprevedi tranżizzjoni politika li twassal għal elezzjonijiet presidenzjali ħielsa u ġusti sa tmiem l-2017, mingħajr bidla fil-kostituzzjoni; billi sal-lum ma sar l-ebda progress fuq l-implimentazzjoni tal-ftehim;

C. billi f'Awwissu 2016 ġlied armat seħħ bejn l-armata Kongoliża u l-milizzji lokali fil-provinċja ta' Kasai Ċentrali u nfirex fil-provinċji ġirien ta' Kasai tal-Lvant, Lomami u Sankuru, b'tali mod li kkawża kriżi umanitarja u wassal għall-ispostament intern ta' aktar minn miljun persuna ċivili; billi rapporti tan-NU ddokumentaw vjolazzjonijet massivi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-massakru ta' aktar minn 500 persuna ċivili, kif ukoll l-eżistenza ta' aktar minn 40 qabar tal-massa; billi, skont in-NU, kważi 400 000 tifel u tifla jinsabu f'xifer il-mewt bil-ġuħ; billi 165 organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem Kongoliżi talbu li ssir investigazzjoni internazzjonali indipendenti dwar il-vjolazzjonijiet massivi tad-drittijiet tal-bniedem fil-provinċji ta' Kasai u Lomami, filwaqt li enfasizzaw li kemm forzi governattivi kif ukoll ġellieda tal-milizzji huma implikati f'dawn id-delitti;

D. billi żewġ esperti tan-NU, flimkien ma' membri tal-persunal ta' appoġġ, inħatfu u nqatlu fil-provinċja ta' Kasai f'Marzu 2017;

E. billi l-Uffiċċju għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA) tan-NU nieda appell għal USD 64,5 miljun f'April 2017 għal assistenza umanitarja urġenti fir-reġjun ta' Kasai;

F. billi organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem qed jirrapportaw kontinwament dwar is-sitwazzjoni teħżien fil-pajjiż fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertà ta' espressjoni, ta' għaqda u ta' dimostrazzjoni, dwar żieda fl-għadd ta' proċessi għal motivi politiċi u dwar l-użu ta' forza eċċessiva kontra dimostranti paċifiċi, ġurnalisti u l-oppożizzjoni politika, b'mod partikolari mwettqa mill-armata u l-milizzji; billi n-nisa u t-tfal huma l-ewwel vittmi tal-kunflitt, u billi atti ta' vjolenza sesswali u ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, li spiss jintużaw bħala tattika tal-gwerra, huma mifruxa;

G. billi, skont il-mandat tagħha li f'April 2017 ġie mġedded għal sena oħra, il-MONUSCO għandha tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-persuni ċivili fost l-eskalazzjoni tal-vjolenza, u għandha tappoġġja l-implimentazzjoni tal-ftehim politiku tal-31 ta' Diċembru 2016, filwaqt li l-kontinġent tal-MONUSCO għandu jaħdem ukoll bil-qies debitu ta' prijoritajiet ta' sigurtà u umanitarji ġodda;

H. billi l-UE fit-12 ta' Diċembru 2016 adottat miżuri restrittivi kontra seba' individwi b'reazzjoni għall-ostakolar tal-proċess elettorali u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u fid-29 ta' Mejju 2017 kontra disa' individwi oħra li għandhom pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fl-amministrazzjoni statali u fil-katina tal-kmand tal-forzi tas-sigurtà tar-RDK;

1. Għadu mħasseb serjament dwar id-deterjorament tas-sitwazzjoni politika, tas-sigurtà u umanitarja fir-RDK; jikkundanna bil-qawwa kull vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-atti ta' vjolenza mill-perpetraturi kollha, il-każijiet kollha ta' ħtif, qtil, tortura, vjolenza sesswali, kif ukoll l-arresti arbitarji u d-detenzjonijiet illegali;

2. Jitlob li jitwaqqaf kumitat ta' inkjesta indipendenti u komprensiv, li jħaddan fih esperti tan-NU, bil-għan li jixħet dawl fuq il-vjolenza fir-reġjun ta' Kasai u jiżgura li dawk li wettqu dawn il-massakri jinżammu responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw kumitat ta' inkjesta politikament u finanzjarjament;

3. Ifakkar li huwa l-gvern tar-RDK li għandu r-responsabbiltà primarja li jipproteġi lill-persuni ċivili li jinsabu fit-territorju tiegħu u li huma soġġetti għall-ġurisdizzjoni tiegħu, inkluż li jipproteġihom minn delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra;

4. Jiddeplora bil-qawwa d-dewmien fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali u leġiżlattivi li jmiss fir-RDK, li jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-kostituzzjoni tal-Kongo; jiddeplora wkoll in-nuqqas ta' progress fl-implimentazzjoni tal-ftehim politiku tal-31 ta' Diċembru 2016 għal arranġamenti tranżizzjonali; ifakkar l-impenn meħud mill-Gvern tar-RDK għal elezzjonijiet trasparenti, ħielsa u ġusti li għandhom isiru b'mod kredibbli qabel tmiem l-2017, li jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet politiċi, jikkonformaw mal-ftehim politiku u jwasslu għal trasferiment paċifiku tal-poter; itenni li

huwa importanti li jiġi ppubblikat kalendarju politiku dettaljat, filwaqt li jilqa' l-proċess ta' reġistrazzjoni elettorali; jitlob l-implimentazzjoni bikrija tal-impenji li fih il-ftehim, b'mod partikolari l-emendar u l-adozzjoni tal-liġijiet meħtieġa fil-parlament Kongoliż qabel tmiem is-sessjoni parlamentari; jitlob li l-liġi elettorali tiġi emendata bil-għan li tiggarantixxi r-rappreżentanza tan-nisa permezz ta' miżuri adatti;

5. Jissottolinja li l-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali Indipendenti għandha r-responsabbiltà li tkun istituzzjoni imparzjali u inklussiva fl-implimentazzjoni ta' proċess elettorali kredibbli u demokratiku; jitlob il-ħolqien immedjat ta' kunsill nazzjonali għall-monitoraġġ tal-ftehim u tal-proċess elettorali, f'konformità mal-ftehim politiku tal-2016;

6. Ifakkar li gvern huwa fid-dmir li jirrispetta, jipproteġi u jippromwovi l-libertajiet fundamentali bħala bażi tad-demokrazija; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Kongolizi jreġġgħu lura ambjent li jiffavorixxi l-eżerċizzju liberu u paċifiku tal-libertà ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda u tal-libertà tal-istampa; jesiġi r-rilaxx immedjat ta' dawk kollha li ġew arrestati b'mod illegali, inklużi ġurnalisti, membri tal-oppożizzjoni u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili; jitlob lill-partijiet interessati politiċi kollha jfittxu djalogu politiku;

7. Jikkundanna l-vjolazzjonijiet kollha tad-dritt umanitarju internazzjonali mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali u mis-servizzi ta' sigurtà; huwa mħasseb ukoll dwar rapporti ta' vjolazzjonijiet gravi tad-drittijiet tal-bniedem minn milizzji lokali, inkluż ir-reklutaġġ u l-użu illegali ta' suldati tfal, atti li jistgħu jikkostitwixxu delitti tal-gwerra skont id-dritt internazzjonali; iqis li t-tmiem tal-fenomenu tas-suldati tfal irid ikun prijorità għall-awtoritajiet u għall-komunità internazzjonali;

8. Itenni t-tħassib profond tiegħu dwar is-sitwazzjoni umanitarja allarmanti fir-RDK, li tinkludi spostamenti, nuqqas ta' sigurtà tal-ikel, epidemiji u diżastri naturali; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkattru l-għajnuna finanzjarja u umanitarja permezz ta' organizzazzjonijiet affidabbli, biex jilqgħu għall-ħtiġijiet urġenti tal-popolazzjoni, b'mod partikolari fil-provinċja ta' Kasai; jikkundanna bil-qawwa l-attakki kollha mwettqa fuq il-membri tal-persunal umanitarju u fuq il-faċilitajiet umanitarji, u jinsisti li l-awtoritajiet tal-Kongo jiżguraw li l-għajnuna mill-organizzazzjonijiet umanitarji titwassal lill-popolazzjoni bla intoppi u f'waqtha;

9. Jilqa' t-tiġdid tal-mandat tal-MONUSCO u l-ħidma mwettqa mir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali għar-RDK biex jipproteġi lill-persuni ċivili u jsostni d-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest elettorali; jenfasizza li l-mandat oriġinali u kurrenti, li japplika għat-truppi kollha tan-NU fil-pajjiż, huwa li "jinnewtralizzaw il-gruppi armati"; jitlob li l-forza kollha tal-MONUSCO tintervjeni bis-sħiħ u tipproteġi lill-popolazzjoni minn gruppi armati, tipproteġi lin-nisa mill-istupri u minn forom oħra ta' vjolenza sesswali, u li ma tippermetti l-ebda limitazzjoni fuq il-bażi ta' kmand nazzjonali;

10. Jinnota bi tħassib ir-riskju ta' destabilizzazzjoni reġjonali; itenni l-appoġġ tiegħu għan-Nazzjonijiet Uniti, għall-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Frankofonija u għall-Unjoni Afrikana fil-medjazzjoni tagħhom favur djalogu politiku; jitlob li l-ħidma fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar tiġi intensifikata biex tipprevjeni destabilizzazzjoni ulterjuri;

11. Ifakkar li huwa importanti li l-individwi jinżammu responsabbli għal abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u għal azzjonijiet oħra li jimminaw soluzzjoni kunsenswali u paċifika fir-RDK; jappoġġja l-użu ta' sanzjonijiet immirati tal-UE kontra l-individwi responsabbli għal vjolazzjonijiet gravi tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob li, f'konformità mal-investigazzjonijiet imwettqa mill-Grupp ta' Esperti tan-NU, isiru aktar investigazzjonijiet dwar il-persuni responsabbli, fl-ogħla livell tal-gvern, għall-vjolenza u d-delitti mwettqa fir-RDK u għas-serq tar-riżorsi naturali tagħha, u li sanzjonijiet jiġu estiżi kontra dawn il-persuni; jenfasizza li s-sanzjonijiet iridu jinkludu l-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni tad-dħul fl-UE;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Unjoni Afrikana, lill-Parlament Pan-Afrikan, lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU u lill-President, lill-Prim Ministru u lill-Parlament tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

**L-Erbgħa 14 ta’ Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0265

## Is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Patt dwar is-Sostenibbiltà fil-Bangladesh

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Ġunju 2017 Dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Patt dwar is-Sostenibbiltà fil-Bangladesh (2017/2636(RSP))

(2018/C 331/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta’ Novembru 2015 dwar il-libertà ta’ espressjoni fil-Bangladesh ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta’ April 2015 dwar it-tieni anniversarju tat-tiġrif tal-bini Rana Plaza u l-progress tal-Patt dwar is-Sostenibbiltà tal-Bangladesh ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta’ Settembru 2014 dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Bangladesh ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta’ April 2017 dwar inizjattiva ewlenija tal-UE għas-settur tal-ħwejjeġ ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Bangladesh, b’mod partikolari dawk tas-16 ta’ Jannar 2014 ([5]), tal-21 ta’ Novembru 2013 ([6]) u tal-14 ta’ Marzu 2013 ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-25 ta’ Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-ftehimiet ta’ kummerċ internazzjonali ([8]) u dwar ir-responsabilità soċjali tal-kumpaniji fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-6 ta’ Frar 2013 dwar “Ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva: imġiba kummerċjali responsabbli u trasparenti u tkabbir sostenibbli” ([10]), u dwar “Ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva: promozzjoni tal-interessi tas-soċjetà u triq lejn l-irkupru sostenibbli u inklużiv” ([11]),

— wara li kkunsidra d-dokument ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-24 ta’ April 2017 dwar katini ta’ valur tal-ħwejjeġ sostenibbli permezz ta’ azzjoni tal-UE għall-iżvilupp (SWD(2017)0147),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu “Strateġija rinnovata tal-UE 2011-14 għar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva” (COM(2011)0681) u r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika dwar il-ħidma tal-Kummissjoni fir-rigward tad-direzzjoni tal-politika dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR) tagħha wara l-2014,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta’ Lulju 2016 dwar strateġija futura ġdida progressiva u innovattiva dwar il-kummerċ u l-investiment ([12]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-14 ta’ Ottubru 2015 bit-titolu “Kummerċ għal Kulħadd – Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investiment” (COM(2015)0497),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta’ Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Popolari tal-Bangladesh dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp,

---

(1) Testi adottati, P8_TA(2015)0414.
(2) ĠU C 346, 21.9.2016, p. 39.
(3) ĠU C 234, 28.6.2016, p. 10.
(4) Testi adottati, P8_TA(2017)0196.
(5) ĠU C 482, 23.12.2016, p. 149.
(6) ĠU C 436, 24.11.2016, p. 39.
(7) ĠU C 36, 29.1.2016, p. 145.
(8) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 31.
(9) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 101.
(10) ĠU C 24, 22.1.2016, p. 28.
(11) ĠU C 24, 22.1.2016, p. 33.
(12) Testi adottati, P8_TA(2016)0299.

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

— wara li kkunsidra l-Patt ta' Sostenibbiltà għal Titjib Kontinwu fir-rigward tad-Drittijiet tax-Xogħol u s-Sikurezza tal-Fabbriki fl-Industrija tal-Ħwejjeġ Lesti Biex Jintlibsu u tal-Maljerija fil-Bangladesh,

— wara li kkunsidra r-Rapporti tal-Kummissjoni dwar l-Istatus Tekniku tal-Patt ta' Sostenibbiltà tal-Bangladesh ta' Lulju 2016 u tal-24 ta' April 2015,

— wara li kkunsidra r-rapport ta' missjoni tat-23 ta' Jannar 2017 tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali wara ż-żjara tad-delegazzjoni ad hoc fil-Bangladesh (Dhaka) mill-15 sas-17 ta' Novembru 2016,

— wara li kkunsidra l-programm tal-Bangladesh għal Xogħol Aħjar tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), imniedi f'Ottubru 2013,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Missjoni Tripartitika ta' Livell Għoli tal-ILO, u l-osservazzjonijiet tal-2017 tal-Kumitat ta' Esperti tal-ILO dwar l-Applikazzjoni tal-Konvenzjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet dwar il-Konvenzjonijiet 87 u 98,

— wara li kkunsidra l-paragrafu speċjali fir-rapport tal-Kumitat tal-ILO dwar l-Applikazzjoni tal-Istandards tal-Konferenza tal-ILO tal-2016,

— wara li kkunsidra l-ilment imressaq fl-2017 quddiem il-Kumitat tal-ILO dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni rigward it-trażżin ta' ħaddiema ta' fabbriki tal-ħwejjeġ f'Ashulia mill-gvern f'Diċembru 2016 u l-ilment imressaq quddiem il-Mandati Speċjali tan-NU, anki dan dwar it-trażżin f'Ashulia,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Johannesburg tan-NU dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli għall-promozzjoni tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku,

— wara li kkunsidra l-Qafas tal-Politika tal-Investiment tal-UNCTAD għall-Iżvilupp Sostenibbli (2015),

— wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar il-Kummerċ u d-Drittijiet tal-Bniedem, li jistabbilixxu qafas kemm għall-gvernijiet kif ukoll għall-kumpaniji biex jipproteġu u jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, kif approvati mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU f'Ġunju 2011,

— wara li kkunsidra l-Patt Dinji tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem, ix-xogħol, l-ambjent u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali,

— wara li kkunsidra r-Rapport Aggregat Trimestrali tal-Ftehim dwar il-progress tar-rimedjazzjoni fil-fabbriki tal-industrija tal-ħwejjeġ lesti biex jintlibsu koperti mill-Ftehim tal-31 ta' Ottubru 2016,

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Patt dwar is-Sostenibbiltà fil-Bangladesh' (O-000037/2017 – B8-0217/2017),

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Bangladesh sar it-tieni l-akbar produttur tal-ħwejjeġ madwar id-dinja u s-settur tat-tessuti tiegħu huwa responsabbli għal kważi 81 % tal-esportazzjonijiet totali; billi 60 % tal-produzzjoni tal-ħwejjeġ tal-Bangladesh tmur għall-UE, li hija s-suq ewlieni għall-esportazzjoni tal-pajjiż;

B. billi l-industrija tal-ħwejjeġ lesti biex jintlibsu attwalment timpjega 4,2 miljun persuna f'mhux inqas minn 5 000 fabbrika u b'mod indirett issostni l-għajxien ta' 40 miljun ruħ – madwar kwart tal-popolazzjoni tal-Bangladesh; billi l-industrija tal-ħwejjeġ lesti biex jintlibsu kienet ta' kontribut importanti għat-tnaqqis tal-faqar u għall-awtonomizzazzjoni tan-nisa; billi n-nisa, l-aktar dawk minn żoni rurali, jirrappreżentaw 80 % tas-settur tal-ħwejjeġ lesti biex jintlibsu fil-Bangladesh; billi, minkejja dan, 80 % tal-ħaddiema għadhom impjegati fis-settur informali; billi n-natura kumplessa tal-katina tal-provvista tal-ħwejjeġ u l-livell baxx ta' trasparenza tagħha jiffaċilitaw il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u jżidu l-isfruttament; billi l-paga minima fis-settur tal-ħwejjeġ lesti biex jintlibsu baqgħet taħt is-soll tal-faqar tal-Bank Dinji;

**L-Erbgħa 14 ta’ Ġunju 2017**

C. billi l-ugwaljanza bejn is-sessi hija xprun tal-iżvilupp; billi d-drittijiet tan-nisa jaqgħu taħt l-ispettru tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funżjonament tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi b’mod ċar li “Fl-azzjonijiet kollha tagħha l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u li tinkoraġixxi ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa.” u, għalhekk, l-UE għandha d-dmir li tintegra l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki kollha tagħha, sabiex jiġi żgurat li l-irġiel u n-nisa jibbenefikaw b’mod ugwali mill-bidliet soċjali, mit-tkabbir ekonomiku u mill-ħolqien ta’ impjiegi deċenti, filwaqt li titneħħa d-diskriminazzjoni u jitħeġġeġ ir-rispett tad-drittijiet tan-nisa fid-dinja;

D. billi madwar 10 % tal-forza tax-xogħol fis-settur tal-ħwejjeġ lesti biex jintlibsu hija impjegata f’Żoni ta’ Pproċessar għall-Esportazzjoni; billi l-Att dwar ix-Xogħol rigward iż-Żoni ta’ Pproċessar għall-Esportazzjoni ma jagħtix drittijiet bażiċi suffiċjenti lill-ħaddiema apparagun ta’ ħaddiema oħra fi bnadi oħra tal-Bangladesh; billi huwa ppjanat li ssir espansjoni kbira taż-Żoni ta’ Pproċessar għall-Esportazzjoni;

E. billi l-preferenzi kummerċjali unilaterali ġenerużi skont l-inizjattiva ”Kollox ħlief armi” għall-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs), minquxa fir-regolament tal-SĠP tal-UE, li jagħtu aċċess mingħajr tariffi għat-tessuti tal-Bangladesh skont regoli flessibbli ta’ oriġini, ikkontribwixxew b’mod sinifikanti għall-istorja ta’ suċċess tal-esportazzjonijiet imdaqqsa tal-ħwejjeġ u tat-tkabbir tal-impjiegi tal-Bangladesh;

F. billi dawn il-preferenzi kummerċjali huma minquxa fil-prinċipju tal-UE tal-promozzjoni ta’ kummerċ ġust u ħieles, u għalhekk jippermettu li l-UE tissospendi l-benefiċċji tal-SĠP fil-każijiet l-aktar serji ta’ ksur tad-drittijiet tal-bniedem abbażi tal-Kapitolu V, Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament SĠP, li jistipula li t-trattament preferenzjali jista’ jiġi rtirat temporanjament minħabba għadd ta’ raġunijiet, inkluż minħabba ksur serju u sistematiku tal-prinċipji stabbiliti fil-konvenzjonijiet elenkati fil-Parti A tal-Anness VIII, fosthom it-tmien konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO;

G. billi abbażi ta’ dawn id-dispożizzjonijiet, il-Kummissjoni u s-SEAE nedew, fil-bidu tal-2017, djalogu msaħħaħ dwar id-drittijiet tax-xogħol u tal-bniedem bl-għan li tinkiseb konformità aħjar mal-prinċipji ta’ dawk il-konvenzjonijiet;

H. billi l-ILO ddedikat paragrafu speċjali għall-Bangladesh fir-rapport tal-Kumitat tagħha dwar l-Applikazzjoni tal-Istandards mill-konferenza tagħha fl-2016, u sabet li l-pajjiż wettaq ksur serju tal-obbligi tiegħu skont il-Konvenzjoni 87 (il-libertà ta’ assoċjazzjoni); billi fl-2015, l-ILO rrapportat li 78 % tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta’ trade unions ġew irrifjutati, minħabba taħlita ta’ ostilità fir-rigward tal-unions min-naħa ta’ diriġenti tal-fabbrika u ċerti politiċi u inkapaċità amministrattiva biex dawn jiġu rreġistrati;

I. billi, skont diversi rapporti, mill-2006, kien hemm mijiet ta’ ħaddiema fis-settur tal-ħwejjeġ li mietu f’diversi nirien f’fabbriki fil-Bangladesh, iżda sfortunatament il-bosta diriġenti u sidien tal-fabbriki responsabbli qatt ma tressqu quddiem il-ġustizzja; billi huwa stmat li kull sena jinqatlu madwar 11 700 ħaddiem f’inċidenti fatali u 24 500 oħra jmutu minn mard relatat max-xogħol, fis-setturi kollha;

J. billi l-paga minima attwali ta’ 5 300 takas (BDT) jew USD 67 fix-xahar ilha ma tiżdied mill-2013 u l-bord dwar il-paga minima ma ġiex imsejjaħ;

K. billi mill-21 ta’ Diċembru 2016, wara l-istrajks u d-dimostrazzjonijiet tal-ħaddiema tas-settur tal-ħwejjeġ tal-Bangladesh favur pagi ogħla, l-awtoritajiet arrestaw u żammew b’mod arbitrarju mill-inqas 35 kap ta’ union jew avukat, għalqu uffiċċji tal-NGOs u tal-unions, u ssospendew jew keċċew madwar 1 600 ħaddiem minħabba li pprotestaw kontra l-pagi baxxi fl-industrija tal-ħwejjeġ;

L. billi l-Bangladesh jinsab fil-145 post minn 177 pajjiż fl-Indiċi tat-Trasparenza; billi l-korruzzjoni hija endemika fil-katina tal-provvista globali tal-ħwejjeġ u tinvolvi kemm il-klassi politika kif ukoll l-amministrazzjonijiet lokali;

M. billi għadd ta’ inizjattivi promettenti mmexxija mis-settur privat, bħall-Ftehim tal-Bangladesh dwar is-Sikurezza kontra n-Nirien u s-Sikurezza tal-Bini (il-Ftehim), ikkontribwixxew b’mod moderatament pożittiv għat-titjib tal-istandards tal-katina tal-provvista u tas-sikurezza tal-forza tax-xogħol matul dawn l-aħħar 20 sena f’termini ta’ żieda tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-katina tal-provvista tal-ħwejjeġ;

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

N. billi l-konklużjonijiet tar-rieżamijiet suċċessivi tal-Ftehim fl-2014, l-2015 u l-2016 jirrappurtaw li l-awtoritajiet tal-Bangladesh kisbu titjib tanġibbli f'ċerti oqsma, u jirrikonoxxu l-kontribut tal-Ftehim għat-titjib moderat tas-saħħa u s-sikurezza fil-fabbriki u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-industrija tal-ħwejjeġ lesti biex jintlibsu; billi l-progress relatat mad-drittijiet tal-ħaddiema kien aktar diffiċli u f'dawn l-aħħar snin ma ġiet osservata l-ebda evoluzzjoni sostanzjali f'dan il-qasam; billi skont l-ILO, in-nuqqasijiet fl-emendar u l-implimentazzjoni tal-Att dwar ix-Xogħol tal-Bangladesh tal-2013 qed jirriżultaw f'ostakli gravi għall-eżerċizzju tad-dritt tal-libertà ta' assoċjazzjoni u għar-reġistrazzjoni tat-trade unions, speċjalment fis-settur tal-ħwejjeġ lesti biex jintlibsu fiż-żoni ta' pproċessar għall-esportazzjoni; billi l-ħaddiema fiż-żoni ta' pproċessar għall-esportazzjoni ġew miċħuda d-dritt li jissieħbu ma' trade union;

O. billi wara d-diżastru, kien hemm domanda bla preċedent min-naħa tal-konsumaturi Ewropej għal aktar informazzjoni dwar l-oriġini tal-prodotti u dwar il-kundizzjoni li fihom jiġu prodotti; billi ċ-ċittadini Ewropej ressqu għadd kbir ta' petizzjonijiet u organizzaw kampanji biex jesiġu responsabbiltà akbar mid-ditti tal-ħwejjeġ biex jiżguraw li l-prodotti tagħhom ikunu manifatturati b'mod etiku;

### *Negozju responsabbli fil-Bangladesh – primarjament kompitu nazzjonali*

1. Jenfasizza li minkejja rekord impressjonanti fit-tkabbir u l-iżvilupp tul dawn l-aħħar snin, hemm bżonn li l-Bangladesh jagħmel sforzi mdaqssa fuq tul ta' żmien sabiex jikseb tkabbir ekonomiku sostenibbli u aktar inklużiv; jenfasizza li f'dan is-sens huwa essenzjali li r-riformi strutturali jwasslu għal żieda fil-produttività u diversifikazzjoni ulterjuri tal-esportazzjonijiet u jissieltu kontra l-korruzzjoni;

2. Jistieden lill-Gvern tal-Bangladesh biex, bħala kwistjoni tal-ogħla prijorità, isaħħaħ il-livell ta' impenn tiegħu rigward it-titjib tas-sikurezza, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tad-drittijiet tal-ħaddiema fis-settur tal-ħwejjeġ, u jsaħħaħ l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-bini u tal-fabbriki, ikompli jżid il-finanzjament tal-gvern għall-ispettorat tax-xogħol, ikompli jingaġġa u jħarreġ iżjed spetturi tal-fabbriki, jipprevedi kundizzjonijiet biex inaqqas ir-rata ta' ċaqliq tal-ispetturi tax-xogħol, jistabbilixxi pjan ta' ħidma annwali għal spezzjonijiet ta' segwitu ta' fabbriki soġġetti għal rimedju, u jestendi l-ispezzjonijiet tal-bini u tal-fabbriki għal setturi oħra;

3. Jistieden lill-Gvern tal-Bangladesh jemenda l-Att tax-Xogħol tal-2013 sabiex jindirizza l-libertà ta' assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv b'mod effettiv, jippromwovi d-djalogu soċjali, jiżgura r-reġistrazzjoni rapida u mhux arbitrarja tat-trade unions, jiżgura l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effikaċi tal-allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni kontra l-unions u prattiki tax-xogħol inġusti, jiggarantixxi qafas leġiżlattiv għall-kwistjonijiet tax-xogħol li jkun konformi b'mod sħiħ mal-istandards internazzjonali, b'mod partikolari b'konformità sħiħa mal-Konvenzjonijiet Nru 87 u 98 tal-ILO dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u negozjar kollettiv, u jiżgura li jiġi implimentat b'mod effettiv; iħeġġeġ ukoll lill-gvern biex jiżgura li l-liġi li tirregola ż-Żoni tal-Ipproċessar għall-Esportazzjoni tippermetti l-libertà sħiħa ta' assoċjazzjoni b'konformità mal-istess standards internazzjonali, u jinvestiga b'mod attiv, bħala kwistjoni ta' urġenza, l-atti kollha ta' diskriminazzjoni kontra l-unions;

4. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Bangladesh, lill-assoċjazzjonijiet tal-industrija u lis-sidien tal-fabbriki biex iwettqu ħidma ta' rimedju għall-fabbriki kollha tal-ħwejjeġ lesti biex jintlibsu orjentati lejn l-esportazzjoni, u jiżguraw li t-tiswijiet u l-ispezzjonijiet ta' segwitu l-oħra jitwettqu u jiġu mmonitorjati mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-utilità tal-fondi mmobilizzati mid-donaturi u l-importanza ta' appoġġ finanzjarju effikaċi;

5. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Bangladesh biex immedjatament jerġa' jlaqqa' l-bord dwar il-paga minima u jistabbilixxi frekwenza iqsar għar-reviżjoni tal-pagi;

### *Inizjattivi tas-settur privat – kontribuzzjoni effettiva u siewja*

6. Jistieden lill-bejjiegħa bl-imnut u d-ditti internazzjonali u lis-settur privat tal-Bangladesh jibqgħu impenjati li jħarsu l-liġijiet tax-xogħol u jimplimentaw miżuri ta' responsabbiltà soċjali korporattiva, u jtejbu r-rekord tagħhom fir-rigward tal-prattiki ta' negozju responsabbli, inkluż billi jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-ħaddiema fis-settur tal-ħwejjeġ tal-Bangladesh u jiġi ffaċilitat l-għoti ta' informazzjoni trasparenti dwar liema fabbriki qed jipproduċu l-oġġetti, u mekkaniżmi ta' koordinazzjoni bejn l-inizjattivi rilevanti; jinkoraġġixxi t-tkomplija tal-ħidma tad-ditti u l-bejjiegħa bl-imnut globali biex jiġi adottat kodiċi ta' kondotta unifikat għall-awditjar tal-fabbriki fil-Bangladesh;

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

7. Jenfasizza l-kisbiet tal-involviment tas-settur tan-negozju privat, f'kooperazzjoni mal-Gvern tal-Bangladesh u l-organizzazzjonijiet internazzjonali fil-pajjiż, permezz tal-Ftehim dwar is-Sikurezza kontra n-Nirien u s-Sikurezza tal-Bini; jinnota, madankollu, li minkejja l-progress miksub rigward is-sikurezza kontra n-nirien u s-sikurezza tal-bini, is-sħab tal-Ftehim xorta għadhom imħassba dwar il-pass kajman biex jiġu rimedjati kompletament il-kwistjonijiet kritiċi ta' sikurezza; jistieden lill-partijiet tal-Ftehim itawlu l-impenn tagħhom permezz tiegħu għal perjodu ieħor ta' ħames snin, qabel ma jispiċċa l-ftehim attwali fit-12 ta' Mejju 2018; jistieden lill-gvern, kif ukoll lis-settur tan-negozju tal-Bangladesh, jirrikonoxxu l-utilità tal-impenn tal-bejjiegħa bl-imnut fil-Bangladesh permezz tal-Ftehim, u jappoġġaw l-estensjoni tal-mandat mogħti lis-sħab tal-Ftehim fil-Bangladesh;

8. Jistieden lill-Gvern tal-Bangladesh u lis-settur privat ikomplu bl-inizjattivi tagħhom immirati lejn il-kumpens finanzjarju u r-riabilitazzjoni tal-vittmi, jiżviluppaw strateġija effettiva ta' impjieg mill-ġdid u joffru appoġġ għall-ħiliet intraprenditorjali u tal-għajxien;

***L-UE u l-komunità internazzjonali – responsabbiltà kondiviża***

9. Jappoġġa l-attivitajiet ta' segwitu tal-Patt dwar is-Sostenibbiltà tal-Bangladesh u d-djalogu msaħħaħ tal-Kummissjoni u s-SEAE dwar id-drittijiet tax-xogħol u tal-bniedem mal-Bangladesh, bl-għan li jkun hemm konformità aħjar mal-prinċipji tal-konvenzjonijiet elenkati fir-regolament tal-SĠP;

10. Jappoġġa l-eżami mill-Kummissjoni tal-possibilità ta' inizjattiva madwar l-UE kollha b'rabta mas-settur tal-ħwejjeġ, b'inizjattivi volontarji u kodiċi ta' kondotta stretti bħala l-prinċipji ewlenin tagħha; jieħu nota tad-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni tal-24 ta' April 2017 dwar katini ta' valur tal-ħwejjeġ sostenibbli permezz ta' azzjoni tal-UE għall-iżvilupp, u jtenni t-talba tiegħu li ma tillimitax ruħha biss għal dak id-dokument ta' ħidma, iżda li tinkludi l-kunsiderazzjoni possibbli ta' leġiżlazzjoni vinkolanti dwar id-diliġenza dovuta; jenfasizza barra minn hekk li l-koordinazzjoni, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-impenn tal-gvernijiet li jistabbilixxu kundizzjonijiet ta' qafas xierqa jistgħu jikkontribwixxu biex tiżdied l-effiċjenza tal-inizjattivi privati u pubbliċi tal-katina tal-valur u jgħinu biex jinkisbu riżultati pożittivi b'rabta mal-iżvilupp sostenibbli; jenfasizza l-importanza kemm tas-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi sabiex tiżdied it-trasparenza, kif ukoll tal-appoġġ tal-isforzi favur it-titjib tal-istandards tax-xogħol u dawk ambjentali, is-sikurezza tal-prodotti u l-konsum sostenibbli;

11. Huwa tal-fehma li l-Patt dwar is-Sostenibbiltà tal-Bangladesh, fejn l-UE hija attur ewlieni, jista' jservi bħala mudell għat-twaqqif ta' sħubiji simili ma' pajjiżi terzi; jistieden lill-Unjoni tkompli u tintensifika l-kooperazzjoni tagħha fil-livell internazzjonali ma' organizzazzjonijiet bħall-ILO, l-OECD u n-NU fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u s-CSR;

12. Jappoġġa l-isforzi tal-grupp ta' ħidma miftuħ tan-NU, stabbilit bl-għan li jfassal trattat vinkolanti tan-NU dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolvu ruħhom b'mod attiv ffin-negozjati li jirriżultaw;

13. Jenfasizza li jekk is-sitwazzjoni tas-sigurtà ma tmurx għall-aħjar u t-theddid li mill-estremisti fil-Bangladesh ma jiġix indirizzat b'mod sistematiku, dan se jkollu effett dirett fuq l-investiment fil-pajjiż, li fl-aħħar mill-aħħar se jżomm lura l-iżvilupp fit-tul u l-ħajjiet taċ-ċittadin komuni;

***Konklużjonijiet***

14. Jenfasizza li s-settur tal-ħwejjeġ ta' kwalità għolja huwa essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-Bangladesh, u li l-espansjoni tiegħu ippermettiet lil numru kbir ta' ħaddiema, speċjalment lin-nisa, jimxu mill-ekonomija informali għal dik formali; iwissi kontra inizjattivi li jistgħu jwasslu għad-diżimpenn ta' negozji tal-UE u oħrajn mill-Bangladesh, u li jkunu ta' ħsara mhux biss għar-reputazzjoni tal-pajjiż iżda, l-aktar importanti, għall-prospetti futuri ta' żvilupp tiegħu;

15. Jenfasizza li huwa l-kompitu kondiviż tal-Gern tal-Bangladesh, is-settur privat lokali, il-komunità internazzjonali u s-sħab kummerċjali li jikkontribwixxu għall-għan prijoritarju ta' aġir ta' negozju responsabbli;

o

o o

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Bangladesh, u lid-Direttur Ġenerali tal-ILO.

P8_TA(2017)0267

## Il-każ ta' Afgan Mukhtarli u s-sitwazzjoni tal-media fl-Ażerbajġan

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar il-każ tal-ġurnalist Ażerbajġani Afgan Mukhtarli (2017/2722(RSP))**

(2018/C 331/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ażerbajġan, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt,

— wara li kkunsidra r-relazzjoni stabbilita bejn l-UE u l-Ażerbajġan, li daħlet fis-seħħ fl-1999 fil-forma ta' Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni, il-ħolqien tas-Sħubija tal-Lvant u l-parteċipazzjoni tal-Ażerbajġan fl-Assemblea Parlamentari Euronest,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni adottata mill-Milli Majlis, il-parlament tar-Repubblika tal-Ażerbajġan, fit-30 ta' Settembru 2016 li biha jħassar id-deċiżjoni preċedenti tiegħu tal-14 ta' Settembru 2015 li jtemm is-sħubija u l-parteċipazzjoni tiegħu fl-Assemblea Parlamentari Euronest, u b'hekk għażel li jibqa' u jipparteċipa,

— wara li kkunsidra l-mandat adottat fl-14 ta' Novembru 2016 għall-Kummissjoni Ewropea u l-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) biex jinnegozjaw, f'isem l-UE u l-Istati Membri tagħha, ftehim komprensiv mar-Repubblika tal-Ażerbajġan u t-tnedija tan-negozjati dwar il-ftehim imsemmi hawn fuq fis-7 ta' Frar 2017,

— wara li kkunsidra ż-żjara tal-President tal-Ażerbajġan, Ilham Aliyev, fi Brussell fis-6 ta' Frar 2017,

— wara li kkunsidra ż-żjara reċenti tad-delegazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin fl-Ażerbajġan fit-22 ta' Mejju 2017,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali tan-NU għall-Ħarsien tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Furzat,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-organizzazzjoni Freedom House intitolat "Freedom in the World 2017" (Il-Libertà fid-Dinja 2017), li jikkunsidra l-istampa fl-Ażerbajġan bħala "mhux libera" u l-internet hemmhekk bħala "parzjalment liberu",

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-VP/RGħ dwar is-sentenzjar ta' Mehman Huseynov fl-Ażerbajġan fis-7 ta' Marzu 2017,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni/Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (AA/DCFTA) bejn l-UE u l-Georgia li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016,

— wara li kkunsidra dikjarazzjonijiet fil-passat magħmula mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, Nils Muiznieks, dwar il-persekuzzjoni ta' ġurnalisti, attivisti tas-soċjetà ċivili/fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u membri tal-oppożizzjoni fl-Ażerbajġan,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-Direttur tal-ODIHR (Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem) tal-OSKE, Michael Georg Link, dwar l-allegat ħtif u trattament ħażin fil-kustodja tal-ġurnalist u difensur Ażerbajġani tad-drittijiet tal-bniedem Afgan Mukhtarli tat-8 ta' Ġunju 2017,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kelliem tal-VP/RGħ dwar "detenzjoni illegali ta' ċittadini tar-Repubblika tal-Ażerbajġan residenti fil-Georgia",

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

**Il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017**

A. billi Afgan Mukhtarli, ġurnalist investigattiv Ażerbajġani eżiljat, li mar jgħix fi Tbilisi fl-2015, sparixxa minn Tbilisi fid-29 ta' Mejju 2017 u reġa' tfaċċa ftit sigħat wara f'Baku;

B. billi skont l-avukat tiegħu, Afgan Mukhtarli inħataf minn irġiel mhux identifikati li ġie rrapurtat li kienu lebsin l-uniformi tal-pulizija kriminali tal-Georgia, ġie imbuttat għal ġewwa karozza, safa msawwat u ġie misjuq lejn il-fruntiera tal-Ażerbajġan, fejn is-somma ta' EUR 10 000 ġiet allegatament imqiegħda fuq il-persuna tiegħu;

C. billi Afgan Mukhtarli issa qed jiffaċċja prosekuzzjoni talli qasam illegalment il-fruntiera u talli wettaq traffikar u vjolenza kontra awtorità tal-pulizija; billi l-akkużi msemmija hawn fuq jistgħu jwasslu għal sentenza ta' diversi snin il-ħabs u billi fil-31 ta' Mejju 2017 huwa ġie kkundannat minn qorti għal tliet xhur ta' detenzjoni qabel il-proċess;

D. billi Afgan Mukhtarli ħadem għal bosta stabbilimenti indipendenti tax-xandir, li jinkludu Radio Free Europe/Radio Liberty, u huwa magħruf għall-kopertura ġurnalistika kritika tiegħu fil-konfront tal-awtoritajiet tal-Ażerbajġan; billi huwa mar fl-eżilju fil-Georgia biex jaħrab tpattija għall-ħidma tiegħu min-naħa tal-awtoritajiet tal-Ażerbajġan;

E. billi l-Georgia hija stat li huwa parti għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u għaldaqstant hija r-responsabilità tal-Georgia li tiggarantixxi s-sikurezza taċ-ċittadini tal-Ażerbajġan li jgħixu fit-territorju tagħha u li timpedixxi kwalunkwe ritorn furzat lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom; billi ċ-ċittadini tal-Ażerbajġan, madankollu, qed iħabbtu wiċċhom dejjem aktar ma' sitwazzjoni fejn qed jiġi miċħud lilhom li jtawlu l-permessi ta' residenza tagħhom fil-Georgia;

F. billi l-President tal-Georgia, Giorgi Margvelashvili, stqarr li l-ħtif ta' Afgan Mukhtarli jikkostitwixxi "sfida serja għall-istatus ta' stat u s-sovranità [tal-Georgia]";

G. billi l-Ministeru tal-Intern tal-Georgia nieda investigazzjoni skont l-Artikolu 143 tal-Kodiċi Kriminali – il-priġunerija illegali – dwar il-każ ta' Afgan Mukhtarli u beda komunikazzjoni mal-kontropartijiet tiegħu fl-Ażerbajġan dwar din il-kwistjoni;

H. billi s-sitwazzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ażerbajġan matul l-aħħar ftit snin għadha kwistjoni li tqajjem tħassib serju, bi tkomplija tal-intimidazzjoni u r-ripressjoni, il-prattika tal-persekuzzjoni, rapporti dwar tortura, projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' moviment ta' mexxejja ta' NGOs, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, membri tal-oppożizzjoni, ġurnalisti u rappreżentanti oħra tas-soċjetà ċivili;

I. billi fis-17 ta' Mejju 2017, il-Qorti tal-Appell ta' Baku ordnat li Leyla u Arif Yunus, li ngħataw asil politiku fin-Netherlands, jintbagħtu lura lejn l-Ażerbajġan għal smigħ mill-ġdid fil-qorti;

J. billi fit-12 ta' Mejju 2017, wara li saret talba mill-Ministeru tat-Trasport, il-Komunikazzjoni u t-Teknoloġija Għolja, il-qorti tad-distrett ta' Sabail ikkonfermat id-deċiżjoni li jiġu mblukkati ħames stabbilimenti tax-xandir online, inklużi s-Servizz tal-Ażerbajġan ta' Radio Free Europe/Radio Liberty (RFE/RL), Azadliq.info, Meydan TV u l-kanali tat-TV bis-satellita Turan TV u Azerbaijani Saadi;

K. billi t-tnedija mill-ġdid tar-relazzjonijiet bejn il-Milli Majlis tar-Repubblika tal-Ażerbajġan u l-Parlament Ewropew u s-sħubija mġedda tal-Ażerbajġan u l-parteċipazzjoni tiegħu fl-Assemblea Parlamentari Euronest u fl-attivitajiet tagħha taw prova li huma siewja;

L. billi, fis-7 ta' Frar 2017, l-UE u l-Ażerbajġan nedew in-negozjati dwar ftehim ġdid li se jsegwi l-prinċipji appoġġjati fl-analiżi tal-2015 tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u se joffri bażi ġdida għad-djalogu politiku u l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ażerbajġan;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-ħtif ta' Afgan Mukhtarli fi Tbilisi u d-detenzjoni arbitrarja sussegwenti tiegħu f'Baku; iqis dan bħala vjolazzjoni serja tad-drittijiet tal-bniedem u jikkundanna dan l-att gravi ta' ksur tal-liġi;

2. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Georgia biex jiżguraw investigazzjoni fil-pront, bir-reqqa, trasparenti u effettiva dwar l-għajbien furzat ta' Afgan Mukhtarli fil-Georgia u t-trasferiment illegali tiegħu lejn l-Ażerbajġan u itellgħu lil dawk responsabbli quddiem il-ġustizzja;

3. Iqis li huwa tal-akbar importanza li l-awtoritajiet tal-Georgia jagħmlu kull sforz possibbli biex jiċċaraw lil hinn minn kwalunkwe dubju kull suspett rigward l-involviment ta' aġenti tal-istat tal-Georgia fl-għajbien furzat;

4. Ifakkar li hija r-responsabilità tal-awtoritajiet tal-Georgia li jipprovdu ħarsien liċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jgħixu fil-Georgia jew lil dawk li jitolbu asil politiku, li possibilment qed iħabbtu wiċċhom ma' konsegwenzi ġudizzjarji gravi fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom għal attivitajiet politiċi jew fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; ifakkar, f'dan ir-rigward, fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li għaliha l-Georgia hija parti;

5. Jikkundanna bil-qawwa l-prosekuzzjoni ta' Afgan Mukhtarli wara akkużi foloz u jtenni li dan qed jiġi persegwitat għall-ħidma tiegħu bħala ġurnalist indipendenti;

6. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan biex immedjatament u b'mod inkundizzjonat iwaqqgħu l-akkużi kollha kontra Afgan Mukhtarli u jeħilsuh, u biex jagħmlu dan ukoll ma' dawk kollha detenuti bħala riżultat tal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom, inkluża l-libertà ta' espressjoni; jistieden, fil-każ ta' Afgan Mukhtarli, lill-awtoritajiet tal-Georgia jieħdu l-passi kollha meħtieġa b'rabta mal-awtoritajiet tal-Ażerbajġan sabiex hu jkun jista' jerġa' jingħaqad mal-familja tiegħu;

7. Jesprimi tħassib serju li l-każ ta' Afgan Mukhtarli huwa eżempju ieħor tal-fatt li l-awtoritajiet tal-Ażerbajġan iqiegħdu fil-mira tagħhom u u jippersegwitaw lill-persuni li jikkritikawhom u li jgħixu fl-eżilju u lill-qraba tagħhom fl-Ażerbajġan; ifakkar fil-każijiet preċedenti ta' mandati ta' arrest internazzjonali mitluba għal ċittadini tal-Ażerbajġan li jgħixu fl-eżilju li jikkritikaw lill-awtoritajiet;

8. Jitlob investigazzjoni immedjata, sħiħa, trasparenti, kredibbli u imparzjali dwar il-mewt tal-blogger u attivista Ażerbajġani Mehman Galandarov fit-28 ta' April 2017 meta kien jinsab fil-kustodja tal-awtoritajiet tal-Ażerbajġan;

9. Jitlob il-ħelsien immedjat u inkundizzjonat mill-ħabs tal-priġunieri politiċi kollha, inklużi ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u attivisti oħrajn tas-soċjetà ċivili, jiġifieri Afgan Mukhtarli, Ilkin Rustamzadeh, Rashad Ramazanov, Seymur Hezi, Giyas Ibrahimov, Mehman Huseynov, Bayram Mammadov, Ilgar Mammadov, Araz Guliyev, Tofig Hasanli, Ilgiz Qahramanov, Afgan Sadygov u oħrajn, inklużi – iżda mhux biss – dawk koperti mis-sentenzi rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), u jitlob li jitwaqqgħu l-akkużi kollha kontrihom u li d-drittijiet politiċi u ċivili tagħhom jiġu stabbiliti kompletament mill-ġdid, u jitlob li dan jiġi estiż ukoll għall-priġunieri politiċi li kienu arrestati preċedentement u li nħelsu sadanittant, bħal Intigam Aliyev, Khadija Ismayilova u oħrajn;

10. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan itemmu l-persekuzzjoni kontinwa ta' Leyla u Arif Yunus u jiġbed l-attenzjoni tal-Interpol għal dan il-każ motivat minn raġunijiet politiċi;

11. Itenni t-talba urġenti tiegħu lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan biex itemmu l-prattiki ta' prosekuzzjoni kriminali u ta' priġunerija selettivi ta' ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u oħrajn li jikkritikaw il-gvern, u biex jiżguraw li l-persuni kollha detenuti, inklużi l-ġurnalisti u l-attivisti politiċi u tas-soċjetà ċivili, igawdu d-drittijiet kollha ta' proċess ġust u jkunu koperti minn normi ta' proċess ġust;

12. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan biex jiżguraw li gruppi u attivisti indipendenti tas-soċjetà ċivili jkunu jistgħu joperaw mingħajr xkiel żejjed jew biża' ta' persekuzzjoni, inkluż billi jħassru l-liġijiet li jirrestrinġu severament lis-soċjetà ċivili, billi jirrilaxxaw il-kontijiet bankarji ta' gruppi mhux governattivi u tal-mexxejja tagħhom u billi jagħtu aċċess għal finanzjament barrani;

13. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Ażerbajġan biex jikkonforma bis-sħiħ mas-sentenzi kollha tal-KEDB u biex jikkoopera mal-Kummissjoni ta' Venezja u mal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa u jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tagħhom kif ukoll biex isegwi l-proċeduri speċjali tan-NU fir-rigward tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tal-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda paċifika, il-libertà ta' espressjoni u l-arrest arbitrarju, bil-għan li jemenda l-leġiżlazzjoni tiegħu u jadatta l-prattiki tiegħu f'konformità sħiħa mal-konklużjonijiet tal-esperti;

14. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħelsien fl-Ażerbajġan ta' bosta personalitajiet difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ġurnalisti u attivisti fl-2015 u l-2016;

15. Jissottolinja l-importanza ta' klima politika tajba bejn il-gvern, il-forzi tal-oppożizzjoni u s-soċjetà ċivili inġenerali;

16. Jissottolinja l-importanza tal-ftehim ta' sħubija l-ġdid bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ażerbajġan; jenfasizza li r-riformi demokratiċi, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jridu jkunu fil-qalba tal-ftehim il-ġdid; ifakkar li se jkun qed jissorvelja s-sitwazzjoni mill-qrib matul in-negozjati dwar ftehim ġdid, qabel ma jiddeċiedi jekk jagħtix l-approvazzjoni tiegħu;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lis-Servizz Estern għall-Azzjoni Esterna, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kummissjoni, lill-Presidenti, lill-Gvernijiet u l-Parlamenti tal-Ażerbajġan u tal-Georgia, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-OSKE u lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU.

P8_TA(2017)0268

# Il-Pakistan, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-piena tal-mewt

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar il-Pakistan, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-piena tal-mewt (2017/2723(RSP))**

(2018/C 331/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Pakistan,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2016 dwar il-Pakistan,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Impenn ta' Ħames Snin bejn l-UE u l-Pakistan,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Pakistan,

— wara li kkunsidra l-Pjan Indikattiv Pluriennali (MIP) UE-Pakistan 2014-2020,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE għall-Pakistan,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-kelliem tagħha dwar il-Pakistan,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948, b'mod partikolari l-Artikolu 18 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li l-Pakistan hu firmatarju tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal,

— wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tal-Pakistan,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE għall-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà tar-reliġjon u tat-twemmin, dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u dwar il-Piena tal-Mewt, u l-Qafas Strateġiku dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tal-2012,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Pakistan kellu moratorju fuq il-piena tal-mewt fis-seħħ sal-2015, iżda reġa' introduċiha wara l-massakru fl-iskola pubblika tal-armata f'Peshawar f'Diċembru 2014; billi t-tneħħija tal-moratorju inizjalment kienet biss għal attivitajiet terroristiċi, iżda sussegwentement ġiet estiża għar-reati kapitali kollha;

B. billi l-Pakistan illum il-ġurnata għandu waħda mill-ikbar popolazzjonijiet fid-dinja ta' priġunieri kkundannati għall-mewt; billi ġew rappurtati każijiet ta' persuni ġġustizzjati waqt li l-mekkaniżmi ta' appell kienu għadhom għaddejjin;

C. billi l-"liġi tal-blasfemija" tal-Pakistan (Taqsima 295-C tal-Kodiċi Penali) iġġorr magħha sentenza tal-mewt mandatorja; billi attwalment mijiet ta' nies qed jistennew li jiġu proċessati mill-qrati, u għadd ta' individwi qed jistennew li jiġu ġġustizzjati fuq akkużi ta' "blasfemija"; billi l-liġi hi meqjusa li fiha definizzjonijiet vagi li jagħtu lok għal abbuż kontra dissidenti politiċi jew biex tiġi msikkta kwalunkwe kritika leġittima fil-konfront tal-istituzzjonijiet u entitajiet oħra tal-istat;

D. billi f'Marzu 2017, il-Prim Ministru ordna projbizzjoni fuq kwalunkwe materjal "blasfem" online, u l-awtoritajiet tal-Pakistan talbu l-kumpaniji tal-midja soċjali biex jgħinuhom jidentifikaw ċittadini Pakistani ssuspettati li wettqu "blasfemija"; billi fl-14 ta' April 2017, Mashal Khan, student fl-Università Abdul Wali Khan, inqatel minn ġemgħa ta' studenti oħra wara li ġie akkużat li ppubblika materjal "blasfem" online; billi fl-10 ta' Ġunju 2017, qorti ta' kontra t-

terroriżmu fil-Pakistan ikkundannat lil Taimoor Raza għall-mewt talli allegatament wettaq att ta' "blasfemija" fuq Facebook; billi l-attivista Baba Jan u 12-il dimostant oħra ngħataw sentenzi ta' ħabs għal għomorhom, l-aktar sentenza ħarxa li qatt ingħatat lil persuni li ħadu sehem f'dimostrazzjonijiet;

E. billi l-Assemblea Nazzjonali tal-Pakistan għaddiet riżoluzzjoni fit-18 ta' April 2017, li kkundannat il-qtil ta' Mashan Khan minn ġemgħa vjolenti fuq allegazzjonijiet ta' "blasfemija"; billi s-Senat iddibatta riformi biex jitrażżan l-abbuż;

F. billi l-qrati militari ġew awtorizzati għal sentejn, filwaqt li l-ġudikatura ċivili suppost kellha tiġi msaħħa; billi ftit sar progress fl-iżvilupp tal-ġudikatura, u fit-22 ta' Marzu 2017, il-qrati militari b'mod kontroversjali reġgħu ġew introdotti wara perjodu ieħor ta' sentejn;

G. billi ġew innotati diversi episodji fejn fil-Pakistan, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, dissidenti politiċi u membri ta' minoranzi jew gruppi reliġjużi bħall-Ahmadiyya esperjenzaw intimidazzjoni, attakki, priġunerija, tortura, fastidju u saħansitra qtil; billi informazzjoni miġbura mill-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar l-Għajbien Furzat jew Involontarju u mill-NGOs żvelat li l-għajbien furzat qed isir mill-awtoritajiet tas-sigurtà u tal-infurzar tal-liġi, inkluż il-pulizija u l-aġenziji tal-intelligence; billi lanqas awtur wieħed ma ġie proċessat b'suċċess mill-qrati;

H. billi ċ-ċittadin Indjan Kulbhushan Jadhav instab ħati minn qorti militari f'April 2017 u ġie kkundannat għall-mewt; billi l-każ bħalissa jinsab quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja Internazzjonali minħabba li ġie miċħud lilu d-dritt ta' aċċess konsolari; billi fl-4 ta' Mejju 2017, tifel ta' 10 snin inqatel u ħames persuni oħra ndarbu f'attakk minn ġemgħa nies fuq għassa tal-pulizija f'Balochistan, attakk li hu maħsub li kien immotivat minn allegazzjonijiet ta' "blasfemija"; billi fit-30 ta' Mejju 2017, l-allegat stupru ta' adolexxenti (li fil-midja lokali ssemmiet biss bl-isem ta' "Shumaila") minn membru tal-familja tagħha f'Rajanpur wassal biex il-vittma ġiet ikkundannata għall-mewt minn qorti tribali; billi dawn il-każijiet mhumiex avvenimenti iżolati;

I. billi l-każ ta' Aasiya Noreen, magħrufa aħjar bħala Asia Bibi, għadu kwistjoni ta' importanza serja rigward id-drittijiet tal-bniedem fil-Pakistan; billi Asia Bibi, mara Nisranija Pakistana, instabet ħatja ta' atti blasfemi minn qorti Pakistana u ġiet ikkundannata għall-mewt permezz ta' tgħalliq fl-2010; billi, jekk tinqatel, Asia Bibi tkun l-ewwel mara li tkun inqatlet legalment fil-Pakistan għal atti blasfemi; billi diversi petizzjonijiet internazzjonali talbu l-ħelsien tagħha peress li kienet qed tiġi ppersegwitata minħabba r-reliġjon tagħha; billi l-Ministru tal-Minoranzi Nisrani Shahbaz Bhatti u l-politiku Musulman Salmaan Taseer inqatlu minn vigilantes talli qabżu għaliha u tkellmu kontra l-"liġijiet dwar atti blasfemi"; billi minkejja s-sospensjoni temporanja tal-piena tal-mewt ta' Asia Bibi, hija għadha l-ħabs sal-lum u l-familja tagħha għadha moħbija;

J. billi r-repressjoni tal-NGOs qed tkompli għaddejja; billi, bl-iskuża tal-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali kontra t-terroriżmu, il-membri ta' diversi NGOs ġew intimidati u ffastidjati, waqt li l-uffiċċji ta' whud minnhom ġew magħluqa;

K. billi 12-il miljun mara m'għandhomx karta tal-identità nazzjonali, u għaldaqstant m'għandhomx id-dritt li jirreġistraw biex jivvotaw fl-elezzjonijiet; billi diversi missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE għamlu rakkomandazzjoni għal titjib fil-proċess elettorali għall-elezzjonijiet li ġejjin, li huma skedati għall-2018;

L. billi l-Pakistan daħal fl-iskema GSP + fl-1 ta' Jannar 2014; billi din l-iskema jenħtieġ tipprovdi inċentiv qawwi għar-rispett tad-drittijiet ewlenin tal-bniedem u tal-ħaddiema, l-ambjent u l-prinċipji tal-governanza tajba;

M. billi l-UE għadha impenjata għalkollox li tkompli d-djalogu u l-impenn tagħha mal-Pakistan taħt il-Pjan ta' Impenn ta' Ħames Snin u s-sostitut tiegħu;

1. Itenni l-oppożizzjoni qawwija tal-UE għall-piena tal-mewt, f'kull każ u mingħajr eċċezzjoni; jitlob li jkun hemm abolizzjoni universali tal-piena kapitali; jesprimi tħassib serju dwar id-deċiżjoni tal-Pakistan li jneħħi l-moratorju, waqt li l-iġġustizzjar issa qed ikompli b'rata allarmanti; jistieden lill-Pakistan jerġa' jdaħħal il-moratorju, bl-objettiv aktar fit-tul ta' abolizzjoni totali tal-piena tal-mewt;

2. Jinsab imħasseb ħafna dwar rapporti tal-użu tal-piena tal-mewt fil-Pakistan wara proċessi mhux għalkollox korretti, l-eżekuzzjoni ta' persuni minorenni u persuni b'disturbi mentali, u allegazzjonijiet ta' tortura; jistieden lill-gvern jallinja d-dispożizzjonijiet dwar il-piena tal-mewt fil-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dritt u l-istandards internazzjonali, inkluż waqfien tal-iġġustizzjar għal kwalunkwe reat għajr il-qtil intenzjonat, projbizzjoni fuq l-eżekuzzjoni ta' delinkwenti minorenni u ta' persuni b'disturbi mentali, u moratorju fuq it-twettiq ta' eżekuzzjonijiet meta l-appelli jkunu għadhom pendenti;

3. Jiddeplora r-rigress tal-Pakistan fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet tal-binedem u l-istat tad-dritt, u b'mod partikolari ż-żieda fil-każijiet ta' qtil extraġudizzjarju u l-intimidazzjoni u l-użu tal-forza kontra l-ġurnalisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-NGOs u persuni li jikkritikaw il-gvern; ifakkar l-obbligi tal-gvern tal-Pakistan li jiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali; jilqa' l-adozzjoni mill-Pakistan ta' Pjan ta' Azzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem, u jitlob li dan jissarraf fi progress tanġibbli; iwissi f'dan ir-rigward li l-UE tkun estremament imħassba jekk l-attivisti se jkomplu jkunu l-vittmi ta' tali prattiki, u jekk mhux se jkun innotat progress;

4. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-libertà wiesgħa ta' operazzjoni li jgawdu l-forzi tas-sigurtà, u jistieden lill-Gvern tal-Pakistan jiżgura skrutinju aqwa tal-azzjonijiet tagħhom; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu investigazzjoni fil-pront u imparzjali tal-każijiet ta' qtil fil-kustodja u qtil mill-forzi tas-sigurtà, kif ukoll l-allegazzjonijiet ta' tortura, u biex jipproċessaw quddiem il-qrati lill-awturi ta' tortura u ta' qtil extraġudizzjarju;

5. Jiddeplora l-użu ta' qrati militari fil-Pakistan, li jagħmlu s-seduti b'mod sigriet u għandhom ġurisdizzjoni fuq persuni ċivili; jinsisti li l-awtoritajiet tal-Pakistan jagħtu aċċess lill-osservaturi internazzjonali u lill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem għall-finijiet ta' monitoraġġ tal-użu tal-qrati militari; jitlob ukoll li ssir tranżizzjoni immedjata u trasparenti lejn qrati ċivili indipendenti, skont l-istandards internazzjonali tal-proċedimenti ġudizzjarji; jenfasizza li ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitressqu quddiem il-qrati jridu jingħataw aċċess għas-servizzi u l-protezzjoni konsulari;

6. Jinsab imħasseb ferm dwar l-użu kontinwat tal-"liġi tal-blasfemija", u jemmen li din qed iżżid il-klima ta' intolleranza reliġjuża; jinnota s-sejbiet tal-Qorti Suprema tal-Pakistan li individwi akkużati bi "blasfemija" 'isofru tbatija bla proporzjon u li ma tistax tissewwa' fl-assenza ta' salvagwardji adegwati kontra l-applikazzjoni ħażina jew l-użu ħażin ta' dawn il-liġijiet; jistieden għaldaqstant lill-Gvern tal-Pakistan biex jirrevoka t-Taqsimiet 295-A, 295-B u 295-C tal-Kodiċi Penali, u biex jistabbilixxi salvagwardji proċedurali u istituzzjonali effettivi għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' akkużi ta' "blasfemija"; jistieden ukoll lill-gvern biex jieħu pożizzjoni aktar soda ta' kundanna ta' atti ta' viġilantiżmu kontra persuni li allegatament iwettqu "blasfemija", u jħeġġu biex ma jużax ir-retorika tal-"blasfemija";

7. Jistieden lill-Gvern tal-Pakistan biex jieħu azzjoni urġenti ħalli jipproteġi l-ħajjiet u d-drittijiet tal-ġurnalisti u l-bloggers; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-talba magħmula mill-awtoritajiet tal-Pakistan lil Twitter u lil Facebook biex jiżvelaw informazzjoni dwar l-utenti tagħhom sabiex jidentifikaw lill-individwi suspettati bi "blasfemija"; jistieden lill-Gvern u lill-Parlament tal-Pakistan jemendaw l-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Reati Elettroniċi tal-2016 u jneħħu d-dispożizzjonijiet b'firxa wiesgħa żżejjed għall-monitoraġġ u ż-żamma tad-data u għall-għeluq ta' siti web abbażi ta' kriterji vagi; jitlob ukoll li s-sentenzi tal-mewt kollha mogħtija għal akkużi ta' "blasfemija" jew oppożizzjoni politika jiġu mibdula, inkluża s-sentenza mogħtija lill-Taimoor Raza; jistieden f'dan il-kuntest lill-President tal-Pakistan biex jagħmel użu mis-setgħa tiegħu ta' klemenza;

8. Jinnota l-progress magħmul fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Impenn ta' Ħames Snin UE-Pakistan, iżda jesprimi t-tama li l-Pjan ta' Impenn Strateġiku li għandu jiġi finalizzat fl-2017 ikun ambizzjuż u jgħin biex jissaħħu r-rabtiet bejn l-UE u l-Pakistan;

9. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Pakistan isolvi, bl-aktar mod pożittiv u rapidu possibbli, il-każ li għaddej ta' Asia Bibi; jirrakkomanda li jittieħdu passi biex tiġi żgurata s-sikurezza tas-Sa Bibi u l-familja tagħha fid-dawl tat-trattament storiku ta' vittmi ta' allegazzjonijiet ta' atti blasfemi minn vigilantes u atturi mhux ġudizzjarji;

10. Ifakkar li l-għoti ta' status GSP+ huwa kondizzjonali u li l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet internazzjonali hi rekwiżit essenzjali taħt din l-iskema; iħeġġeġ lill-Gvern tal-Pakistan jagħmel sforzi qawwija biex jimplimenta s-27 konvenzjoni ewlenin u juri progress;

**Il-Ħamis 15 ta’ Ġunju 2017**

11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-SEAE jqajmu dawn il-kwistjonijiet mal-awtoritajiet tal-Pakistan waqt id-Djalogu regolari dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri kif ukoll lill-Gvern u lill-Parlament tal-Pakistan.

P8_TA(2017)0269

# Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Indoneżja

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Indoneżja (2017/2724(RSP))**

(2018/C 331/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Indoneżja, b'mod partikolari dik tad-19 ta' Jannar 2017 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) bejn l-UE u l-Indoneżja, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2014, u l-istqarrija konġunta għall-istampa tad-29 ta' Novembru 2016 wara l-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt bejn l-UE u l-Indoneżja skont il-FSK,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni lokali tal-UE tad-9 ta' Mejju 2017 dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin u l-libertà ta' espressjoni,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem – Kumpilazzjoni dwar l-Indoneżja, tas-17 ta' Frar 2017, u l-Eżami Perjodiku Universali (It-Tielet Ċiklu) u s-Sommarju tas-sottomissjonijiet tal-partijiet interessati dwar l-Indoneżja, tal-20 ta' Frar 2017,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-27 ta' Lulju 2016 mill-kelliem tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) dwar l-eżekuzzjonijiet ippjanati fl-Indoneżja,

— wara li kkunsidra s-Sitt Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-Unjoni Ewropea u l-Indoneżja tat-28 ta' Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Bangkok dwar il-Promozzjoni ta' Sħubija Globali UE-ASEAN għal Għanijiet Strateġiċi Komuni tal-14 ta' Ottubru 2016,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-10 ta' Diċembru 1948,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (**ICCPR**), li ġie rratifikat mill-Indoneżja fl-2006,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti tal-1987,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Indoneżja hija n-nazzjon bir-raba' l-akbar popolazzjoni fid-dinja, it-tielet l-akbar demokrazija, l-akbar pajjiż b'maġġoranza Musulmana, u soċjetà diversa magħmula minn 255 miljun ċittadin ta' etniċitajiet, lingwi u kulturi differenti;

B. billi l-Indoneżja hija sieħba importanti tal-UE; billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Indoneżja, li hija membru tal-G20, huma qawwija; billi l-UE u l-Indoneżja jikkondividu l-istess valuri f'dak li jirrigwarda d-drittijiet tal-bniedem, il-governanza u d-demokrazija;

C. billi fl-2016 kien hemm għadd bla preċedent ta' attakki verbali vjolenti, diskriminatorji u vessatorji u dikjarazzjonijiet vitrijoliċi kontra persuni LGBTI fl-Indoneżja; billi ġie rrapportat li tali attakki ġew imkebbsa, direttament jew indirettament, minn uffiċjali tal-gvern, istituzzjonijiet tal-istat u estremisti; billi, barra minn hekk, in-natura ta' tali attakki ggravat fl-2017;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2017)0002.

**Il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017**

D. billi fil-provinċja awtonoma speċjali ta' Aceh, iggvernata mill-liġi tax-Xarija, atti sesswali kunsenswali bejn persuni tal-istess sess u relazzjonijiet sesswali barra miż-żwieġ huma kriminalizzati u jġorru piena ta' massimu ta' 100 daqqa u 100 xahar ħabs; billi, f'Mejju 2017, żewġt irġiel żgħażagħ ikkundannati għal relazzjonijiet sesswali bejn persuni tal-istess sess ġew ikkundannati għal 85 daqqa ta' qasba; billi d-dritt li persuna ma tiġix ittorturata huwa dritt fundamentali u inaljenabbli;

E. billi fil-bqija tal-Indoneżja l-omosesswalità mhijiex illegali; billi l-komunità LGBTI, madankollu, ġiet assedjata fis-snin riċenti;

F. billi ġew arrestati 141 raġel għal "ksur tal-liġijiet tal-pornografija" f'rejd tal-pulizija f'*gay club* f'Jakarta fil-21 ta' Mejju 2017;

G. billi, sa minn Jannar 2016, il-Qorti Kostituzzjonali fl-Indoneżja qed tirrieżamina petizzjoni mmirata biex tikkriminalizza atti sesswali gay u barra miż-żwieġ;

H. billi hemm intolleranza li qed tikber lejn il-minoranzi reliġjużi fl-Indoneżja, u dan sar possibbli permezz ta' liġijiet u regolamenti diskriminatorji, inkluża liġi dwar il-blasfemja li tirrikonoxxi uffiċjalment sitt reliġjonijiet biss; billi sa Ġunju 2017, bosta persuni kienu nstabu ħatja u ntbagħtu l-ħabs taħt il-liġijiet dwar il-blasfemja;

I. billi f'Jannar 2017 il-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem (Komisi Nasional Hak Asaki Manusia) sabet li xi provinċji, bħall-Java tal-Punent, iġarrbu ħafna aktar intolleranza reliġjuża minn oħrajn, u li l-uffiċjali reġjonali governattivi huma ta' sikwit responsabbli jew għat-tolleranza jew għall-perpetrazzjoni diretta tal-abbużi;

J. billi hemm tħassib serju dwar l-intimidazzjoni u l-vjolenza kontra l-ġurnalisti; billi jenħtieġ li l-ġurnalisti jkollhom aċċess għall-pajjiż kollu;

K. billi, skont il-Human Rights Watch, bejn l-2010 u l-2015, 49 % tal-bniet tal-età ta' 14-il sena jew iżgħar kienu vittmi tal-mutilazzjoni ġenitali femminili;

L. billi l-awtoritajiet qatlu lil erba' persuni li nstabu ħatja għal traffikar tad-drogi f'Lulju 2016 u indikaw li 10 priġunieri ikkundannati għall-mewt se jiġu maqtula fl-2017;

1. Japprezza r-relazzjoni qawwija bejn l-UE u l-Indoneżja, u jtenni l-importanza ta' rabtiet politiċi, ekonomiċi u kulturali qawwija u fit-tul bejn iż-żewġ partijiet; jenfasizza l-importanza tad-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u l-Indoneżja, li jippermetti skambju miftuħ dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, li huma wkoll il-bażi tal-FSK;

2. Jitlob kuntatti aktar b'saħħithom bejn l-UE u l-Indoneżja li permezz tagħhom kwistjonijiet differenti ta' interess reċiproku, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, jistgħu jiġu diskussi b'mod kostruttiv; jistieden lill-parlament Indoneżjan isaħħaħ dawn ir-relazzjonijiet interparlamentari;

3. Jilqa' l-involviment attiv tal-Indoneżja f'livelli reġjonali u multilaterali; jenfasizza li l-Indoneżja riċentement ġiet eżaminata fil-kuntest tal-Eżami Perjodiku Universali (EPU) waqt il-laqgħa tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU f'Mejju 2017; jissottolinja li, bħal f'ċikli preċedenti, l-Indoneżja ssottomettiet ruħha għal dan l-eżami fuq bażi volontarja;

4. Jistieden lill-awtoritajiet tal-provinċja awtonoma speċjali ta' Aceh sabiex jipprevjenu persekuzzjoni ulterjuri ta' persuni omosesswali u jiddekriminalizzaw l-omosesswalità billi jemendaw il-Kodiċi Kriminali Iżlamiku tagħha; jikkundanna bil-qawwi s-swat b'qasba ta' żewġt irġiel omosesswali tal-etajiet ta' 20 u 23 sena f'Aceh fit-22 ta' Mejju 2017, li kienet l-ewwel darba li l-awtoritajiet f'Aceh sawwtu persuni b'qasba minħabba prattiki omosesswali; jikkundanna bil-qawwi l-fatt li l-omosesswalità hija illegali skont il-Kodiċi Kriminali Iżlamiku ta' Aceh, li hu bbażat fuq il-liġi tax-Xarija; jenfasizza li l-kastig taż-żewġt irġiel huwa trattament krudili, inuman u degradanti li jista' jammonta għal tortura skont id-dritt internazzjonali; jistieden, barra minn hekk, lill-awtoritajiet biex immedjatament jitterminaw is-swat fil-pubbliku;

5. Huwa wkoll imħasseb dwar iż-żieda fl-intolleranza lejn il-komunità LGBTI Indoneżjana barra mill-provinċja awtonoma speċjali ta' Aceh; jikkundanna bil-qawwi l-fatt li, minkejja li l-omosesswalità mhijiex delitt skont il-Kodiċi Kriminali tal-Indoneżja, 141 raġel ġew arrestati f'rejd tal-pulizija f'*gay club* f'Jakarta fil-21 ta' Mejju 2017; iħeġġeġ lill-awtoritajiet u lill-uffiċjali tal-gvern joqgħodu lura milli jagħmlu dikjarazzjonijiet pubbliċi li huma diskriminatorji kontra persuni LGBTI jew minoranzi oħra fil-pajjiż; jenfasizza li l-pulizija għandhom id-dmir li jinfurzaw il-liġi u li jipproteġu lill-minoranzi vulnerabbli u li ma jippersegwitawhomx;

6. Jiċħad l-affermazzjoni tal-Assoċjazzjoni Psikjatrika Indoneżjana li l-omosesswalità u t-"transġeneriżmu" huma kundizzjonijiet ta' saħħa mentali; jistieden lill-awtoritajiet itemmu d-detenzjoni bil-forza ta' individwi LGBTI u wkoll biex itemmu l-forom kollha ta' "trattament" li jippretendi li "jikkurahom" mill-omosesswalità, il-bisesswalità, jew l-identità transġenera, u li jinfurzaw rigorożament il-projbizzjoni;

7. Jilqa' d-dikjarazzjoni mill-President Widodo tad-19 ta' Ottubru 2016 li tikkundanna d-diskriminazzjoni tal-persuni LGBTI; jistieden lill-President Widodo juża l-pożizzjoni ewlenija tiegħu biex jikkundanna pubblikament l-intolleranza u d-delitti li jitwettqu kontra persuni LGBTI, il-minoranzi, in-nisa u l-organizzazzjonijiet jew assemblej fil-pajjiż;

8. Jitlob li ssir reviżjoni tal-liġi dwar il-blasfemja peress li tqiegħed lill-minoranzi reliġjużi f'riskju; jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tan-NU biex jiġu revokati l-Artikoli 156 u 156(a) tal-Kodiċi Kriminali, l-Att dwar il-Prevenzjoni tal-Abbuż u d-Diffamazzjoni tar-Reliġjon, l-Att dwar it-Tranżazzjonijiet u d-Data Elettroniċi u biex jiġu abbandunati l-imputazzjonijiet imressqa kontra dawk akkużati bi blasfemja u l-prosekuzzjoni tagħhom;

9. Huwa mħasseb dwar iż-żieda fl-intolleranza lejn il-minoranzi etniċi, reliġjużi u sesswali fl-Indoneżja; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Indoneżja jkomplu wkoll isaħħu l-isforzi tagħhom biex iżidu t-tolleranza reliġjuża u d-diversità soċjali; jikkundanna bil-qawwi l-atti kollha ta' vjolenza, fastidju u intimidazzjoni kontra l-minoranzi; jitlob li dawk kollha li jwettqu tali ksur jinżammu responsabbli;

10. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ksur serju tal-libertà tal-midja; iħeġġeġ lill-Gvern Indoneżjan jinsisti li l-aġenziji statali jadottaw politika ta' tolleranza żero lejn l-abbuż fiżiku tal-ġurnalisti u jagħti aċċess miftuħ għall-pajjiż lill-midja barranija;

11. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Indoneżja jirrevokaw id-dispożizzjonijiet legali kollha li jirrestrinġu indebitament il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-awtoritajiet tal-Indoneżja jirrieżaminaw il-liġijiet kollha u jiżguraw il-konformità tagħhom mal-obbligi internazzjonali tal-pajjiż, speċifikament dawk dwar il-libertà ta' espressjoni, ta' ħsieb, kuxjenza u reliġjon, l-ugwaljanza quddiem il-liġi, il-libertà mid-diskriminazzjoni, u d-dritt għal espressjoni u għaqda pubblika;

12. Huwa mħasseb dwar rapporti ta' vjolenza persistenti kontra n-nisa u prattiki ta' ħsara għan-nisa, bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili; jistieden lill-awtoritajiet tal-Indoneżja jinfurzaw il-leġiżlazzjoni tagħha dwar il-vjolenza kontra n-nisa, jippenalizzaw il-forom kollha ta' vjolenza sesswali, jilleġiżlaw għall-eliminazzjoni tal-inugwaljanza bejn is-sessi u jemanċipaw lin-nisa;

13. Jilqa' s-sospensjoni ta' eżekuzzjonijiet ta' persuni kkundannati għall-mewt misjuba ħatja ta' traffikar ta' drogi sakemm isir rieżami tal-kawża tagħhom; iħeġġeġ lill-Gvern tal-Indoneżja jkompli jwaqqaf l-eżekuzzjonijiet kollha bħal dawn u jipproċessahom mill-ġdid f'konformità mal-istandards internazzjonali; jitlob li jitreġġa' minnufih moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt, bil-ħsieb li tiġi abolita l-piena tal-mewt;

14. Jistieden lill-Gvern Indoneżjan jissodisfa l-obbligi tiegħu u jirrispetta, jipproteġi u jħares id-drittijiet u l-libertajiet minquxa fl-ICCPR;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Indoneżja, lis-Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN), lill-Kummissjoni Intergovernattiva tal-ASEAN dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU.

**Il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0270

## L-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar l-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (2016/2064(INI))**

(2018/C 331/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 14 tagħha,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, l-Hub Ewropew Konsultattiv tal-Investiment u l-Portal Proġett Ewropew għall-Investiment u jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 – il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi ([1]) (ir-Regolament dwar l-FEIS),

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni tal-31 ta' Mejju 2016 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-ġestjoni tal-Fond ta' Garanzija tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi fl-2015 (COM(2016)0353),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-1 ta' Ġunju 2016 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni intitolata "L-Ewropa tinvesti mill-ġdid – Evalwazzjoni tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa u l-passi li jmiss" (COM(2016)0359),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali mill-Bank Ewropew tal-Investiment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament u Investiment tal-Grupp tal-BEI għall-2015 taħt l-FEIS ([2]),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SWD(2016)0297), 'L-Evalwazzjoni tal-funzjonament tal-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiċi (FEIS) mill-Bank Ewropew tal-Investiment ([3]), lill-verifika ad-hoc tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/1017 minn Ernst and Young ([4]) u l-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri ([5]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) 2015/1017 dwar l-estensjoni tat-tul tal-Fond Ewropew għall-Strateġika Investimenti kif ukoll l-introduzzjoni ta 'titjib teknika ma' dik Fond u l-Hub Konsultattiv Ewropew tal-Investiment (COM(2016)0597),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi adottat fil-wieħed u għoxrin sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP21) tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), li saret f'Pariġi, fi Franza f'Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([6]),

— wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([7]),

---

([1]) ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1.
([2]) http://www.eib.org/attachments/strategies/efsi_2015_report_ep_council_en.pdf
([3]) http://www.eib.org/attachments/ev/ev_evaluation_efsi_en.pdf, Settembru 2016
([4]) Rapport tal-14 ta' Novembru 2016, https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/ey-report-on-efsi_en.pdf
([5]) ĠU C 465, 13.12.2016, p. 1.
([6]) ĠU C 268, 14.8.2015, p. 27.
([7]) ĠU C 195, 12.6.2015, p. 41

— wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji skont l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) tad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura għall-awtorizzazzjoni tat-tfassil tar-rapporti fuq inizjattiva proprja, u l-Anness 3 għaliha,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A8-0200/2017),

1. Jinnota d-distakk kbir fl-investiment fl-Ewropa, li l-Kummissjoni tistma li huwa ta' EUR 200-300 biljun fis-sena; jenfasizza b'mod partikulari, f'dan il-kuntest, il-ħtiġijiet fl-Ewropa għal finanzjament b'riskju għoli, b'mod partikolari fl-oqsma ta' finanzjament tal-SMEs, R&Ż, l-ICT u l-infrastruttura tat-trasport, tal-komunikazzjoni u tal-enerġija, li huma neċessarji biex isostnu l-iżvilupp ekonomiku inklużiv; huwa mħasseb għall-fatt li l-aktar data riċenti dwar il-kontijiet nazzjonali ma tindika l-ebda żieda f'daqqa fl-investiment minn meta tnieda l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), u dan wassal għal tħassib li, jekk ma jsirx tibdil, se jibqa' jkun hemm tkabbir imrażżan u r-rati għolja ta' qgħad se jibqgħu, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ u l-ġenerazzjonijiet il-ġodda; jenfasizza li l-għeluq ta' dan id-distakk fl-investiment billi jinħoloq ambjent li jwassal għall-investiment f'ċerti oqsma strateġiċi huwa kruċjali għall-għoti tal-ħajja mill-ġdid lit-tkabbir, il-ġlieda kontra l-qgħad, il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' industrija b'saħħitha, sostenibbli u kompetittiva u l-kisba tal-objettivi ta' politika tal-UE fit-tul;

2. Jenfasizza r-rwol tal-FEIS biex jgħin biex jissolvew diffikultajiet u jitneħħew l-ostakli għall-finanzjament kif ukoll biex jiġu implimentati investimenti strateġiċi, trasformattivi u produttivi li jipprovdu livell għoli ta' valur miżjud għall-ekonomija, l-ambjent u s-soċjetà, li jirriforma u jimmodernizza l-ekonomiji tal-Istati Membri, biex joħloq it-tkabbir u l-impjiegi li għalihom il-finanzjament tas-suq ma jkunx inkiseb minkejja l-vijabilità ekonomika, u li jinkoraġġixxi l-investiment privat fir-reġjuni kollha tal-UE;

3. Ifakkar ir-rwol tal-Parlament kif ipprovdut fir-regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-FEIS; jirrikonoxxi, madankollu, li għadu kmieni wisq biex tiġi finalizzata valutazzjoni komprensiva bbażata fuq l-evidenza tal-funzjonament tal-FEIS u l-impatt tiegħu fuq l-ekonomija tal-UE, iżda huwa tal-opinjoni li evalwazzjoni preliminari bbażata fuq data komprensiva dwar il-proġetti magħżula u rrifjutati u d-deċiżjonijiet relatati hija kruċjali sabiex jiġu identifikati l-oqsma possibbli ta' titjib għal FEIS 2.0 u wara; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti b'valutazzjoni komprensiva malli l-informazzjoni ssir disponibbli;

***Addizzjonalità***

4. Ifakkar li l-għan tal-FEIS huwa li tiġi żgurata l-addizzjonalità billi jgħin biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, billi jappoġġja operazzjonijiet li ma setgħux jitwettqu, jew mhux sal-istess punt, taħt strumenti finanzjarji eżistenti tal-Unjoni jew permezz ta' sorsi privati mingħajr l-involviment tal-FEIS; jinnota, madankollu, li hemm il-ħtieġa għal aktar kjarifika tal-kunċett ta' addizzjonalità;

5. Ifakkar li l-proġetti appoġġjati mill-FEIS, filwaqt li kellhom l-għan li joħolqu x-xogħol, t-tkabbir sostenibbli, il-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali b'mod konsistenti mal-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-FEIS, jitqiesu li jipprovdu addizzjonalità jekk ikollhom riskju korrispondenti għall-attivitajiet speċjali tal-BEI, kif definit fl-Artikolu 16 tal-Istatut tal-BEI u fil-linji gwida dwar il-politika tar-riskju tal-kreditu tal-BEI; ifakkar li l-proġetti appoġġjati mill-FEIS għandhom ġeneralment ikollhom profil tar-riskju ogħla minn proġetti appoġġjati mill-operazzjonijiet normali tal-BEI; jissottolinja li l-proġetti tal-BEI li għandhom riskju aktar baxx mir-riskju minimu taħt attivitajiet speċjali tal-BEI jistgħu jiġu appoġġjati wkoll mill-FEIS anke jekk l-użu tal-garanzija tal-UE huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-addizzjonalità;

6. Jinnota li, filwaqt li l-proġetti kollha approvati taħt il-FEIS huma preżentati bħala "attivitajiet speċjali", evalwazzjoni indipendenti sabet li xi proġetti setgħu ġew iffinanzjati mingħajr l-użu tal-garanzija tal-UE;

**Il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017**

7. Jitlob lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-BEI u mal-istrutturi ta' governanza tal-FEIS, biex tfassal inventarju tal-finanzjament kollu tal-BEI appoġġjat mill-UE li jaqa' taħt il-kriterji tal-addizzjonalità u biex tipprovdi spjegazzjonijiet ċari u komprensivi tal-evidenza li l-proġetti ma setgħux twettqu permezz ta' modi oħra;

8. Jinnota li jista' jkun hemm kontradizzjoni bejn l-għanijiet kwalitattivi u kwantitattivi tal-FEIS fis-sens li, biex tintlaħaq il-mira tal-investiment privat attirat, il-BEI jista' jiffinanzja proġetti anqas riskjużi fejn l-interess tal-investituri diġà jkun jeżisti; iħeġġeġ lill-BEI u l-istrutturi ta' governanza tal-FEIS jimplimentaw addizzjonalità reali kif definit fl-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-FEIS u biex jiġi żgurat li l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet subottimali jiġu indirizzati bis-sħiħ;

9. Jistieden lill-BEI jiżgura t-trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni ta' fondi u mal-oriġini ta' kwalunkwe kontribuzzjoni minn entitajiet pubbliċi, privati u minn partijiet terzi, u biex jipprovdi data konkreta, inkluż fuq proġetti speċifiċi u fuq investituri barranin, u jenfasizza r-rekwiżiti ta' rappurtar lill-Parlament fir-Regolament dwar il-FEIS; itenni l-fatt li l-kontributuri kollha futuri potenzjali ta' pajjiżi terzi jridu jissodisfaw ir-regoli kollha tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, il-liġi tax-xogħol u r-regolamenti ambjentali u jistenna li l-kriterji soċjali u ambjentali applikabbli għall-proġetti tal-BEI jiġu rispettati bis-sħiħ fid-deċiżjonijiet ta' ffinanzjar ta' proġetti tal-FEIS;

***It-tabella ta' valutazzjoni u l-għażla tal-proġett***

10. Jinnota li, kif previst fir-Regolament, qabel ma jintgħażel proġett għall-appoġġ mill-FEIS, irid jgħaddi minn proċessi ta' diliġenza dovuta u ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-istrutturi ta' governanza kemm tal-BEI kif ukoll tal-FEIS; josserva li l-promoturi tal-proġetti esprimew xewqa għal rispons mgħaġġel u trasparenza msaħħa fir-rigward kemm tal-kriterji tal-għażla kif ukoll tal-ammont u t-tip/segment ta' appoġġ possibbli tal-FEIS; isejjaħ għal aktar ċarezza sabiex tkompli tħeġġeġ lill-promoturi tal-proġetti biex japplikaw għal appoġġ tal-FEIS, inkluż billi t-tabella ta' valutazzjoni tkun disponibbli għall-applikanti għal finanzjament mill-FEIS; jitlob li l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet isir aktar trasparenti fir-rigward tal-kriterji tal-għażla u l-appoġġ finanzjarju u biex jitħaffef, filwaqt li jkompli jiżgura diliġenza dovuta robusta sabiex jiġu protetti r-riżorsi tal-UE; jissottolinja li sabiex jiġi ssimplifikat il-proċess ta' evalwazzjoni, b'mod partikolari għall-pjattaformi ta' investiment, jenħtieġ li tiġi inkoraġġita diliġenza dovuta konġunta minn naħa tal-BEI u tal-Banek Promozzjonali Nazzjonali (NPBs), jew delega mill-BEI għall-NPBs;

11. Iqis li l-kriterji li skonthom jiġu valutati l-proġetti u l-kontropartijiet eliġibbli jenħtieġ li jiġu ċċarati aktar; jitlob aktar informazzjoni mill-korpi governattivi tal-FEIS dwar l-evalwazzjonijiet imwettqa fuq il-proġetti kollha approvati taħt il-FEIS kif xieraq, b'mod partikolari fir-rigward tal-addizzjonalità tagħhom u l-kontribut tagħhom għat-tkabbir sostenibbli u kapaċità tagħhom tal-ħolqien tal-impjiegi, kif definit fir-regolament; jitlob, f'dak li għandu x'jaqsam ma' kontropartijiet eliġibbli, għal regoli stretti dwar il-governanza korporattiva għal dawn it-tipi ta' entità biex isiru sħab tal-FEIS aċċettabbli fir-rigward tal-prinċipji tal-UE u l-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO);

12. Ifakkar li t-tabella ta' valutazzjoni hija għodda biex il-Kumitat tal-Investiment (IC) jipprijoritizza l-użu tal-garanzija tal-UE għall-operazzjonijiet li jivviżwalizzaw punteġġi u valur miżjud ogħla, u li għandha tintuża mill-Kumitat tal-Investiment kif xieraq; għandu l-ħsieb li jevalwa jekk it-tabella ta' valutazzjoni u l-indikaturi tagħha humiex jiġu kkonsultati, applikati u wżati b'mod xieraq; jitlob li l-kriterji tal-għażla tal-proġetti jiġu applikati kif suppost u li dan il-proċess isir aktar trasparenti; ifakkar li, skont l-anness għar-regolament attwali, il-Kumitat ta' Investiment irid jassenja importanza ugwali għal kull pilastru tat-tabella ta' valutazzjoni meta jipprijoritizza l-proġetti, irrispettivament minn jekk il-pilastru individwali jrendix punteġġ numeriku jew jekk huwiex kompost minn indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi mingħajr punteġġ; jiddispjaċih li l-Pilastru 3, rilevanti għall-aspetti tekniċi tal-proġetti, fit-tabelli ta' valutazzjoni attwali huwa mogħti l-istess mportanza daqs il-Pilastri 1 u 2, li jirrigwardaw r-riżultati mixtieqa l-aktar importanti; jikkritika l-fatt li l-BEI nnifsu jammetti li l-esperti tal-Kumitat tal-Investiment jagħmlu użu biss mir-raba' pilastru għal finijiet ta' informazzjoni, iżda mhux għat-teħid ta' deċiżjonijiet; jitlob li t-tabelli ta' valutazzjoni, bl-esklużjoni ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva, isiru pubbliċi wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni finali dwar proġett;

13. Jirrikonoxxi li jista' jieħu xi ftit tas-snin biex jitħejjew proġetti innovattivi ġodda u li l-BEI huwa taħt pressjoni biex jintlaħaq l-għan ta' EUR 315-il biljun u għalhekk ma kellu ebda għażla ħlief li jniedi immedjatament attivitajiet tal-FEIS; huwa mħasseb, madankollu, li l-BEI, fl-implimentazzjoni tal-FEIS, irrikorriet b'mod eċċessiv għall-proġetti eżistenti tiegħu, li fil-parti l-kbira tagħhom kienu proġetti ta' riskju aktar baxx, u għaldaqsant naqqas il-finanzjament konvenzjonali tiegħu stess; jibża' li l-FEIS ma jipprovdix finanzjament komplementari għal proġetti innovattivi ta' riskju għoli; jissottolinja li

għalkemm proġett jikkwalifika bħala attività speċjali, dan mhux neċessarjament jimplika li huwa riskjuż; madankollu l-klassifikazzjoni bħala attività speċjali tista’ tirriżulta wkoll mill-fatt li l-finanzjament tagħha ġie strutturat b’mod artifiċjalment riskjuż, li jimplika li proġetti ta’ riskju baxx ħafna jistgħu faċilment jispiċċaw ukoll bħala proġetti ta’ riskju għoli; jenfasizza li l-kriterji tal-proġett m’għandhomx jiddgħajfu għall-fini li tintlaħaq il-mira politika ta’ EUR 315 biljun f’investimenti mobilizzati;

14. Jitlob li l-BEI jipprovdi stima tal-kapaċità tas-self annwali potenzjali tiegħu fuq terminu medju, filwaqt li jqis il-FEIS u l-iżviluppi regolatorji possibbli u biex ikompli bis-self tiegħu b’rati ta’ EUR 70-75 biljun fis-sena, bl-użu ta’ profitti, ħlasijiet lura mill-programmi eċċ., u juża l-FEIS bħala għodda komplementari; jinnota li dan ikun ifisser li l-volum tan-negozju tal-BEI jilħaq tal-anqas total ta’ EUR 90 biljun, mhux ta’ EUR 75 biljun;

15. Iqis li hu importanti li jkun diskuss jekk l-effett ta’ lieva previst ta’ 15 huwiex xieraq sabiex l-FEIS ikun jista’ jappoġġa proġetti ta’ kwalità għolja b’riskju ogħla, u jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi valutazzjoni f’dan is-sens; ifakkar li dan l-effett ta’ lieva ta’ 15 huwa bbażat fuq il-portafoll u jirrifletti l-esperjenza ta’ finanzjament tal-BEI bil-għan li jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq; jitlob li ssir valutazzjoni tal-għanijiet pubbliċi li għandhom jinkisbu permezz tal-FEIS bħala komplement għar-rekwiżit tal-volum; jissuġġerixxi li għandhom jittieħdu wkoll inkunsiderazzjoni l-miri tal-Unjoni kif stabbiliti fil-Konferenza ta’ Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21); jistieden lill-BEI jiżvela l-effett ta’ lieva miksub sa issa, flimkien mal-metodu tal-kalkolu sottostanti;

16. Jindika li proġetti ta’ skala żgħira spiss jiltaqgħu ma’ diffikultajiet biex jiksbu l-finanzjament li jeħtieġu; jinnota bi tħassib li proġetti żgħar jiġu skoraġġiti milli japplikaw għall-finanzjament tal-FEIS, jew anke jiġu ddikjarati ineliġibbli għal dak il-finanzjament, abbażi tad-daqs tagħhom; jindika l-impatt sinifikanti li proġett żgħir jista’ madankollu jkollu fuq skala nazzjonali jew reġjonali; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi intensifikata l-assistenza teknika disponibbli miċ-Ċentru ta’ Konsulenza Ewropew għall-Investiment (EIAH), li huwa strumentali fl-għoti ta’ pariri u ta’ akkumpanjament lill-promoturi ta’ proġetti fuq skala żgħira fl-istrutturar u r-raggruppament tal-proġetti permezz ta’ pjattaformi ta’ investiment jew ftehimiet qafas; jitlob lill-Bord ta’ Tmexxija jinvestiga din il-kwistjoni u jressaq proposti biex tiġi kkoreġuta din is-sitwazzjoni;

***Diversifikazzjoni settorjali***

17. Jenfasizza li l-FEIS huwa strument immexxi mid-domanda, li jenħtieġ, madankollu, li jkun iggwidat mill-objettivi politiċi stabbiliti fir-Regolament u definiti mill-Bord ta’ Tmexxija; jitlob li jkun hemm aktar ilħuq u għoti ta’ informazzjoni lil setturi li għandhom domanda mhux sodisfatta għall-investiment imma ma kinux kapaċi jagħmlu użu sħiħ mill-FEIS; jinnota f’dan ir-rigward li, fuq livell makroekonomiku tal-UE, jenħtieġ li jittieħdu aktar miżuri biex jagħtu spinta lid-domanda għall-investiment;

18. Jilqa’ l-fatt li s-setturi kollha definiti fir-Regolament dwar il-FEIS ġew koperti mill-finanzjament tal-FEIS; jindika, madankollu, li ċerti setturi huma sottorappreżentati, b’mod partikolari s-setturi tal-infrastruttura soċjali, tas-saħħa u tal-edukazzjoni, li għalihom ġie ddedikat biss 4 % tal-finanzjament approvat tal-FEIS; jinnota li dan jista’ jkun minħabba diversi raġunijiet, pereżempju li xi setturi setgħu sofrew minn nuqqas ta’ esperjenza u għarfien tekniku ta’ kif wieħed għandu jaċċessa l-FEIS, jew li huma diġà kienu joffru opportunitajiet ta’ investiment aħjar f’termini ta’ proġetti bankabbli fi stadju ta’ żvilupp avvanzat meta nbeda l-FEIS; jistieden f’dan l-isfond lill-BEI jiddiskuti kif jista’ jtejjeb id-diversifikazzjoni settorjali, filwaqt li jorbotha mal-għanijiet stabbiliti fir-regolament kif ukoll il-kwistjoni ta’ jekk l-appoġġ għall-FEIS jenħtieġx li jiġi estiż lil setturi oħra;

19. Ifakkar li l-COP21 dwar il-klima approvat mill-UE teħtieġ bidla radikali lejn l-investiment sostenibbli li l-FEIS għandu jappoġġa bis-sħiħ; jenfasizza li l-investimenti tal-FEIS għandhom ikunu kompatibbli ma’ dan l-impenn; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rappurtaġġ dwar it-tibdil fil-klima;

20. Jinnota l-ħtieġa li jiżdied il-perċentwal tar-riżorsi allokati għal proġetti fit-tul bħan-netwerks tat-telekomunikazzjoni jew għal proġetti li jinvolvu grad relattivament għoli ta’ riskju tipikament assoċjat ma’ teknoloġiji ġodda emerġenti aktar avvanzati; jinnota li l-investiment fl-infrastruttura tal-broadband u l-5G, iċ-ċibersigurtà, id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija tradizzjonali, il-mikroelettronika u l-informatika ta’ prestazzjoni għolja (HPC) jista’ jnaqqas aktar id-distakk diġitali;

**Il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017**

21. Jiddispjaċih minħabba n-nuqqas ta' limiti tal-konċentrazzjoni fil-fażi inizjali ta' eskalazzjoni; ifakkar li s-settur tat-trasport għamel l-akbar kontribut lill-fond tal-FEIS, b'EUR 2,2 biljun minn EUR 8 biljun, li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tat-total tal-fond ta' garanzija; jinnota bi tħassib li s-settur tat-trasport irċieva biss madwar 13 % tal-investiment kollu li ġie mobilizzat u magħmul disponibbli s'issa taħt it-tieqa tal-infrastruttura u l-innovazzjoni tal-FEIS, perċentwal li huwa 'l bogħod mil-limitu ta' 30 % stabbilit għal kull wieħed mis-setturi speċifiċi; jistieden lill-Kumitat tal-Investiment jagħti attenzjoni partikolari lill-proġetti tas-settur tat-trasport, peress li dawn għadhom ftit li xejn rappreżentati fil-portafoll tal-investiment, u t-trasport jaqdi rwol sinifikanti fit-tkabbir ekonomiku u fis-sikurezza tal-konsumatur;

*Governanza*

22. Josserva li l-istrutturi ta' governanza tal-FEIS ġew implimentati bis-sħiħ fi ħdan il-BEI; iqis li, bil-għan li jittejbu l-effiċjenza u l-obbligu ta' rendikont tal-FEIS, jenħtieġ li jiġu diskussi l-opzjonijiet biex l-istruttura ta' governanza tal-FEIS issir kompletament separata minn dik tal-BEI;

23. Ifakkar li d-Direttur Maniġerjali huwa responsabbli għall-ġestjoni ta' kuljum tal-FEIS, it-tħejjija u kif jiġu preseduti l-laqgħat tal-Kumitat ta' Investiment u għar-rappreżentanza esterna; ifakkar li d-Direttur Maniġerjali huwa assistit mid-Deputat Direttur Maniġerjali; jiddispjaċih għall-fatt li, fil-prattika, ir-rwoli rispettivi, b'mod speċjali dawk tad-Deputat Direttur Maniġerjali, ma ġewx identifikati b'mod ċar; jistieden lill-BEI jirrifletti dwar id-deskrizzjoni tal-kompiti tad-Direttur Maniġerjali u d-Deputat Direttur Maniġerjali b'mod aktar ċar sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont; iqis li huwa importanti li d-Direttur Maniġerjali, assistit mid-Deputat Direttur Maniġerjali, ikompli jistabbilixxi l-aġenda tal-laqgħat tal-Kumitat ta' Investiment; jissuġġerixxi, barra minn hekk, li d-Direttur Maniġerjali jenħtieġ li jfassal proċeduri għall-indirizzar ta' kunflitti ta' interess potenzjali fi ħdan il-Kumitat ta' Investiment, jirrapporta lill-Bord ta' Tmexxija, u jipproponi sanzjonijiet għal ksur kif ukoll il-mezzi biex dawn jiġu implimentati; jemmen li l-awtorità tad-Direttur Maniġerjali u d-Deputat Direttur Maniġerjali fit-twettiq ta' dawn il-kompiti tissaħħaħ jekk igawdu awtonomija aktar qawwija fil-konfront tal-BEI; għaldaqstant jistieden lill-BEI jesplora l-opzjonijiet biex tiżdied l-indipendenza tad-Direttur Maniġerjali u d-Deputat Direttur Maniġerjali;

24. Ifakkar li l-esperti tal-Kumitat ta' Investiment huma responsabbli għall-għażla tal-proġetti tal-FEIS, l-għoti tal-garanzija tal-UE u għall-approvazzjoni ta' operazzjonijiet bi pjattaformi ta' investiment u l-NPBs jew istituzzjonijiet; ikompli jfakkar li dawn huma indipendenti; huwa mħasseb, għaldaqstant, dwar kunflitti ta' interess dokumentati min-naħa tal-membri tal-IC, li għandhom, fiċ-ċirkostanzi kollha, ikunu evitati fil-futur;

25. Iqis li l-għażla tal-proġetti mhijiex trasparenti biżżejjed; jenfasizza li l-BEI għandu jagħmel titjib f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżvelar ta' informazzjoni dwar il-proġetti li huwa japprova taħt il-FEIS, b'ġustifikazzjoni xierqa ta' addizzjonalità u t-tabella ta' valutazzjoni kif ukoll il-kontribuzzjoni tal-proġetti fil-kisba tal-objettivi tal-FEIS, b'enfasi partikolari fuq l-impatt mistenni tal-operazzjonijiet tal-FEIS fuq id-distakk fl-investiment fl-Unjoni;

26. Jistieden lill-BEI jirrifletti dwar il-modi kif tista' tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Kumitat ta' Investiment, permezz tad-Direttur Maniġerjali u l-Bord ta' Tmexxija; iqis li huwa importanti li d-Direttur Maniġerjali jipparteċipa fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija, li jippermetti lid-Direttur Maniġerjali jinforma lill-Bord ta' Tmexxija dwar l-attivitajiet fil-futur;

27. Jipproponi d-diskussjoni ta' mezzi ta' titjib tat-trasparenza tal-istrutturi ta' governanza tal-FEIS għall-Parlament u ż-żieda ta' membru sħiħ ieħor fil-Bord ta' Tmexxija maħtur mill-Parlament; iħeġġeġ lill-korpi governattivi tal-FEIS jikkondividu informazzjoni mal-Parlament fuq bażi proattiva;

***Banek Promozzjonali Nazzjonali***

28. Ifakkar li, b'riżultat tal-kompetenzi tagħhom, il-Banek Promozzjonali Nazzjonali huma essenzjali għas-suċċess tal-FEIS, billi huma qrib tas-swieq lokali, kif ukoll familjari magħhom; jikkonstata li sa issa s-sinerġiji għadhom ma ġewx sfruttati sal-punt meħtieġ; josserva r-riskju li l-istituzzjonijiet lokali jiġu eliminati mill-BEI u jistieden lill-BEI itejjeb il-ħila tiegħu li jiġbor sħab nazzjonali u subnazzjonali; jitlob lill-BEI jappoġġja t-tisħiħ ta' strutturi bankarji pubbliċi eżistenti, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat b'mod attiv l-iskambju ta' prattiki tajba u l-għarfien tas-suq fost dawn l-istituzzjonijiet; iqis, għal dak l-għan, li l-NPBs għandhom jimmiraw biex jidħlu fi ftehimiet ta' kollaborazzjoni mal-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI);

jirrikonoxxi li l-FEIS u l-BEI huma dejjem aktar lesti jieħdu segmenti minuri/subordinati mal-Banek Promozzjonali Nazzjonali u jħeġġiġhom ikomplu jagħmlu dan; jistieden lill-Kummissjoni u lill-BEI jiddiskutu jekk ikunx utli li l-kompetenzi tal-Banek Promozzjonali Nazzjonali jiġu inkorporati fil-Bord ta' Tmexxija;

***Pjattaformi ta' investiment***

29. Ifakkar li strumenti diversifikati b'fokus ġeografiku jew tematiku jenħtieġ li jsiru possibbli permezz ta' għajnuna għal proġetti ta' finanzjament u raggruppati u fondi minn sorsi differenti; jinnota bi tħassib li l-ewwel pjattaforma ta' investiment ġiet stabbilita biss fit-tielet kwart tal-2016 u li d-dewmien biex isir dan qed ifixkel l-opportunità li proġetti fuq skala żgħira jibbenefikaw mill-FEIS kif ukoll l-iżvilupp ta' proġetti transfruntiera; jenfasizza l-bżonn li jiġu ssimplifikati r-regoli għall-istabbiliment ta' pjattaformi ta' investiment; jitlob li l-BEI u ċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (EIAH) jippromwovu l-użu ta' pjattaformi ta' investiment bħala mezz biex tintlaħaq d-diversifikazzjoni tal-investimenti ġeografiċi u tematiċi;

30. Iħeġġeġ lill-korpi governattivi tal-FEIS jagħtu aktar attenzjoni lill-pjattaformi ta' investiment bil-għan li jiġu massimizzati l-benefiċċji li dawn tal-aħħar jistgħu jiksbu biex jiġu megħluba l-ostakoli għall-investimenti, b'mod speċjali fi Stati Membri bi swieq finanzjarji anqas żviluppati; jistieden lill-BEI jipprovdi lill-partijiet ikkonċernati, inklużi korpi nazzjonali, lokali u reġjonali, aktar informazzjoni dwar il-pjattaformi u l-kundizzjonijiet u l-kriterji li jirregolaw l-istabbiliment tagħhom; jirrikonoxxi r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-identifikazzjoni ta' proġetti strateġiċi u billi jħeġġu l-parteċipazzjoni;

31. Jipproponi diskussjoni dwar mezzi addizzjonali tal-promozzjoni ta' pjattaformi ta' investiment, bħall-prijoritizzazzjoni tal-approvazzjoni ta' proġetti ppreżentati permezz ta' pjattaforma, l-ippuljar ta' proġetti iżgħar u kuntratti ta' gruppi u l-istabbiliment ta' mekkaniżmi għall-finanzjament ta' raggruppamenti ta' kuntratti; jemmen li jenħtieġ li jiġu promossi b'mod partikolari l-pjattaformi transnazzjonali, minħabba li ħafna proġetti tal-enerġija u diġitali għandhom dimensjoni transnazzjonali;

***Strumenti finanzjarji***

32. Ifakkar li l-BEI żviluppa strumenti finanzjarji ġodda għall-finijiet tal-FEIS sabiex jipprovdi prodotti mfassla apposta għal finanzjament ta' riskju għoli; iħeġġeġ lill-BEI iżid aktar il-valur miżjud tiegħu billi jiffoka fuq prodotti finanzjarji aktar riskjużi bħal finanzjament subordinat u strumenti tas-suq kapitali; jesprimi tħassib dwar il-kritika tal-promoturi tal-proġetti li l-istrumenti finanzjarji provduti mhumiex kompatibbli mal-ħtiġijiet tal-prodotti tagħhom (ta' spiss proġetti ta' riskju għoli jeħtieġu flus bil-quddiem biex jagħtu imbuttatura lill-investimenti, u mhux f'ammonti iżgħar fuq bażi annwali) u dwar investituri li jenfasizzaw li attwalment mhumiex f'pożizzjoni li jipparteċipaw fil-finanzjament tal-FEIS minħabba nuqqas ta' strumenti ta' ekwità privati xierqa; jistieden lill-BEI jeżamina dan f'kooperazzjoni mal-promoturi tal-proġetti u l-investituri; barra minn hekk jistieden lill-BEI jesplora kif l-iżvilupp ta' bonds ħodor jista' jimmassimizza l-potenzjal tal-FEIS fil-finanzjament ta' proġetti li għandhom benefiċċji pożittivi għall-ambjent u/jew il-klima;

***Diversifikazzjoni ġeografika***

33. Jilqa' l-fatt li sal-aħħar tal-2016, kull wieħed mit-28 pajjiż kien irċieva finanzjament tal-FEIS; jinnota bi tħassib, madankollu, li mit-30 ta' Ġunju 2016, l-UE-15 kienu rċevew 91 % filwaqt li l-UE-13 kienu rċevew biss 9 % tal-appoġġ tal-FEIS; jiddispjaċih li l-appoġġ tal-FEIS kien ta' benefiċċju prinċipalment għal numru limitat ta' pajjiżi fejn il-marġnijiet ta' investiment diġà huma taħt il-medja tal-UE; jinnota li fil-pajjiżi benefiċjarji, spiss ikun hemm distribuzzjoni ġeografika inugwali ta' proġetti ffinanzjati mill-FEIS; iqis li hemm riskju ta' konċentrazzjoni territorjali u jenfasizza l-bżonn li tingħata attenzjoni akbar lil reġjuni inqas żviluppati madwar it-28 Stat Membru kollha kemm huma; jistieden lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) jipprovdi aktar assistenza teknika lil dawn il-pajjiżi u reġjuni li bbenefikaw anqas mill-FEIS;

34. Jirrikonoxxi li l-PDG u n-numru ta' proġetti approvati huma marbuta ma' xulxin; jirrikonoxxi li Stati Membri akbar jistgħu jieħdu vantaġġ minn swieq kapitali aktar żviluppati u għalhekk huma aktar probabbli li jibbenefikaw minn strument immexxi mis-suq bħall-FEIS; jissottolinja li appoġġ tal-FEIS aktar baxx fl-UE-13 jista' jkun attribwibbli għal fatturi oħra, bħad-daqs żgħir tal-proġetti, il-pożizzjoni ġeografika periferali ta' reġjun partikolari u kompetizzjoni mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE); madankollu, josserva bi tħassib il-benefiċċju sproporzjonat għal ċerti pajjiżi

u jissottolinja l-ħtieġa li tkompli tiġi diversifikata d-distribuzzjoni ġeografika, b'mod speċjali f'setturi kruċjali bħall-modernizzar u t-titjib tal-produttività u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji, b'attenzjoni ewlenija fuq l-iżvilupp teknoloġiku; jitlob lill-Kummissjoni tkompli tinvestiga u tieħu nota tar-raġunijiet għad-distribuzzjoni ġeografika attwali;

***Iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (EIAH)***

35. Jagħti l-akbar importanza għat-tħaddim tal-EIAH; iqis li l-missjoni tiegħu li jaġixxi bħala punt tad-dħul uniku għal assistenza konsultattiva u teknika komprensiva matul l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-proġett twieġeb fil-parti l-kbira tagħha għall-ħtieġa dejjem akbar għall-appoġġ tal-assistenza teknika fost l-awtoritajiet u promoturi tal-proġetti;

36. Jinsab kuntent li l-EIAH ilu jiffunzjona minn Settembru 2015, u għaddej minn fażi ta' implimentazzjoni mgħaġġla; jirrikonoxxi li, minħabba l-perjodu limitat tal-eżistenza tiegħu u n-nuqqas ta' persunal fl-istadju inizjali, mhux is-servizzi tal-EIAH kollha ġew żviluppati b'mod sħiħ u li l-attività ffukat b'mod predominanti fuq il-provvista ta' appoġġ għall-iżvilupp u l-istrutturar tal-proġetti, il-konsulenza politika, u l-iskrinjar tal-proġetti; jenfasizza l-ħtieġa li l-EIAH jirrekluta esperti minn oqsma differenti fi sforz biex jiġu mmirati aħjar il-pariri, il-komunikazzjoni u l-appoġġ tiegħu, lejn setturi li ma jużawx il-massimu tal-FEIS;

37. Jinsab konvint li l-EIAH għandu l-potenzjal li jkollu rwol strumentali fl-indirizzar ta' ħafna min-nuqqasijiet tal-implimentazzjoni tal-FEIS; jemmen b'mod qawwi li, sabiex isir dan, jeħtieġ li tiġi adottata pożizzjoni aktar proattiva fil-provvista ta' assistenza f'oqsma bħall-istabbiliment ta' pjattaformi ta' investiment, anke fid-dawl tal-importanza ta' dawn tal-aħħar fil-finanzjament ta' proġetti iżgħar; jenfasizza wkoll ir-rwol tal-EIAH fil-provvista ta' pariri billi jikkombina sorsi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni mal-FEIS;

38. Iqis, b'mod simili, li l-EIAH jista' jikkontribwixxi b'mod attiv lejn id-diversifikazzjoni ġeografika u settorjali, mhux biss billi jkopri r-reġjuni kollha u aktar setturi fil-provvista tas-servizzi tiegħu, iżda anke billi jassisti lill-BEI fit-tnedija tal-operazzjonijiet; jemmen li l-EIAH jista' jkollu rwol importanti fil-kontribuzzjoni għall-objettiv ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;

39. Ifakkar li r-Regolament dwar l-FEIS jagħti mandat lill-EIAH għall-effett ta' lieva ta' għarfien lokali bil-għan li jiġi faċilitat l-appoġġ tal-FEIS madwar l-Unjoni; jemmen li hemm bżonn ta' titjib sinifikanti f'dan il-qasam, b'mod partikolari aktar kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet nazzjonali xierqa; jagħti importanza kbira lill-provvista ta' servizzi fil-livell lokali, anke sabiex jitqiesu sitwazzjonijiet speċifiċi u ħtiġijiet lokali, b'mod speċjali f'pajjiżi li m'għandhomx Istituzzjonijiet Promozzjonali Nazzjonali (NPIs) jew Banek Promozzjonali Nazzjonali b'esperjenza; iqis li r-rabtiet ma' fornituri lokali oħra għandhom jissaħħu biex dan jiġi kkunsidrat;

40. Jistenna li l-EIAH jikkonkludi l-proċessi ta' reklutaġġ tiegħu u jilħaq il-livelli kompluti ta' persunal tiegħu mingħajr dewmien; jesprimi dubji, madankollu, li l-kapaċità tal-persunal ipprovduta tkun suffiċjenti biex l-EIAH jipprovdi s-servizzi ta' konsulenza meħtieġa u biex ikun jista' jlaħħaq mal-volum tax-xogħol, kif ukoll mandat usa';

41. Jenfasizza li l-EIAH jeħtieġ li jsaħħaħ il-profil tas-servizzi tiegħu, itejjeb il-komunikazzjoni u jżid is-sensibilizzazzjoni u l-fehim dwar l-attivitajiet tiegħu fost il-partijiet ikkonċernati tal-EIAH; iqis li jenħtieġ li jintużaw il-mezzi kollha ta' komunikazzjoni rilevanti biex jinkiseb dan l-għan, inkluż fil-livell nazzjonali u lokali;

***Il-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment (EIPP)***

42. Jiddispjaċih li l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment (EIPP) tnieda biss mill-Kummissjoni fl-1 ta' Ġunju 2016, kważi sena wara l-adozzjoni tar-Regolament dwar l-FEIS; jinnota li issa l-portal qiegħed jopera, b'139 proġett attwalment murija, iżda jqis li dan għadu 'l bogħod ħafna mill-potenzjal mistenni meta ġie adottat l-ewwel regolament dwar l-FEIS;

43. Iqis li l-EIPP jipprovdi pjattaforma faċli għall-utent sabiex il-promoturi tal-proġetti jagħtu spinta lill-viżibbiltà tal-proġetti ta' investiment tagħhom b'mod trasparenti; jemmen, madankollu, li l-element fundamentali għas-suċċess tal-portal huwa li tiżdied il-viżibbiltà tiegħu stess b'mod sinifikanti, sabiex jikseb rikonoxximent komuni bħala għodda utli, affidabbli u effiċjenti kemm fost l-investituri kif ukoll il-promoturi tal-proġetti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem b'mod attiv f'din id-direzzjoni permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni sodi;

44. Jinnota li l-kostijiet relatati mal-istabbiliment u l-iżvilupp, il-ġestjoni, l-appoġġ u l-manutenzjoni, u l-ospitar tal-EIPP huma attwalment koperti mill-baġit tal-UE, fi ħdan l-allokazzjoni annwali ta' EUR 20 miljun prevvista għall-EIAH; ifakkar, madankollu, li t-tariffi imposti fuq promoturi tal-proġetti privati li jirreġistraw il-proġett tagħhom fuq il-portal għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern għall-EIPP u fil-futur se jkunu s-sors prinċipali ta' finanzjament tiegħu;

***Garanzija***

45. Ifakkar li l-Unjoni tipprovdi garanzija irrevokabbli u mingħajr kundizzjoni għall-BEI għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment taħt l-FEIS; jinsab konvint li l-Garanzija tal-UE ppermettiet lill-BEI jieħu riskju ogħla għat-Tieqa ta' Infrastruttura u Investiment (IIW) u ppermettiet li jittejjeb u jiġi kkonċentrat fil-fażi inizjali tiegħu l-finanzjament ta' SMEs, kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja taħt COSME u InnovFin appoġġjat mit-Tieqa għall-SMEs (SMEW); jemmen li l-limitu minimu ta' EUR 25 miljun, li jidher li jintuża mill-BEI għall-operazzjonijiet ta' self normali tiegħu, ma għandux ikun applikabbli għall-FEIS, bil-għan li jiżdied il-finanzjament ta' proġetti iżgħar u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-SMEs u benefiċjarji potenzjali oħra;

46. Jenfasizza li, minħabba teħid qawwi ħafna li jirrifletti d-domanda għolja tas-suq, it-Tieqa għall-SMEs kompliet tissaħħaħ permezz ta' EUR 50 miljun mill-Portafoll tad-Dejn tal-IIW taħt il-qafas leġiżlattiv eżistenti; jilqa' l-fatt li, minħabba l-flessibbiltà tar-Regolament dwar l-FEIS, ingħata finanzjament addizzjonali għall-benefiċċju tal-SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja; beħsiebu jimmonitorja mill-qrib l-allokazzjoni tal-garanzija taħt iż-żewġ twieqi; jinnota wkoll li, mit-30 ta' Ġunju 2016, l-operazzjonijiet iffirmati skont l-IIW laħqu biss 9 % tal-volum totali fil-mira;

47. Ifakkar li l-Fond ta' Garanzija tal-UE huwa ffinanzjat b'mod predominanti mill-baġit tal-UE; iqis l-evalwazzjonijiet rilevanti kollha li jissuġġerixxu li r-rata ta' proviżjonament attwali tal-Fond ta' Garanzija ta' 50 % tidher li hi kawta u prudenti f'termini tal-kopertura ta' telf potenzjali u li l-baġit tal-Unjoni jkun diġà protett b'rata ta' mira aġġustata ta' 35 %; għandu l-intenzjoni jeżamina jekk proposti għal rata ta' mira aktar baxxa jkollhomx riperkussjonijiet fuq il-kwalità u n-natura tal-proġettti magħżula; jenfasizza li, sa issa, ma kien hemm l-ebda talba b'riżultat ta' inadempjenzi tal-operazzjonijiet tal-BEI jew l-FEI;

***Finanzjament futur, kapaċità tal-fond***

48. Jinnota li l-Kummissjoni pproponiet estensjoni tal-FEIS, f'termini kemm ta' dewmien kif ukoll ta' kapaċità finanzjarja, u li din ikollha impatt fuq il-baġit tal-UE; jesprimi l-intenzjoni tiegħu li jressaq proposti finanzjarji alternattivi;

49. Ifakkar li l-Istati Membri ġew mistiedna jikkontribwixxu għall-FEIS sabiex titwessa' l-kapaċità tiegħu, biex b'hekk ikun jista' jappoġġja aktar investimenti ta' riskju ogħla; jiddispjaċih li minkejja li dan l-investiment jitqies bħala miżura ta' darba fis-sens tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika [1] u l-Artkolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv [2], l-Istati Membri ma ħadux din l-inizjattiva; jitlob informazzjoni mill-BEI u l-Kummissjoni dwar jekk sadanittant sarux sforzi biex jikkonvinċu lill-Istati Membri li għandhom jikkontribwixxu għall-FEIS, u jekk ikunux jistgħu jattiraw investituri oħra; jistieden lill-Kummissjoni u lill-BEI jżidu l-isforzi tagħhom f'din id-direzzjoni;

***Komplementarjetajiet ma' sorsi ta' finanzjament oħra tal-UE***

50. Jinnota li s-sensibilizzazzjoni tat-trikkib u l-kompetizzjoni bejn l-FEIS u strumenti finanzjarji tal-baġit tal-UE min-naħa tal-Kummissjoni u l-BEI wasslet għall-adozzjoni ta' linji gwida li jirrakkomandaw il-kombinazzjoni tal-finanzjament tal-FEIS u tal-Fond SIE; jenfasizza li kwalunkwe taħlita ta' finanzjament permezz ta' Fondi FEIS u SIE m'għandha bl-ebda mod tkun ta' detriment għal-livell u l-orjentazzjoni ta' għoti tal-finanzjament permezz tal-Fond ESI; jindika, madankollu, id-differenzi persistenti fil-kriterji ta' eliġibbiltà, ir-regolamenti, il-perjodu ta' żmien għar-rapportar u l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, li jfixlu l-użu kombinat; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni bdiet tindirizza dawn il-kwistjonijiet fil-

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
[2] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.

**Il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017**

proposta tagħha għal reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju u jittama li din ir-reviżjoni titwettaq f'waqtha sabiex tiġi ssimplifikata l-kombinazzjoni tal-finanzjament u jiġu evitati l-kompetizzjoni u t-trikkib; jemmen li jinħtieġu aktar sforzi u li t-tieni u t-tielet pilastri tal-pjan ta' investiment huma kruċjali għal dan il-għan;

51. Jissuġġerixxi li jenħtieġ li l-Kummissjoni, fir-rapporti regolari tagħha, telenka l-proġetti li jibbenefikaw mit-taħlit tal-għotjiet tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa mal-FEIS;

52. Jinnota li l-proġetti ta' infrastruttura tat-trasport ta' sħubija pubblika-privata (PPP) normalment għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju ta' min juża jħallas sabiex jitnaqqas il-piż impost fuq il-baġits pubbliċi u fuq il-kontribwenti tat-taxxa għall-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tal-infrastruttura; jinnota li huwa importanti li jiġu kkoordinati tipi varji ta' finanzjament tal-UE sabiex jiġi żgurat li l-objettivi tal-politika tal-UE dwar it-trasport jintlaħqu madwar l-UE kollha, u li m'għandhomx jiġu promossi fondi tat-tip PPP b'detriment tal-Fondi Strutturali;

***Tassazzjoni***

53. Jinsab ferm imħasseb għall-fatt li, f'xi każijiet, il-BEI kien qed jagħmel pressjoni permezz tal-FEIS biex jiġu appoġġjati proġetti li ġew strutturati permezz ta' ditti f'rifuġji fiskali; iħeġġeġ lill-BEI u l-FEI biex iżommu lura milli jagħmlu użu minn jew jinvolvu ruħhom fl-istrutturi tal-evitar tat-taxxa, b'mod partikolari skemi tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa, jew prattiki li ma jikkonformawx ma' prinċipji ta' governanza tajba tal-UE dwar it-tassazzjoni, kif stabbilit fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inklużi r-rakkomandazzjonijiet u l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni; jinsisti li l-ebda proġett jew promotur ma jista' jkun dipendenti fuq persuna jew kumpanija f'pajjiż inkluż fil-lista komuni tal-UE prospettiva ta' ġuriżdizzjonijiet tat-taxxa li ma jikkooperawx;

***Komunikazzjoni u viżibilità***

54. Josserva li ħafna promoturi tal-proġetti mhumiex konxji mill-eżistenza tal-FEIS, jew għandhom stampa mhux ċara biżżejjed ta' x'jista' joffri l-FEIS, il-kriterji ta' eliġibbiltà speċifiċi u l-passi konkreti li għandhom jieħdu meta japplikaw għall-finanzjament; jissottolinja li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi, inkluż appoġġ tekniku mmirat fl-Istati Membri li bbenefikaw anqas mill-FEIS, fil-lingwa tal-UE rispettiva tagħhom, għas-sensibilizzazzjoni ta' x'inhu l-FEIS, liema prodotti u servizzi speċifiċi jista' joffri u tar-rwoli tal-pjattaformi ta' investiment u l-Banek Promozzjonali Nazzjonali;

55. Jitlob li l-materjal ta' informazzjoni kollu u l-materjal li jifforma parti mill-proċedura ta' finanzjament jiġi tradott fil-lingwi kollha tal-Istati Membri, sabiex jiġu ffaċilitati l-informazzjoni u l-aċċess fil-livell lokali;

56. Jesprimi tħassib li l-appoġġ dirett mogħti lill-intermedjarji finanzjarji, li min-naħa tagħhom huma responsabbli għall-allokazzjoni tal-finanzjament, jista' jwassal għal sitwazzjonijiet fejn il-benefiċjarju finali mhuwiex konxju li qed jibbenefika mill-finanzjament tal-FEIS u jitlob soluzzjonijiet biex tittejjeb il-viżibbiltà tal-FEIS; jistieden, għalhekk, lill-BEI jinkludi fil-kuntratti tal-FEIS, klawżola speċifika li tagħmilha ċara lill-promotur tal-proġetti li l-finanzjament li jirċievi sar possibbli mill-baġit tal-FEIS/UE;

***Estensjoni***

57. Jirrikonoxxi li l-FEIS waħdu – u fuq skala limitata – probabbliment ma jkunx jista' jagħlaq id-distakk fl-investiment fl-Ewropa, iżda li madankollu jikkostitwixxi pilastru ċentrali tal-pjan ta' investiment tal-UE u jindika id-determinazzjoni tal-UE li tindirizza din il-kwistjoni; jitlob li jsiru aktar proposti dwar kif tingħata spinta b'mod permanenti lill-investiment fl-Ewropa;

o

o o

58. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

**Il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0271

## Aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva (2017/2003(INI))**

(2018/C 331/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2016 dwar Lejn Att dwar is-Suq Uniku Diġitali ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016 dwar l-Istrateġija għas-Suq Uniku ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2016 fuq opportunitajiet ġodda għal negozji żgħar ta' trasport, inkluż mudelli ta' negozju kollaborattivi ([3]),

— wara li kkunsidra l-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli tal-Kunsill dwar il-laqgħa dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir tat-12 ta' Settembru 2016 u tad-dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza ([4]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ġunju 2016 dwar Aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva (COM(2016)0356),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2016 dwar il-Pjattaformi Online u s-Suq Uniku Diġitali Opportunitajiet u Sfidi għall-Ewropa (COM(2016)0288),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2015 intitolata "Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji" (COM(2015)0550),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2015 dwar Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa 2015 (COM(2015)0192),

— wara li kkunsidra l-Kunsill Kompetittività tad-29 ta' Settembru 2016 u l-eżitu tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern ([5]) ("Direttiva dwar is-Servizzi"),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) ([6]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) ([7]) ,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, id-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi ([8]),

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0009.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0237.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2016)0455
([4]) http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-11834-2016-INIT/en/pdf
([5]) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.
([6]) ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.
([7]) ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22.
([8]) ĠU L 337, 18.12.2009, p. 11.

**Il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017**

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2016 dwar gwida fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali (SWD(2016)0163),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-7 ta' Diċembru 2016 bit-titolu "L-ekonomija kollaborattiva u l-pjattaformi onlajn: viżjoni komuni tal-bliet u r-reġjuni" ([2]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar l-ekonomija kollaborattiva ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0195/2017),

A. billi l-ekonomija kollaborattiva esperjenzat tkabbir rapidu fis-snin reċenti, f'termini ta' utenti, tranżazzjonijiet u dħul, bi tfassil mill-ġdid ta' kif il-prodotti u s-servizzi jiġu pprovduti u bi sfida għall-mudelli ta' negozju stabbiliti sew f'bosta oqsma;

B. billi l-ekonomija kollaborattiva għandha benefiċċji soċjali għaċ-ċittadini tal-UE;

C. billi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jikkostitwixxu l-mutur ewlieni tal-ekonomija Ewropea u, skont iċ-ċifri tal-2014, jirrappreżentaw 99,8 % tal-impriżi kollha li mhumiex parti mis-settur finanzjarju u li jfisser tnejn minn kull tliet impjiegi;

D. billi 1,7 % biss tal-impriżi tal-UE jagħmlu użu sħiħ mit-teknoloġiji diġitali avvanzati, filwaqt li 41 % ma jużawhom xejn; billi d-diġitalizzazzjoni tas-setturi kollha hija kruċjali sabiex il-kompetittività tal-UE tinżamm u tissaħħaħ;

E. billi studju reċenti tal-Kummissjoni juri li 17 % tal-konsumaturi Ewropej użaw servizzi pprovduti mill-ekonomija kollaborattiva, u 52 % huma konxji tas-servizzi offruti ([4]);

F. billi ma hemm l-ebda statistika uffiċjali dwar il-volum ta' impjiegi fl-ekonomija kollaborattiva;

G. billi l-ekonomija kollaborattiva toffri possibilitajiet għaż-żgħażagħ, il-migranti, il-ħaddiema part-time u l-anzjani li jaċċessaw is-suq tax-xogħol;

H. billi mudelli tal-ekonomija kollaborattiva jistgħu jgħinu biex jagħtu spinta lill-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u fl-ekonomija, billi jipprovdu opportunitajiet għal forom flessibbli ta' intraprenditorija u impjieg;

I. billi, filwaqt li l-komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni dwar aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva tippreżenta punt ta' tluq tajjeb għall-promozzjoni u r-regolamentazzjoni ta' dan is-settur b'mod effettiv, hemm ħtieġa li tiġi inkorporata l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u jiġu riflessi d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni rilevanti kontra d-diskriminazzjoni fil-kuntest ta' analiżi u rakkomandazzjonijiet ulterjuri f'dan il-qasam;

J. billi l-promozzjoni tal-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, kif definit fl-Artikolu 3 tat-Trattar dwar l-Ujoni Ewropea u l-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewerpea, hija wkoll objettiv tas-suq intern tal-UE;

---

([1]) ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.
([2]) ECON-VI/016
([3]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 33.
([4]) Flash Eurobarometer 438 (Marzu 2016) dwar "The use of collaborative platforms"

***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Jilqa' l-komunikazzjoni dwar aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva, u jenfasizza li din għandha tirrappreżenta l-ewwel pass lejn strateġija tal-UE bbilanċjata sew, aktar komprensiva u ambizzjuża dwar l-ekonomija kollaborattiva;

2. Jemmen li, jekk tiġi żviluppata b'mod responsabbli, l-ekonomija kollaborattiva se toħloq opportunitajiet sinifikanti għaċ-ċittadini u l-konsumaturi, li jibbenefikaw minn kompetizzjoni msaħħa, servizzi speċjalizzati, għażla akbar u prezzijiet aktar baxxi; jissottolinja li t-tkabbir f'dan is-settur hu mmexxi mill-konsumatur u jippermetti li l-konsumaturi jkollhom rwol aktar attiv;

3. Jenfasizza l-ħtieġa li n-negozji jitħallew jikbru bit-tneħħija tal-ostakli, tad-dupplikazzjoni u tal-frammentazzjoni li jfixklu l-iżvilupp transfruntier;

4. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jipprovdu ċarezza legali u ma jqisux l-ekonomija kollaborattiva bħala theddida għall-ekonomija tradizzjonali; jenfasizza l-importanza li tkun regolata l-ekonomija kollaborattiva b'mod li tiffaċilita u tippermetti aktar milli tirrestrinġi;

5. Jaqbel li l-ekonomija kollaborattiva tiġġenera opportunitajiet intraprenditorjali ġodda u interessanti, impjiegi u tkabbir, u sikwit jista' jkollha rwol importanti biex is-sistema ekonomika tagħmilha mhux biss aktar effiċjenti, iżda wkoll soċjalment u ambjentalment sostenibbli, b'hekk ikun hemm allokazzjoni aħjar tar-riżorsi u tal-assi li mod ieħor kieku ma jintużawx biżżejjed u għalhekk tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari;

6. Jagħraf, fl-istess ħin, li l-ekonomija kollaborattiva jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-mudelli ta' negozju li ilhom stabbiliti f'ħafna setturi strateġiċi bħat-trasport, l-akkomodazzjoni, l-industrija tar-ristoranti, is-servizzi, il-bejgħ bl-imnut u l-finanzi; jifhem l-isfidi marbuta ma' standards legali differenti għal atturi ekonomiċi simili; jemmen li l-ekonomija kollaborattiva tagħti s-setgħa lill-konsumaturi, toffri opportunitajiet ta' impjiegi ġodda u għandha l-potenzjal li tiffaċilita l-konformità fiskali, imma madankollu, jenfasizza, l-importanza li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, li d-drittijiet tal-ħaddiema jkunu kompletament rispettati u li tkun żgurata konformità tat-taxxa; jirrikonoxxi li l-ekonomija kollaborattiva taffettwa kemm l-ambjent urban kif ukoll dak rurali;

7. Jirrimarka li n-nuqqas ta' ċarezza fost l-imprendituri, il-konsumaturi u l-awtoritajiet dwar kif jiġu applikati r-regolamenti f'xi oqsma u b'hekk il-ħtieġa li jkunu indirizzati oqsma regolatorji ambigwi, u jinsab imħasseb dwar ir-riskju ta' frammentazzjoni tas-suq uniku; jinsab konxju li, jekk ma jkunux regolati kif xieraq, dawn il-bidliet jistgħu jirriżultaw f'inċertezza legali dwar ir-regoli u r-restrizzjonijiet applikabbli fl-eżerċitar tad-drittijiet individwali u l-protezzjoni tal-konsumaturi; jemmen li r-regolament jeħtieġ li jkun idoneu għall-għan li maħsub għalih fl-era diġitali u jinsab ferm imħasseb dwar l-impatt negattiv tal-inċertezza legali u tal-kumplessità tar-regoli dwar negozji ġodda Ewropej u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ involuti fl-ekonomija kollaborattiva;

8. Iqis li l-iżvilupp ta' ambjent legali dinamiku, ċar u, fejn xieraq, armonizzat u l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ugwali hi prekundizzjoni essenzjali biex l-ekonomija kollaborattiva tiffjorixxi fl-UE;

***L-ekonomija kollaborattiva fl-UE***

9. Jenfasizza l-ħtieġa li l-ekonomija kollaborattiva titqies mhux biss bħala ġabra ta' mudelli godda ta' negozju li toffri prodotti u servizzi iżda wkoll bħala forma ġdida ta' integrazzjoni bejn l-ekonomija u s-soċjetà fejn is-servizzi offruti jkunu bbażati fuq varjetà wiesgħa ta' relazzjonijiet li jintegraw ir-relazzjonijiet ekonomiċi ma' dawk soċjali u joħolqu forom ġodda ta' komunità u mudelli ġodda ta' negozju;

10. Jinnota l-fatt li l-ekonomija kollaborattiva fl-Ewropa għandha xi karatteristiċi speċifiċi, li jirriflettu wkoll l-istruttura tan-negozju Ewropew, magħmula prinċipalment minn SMEs u mikro-intrapriżi; jenfasizza l-ħtieġa li jkun żgurat ambjent tan-negozju fejn pjattformi kollaborattivi jkunu jistgħu jikbru u jkunu ferm kompetittivi fis-suq globali;

**Il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017**

11. Jinnota li l-imprendituri Ewropej juru tendenza qawwija li joħolqu pjattaformi kollaborattivi għal skopijiet soċjali, u jagħraf li qed jikber dejjem aktar l-interess fl-ekonomija kollaborattiva abbażi ta' mudelli ta' negozju kooperattiv;

12. Jenfasizza l-importanza li tiġi evitata kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni, sabiex jingħata aċċess effettiv u ugwali għal servizzi kollaborattivi;

13. Iqis li dawk is-servizzi offruti fi ħdan l-ekonomija kollaborattiva li huma rreklamati pubblikament u offruti għal profitt jaqgħu taħt il-mandat tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi ([1]) u għandhom, għaldaqstant, ikunu konsistenti mal-prinċipju ta' trattament ugwali tan-nisa u l-irġiel;

***Qafas regolatorju tal-UE: pari, konsumaturi, pjattaformi kollaborattivi***

14. Jirrikonoxxi li filwaqt li ċertu partijiet tal-ekonomija kollaborattiva huma koperti mir-regolament, inkluż fil-livell lokali u nazzjonali, partijiet oħra jistgħu jaqgħu f'oqsma regolatorji ambigwi għaliex mhux dejjem hu ċar liema regolament tal-UE japplika, b'hekk dan jikkawża differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri minħabba regolamenti nazzjonali, reġjonali u lokali kif ukoll il-każistika, b'hekk jiġi frammentat is-Suq Uniku;

15. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tindirizza l-frammentazzjoni attwali, iżda jiddispjaċih li l-komunikazzjoni tagħha ma ġabitx biżżejjed ċarezza dwar l-applikabbiltà tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE għal mudelli differenti ta' ekonomija kollaborattiva; jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jsaħħu l-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti, u jistieden lill-Kummissjoni tfassal qafas ta' infurzar li jappoġġja l-Istati Membri fl-isforzi tagħhom, l-aktar importanti fir-rigward tad-Direttiva dwar is-Servizzi u l-acquis tal-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-għodda kollha disponibbli f'dan il-kuntest, inkluż bl-użu tal-proċeduri ta' ksur kull meta tiġi identifikata implimentazzjoni ħażina jew insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni;

16. Jenfasizza li rekwiżiti ta' aċċess għas-suq għal pjattaformi kollaborattivi u l-fornituri ta' servizzi jenħtieġ li jkunu meħtieġa, ġustifikati u proporzjonati kif previst fit-Trattati u l-leġiżlazzjoni sekondarja, kif ukoll sempliċi u ċari; jissottolinja li din il-valutazzjoni għandha tqis jekk is-servizzi humiex provduti minn professjonisti jew individwi privati, filwaqt li tqiegħed il-fornituri pari suġġetti għal rekwiżit legali eħfef, tiżgura standards ta' kwalità u livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur kif ukoll tqis differenzi settorjali;

17. Jirrkonoxxi l-ħtieġa għal operaturi stabbiliti, għal operaturi u servizzi ġodda marbuta mal-pjattaformi diġitali u l-ekonomija kollaborattiva biex jiżviluppaw f'ambjent li jiffavorixxi n-negozju, b'kompetizzjoni sana u jkunu trasparenti fir-rigward ta' tibdiliet leġiżlattivi; jaqbel li meta ssir valutazzjoni dwar rekwiżiti tal-aċċess għas-suq fil-kuntest tad-Direttiva dwar is-Servizzi, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi tan-negozji tal-ekonomija kollaborattiva;

18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem flimkien mal-Istati Membri biex tipprovdi aktar linji gwida dwar l-istabbiliment ta' kriterji effettivi sabiex issir distinzjoni bejn il-pari u l-professjonisti, li hija kruċjali għall-iżvilupp ġust tal-ekonomija kollaborattiva; jirrimakra li dawn il-linji gwida għandhom jipprovdu ċarezza u ċertezza legali u għandhom iqisu, inter alia, il-leġiżlazzjoni differenti fl-Istati Membri u r-realtajiet ekonomiċi differenti, bħal-livell tad-dħul, il-karatteristiċi tas-setturi, is-sitwazzjoni tan-negozji mikro u żgħar u l-għan tal-attività bi skop ta' qligħ; hu tal-opinjoni li ġabra ta' prinċipji u kriterji ġenerali fil-livell tal-UE u ġabra ta' limiti fil-livell nazzjonali jistgħu jipprovdu t-triq 'il quddiem, u jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju f'dan ir-rigward;

19. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li filwaqt li l-istabbiliment ta' limiti jista' jipprovdi linji diviżorji xierqa bejn il-pari u n-negozji, fl-istess ħin jista' joħloq disparità bejn in-negozji mikro u żgħar fuq naħa u l-pari fuq l-oħra; jemmen li kundizzjonijiet ugwali fost kategoriji kumparabbli ta' fornituri ta' servizz hi ferm rakkomandata; jitlob it-tneħħija ta' piż regolatorju mhux meħtieġ u ta' rekwiżiti ta' aċċess għas-suq inġustifikati għall-operaturi kollha tan-negozju, partikolarment għal negozji mikro u żgħar, għaliex dan ixxekkel ukoll l-innovazzjoni;

([1]) ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37.

20. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tiżgura l-adegwatezza tal-liġi tal-konsumaturi u timpedixxi l-abbuż tal-ekonomija kollaborattiva meta tiġi evitata l-leġiżlazzjoni; jemmen li l-konsumaturi għandhom igawdu livell għoli u effettiv ta' protezzjoni, indipendentement minn jekk is-servizzi humiex provduti minn professjonisti jew pari u jenfasizza, b'mod partikolari, l-importanza tal-protezzjoni tal-konsumaturi fi tranżazzjonijiet bejn il-pari, filwaqt li jirrikonoxxi li tista' tingħata xi forma ta' protezzjoni permezz ta' awtoregolamentazzjoni;

21. Jitlob li tittieħed azzjoni biex tkun żgurata osservanza sħiħa u kontinwa tar-regoli tal-protezzjoni tal-konsumatur mill-fornitur ta' servizzi okkażjonali b'mod identiku jew komparabbli bħall-fornituri ta' servizzi professjonali;

22. Jinnota li l-konsumaturi għandu jkollhom aċċess għal informazzjoni dwar jekk ir-reviżjonijiet minn utenti oħra ta' servizz jistgħux ikunu influenzati mill-fornitur, pereżempju fil-forma ta' riklamar imħallas;

23. Jirrimarka l-ħtieġa ta' aktar ċarezza dwar salvagwardji għall-konsumaturi fil-każ ta' tilwim, u jitlob lill-pjattaformi kollaborattivi jiżguraw li jkun hemm sistemi effettivi għal proċeduri ta' tilwim u għar-riżoluzzjoni tat-tilwim, b'hekk ikun faċilitat il-mod li bih il-konsumaturi jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom;

24. Jenfasizza li mudelli tan-negozju tal-ekonomija kollaborattiva huma ġeneralment ibbażati fuq ir-reputazzjoni, u jenfasizza li t-trasparenza hi essenzjali f'dan ir-rigward; jemmen li f'ħafna każijiet il-mudelli tan-negozju tal-ekonomija kollaborattiva tagħti s-setgħa lill-konsumaturi u tippermetti li jkollhom rwol attiv, appoġġjat mit-teknoloġija; jenfasizza li għad hemm il-ħtieġa ta' regoli għall-protezzjoni tal-konsumaturi fl-ekonomija kollaborattiva speċjalment fejn hemm parteċipanti dominati mis-suq, informazzjoni asimmetrika jew nuqqas ta' għażla jew ta' kompetizzjoni; jissottolinja l-importanza li tkun garantita informazzjoni adegwata għall-konsumaturi dwar ir-reġim legali applikabbli għal kull tranżazzjoni u d-drittijiet u l-obbligi legali konsegwenti;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara aktar ir-reġim ta' responsabbiltà tal-pjattaformi kollaborattivi kemm jista' jkun malajr, sabiex tiġi promossa mġiba responsabbli, trasparenza, ċertezza legali u b'hekk tiżdied il-fiduċja tal-utenti; jirrikonoxxi, partikolarment, in-nuqqas ta' ċertezza speċjalment dwar jekk pjattaforma tipprovdix servizz sottostanti jew jekk hijiex qed toffri biss servizz ta' soċjetà ta' informazzjoni, skont id-Direttiva tal-Kummerċ elettroniku; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni tipprovdi aktar gwida dwar dawn l-aspetti u tqis jekk humiex meħtieġa azzjonijiet ulterjuri biex il-qafas regolatorju jkun aktar effettiv; jinkoraġġixxi pjattaformi kollaborattivi biex, fl-istess ħin, jieħdu miżuri volontarji f'dan ir-rigward;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiskrutinizza l-leġiżlazzjoni tal-UE sabiex tnaqqas l-inċertezzi u tiggarantixxi ċertezza legali akbar dwar ir-regoli applikabbli għal mudelli ta' negozju kollaborattiv u tivvaluta jekk regoli ġodda jew emendati humiex xierqa, partikolarment fir-rigward ta' intermedjarji attivi u l-informazzjoni u r-rekwiżiti ta' trasparenza, in-nuqqas ta' prestazzjoni u r-responsabilità tagħhom;

27. Jemmen li kwalunkwe qafas regolatorju ġdid għandu jservi ta' lieva fuq il-kapaċitajiet tal-awtogovernanza u l-mekkaniżmi ta' rieżami tal-pari, minħabba li t-tnejn urew li jiffunzjonaw b'mod effettiv u jikkunsidra s-sodisfazzjon tal-konsumatur dwar servizzi kollaborattivi; huwa konvint li l-pjattaformi kollaborattivi nfushom jista' jkollhom rwol attiv f'ambjent regolatorju ġdid bħal dan billi jikkoreġu informazzjoni asimmetrika, speċjalment permezz ta' mekkaniżmi ta' reputazzjoni diġitali biex tiżdied il-fiduċja tal-utenti; jinnota, fl-istess ħin, li l-kapaċità awtoregolatorja tal-pjattaforma ma tissostitwix il-ħtieġa għar-regoli eżistenti, bħalma huma d-Direttivi dwar is-Servizzi u dwar il-Kummerċ Elettroniku, il-liġi tal-UE dwar il-Konsumatur u regoli oħra possibbli;

28. Jemmen, għalhekk, li l-mekkaniżmi diġitali li jibnu l-fiduċja huma parti essenzjali tal-ekonomija kollaborattiva; jilqa' l-isforzi u l-inizjattivi kollha fis-seħħ mill-pjattaformi kollaborattivi biex jevitaw distorsjonijiet kif ukoll dawk bil-ħsieb li jsaħħu l-fiduċja u t-trasparenza fil-mekkaniżmi ta' klassifikazzjoni u rieżami, filwaqt li jistabbilixxu kriterji ta' reputazzjoni affidabbli, jintroduċu garanziji u assigurazzjoni, il-verifika tal-identità tal-pari u tal-prosumaturi u jiżviluppaw sistemi ta' pagament sikuri u trasparenti; iqis l-iżviluppi teknoloġiċi ġodda, bħall-mekkaniżmi ta' klassifikar reċiproċi u l-adozzjoni volontarji ta' skemi ta' ċertifikazzjoni bħala eżempji tajbin dwar kif jiġu evitati l-abbużi, il-manipolazzjonijiet, il-frodi u l-feedback falz; jinkoraġġixxi pjattaformi kollaborattivi jitgħallmu mill-aħjar prattiki u biex jissensibilizzaw lilhom infushom dwar l-obbligi legali tagħhom lejn l-utenti;

**Il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017**

29. Jindika l-importanza kruċjali li jiġu ċċarati l-metodi li permezz tagħhom sistemi ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati bbażati fuq l-algoritmi joperaw sabiex jiggarantixxu l-ekwità u t-trasparenza tal-algoritmi; jitlob lill-Kummissjoni teżamina wkoll din il-kwistjoni mill-perspettiva ta' liġi tal-kompetizzjoni tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni timpenja mal-Istati Membri, is-settur privat u r-regolaturi rilevanti bil-ħsieb li tfassal kriterji effettivi għall-iżvilupp ta' prinċipji algoritmiċi ta' dover ta' rendikont għal pjattaformi kollaborattivi abbażi tal-informazzjoni;

30. Jenfasizza l-ħieġa ta' valutazzjoni tal-użu ta' data fejn jista' jkollha impatt differenti fuq partijiet differenti tas-soċjetà, biex tevita diskriminazzjoni u tivverifika l-ħsara potenzjali lil privatezza kkawżata mill-big data; ifakkar li l-UE diġà żviluppat qafas komprensiv għall-protezzjoni tad-data fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, u għalhekk jitlob biex il-pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva ma jinjorawx il-kwistjoni tal-protezzjoni tad-data, billi jgħaddu informazzjoni trasparenti lill-fornituri ta' servizzi u lill-utenti dwar il-ġbir tad-data personali u l-mod li bih dik id-data tiġi proċessata;

31. Jirrikonoxxi li ħafna regoli tal-*acquis* tal-UE diġà huma applikabbli għall-ekonomija kollaborattiva; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa li tkompli tiżviluppa qafas legali tal-UE sabiex timpedixxi aktar frammentazzjoni tas-Suq Uniku bi qbil mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar u l-esperjenzi tal-Istati Membri; jemmen li dan il-qafas għandu jkun armonizzat, fejn xieraq, kif ukoll flessibbli, teknoloġikament newtrali u validu għall-futur u għandu jikkonsisti f'kumbinazzjoni ta' prinċipji ġenerali u regoli speċifiċi, minbarra kwalunkwe regolament speċifiku għas-settur li jista' jkun meħtieġ;

32. Jenfasizza l-importanza ta' leġiżlazzjoni koerenti sabiex ikun garantit il-funzjonament tajjeb tas-suq intern għal kulħadd u jistieden lill-Kummissjoni tissalvagwardja r-regoli u l-leġiżlazzjoni attwali dwar id-drittijiet tal-ħaddiema u tal-konsumaturi qabel tintroduċi leġiżlazzjoni ġdida li tista' toħloq frammentazzjoni tas-suq intern;

***Kompetizzjoni u konformità fiskali***

33. Jilqa' l-fatt li żieda fl-ekonomija kollaborattiva ġabet aktar kompetizzjoni u ħolqot sfida għall-operaturi eżistenti biex jiffukaw fuq id-domandi reali tal-konsumaturi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem favur kundizzjonijiet ekwi għall-kompetizzjoni, f'servizzi kumparabbli fost il-pjattaformi kollaborattivi u bejniethom u l-intrapriżi tradizzjonali; jenfasizza l-importanza li jiġu identifikati u indirizzati l-ostakli għall-ħolqien u ż-żieda ta' negozji kollaborattivi, speċjalment in-negozji ġodda; jenfasizza f'dan il-kuntest il-ħtieġa għall-fluss liberu ta' data, il-portabbiltà u l-interoperabbiltà tad-data, li jiffaċilitaw it-tibdil bejn il-pjattaformi u jipprevjenu intrappolament, u li jikkostitwixxi l-fatturi ewlenin kollha għal kompetizzjoni miftuħa u ġusta u l-parteċipazzjoni attiva tal-utenti ta' pjattaformi kollaborattivi filwaqt li jitqiesu l-interessi leġittimi tal-parteċipanti kollha tas-suq u jkunu protetti l-informazzjoni u d-data personali tal-utenti;

34. Jilqa' t-traċċabilità akbar tat-tranżazzjonjiet ekonomiċi permessi mill-pjattaformi online sabiex jiżguraw konformità mat-taxxa u l-infurzar, imma jinsab imħasseb dwar id-diffikultajiet li ħarġu s'issa f'xi setturi; jenfasizza li l-ekonomija kollaborattiva qatt ma għandha tkun użata b'mod li bih ikunu evitati l-obbligi tat-taxxa; jenfasizza aktar il-ħtieġa urġenti għal kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-pjattaformi kollaborattivi dwar il-konformità fiskali u l-ġbir tat-taxxa; jirrikonoxxi li dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzat f'xi Stati Membri u jieħu nota tas-suċċess tal-kooperazzjoni pubblika-privata f'dan il-qasam; jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita skambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, li jinvolvi l-awtoritajiet kompetenti u l-partijiet interessati, biex jiżviluppaw soluzzjonijiet effettivi u innovattivi li jsaħħu l-konformità fiskali u l-infurzar, sabiex jeliminaw ukoll ir-riskju ta' frodi tat-taxxa transfruntiera; jistieden lill-pjattaformi kollaborattivi jiżvolġu rwol attiv f'dan ir-rigward; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiċċaraw u jikkooperaw dwar l-informazzjoni li operaturi ekonomiċi differenti involuti fl-ekonomija kollaborattiva jridu jiżvelaw lill-awtoritajiet tat-taxxa fil-qafas tad-dmirijiet li għandhom li jipprovdu informazzjoni dwar it-taxxa, kif previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali;

35. Jaqbel li obbligi ta' taxxa li jiffunzjonaw b'mod simili għandhom japplikaw għal negozji li jipprovdu servizzi kumparabbli, kemm jekk fl-ekonomija tradizzjonali kif ukoll fl-ekonomija kollaborattiva, u jemmen li t-taxxi għandhom jitħallsu fejn ikunu ġġenerati l-profitti u fejn hu involut aktar milli sempliċement kontribuzzjonijiet għall-ispejjeż, filwaqt li jkun rispettat il-prinċipju ta' sussidjarjetà, kif ukoll bi qbil mal-liġijiet nazzjonali u lokali;

***Impatt fuq is-suq tax-xogħol u d-drittijiet tal-ħaddiema***

36. Jenfasizza li r-rivoluzzjoni diġitali qed ikollha impatt sinifikanti fuq is-suq tax-xogħol u li xejriet emerġenti fl-ekonomija kollaborattiva jagħmlu parti minn tendenza attwali fi ħdan id-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà;

37. Jinnota, fl-istess ħin, li l-ekonomija kollaborattiva qed tiftaħ opportunitajiet ġodda, rotot flessibbli u ġodda f'ħidma għall-utenti kollha, speċjalment għall-impjegati indipendenti, għal dawk li jinsabu qiegħda, attwalment 'il bogħod mis-suq tax-xogħol jew li mod ieħor ma jkunux jistgħu jipparteċipaw fih u b'hekk dan jista' sservi bħala punt ta' dħul fis-suq tax-xogħol, speċjalment għaż-żgħażagħ u gruppi marġinalizzati; jirrimarka, madankollu, li f'ċerti ċirkustanzi, dan l-iżvilupp jista' jwassal ukoll għal sitwazzjonijiet prekarji; jenfasizza minn naħa waħda l-ħtieġa ta' flessibbiltà fis-suq tax-xogħol u min-naħa l-oħra ta' sigurtà ekonomika u soċjali għall-ħaddiema, bi qbil mad-drawwiet u t-tradizzjonijiet fl-Istati Membri;

38. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina sa fejn ir-regoli eżistenti tal-UE huma applikabbli għas-suq tax-xogħol diġitali u tiżgura implimentazzjoni u infurzar adegwati; jistieden lill-Istati Membri biex, f'kollaborazzjoni mas-sħab soċjali u partijiet interessati rilevanti oħra, tevalwa, b'mod proattiv u abbażi tal-loġika ta' antiċipazzjoni, il-ħtieġa li tiġi modernizzata l-leġiżlazzjoni eżistenti, inklużi s-sistemi ta' sigurtà soċjali, biex tibqa' aġġornata mal-iżviluppi teknoloġiċi filwaqt li tiżgura l-protezzjoni tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkoordinaw is-sistemi tas-sigurtà soċjali bl-għan li jiżguraw l-esportabilità tal-benefiċċji u l-aggregazzjoni ta' perjodi skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni; iħeġġeġ lis-sħab soċjali jaġġornaw il-ftehimiet kollettivi fejn ikun neċessarju, sabiex l-istandards ta' protezzjoni eżistenti jkunu jistgħu wkoll jinżammu fid-dinja tax-xogħol diġitali;

39. Jissottolinja l-importanza kbira ferm tal-salvagwardja tad-drittijiet tal-ħaddiema fis-servizzi kollaborattivi – l-ewwel u qabel kollox id-drittijiet tal-ħaddiema li jorganizzaw, id-dritt ta' negozjar kollettiv u ta' azzjoni kollettiva, bi qbil mad-dritt u l-prattika nazzjonali; ifakkar li l-ħaddiema kollha fl-ekonomija kollaborattiva jew huma impjegati jew jaħdmu għal rashom, abbażi tal-preminenza tal-fatti, u jridu jiġu klassifikati skont il-każ; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fl-oqsma ta' kompetenza rispettiva tagħhom, jiżguraw kundizzjonijiet ekwi tax-xogħol u protezzjoni legali u soċjali adegwata għall-ħaddiema kollha fl-ekonomija kollaborattiva, indipendentement mill-istatus tagħhom;

40. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika linji gwida dwar kif id-dritt tal-Unjoni japplika għad-diversi tipi ta' mudelli tan-negozju tal-pjattaformi sabiex, fejn ikun neċessarju, jimtlew il-lakuni regolatorji fil-qasam tal-impjieg u tas-sigurtà soċjali; jemmen li l-potenzjal għoli ta' trasparenza tal-ekonomija tal-pjattaformi jippermetti traċċabbiltà tajba, f'konformità mal-għan li tiġi infurzata l-leġiżlazzjoni eżistenti; jistieden lill-Istati Membri jwettqu spezzjonijiet tax-xogħol suffiċjenti fir-rigward tal-pjattaformi online u jimponu sanzjonijiet fejn ir-regoli jkunu ġew miksura, b'mod partikolari f'termini ta' kundizzjonijiet ta' xogħol u ta' impjieg, u rekwiżiti speċifiċi dwar kwalifiki; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali lix-xogħol mhux iddikjarat u x-xogħol indipendenti fittizju f'dan is-settur, u biex ipoġġu l-ekonomija tal-pjattaformi fuq l-aġenda tal-Pjattaforma Ewropea Kontra x-Xogħol Mhux Iddikjarat; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu riżorsi suffiċjenti għall-ispezzjonijiet;

41. Jissottolinja l-importanza li jkunu żgurati d-drittijiet fundamentali u protezzjoni tas-sigurtà soċjali adegwata għall-għadd dejjem jikber ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom, li huma parteċipanti ewlenin fl-ekonomija kollaborattiva, inkluż id-dritt ta' negozjar u ta' azzjoni kollettiva, anke fir-rigward tal-kumpens;

42. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jirrikonoxxu li l-ekonomija kollaborattiva se ġġib ukoll tharbit, għalhekk jinkoraġġihom iħejju miżuri ta' assorbiment għal ċerti setturi, u li jappoġġjaw it-taħriġ u r-rikollokament;

43. Jissottolinja l-importanza li l-ħaddiema tal-pjattaforma kollaborattiva jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-portabbiltà tal-klassifikazzjonijiet u tar-reviżjonijiet, li jikkostitwixxu l-valur tas-suq diġitali tagħhom u l-importanza li tkun faċilitata t-trasferibilità u l-akkumulu tal-klassifikazzjonijiet u r-reviżjonijiet fost pjattaformi differenti filwaqt li jkunu rispettati r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza tal-partijiet l-oħra kollha involuti; jinnota l-possibilità ta' prattiki inġusti u arbitrarji rigward il-klassifikazzjonijiet online li jistgħu jaffettwaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-ħaddiema tal-pjattaformi kollaborattivi u l-kapaċità tagħhom li jsibu impjieg; jemmen li l-mekkaniżmi ta' klassifikazzjoni u ta' reviżjoni għandhom ikunu żviluppati b'mod trasparenti u li l-ħaddiema għandhom ikunu infurmati u kkonsultati fil-livelli xierqa, u bi qbil mad-dritt u l-prattika tal-Istati Membri, dwar il-kriterji ġenerali użati biex jiġu żviluppati tali mekkanżimi;

**Il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017**

44. Jenfasizza l-importanza ta' aġġornament tal-ħiliet f'dinja ta' tibdil tal-impjieg biex ikun żgurat li l-ħaddiema kollha jkollhom il-ħiliet adegwati, kif meħtieġ mill-ekonomija u s-soċjetà diġitali; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lin-negozji tal-ekonomija kollaborattiva jagħmlu disponibbli t-taħriġ tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-ħiliet; jemmen li l-investimenti pubbliċi u privati u opportunitajiet ta' finanzjament għal tagħlim u taħriġ tul il-ħajja huma meħtieġa, b'mod partikolari għal impriżi mikro u żgħar;

45. Jenfasizza l-importanza tat-telexogħol u ta' smartworking fi ħdan l-ekonomija kollaborattiva u jirrakkomanda f'dan ir-rigward il-ħtieġa li t-tali forom ta' xogħol jiġu allinjati ma' dawk tradizzjonali;

46. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina sa liema punt id-Direttiva dwar Xogħol Temporanju permezz ta' Aġenzija (2008/104/KE [1]) hija applikabbli għal pjattaformi online; iqis li ħafna pjattaformi online intermedji huma strutturalment simili għall-aġenziji ta' xogħol temporanji (relazzjoni kuntrattwali trijangolari bejn: ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija/ħaddiem tal-pjattaforma; aġenzija tax-xogħol temporanju/pjattaforma online; l-impriża utent/klijent);

47. Jistieden lis-servizzi nazzjonali ta' impjieg pubbliku u lin-Netwerk tal-EURES jikkomunikaw aktar dwar l-opportunitajiet offruti mill-ekonomija kollaborattiva;

48. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali jipprovdu informazzjoni adegwata lill-ħaddiema tal-pjattaformi dwar kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg u d-drittijiet tal-ħaddiema, u dwar ir-relazzjonijiet tax-xogħol tagħhom ma' pjattaformi u utenti; iqis li l-pjattaformi għandhom jaqdu rwol proattiv fl-għoti ta' informazzjoni lill-utenti u lill-ħaddiema dwar il-qafas regolatorju applikabbli bl-għan li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti legali;

49. Jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqas ta' data relatata mat-tibdil fid-dinja tal-impjiegi li ġabet magħha l-ekonomija kollaborattiva; jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, anke f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, biex jiġbru data aktar affidabbli u komprensiva f'dan ir-rigward u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jaħtru entità nazzjonali kompetenti li diġà teżisti biex tissorvelja u tevalwa x-xejriet li ħerġin fis-suq tax-xogħol kollaborattiv; jenfasizza l-importanza tal-informazzjoni u tal-iskambji tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri f'dan il-kuntest; jissottolinja l-importanza ta' sorveljanza tas-suq tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-ekonomija kollaborattiva sabiex ikunu miġġielda prattiki illegali;

***Id-dimensjoni lokali tal-ekonomija kollaborattiva***

50. Josserva li għadd dejjem jikber ta' awtoritajiet u gvernijiet lokali huma diġà attivi fir-regolamentazzjoni u l-iżvilupp tal-ekonomija kollaborattiva, b'attenzjoni partikolari fuq prattiki kollaborattivi kemm bħala s-suġġett tal-politiki tagħhom kif ukoll bħala prinċipju organizzattiv ta' forom ġodda ta' governanza kollaborattiva u d-demokrazija parteċipattiva;

51. Jinnota li l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom biżżejjed spazju ta' manuvrar biex jadottaw miżuri speċifiċi għall-kuntest sabiex jindirizzaw għanijiet ta' interess pubbliku identifikati b'mod ċar permezz ta' miżuri proporzjonati li huma kompletament konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fit-tfassil tal-politika tagħhom u fl-adozzjoni ta' regoli konsistenti mad-dritt tal-Unjoni;

52. Jinnota li dawk li aġixxew l-ewwel kienu l-ibliet, fejn il-kundizzjonijiet urbani bħad-densità tal-popolazzjoni u l-prossimità fiżika jiffavorixxu l-adozzjoni ta' prattiki kollaborattivi, filwaqt li estendew l-attenzjoni minn bliet intelliġenti għal bliet li jiskambjaw, u ħaffew it-tranżizzjoni għal infrastrutturi aktar faċli għaċ-ċittadini; jinsab ukoll konvint li l-ekonomija kollaborattiva tista' toffri opportunitajiet sinifikanti lill-periferiji interni, żoni rurali u territorji żvantaġġjati, tista' ġġib fororm ġodda u inklużivi ta' żvilupp, jista' jkollha impatt soċjoekonomiku pożittiv, u tgħin komunitajiet marġinalizzati b'benefiċċji indiretti għas-settur tat-turiżmu;

***Il-promozzjoni tal-ekonomija kollaborattiva***

53. Jinnota l-importanza ta' ħiliet ta' kompetenzi u taħriġ adegwati bil-ħsieb li l-ikbar numru ta' individwi possibbli jkunu jistgħu jiżvolġu rwol attiv fl-ekonomija kollaborattiva u jilliberaw il-potenzjal tagħha;

(1) ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9.

54. Jenfasizza li l-ICTs jippermettu li l-ideat innovattivi fl-ekonomija kollaborattiva jevolvu malajr u b'mod effiċjenti, filwaqt li jgħaqqdu u jagħtu s-setgħa lill-parteċipanti, kemm jekk ikunu utenti kif ukoll fornituri ta' servizzi, billi jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom fis-suq u l-involviment tagħhom fih, u b'hekk jagħmlu liż-żoni remoti u rurali aktar aċċessibbli;

55. Jistieden lill-Kummissjoni tkun proattiva fl-inkoraġġiment ta' kooperazzjoni pubblika-privata partikolarment fir-rigward tal-introduzzjoni tal-e-IDs, biex iżżid il-fiduċja tal-konsumatur u tal-fornituri ta' servizz fi tranżazzjonijiet online, biex tibni fuq il-qafas tal-UE għal rikonoxximent reċiproku ta' eIDs, u biex tindirizza ostakli eżistenti oħra għat-tkabbir fl-ekonomija kollaborattiva, bħall-ostakli għall-għoti ta' skemi ta' assikurazzjoni transfruntiera;

56. Jindika l-mod li bih l-introduzzjoni tal-5G se tibdel b'mod fundamentali l-loġika tal-ekonomiji tagħna filwaqt li tagħmel is-servizzi aktar varjati u aċċessibbli; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li jinħoloq suq kompetittiv għan-negozji innovattivi, li s-suċċess tagħhom fl-aħħar mill-aħħar se jiddefinixxi s-saħħa tal-ekonomiji tagħna;

57. Jinnota li l-ekonomija kollaborattiva qed issir dejjem aktar importanti fis-settur tal-enerġija, u li qed tippermetti lill-konsumaturi, il-produtturi, l-individwi u l-komunitajiet jipparteċipaw b'mod effiċjenti f'bosta fażijiet deċentralizzati taċ-ċiklu tal-enerġija rinovabbli, inklużi l-awtoproduzzjoni u l-awtokonsum, il-ħżin u t-tqassim, bi qbil mal-objettivi tal-klima u l-enerġija tal-Unjoni;

58. Jirrimarka li l-ekonomija kollaborattiva tikber, partikolarment f'dawk il-komunitajiet li fihom mudelli ta' kondiviżjoni tal-għarfien u l-edukazzjoni huma qawwija, b'hekk jikkatalizzaw u jikkonsolidaw kultura ta' innovazzjoni miftuħa; jenfasizza l-importanza ta' netwerks fissi u bla fili ultra veloċi bħala prekundizzjoni biex jiġi żviluppat il-potenzjal sħiħ tal-ekonomija kollaborattiva u biex jinkisbu l-benefiċċji offruti mill-mudell kollaborattiv; ifakkar, għalhekk, fil-ħtieġa li jkun permess aċċess adegwat għan-netwerk għaċ-ċittadini kollha fl-UE, speċjalment f'dawk iż-żoni l-inqas popolati, remoti jew rurali, fejn għad m'hemmx disponibbli konnettività suffiċjenti;

59. Jissottolinja li l-ekonomija kollaborattiva hija ekosistema li teħtieġ appoġġ għall-iżvilupp u l-espansjoni tagħha u li teħtieġ tibqa' miftuħa għar-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġiji ġodda sabiex tattira investimenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE jkunu validi għall-futur, b'attenzjoni partikolari għall-ftuħ ta' spazji orjentati lejn l-esperimentazzjoni u mhux esklużivi u t-trawwim tal-konnettività u l-litteriżmu diġitali, l-appoġġ ta' imprendituri u negozji ġodda Ewropej, l-inċentivazzjoni tal-Industrija 4.0, iċ-ċentri ta' innovazzjoni, il-clusters u l-inkubaturi, filwaqt li fl-istess ħin jiżviluppaw sinerġiji ta' koabitazzjoni mal-mudelli ta' negozju tradizzjonali;

60. Jenfasizza n-natura kumplessa tas-settur tat-trasport fi ħdan l-ekonomija kollaborattiva u barra minnha; jinnota li dan is-settur hu suġġett għal regolamentazzjoni qawwija; jinnota l-potenzjal tal-mudelli tal-ekonomija kollaborattiva biex jittejbu b'mod sinifikanti l-effiċjenza u l-iżvilupp sostenibbli tas-sistema tat-trasport (inkluż permezz ta' biljetti tal-ivvjaġġar multimodali u konsistenti fi vjaġġ wieħed għall-utenti tat-trasport b'apps tal-ekonomija kollaborattiva) is-sikurezza u s-sigurtà tagħha u li tagħmel iż-żoni remoti jsiru iktar aċċessibbli u tnaqqas l-esternalitajiet mhux mixtieqa tal-konġestjoni tat-traffiku;

61. Jitlob lill-awtoritajiet rilevanti jippromwovu l-koeżistenza benefiċjarja ta' servizzi ta' trasport kollaborattiv u ta' sistema ta' trasport konvenzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-ekonomija kollaborattiva fil-ħidma tagħha dwar teknoloġiji ġodda fit-trasport (vetturi konnessi, vetturi awtonomi, ħruġ ta' biljetti diġitali integrat u sistemi ta' trasport intelliġenti) minħabba l-interazzjonijiet qawwija u s-sinerġiji naturali tagħhom;

62. Jenfasizza l-ħtieġa ta' ċertezza legali għal pjattaformi u l-utenti tagħhom sabiex ikun żgurat l-iżvilupp tal-ekonomija kollaborattiva fis-settur tat-trasport fl-UE; jinnota li fis-settur tal-mobbiltà, hu importanti li b'mod ċar ikun differenzjat bejn fuq naħa waħda (i) car-pooling u l-qsim tal-ispejjeż fil-kuntest ta' trip eżistenti li x-xufier ikun ippjana għall-iskopijiet tiegħu, u fuq l-oħra (ii) servizzi tat-trasport tal-passiġġieri regolat;

63. Ifakkar li, skont l-estimi tal-Kummissjoni, l-akkomodazzjoni bejn il-pari hija l-akbar settur tal-ekonomija kollaborattiva fuq il-bażi tal-kummerċ iġġenerat, filwaqt li t-trasport bejn il-pari hija l-akbar pjattaforma meta mkejla mil-lat ta' dħul;

**Il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017**

64. Jenfasizza li fis-settur tat-turiżmu l-kondiviżjoni tad-djar tirrappreżenta użu eċċellenti tar-riżorsi u tal-ispajzju li mhux użat biżżejjed, speċjalment fiż-żoni li tradizzjonalment ma jibbenefikawx mit-turiżmu;

65. Jikkundanna, f'dan ir-rigward, ir-regolamenti li qed jiġu imposti minn xi awtoritajiet pubbliċi, li jippruvaw jillimitaw il-provvista ta' akkomodazzjoni turistika offruta permezz tal-ekonomija kollaborattiva;

66. Jiġbed l-attenzjoni għad-diffikultajiet iffaċċjati mill-pjattaformi kollaborattivi Ewropej fl-aċċess għall-kapital ta' riskju u fl-istrateġiji ta' żvilupp tagħhom, aċċentwati mid-daqs żgħir u l-frammentazzjoni tas-swieq domestiċi u minn nuqqas kritiku ta' investimenti transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti ta' finanzjament eżistenti biex jinvestu f'negozji kollaborattivi u jippromwovu inizjattivi li jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament, speċjalment għal negozji ġodda, impriżi żgħar u ta' daqs medju u n-negozji;

67. Jenfasizza li sistemi ta' finanzjament kollaborattiv, bħall-finanzjament kollettiv, huwa kumpliment importanti għal finanzjament tradizzjonali bħala parti minn ekosistema ta' finanzjament effettiva;

68. Jinnota li s-servizzi provduti mill-SMEs fis-settur tal-ekonomija kollaborattiva mhux dejjem huma mfassla apposta għall-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabbiltajiet u l-anzjani; jappella għal għodod u programmi bil-ħsieb li dawn l-operaturi jiġu appoġġjati jqisu l-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabbiltajiet;

69. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita u tippromwovi l-aċċess għal linji ta' finanzjament xierqa għal imprendituri Ewropej li joperaw fis-settur tal-ekonomija kollaborattiva, kif ukoll fil-qafas tal-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-UE -Orizzont 2020;

70. Jinnota l-iżvilupp rapidu u d-diffużjoni li qed tiżdied tat-teknoloġiji innovattivi u tal-għodda diġitali, bħall-blockchains u teknoloġiji ta' reġistru distribwit, ukoll fis-settur finanzjarju; jissottolinja li l-użu ta' dawn it-teknoloġiji deċentralizzati jippermetti tranżazzjonijiet effettivi bejn il-pari u konnessjonijiet fl-ekonomija kollaborattiva li jwasslu għall-ħolqien ta' swieq jew netwerks indipendenti u jissostitwixxu, fil-futur, ir-rwol li jiżvolġu llum l-intermedjarji fil-pjattaformi kollaborattivi;

o

o o

71. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P8_TA(2017)0272

# Il-Pjattaformi Online u s-Suq Uniku Diġitali

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar il-pjattaformi online u s-suq uniku diġitali (2016/2276(INI))**

(2018/C 331/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2016 dwar "Il-Pjattaformi Online u s-Suq Uniku Diġitali Opportunitajiet u Sfidi għall-Ewropa" (COM(2016)0288) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha (SWD(2016)0172),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ġunju 2016 dwar "Aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva" (COM(2016)0356) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha (SWD(2016) 0184),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 2016 dwar "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016-2020 Inħaffu t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika" (COM(2016)0179) u d-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjawha (SWD(2016)0108 u SWD(2016)0109),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 2016 dwar "Id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea Ingawdu l-benefiċċji kollha ta' Suq Uniku Diġitali" (COM(2016)0180) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha (SWD(2016)0110),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2015 dwar "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa" (COM(2015)0192) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha (SWD(2015) 0100),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 2016 dwar l-"Inizjattiva Cloud Ewropea – Il-bini ta' dejta kompetittiva u ekonomija tal-għarfien fl-Ewropa" (COM(2016)0178) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha (SWD(2016)0106),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Jannar 2017 dwar "Il-Bini ta' Ekonomija Ewropea tad-Data" (COM(2017)0009) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha (SWD(2017)0002),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 dwar l-Inizjattiva Cloud Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2016 bit-titolu Lejn Att dwar is-Suq Uniku Diġitali ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2017 dwar Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni ([4]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012 fir-rigward tar-regoli għas-swieq tar-roaming bl-ingrossa (COM(2016)0399),

---

([1]) Testi adottati, P8_TA(2017)0052.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0009.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2017)0010.
([4]) ĠU L 310, 26.11.2015, p. 1.

— wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (COM(2016)0590),

— wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-awtur fis-Suq Uniku Diġitali (COM(2016)0593),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ([1]) (Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE ([2]) (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data),

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Informazzjoni) ([3]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (COM(2016)0287) (Direttiva AVMS),

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (COM(2016)0283),

— wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali (COM(2015)0634),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2016 dwar "Gwida dwar l-implimentazzjoni/l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE dwar prattiki kummerċjali żleali" (SWD(2016)0163),

— wara li kkunsidra l-"Gwida tas-settur tal-ICT dwar l-Implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem", ippubblikata mill-Kummissjoni f'Ġunju 2013,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-15 ta' Settembru 2016 bit-titolu "Rapport Preliminari dwar l-Inkjesta Settorjali tal-Kummerċ Elettroniku" (SWD(2016)0312),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Il-Pjattaformi Online u s-Suq Uniku Diġitali – Opportunitajiet u Sfidi għall-Ewropa" ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur skont l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0204/2017),

A. billi r-raison d'être tas-suq uniku diġitali hija li tiġi evitata l-frammentazzjoni bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali u biex jiġu aboliti ostakoli tekniċi, legali u tat-taxxa sabiex jippermettu lin-negozji, liċ-ċittadini u lill-konsumaturi jibbenefikaw bis-sħiħ mill-għodod u s-servizzi diġitali;

---

([1]) ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.
([2]) ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.
([3]) ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1.
([4]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 119.

B. billi d-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji ġodda jkomplu jibdlu l-forom ta' komunikazzjoni, l-aċċess għall-informazzjoni u l-imġiba taċ-ċittadini, tal-konsumaturi u tal-kumpaniji, u billi r-raba' rivoluzzjoni industrijali se twassal għad-diġitalizzazzjoni tal-aspetti kollha tal-ekonomija u tas-soċjetà;

C. billi l-użu li qed jevolvi tal-internet u tal-apparati tal-mobiles joffri opportunitajiet kummerċjali ġodda għan-negozji ta' kull daqs u jiġġenera mudelli ta' negozju ġodda u alternattivi li jieħdu vantaġġ minn teknoloġiji ġodda u mill-aċċess għas-suq globali, imma joħloq ukoll sfidi ġodda;

D. billi l-iżvilupp u l-użu li qed jevolvu ta' pjattaformi tal-internet għal ġabra wiesgħa ta' attivitajiet, inklużi attivitajiet kummerċjali u l-kondiviżjoni ta' oġġetti u servizzi, biddlu l-modi li bihom l-utenti u l-kumpaniji jinteraġixxu mal-fornituri ta' kontenut, il-kummerċjanti u individwi oħra li joffru oġġetti u servizzi;

E. billi d-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku teżenta lill-intermedjarji mir-responsabbiltà għall-kontenut biss jekk la jkollhom għarfien u lanqas kontroll b'rabta mal-informazzjoni trażmessa u/jew ospitata, iżda fejn l-intermedjarji jkollhom għarfien attwali ta' ksur jew attività illegali jew informazzjoni li tirrikjedi azzjoni rapida sabiex ineħħu jew jiddiżattivaw l-aċċess għal informazzjoni jew attività illegali u malli jiksbu tali għarfien;

F. billi bosta pjattaformi online u servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni joffru aċċess aktar faċli għal oġġetti, servizzi u kontenut diġitali, u estendew l-attivitajiet tagħhom fir-rigward tal-konsumaturi u atturi oħra;

G. billi l-Kummissjoni qed twettaq għadd ta' valutazzjonijiet tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u prattiki B2B li jitwettqu minn pjattaformi online lejn l-utenti kummerċjali tagħhom;

H. billi l-kreattività u l-innovazzjoni huma l-muturi tal-ekonomija diġitali, u billi huwa għalhekk essenzjali li jiġi żgurat li jkun hemm livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

***Daħla ġenerali***

1. Jilqa' l-komunikazzjoni dwar "Il-Pjattaformi Online u s-Suq Uniku Diġitali – Opportunitajiet u Sfidi għall-Ewropa";

2. Jilqa' d-diversi inizjattivi diġà proposti taħt l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa; jenfasizza l-importanza tal-koordinazzjoni u l-konsistenza bejn dawn l-inizjattivi; iqis li l-ksib ta' suq uniku diġitali huwa essenzjali għat-trawwim tal-kompetittività tal-UE, għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja u b'ħiliet għolja u għall-promozzjoni tat-tkabbir tal-ekonomija diġitali fl-Ewropa;

3. Jirrikonoxxi li l-pjattaformi online jibbenefikaw mill-ekonomija u s-soċjetà diġitali tal-lum billi jżidu l-għażliet disponibbli għall-konsumaturi u joħolqu u jiffurmaw swieq ġodda; jirrimarka, madankollu, li l-pjattaformi online jippreżentaw sfidi ġodda regolatorji u ta' politika;

4. Ifakkar li bosta politiki tal-UE japplikaw ukoll għall-pjattaformi online, iżda jinnota li f'xi każijiet il-leġiżlazzjoni ma tiġix infurzata kif suppost jew tiġi interpretata b'mod differenti mill-Istati Membri; jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni u infurzar xierqa tal-leġiżlazzjoni tal-UE qabel ma jitqies jekk hemmx ħtieġa li l-qafas legali attwali jiġi kkomplementat sabiex tiġi rrimedjata din is-sitwazzjoni;

5. Jilqa' l-ħidma li qed issir biex jiġi aġġornat u kkomplementat il-qafas ġuridiku attwali sabiex ikun adatt għall-iskop fl-era diġitali; jemmen li ambjent regolatorju effikaċi u attraenti huwa vitali għall-iżvilupp ta' negozju online u diġitali fl-Ewropa;

***Id-definizzjoni ta' pjattaformi***

6. Jirrikonoxxi li jkun diffiċli ħafna li tintlaħaq definizzjoni ta' pjattaformi online fil-livell tal-UE li tkun unika, legalment rilevanti u ħielsa mill-problemi fil-futur, minħabba fatturi bħal pereżempju l-varjetà kbira tat-tipi ta' pjattaformi online eżistenti u l-oqsma ta' attività tagħhom, kif ukoll minħabba l-ambjent tad-dinja diġitali li qed jinbidel b'rata mgħaġġla; jemmen li fi kwalunkwe każ definizzjoni tal-UE waħda jew approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" ma jgħinux lill-UE tirnexxi fl-ekonomija tal-pjattaforma;

7. Huwa konxju, fl-istess waqt, mill-importanza li tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern tal-UE li tista' sseħħ permezz tal-proliferazzjoni ta' regoli u ta' definizzjonijiet reġjonali jew nazzjonali, kif ukoll tal-ħtieġa li tiġi pprovduta ċertezza u kundizzjonijiet ekwi kemm għan-negozji kif ukoll għall-konsumaturi;

8. Jemmen, għalhekk, li l-pjattaformi online jenħtieġ li jiġu distinti u definiti f'leġiżlazzjoni speċifika għas-setturi rilevanti fil-livell tal-UE skont il-karatteristiċi, il-klassifikazzjonijiet u l-prinċipji tagħhom u skont approċċ immotivat mill-problemi;

9. Jilqa' l-ħidma li għaddejja tal-Kummissjoni dwar il-pjattaformi online, inklużi konsultazzjonijiet tal-partijiet interessati u t-twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt; jemmen li dan it-tip ta' approċċ ibbażat fuq l-evidenza huwa essenzjali għall-ħolqien ta' fehim komprensiv f'dan il-qasam; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi, jekk ikun meħtieġ, miżuri regolatorji jew miżuri oħra bbażati fuq din l-analiżi fil-fond;

10. Jinnota li l-pjattaformi online B2C u C2C joperaw fi ħdan medda diversa ħafna ta' attivitajiet, bħal pereżempju l-kummerċ elettroniku, il-media, il-magni tat-tiftix, il-komunikazzjonijiet, is-sistemi ta' pagament, il-forniment tax-xogħol, is-sistemi operattivi, it-trasport, ir-reklamar, id-distribuzzjoni ta' kontenut kulturali, l-ekonomija kollaborattiva u n-netwerks soċjali; jinnota wkoll li minkejja li ċerti karatteristiċi komuni jippermettu l-identifikazzjoni ta' dawn l-entitajiet, il-pjattaformi online jistgħu jieħdu ħafna forom u jistgħu jittieħdu ħafna approċċi differenti biex tiġi identifikata waħda;

11. Jinnota li pjattaformi online B2C u C2C huma, xi ftit jew wisq, ikkaratterizzati minn ċerti karatteristiċi komuni, bħal, iżda mhux limitati għal: swieq li joperaw b'diversi aspetti; jippermettu lill-partijiet jagħmlu parti minn żewġ gruppi tal-utenti distinti jew aktar biex jidħlu f'kuntatt dirett b'mezzi elettroniċi; konnessjoni ta' tipi differenti ta' utenti; joffru servizzi online mfassla skont il-preferenzi tal-utent u bbażati fuq data pprovduta mill-utenti; il-klassifikazzjoni jew referenzjar tal-kontenut, pereżempju bl-użu ta' algoritmi, oġġetti jew servizzi proposti jew imqiegħda online minn partijiet terzi; li jlaqqgħu flimkien diversi partijiet bl-għan tal-bejgħ ta' oġġett, il-provvista ta' servizz jew l-iskambju jew il-kondiviżjoni ta' kontenut, informazzjoni, oġġetti jew servizzi;

12. Jirrimarka l-importanza kruċjali li jiġu ċċarati l-metodi li bihom jittieħdu deċiżjonijiet fuq il-bażi ta' algoritmi u li tiġi promossa t-trasparenza fl-użu ta' dawn l-algoritmi; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jeżaminaw il-potenzjal ta' żbalji u preġudizzji fl-użu ta' algoritmi sabiex jiġi evitat kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni jew ta' prattika inġusta u kwalunkwe ksur ta' privatezza;

13. Iqis madankollu li jenħtieġ li ssir differenza ċara bejn pjattaformi B2C u B2B, fid-dawl tal-pjattaformi online B2B emerġenti, li huma ewlenin għall-iżvilupp tal-internet industrijali bħas-servizzi bbażati fuq cloud jew pjattaformi għall-kondiviżjoni tad-data li jippermettu l-komunikazzjoni bejn il-prodotti tal-internet tal-oġġetti; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-ostakoli fis-suq uniku li qed ixekklu t-tkabbir ta' dawn il-pjattaformi;

***Il-faċilitazzjoni tat-tkabbir sostenibbli tal-pjattaformi online Ewropej***

14. Jinnota li l-pjattaformi online jużaw l-internet bħala mezz ta' interazzjoni u jaġixxu bħala faċilitaturi bejn il-partijiet, u għaldaqstant jipprovdu benefiċċji lill-utenti, lill-konsumaturi u lin-negozji billi jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq globali; jinnota li l-pjattaformi online jistgħu jikkontribwixxu għall-aġġustament tal-provvista u d-domanda tal-oġġetti u tas-servizzi, abbażi tas-sentiment komunitarju, l-aċċess kondiviż, ir-reputazzjoni u l-fiduċja;

15. Jinnota li l-pjattaformi u l-applikazzjonijiet online, li ħafna minnhom huma maħluqa minn żviluppaturi tal-applikazzjonijiet Ewropej, jibbenefikaw mill-għadd enormi u dejjem jikber ta' apparati mobbli, PCs, laptops u apparati oħra tal-informatika konnessi, u qed ikunu dejjem aktar disponibbli fuq dawk l-apparati;

16. Jirrimarka li l-ogħla prijorità jeħtieġ li tingħata sabiex ikun żgurat biżżejjed investiment għall-introduzzjoni ta' netwerks tal-broadband b'veloċità għolja u infrastrutturi diġitali oħra sabiex jintlaħqu l-miri ta' konnettività ta' soċjetà tal-gigabits, peress li tali introduzzjoni hija kruċjali biex tippermetti liċ-ċittadini u lin-negozji jaħsdu l-benefiċċji tal-iżvilupp ta' teknoloġija 5G, u b'mod ġenerali biex tiġi żgurata l-konnettività bejn l-Istati Membri;

17. Jenfasizza li l-użu dejjem aktar mifrux ta' apparati intelliġenti, inklużi smartphones u tablets, estenda u tejjeb aktar l-aċċess għal servizzi ġodda, inklużi pjattaformi online, u b'hekk saħħaħ ir-rwol tagħhom fl-ekonomija u fis-soċjetà, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ, imma aktar u aktar fost il-gruppi tal-etajiet kollha; jinnota li d-diġitalizzazzjoni se tkompli tiżdied bl-iżvilupp b'ritmu mgħaġġel tal-internet tal-oġġetti, li huwa mistenni li jikkollega 25 biljun oġġett sal-2020;

18. Iqis li l-aċċess għall-pjattaformi online permezz ta' teknoloġija ta' kwalità għolja huwa importanti għaċ-ċittadini u n-negozji kollha, mhux biss għal dawk li huma diġà attivi online; jenfasizza l-importanza li jiġi evitat il-ħolqien ta' lakuni li jistgħu potenzjalment jinħolqu minn nuqqas ta' ħiliet diġitali jew aċċess inugwali għat-teknoloġija; jenfasizza li approċċ impenjat lejn l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali huwa meħtieġ fil-livell nazzjonali u Ewropew;

19. Jiġbed l-attenzjoni lejn is-swieq ta' pjattaformi online li qed jiżviluppaw b'mod rapidu, li joffru spazju ġdid għall-prodotti u s-servizzi; jirrikonoxxi n-natura globali u transfruntiera ta' dawn is-swieq; jirrimarka li s-swieq ta' pjattaformi online globali joffru lill-konsumaturi firxa wiesgħa ta' għażliet u kompetizzjoni effikaċi tal-prezzijiet; jinnota li l-ftehim "roam like at home" isostni d-dimensjoni transfruntiera tal-pjattaformi online billi jagħmel l-użu ta' servizzi online aktar affordabbli;

20. Jinnota r-rwol dejjem jikber tal-pjattaformi online fil-kondiviżjoni u l-provvista ta' aċċess għall-aħbarijiet u għal informazzjoni oħra siewja għaċ-ċittadini kif ukoll għall-funzjonament tad-demokrazija; jemmen li l-pjattaformi online jistgħu jaġixxu wkoll bħala faċilitaturi tal-governanza elettronika;

21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tippromwovi t-tkabbir ta' pjattaformi online Ewropej u ta' negozji ġodda u ssaħħaħ il-kapaċità tagħhom biex jespandu u jikkompetu globalment; jistieden lill-Kummissjoni żżomm politika li tiffavorixxi l-innovazzjoni fir-rigward tal-pjattaformi online sabiex tiffaċilita d-dħul fis-suq; jiddispjaċih dwar il-proporzjon baxx ta' kapitalizzazzjoni tas-suq tal-UE fuq pjattaformi online; jisħaq ukoll fuq l-importanza li jitneħħew l-ostakoli li jfixklu l-operat bla xkiel ta' pjattaformi online bejn il-fruntieri u li jfixklu t-tħaddim tas-suq uniku diġitali Ewropew; jenfasizza l-importanza tan-nondiskriminazzjoni u tal-ħtieġa li jiġi ffaċilitat il-bdil bejn il-pjattaformi li joffru servizzi kompatibbli;

22. Jenfasizza li fatturi kruċjali jinkludu l-ambjent miftuħ, ir-regoli omoġenji, id-disponibbiltà ta' konnettività suffiċjenti, l-interoperabbiltà tal-applikazzjonijiet eżistenti u d-disponibbiltà ta' standards miftuħa;

23. Jirrikonoxxi l-benefiċċji sinifikanti li l-pjattaformi online jistgħu joffru lill-SMEs u lin-negozji ġodda; jinnota li l-pjattaformi online spiss huma l-ewwel pass l-aktar faċli u l-aktar xieraq għan-negozji ż-żgħar li jkunu jixtiequ jmorru online u jibbenefikaw minn kanali ta' distribuzzjoni online; jinnota li l-pjattaformi online jippermettu lill-SMEs u lin-negozji l-ġodda jkollhom aċċess għas-swieq globali mingħajr ma jkollhom jinvestu b'mod eċċessiv fil-bini ta' infrastruttura diġitali għalja; jissottolinja l-importanza tat-trasparenza u l-aċċess ġust għall-pjattaformi, u jfakkar li d-dominanza li qed tiżdied ta' xi pjattaformi online jenħtieġ li ma tnaqqasx il-libertà intraprenditorjali;

24. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprijoritizza azzjonijiet li jippermettu li negozji Ewropej ġodda u pjattaformi online Ewropej jinħolqu u jespandu; jenfasizza li l-faċilitazzjoni tal-finanzjament u tal-investiment f'negozji ġodda, bl-użu tal-istrumenti ta' finanzjament eżistenti kollha, hija vitali għall-iżvilupp ta' pjattaformi online li joriġinaw fl-Ewropa, b'mod partikolari permezz ta' aċċess għal kapital ta' riskju u mezzi differenti bħal dawk bankarji jew fondi pubbliċi, jew permezz ta' għażliet alternattivi ta' finanzjament bħalma huma l-finanzjament kollettiv u l-investiment kollettiv;

25. Jinnota li xi pjattaformi online jagħmlu possibbli l-ekonomija kollaborattiva u jikkontribwixxu għat-tkabbir tagħha fl-Ewropa; jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ekonomija kollaborattiva u jenfasizza li din jenħtieġ li tirrappreżenta l-ewwel pass lejn strateġija tal-UE aktar komprensiva f'dan il-qasam li jappoġġja l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ġodda; jenfasizza li dawk il-mudelli ta' negozju ġodda joħolqu impjiegi, irawwmu l-intraprenditorija u joffru servizzi ġodda, aktar għażla u prezzijiet aħjar għaċ-ċittadini u għall-konsumaturi, kif ukoll jiġġeneraw il-flessibbiltà u opportunitajiet ġodda, iżda jistgħu wkoll jagħtu lok għal sfidi u riskji għall-ħaddiema;

26. Jirrimarka li l-Istati Membri għamlu avvanz fil-qasam tax-xogħol u tal-istandards soċjali u fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin, u jenfasizza li l-iżvilupp tad-dimensjoni soċjali jrid jiġi garantit ukoll fl-era diġitali; jinnota li d-diġitalizzazzjoni li qed tiżdied tħalli impatt fuq is-swieq tax-xogħol, fuq id-definizzjoni mill-ġdid tal-impjiegi u fuq ir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-ħaddiema u n-negozji; jinnota l-importanza li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet tax-xogħol u għad-drittijiet soċjali u għall-infurzar xieraq tal-leġiżlazzjoni eżistenti sabiex jitrawwmu aktar l-iskemi ta' sigurtà soċjali u l-kwalità tal-impjiegi; jistieden ukoll lill-Istati Membri, f'kollaborazzjoni mas-sħab soċjali u mal-partijiet interessati rilevanti oħra, biex jivvalutaw il-ħtieġa għall-modernizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti, inklużi s-sistemi ta' sigurtà soċjali, sabiex iżommu ruħhom aġġornati dwar l-iżvilupp teknoloġiku filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ħaddiema, kif ukoll jiġu garantiti kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti u jiġu prodotti benefiċċji ġenerali għas-soċjetà fl-intier tagħha;

27. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm sigurtà soċjali adegwata għall-ħaddiema indipendenti, li huma atturi ewlenin fis-suq tax-xogħol diġitali; jistieden ukoll lill-Istati Membri jiżviluppaw mekkaniżmi ġodda ta' protezzjoni, fejn meħtieġ, sabiex jiżguraw kopertura adegwata għall-ħaddiema tal-pjattaformi online kif ukoll in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn is-sessi, u biex jikkondividu l-aħjar prattiki fil-livell Ewropew;

28. Jinnota li l-pjattaformi tas-saħħa online jistgħu jappoġġjaw attivitajiet innovattivi billi joħolqu u jittrasferixxu l-għarfien rilevanti minn konsumaturi impenjati fil-kura tas-saħħa lejn l-innovazzjoni tal-ambjent tal-kura tas-saħħa; jenfasizza li pjattaformi ġodda tal-innovazzjoni, flimkien se jfasslu u joħolqu l-ġenerazzjoni li jmiss ta' prodotti tal-kura tas-saħħa innovattivi sabiex jaqblu preċiżament mal-ħtiġijiet li attwalment mhumiex issodisfati;

***Tiġi ċċarata r-responsabbiltà tal-intermedjarji***

29. Jinnota li r-reġim attwali tal-UE fir-rigward tar-responsabbiltà limitata tal-intermedjarji huwa waħda mill-kwistjonijiet imqajma minn ċerti partijiet interessati fid-dibattitu li għaddej dwar il-pjattaformi online; jinnota li l-konsultazzjoni dwar l-ambjent regolatorju għall-pjattaformi wriet appoġġ relattiv għall-qafas attwali li jinsab fid-Direttiva dwar il-Kummerċ elettroniku, iżda wkoll il-ħtieġa li jiġu eliminati ċerti nuqqasijiet fl-infurzar tagħha; jemmen, għaldaqstant, li r-reġim ta' responsabbiltà għandu jiġi ċċarat aktar, peress li huwa pilastru kruċjali għall-ekonomija diġitali tal-UE; jemmen li tinħtieġ gwida mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas ta' responsabbiltà intermedjarja sabiex tippermetti lil pjattaformi online jikkonformaw mar-responsabbiltajiet tagħhom u r-regoli dwar ir-responsabbiltà, ittejjeb iċ-ċertezza legali, u żżid il-fiduċja tal-utenti; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa aktar passi f'dan is-sens, u jfakkar li l-pjattaformi li ma jiżvolġux rwol newtrali kif definit fid-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku ma jistgħux jitolbu eżenzjoni mir-responsabbiltà;

30. Jenfasizza li, minkejja l-fatt li llum qed jiġi kkunsmat aktar kontenut kreattiv minn qatt qabel fuq servizzi bħal pjattaformi ta' kontenut imtella' mill-utenti u servizzi ta' aggregazzjoni tal-kontenut, is-setturi kreattivi ma rawx żieda komparabbli fi dħul minn din iż-żieda fil-konsum; jenfasizza li waħda mir-raġunijiet prinċipali għal dan qed tiġi meqjusa bħala trasferiment ta' valur li rriżulta minħabba n-nuqqas ta' ċarezza rigward l-istatus ta' dawn is-servizzi online skont il-liġi tad-drittijiet tal-awtur u tal-kummerċ elettroniku; jenfasizza li nħoloq suq inġust, li qed jhedded l-iżvilupp tas-suq uniku diġitali u l-atturi ewlenin tiegħu, b'mod partikolari l-industriji kulturali u kreattivi;

31. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Kummissjoni li tippubblika gwida dwar ir-responsabbiltà intermedjarja peress li hemm ċertu nuqqas ta' ċarezza rigward ir-regoli attwali u l-implimentazzjoni tagħhom f'xi Stati Membri; jemmen li l-gwida se ssaħħaħ il-fiduċja tal-utenti fis-servizzi online; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta l-proposti tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni lejn id-differenzi regolatorji bejn id-dinja online u dik offline u toħloq kundizzjonijiet ekwi għal servizzi komparabbli online u offline, fejn meħtieġ u possibbli u filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet ta' kull qasam, l-evoluzzjoni tas-soċjetà, il-ħtieġa għal aktar trasparenza u ċertezza legali, u l-bżonn li ma tiġix imfixkla l-innovazzjoni;

32. Iqis li l-pjattaformi diġitali huma mezz biex jingħata aċċess usa' għal xogħlijiet kulturali u kreattivi u joffru opportunitajiet kbar biex l-industriji kulturali u kreattivi jiżviluppaw mudelli ġodda ta' negozju; jenfasizza l-ħtieġa li jitqies kif dan il-proċess jista' jiffunzjona b'aktar ċertezza legali u b'rispett akbar għad-detenturi tad-drittijiet; jissottolinja l-importanza tat-trasparenza u li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi; iqis, f'dan ir-rigward, li l-protezzjoni tad-detenturi tad-drittijiet fi ħdan il-qafas tad-drittijiet tal-awtur u tal-proprjetà intellettwali hija meħtieġa sabiex tiżgura r-rikonoxximent tal-valuri u l-istimolu tal-innovazzjoni, il-kreattività, l-investiment u l-produzzjoni tal-kontenut;

33. Iħeġġeġ lill-pjattaformi online jsaħħu l-miżuri li jindirizzaw kontenut illegali u ta' ħsara online; jilqa' x-xogħol li għaddej fuq id-Direttiva AVMS u l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi miżuri għal pjattaformi ta' "video-sharing" sabiex jiġu protetti l-minuri u jitneħħa kontenut relatat mad-diskors ta' mibegħda; jinnota n-nuqqas ta' referenzi għall-kontenut relatat mal-inċitament għat-terroriżmu; jappella biex tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi evitat il-bullying u l-vjolenza kontra persuni vulnerabbli;

34. Iqis li r-regoli ta' responsabbiltà għal pjattaformi online għandhom jippermettu l-indirizzar ta' kwistjonijiet relatati ma' kontenut u oġġetti illegali b'mod effiċjenti, pereżempju billi tiġi applikata diliġenza dovuta filwaqt li jinżamm approċċ bilanċjat u li jirrispetta l-innovazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiddefinixxi u tiċċara aktar il-proċeduri ta' avviż u tneħħija u tipprovdi gwida dwar miżuri volontarji bl-għan li jindirizzaw tali kontenut;

35. Jenfasizza l-importanza li tittieħed azzjoni kontra t-tixrid ta' aħbarijiet foloz; jistieden lill-pjattaformi online jipprovdu lill-utenti b'għodod biex jiddenunzjaw aħbarijiet foloz b'tali mod li utenti oħra jkunu jistgħu jiġu mgħarrfa li l-veraċità tal-kontenut tkun ġiet ikkontestata; jirrimarka, fl-istess waqt, li l-iskambju ħieles tal-opinjonijiet huwa fundamentali għad-demokrazija u li d-dritt għall-privatezza japplika wkoll fil-qasam tal-media soċjali; jenfasizza l-valur tal-istampa ħielsa fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni affidabbli liċ-ċittadini;

36. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza fil-fond is-sitwazzjoni attwali u l-qafas legali fir-rigward tal-aħbarijiet foloz, u tivverifika l-possibbiltà ta' intervent leġiżlattiv biex jiġu limitati d-disseminazzjoni u t-tixrid ta' kontenut falz;

37. Jenfasizza l-ħtieġa li pjattaformi online li jiġġieldu kontra l-oġġetti u l-kontenut illegali u l-prattiki inġusti (pereżempju, il-bejgħ mill-ġdid ta' biljetti tad-divertiment bi prezzijiet esaġerati), permezz ta' miżuri regolatorji kkomplementati b'miżuri awtoregolatorji effikaċi (pereżempju, permezz ta' termini ċari ta' użu u mekkaniżmi xierqa sabiex jiġu identifikati r-reċidivi, jew permezz tat-twaqqif ta' timijiet speċjalizzati li jimmoderaw il-kontenut u jittraċċaw prodotti perikolużi) jew miżuri ibridi;

38. Jilqa' l-Kodiċi ta' Kondotta dwar id-Diskors Illegali ta' Mibegħda għall-industrija, li ntlaħaq qbil dwaru fl-2016 u li ġie appoġġjat mill-Kummissjoni, u jitlob lil din tal-aħħar tiżviluppa mezzi adegwati u raġonevoli għal pjattaformi online biex jidentifikaw u jneħħu l-oġġetti u l-kontenut illegali;

39. Jemmen li l-konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u d-Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Informazzjoni (NIS) hija essenzjali fir-rigward tas-sjieda tad-data; jinnota li l-utenti spiss ikollhom inċentivi biex jaqsmu d-data personali tagħhom ma' pjattaformi online; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-utenti jiġu infurmati dwar in-natura eżatta tad-data miġbura u l-modi kif se tintuża; jissottolinja li huwa essenzjali għall-utenti li jkollhom kontroll fuq il-ġbir u l-użu tad-data personali tagħhom; jenfasizza li għandu jkun hemm ukoll l-għażla li d-data personali ma tiġix kondiviża; jinnota li r-regola tad-"dritt li jkun minsi" tapplika wkoll għal pjattaformi online; jistieden lill-pjattaformi online jiżguraw li l-anonimità hija garantita meta partijiet terzi jittrattaw data personali;

40. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonkludi malajr ir-rieżami tagħha tal-ħtieġa għal proċeduri formali ta' avviż u azzjoni bħala mezz promettenti kif jissaħħaħ ir-reġim ta' responsabbiltà b'mod armonizzat madwar l-UE kollha;

41. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tippreżenta kemm jista' jkun malajr il-gwida prattika tagħha dwar is-sorveljanza tas-suq ta' prodotti mibjugħa online;

***Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi***

42. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn fornituri tas-servizz ta' pjattaformi online u servizzi oħra li magħhom jikkompetu, inklużi B2B u C2C; jenfasizza li ċ-ċertezza regolatorja hija essenzjali biex tinħoloq ekonomija diġitali ta' suċċess; jinnota li l-pressjoni kompetittiva tvarja bejn setturi differenti u bejn atturi differenti fi ħdan is-setturi; ifakkar għaldaqstant li soluzzjonijiet universali rarament huma xierqa; iqis li kwalunkwe soluzzjoni jew miżura regolatorja mfassla apposta proposta għandha tqis il-karatteristiċi speċifiċi ta' pjattaformi sabiex tiżgura l-kompetizzjoni ġusta fuq bażi ugwali;

43. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-daqs ta’ pjattaformi online jvarja minn kumpaniji multinazzjonali għal mikrointrapriżi; jenfasizza l-importanza ta’ kompetizzjoni ġusta u effikaċi bejn pjattaformi online biex tkun promossa l-għażla tal-konsumatur u jkun evitat il-ħolqien ta’ monopolji jew pożizzjonijiet dominanti li jwasslu għal distorsjonijiet fis-swieq permezz tal-abbuż tal-poter tas-suq; jisħaq fuq il-fatt li l-iffaċilitar ta’ bdil bejn pjattaformi online jew servizzi online hija miżura essenzjali biex jiġu evitati l-fallimenti tas-suq u biex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta’ intrappolament;

44. Jinnota li pjattaformi online qed ibiddlu l-mudell tan-negozju tradizzjonali li huwa regolat ħafna; jissottolinja li riformi possibbli tal-qafas regolatorju eżistenti għandhom jikkonċentraw fuq l-armonizzazzjoni tar-regoli u t-tnaqqis tal-frammentazzjoni regolatorja, sabiex jiżguraw suq miftuħ u kompetittiv għall-pjattaformi online filwaqt li jiggarantixxu standards għoljin ta’ protezzjoni għall-konsumatur; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi evitata r-regolamentazzjoni żejda u li jitkomplew il-proċess REFIT u l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ regolamentazzjoni aħjar; jenfasizza l-importanza tan-newtralità teknoloġika u tal-koerenza bejn ir-regoli li japplikaw kemm online kif ukoll offline f’sitwazzjonijiet ekwivalenti safejn hu meħtieġ u possibbli; jenfasizza li ċ-ċertezza regolatorja trawwem il-kompetizzjoni, l-investiment u l-innovazzjoni;

45. Jissottolinja l-importanza tal-investiment fl-infrastruttura kemm f’żoni urbani kif ukoll rurali; jenfasizza li kompetizzjoni ġusta tiżgura l-investiment f’servizzi ta’ broadband b’veloċità għolja u ta’ kwalità; jisħaq fuq il-fatt li aċċess affordabbli għal infrastruttura affidabbli b’veloċità għolja, bħal konnessjonijiet u telekomunikazzjonijiet veloċi ħafna, kif ukoll l-użu sħiħ tagħha, irawmu l-forniment u l-użu tas-servizzi tal-pjattaformi online; jenfasizza l-ħtieġa għan-newtralità tal-internet u aċċess ġust u nondiskriminatorju għal pjattaformi online bħala prerekwiżit għall-innovazzjoni u suq verament kompetittiv; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tissemplifika l-iskemi ta’ finanzjament għal inizjattivi relatati li jiffaċilitaw il-proċess ta’ diġitalizzazzjoni, sabiex tuża l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), il-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej (FSIE) u Orizzont 2020 (H2020) u l-kontribuzzjonijiet mill-baġits nazzjonali tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-potenzjal ta’ sħubijiet pubbliċi-privati (PPPs) u l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (ITK);

46. Jistieden lill-Kummissjoni tqis l-istabbiliment ta’ approċċ armonizzat għad-dritt ta’ rettifika, id-dritt ta’ kontrotalba u d-dritt ta’ awtokontroll għall-utenti tal-pjattaformi;

47. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tat-talbiet għad-danni kontra pjattaformi minħabba ċ-ċirkolazzjoni ta’ fatti dispreġjattivi li joħolqu ħsara persistenti lill-utent;

***L-għoti ta’ informazzjoni u setgħa liċ-ċittadini u lill-konsumaturi***

48. Jissottolinja li l-internet tal-ġejjieni ma jistax jikseb suċċess mingħajr il-fiduċja tal-utenti fil-pjattaformi online, mingħajr aktar trasparenza, kundizzjonijiet ekwi, protezzjoni tad-data personali, kontroll aħjar ta’ sistemi ta’ reklamar u sistemi awtomatizzati oħrajn, u pjattaformi online li jirrispettaw il-leġiżlazzjoni applikabbli kollha u l-interessi leġittimi tal-utenti;

49. Jenfasizza l-importanza tat-trasparenza f’dak li għandu x’jaqsam mal-ġbir u l-użu tad-data, u jqis li l-pjattaformi online jridu jwieġbu b’mod adegwat għat-tħassib tal-utenti billi jintalab debitament il-kunsens tagħhom skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u billi jiġu infurmati b’mod iktar effikaċi u ċar dwar liema data personali qed tinġabar u kif qed titqassam u tiġi użata skont il-qafas tal-protezzjoni tad-data tal-UE, filwaqt li tinżamm il-possibbiltà li jiġi rtirat il-kunsens għal dispożizzjonijiet individwali mingħajr ma jintilef l-aċċess komplet għal servizz;

50. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw ir-rispett sħiħ tad-drittijiet taċ-ċittadini għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom fl-ambjent diġitali; jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni korretta tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, filwaqt li tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta’ “privatezza fid-disinn u b’mod awtomatiku”;

51. Jinnota l-importanza li jiġu ċċarati l-kwistjonijiet ta’ aċċess għad-data, ta’ sjieda tad-data u r-responsabbiltà marbuta magħha, u jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta ulterjorment il-qafas regolatorju attwali fir-rigward ta’ dawn il-kwistjonijiet;

52. Jissottolinja li n-natura transfruntiera ta' pjattaformi online tirrappreżenta vantaġġ enormi fl-iżvilupp tas-suq uniku diġitali, iżda tirrikjedi wkoll li jkun hemm kooperazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali; jitlob lis-servizzi u l-mekkaniżmi eżistenti għall-protezzjoni tal-konsumatur jikkollaboraw u jipprovdu protezzjoni tal-konsumatur effiċjenti fir-rigward tal-attivitajiet ta' pjattaformi online; jinnota wkoll l-importanza tar-Regolament dwar l-Infurzar u l-Kooperazzjoni Transfruntiera f'dan ir-rigward; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli tivvaluta kwalunkwe ħtieġa addizzjonali li jiġu aġġornati r-regoli eżistenti dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward ta' pjattaformi, bħala parti mill-kontroll REFIT tal-liġi tal-UE dwar il-konsumatur u l-kummerċjalizzazzjoni fl-2017;

53. Iħeġġeġ lill-pjattaformi online joffru lill-klijenti termini u kundizzjonijiet ċari, komprensivi u ġusti u jiżguraw modi faċli għall-utent ta' kif għandhom jiġu ppreżentati t-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, jiġu pproċessati d-data, il-garanziji legali u kummerċjali u l-ispejjeż possibbli, filwaqt li tiġi evitata t-terminoloġija kumplessa sabiex jissaħħu l-protezzjoni tal-konsumatur u l-fiduċja u l-fehim tad-drittijiet tal-konsumatur, peress li dan huwa kruċjali għal pjattaformi online biex jirnexxu;

54. Jirrimarka li standards għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward tal-pjattaformi online mhumiex meħtieġa biss fi prattiki B2B iżda anke f'relazzjonijiet C2C;

55. Jitlob li ssir valutazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali u tal-mekkaniżmi ta' awtoregolamentazzjoni sabiex jiġi determinat jekk jipprovdux protezzjoni adegwata lill-utenti, lill-konsumaturi u lin-negozji fl-isfond tan-numru dejjem jiżdied ta' lmenti u l-investigazzjonijiet miftuħa mill-Kummissjoni fil-konfront ta' diversi pjattaformi;

56. Jenfasizza l-importanza li l-utenti jingħataw tagħrif ċar, imparzjali u trasparenti dwar il-kriterji użati biex jiffiltraw, jikklassifikaw, jisponsorizzaw, jippersonalizzaw jew jagħmlu rieżami tal-informazzjoni ppreżentata lilhom; jissottolinja l-ħtieġa għal differenzjazzjoni ċara bejn il-kontenut sponsorjat u kwalunkwe kontenut ieħor;

57. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza ċerti kwistjonijiet tas-sistemi ta' rieżami tal-pjattaformi, bħal rieżamijiet foloz jew tħassir ta' rieżamijiet negattivi, bl-għan li jiksbu vantaġġ kompetittiv; jisħaq fuq il-ħtieġa li jsiru rieżamijiet aktar affidabbli u utli għall-konsumaturi u li jiġi żgurat li l-pjattaformi jirrispettaw l-obbligi eżistenti u jieħdu miżuri f'dan ir-rigward kontra prattiki bħal skemi volontarji; jilqa' l-gwida dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali;

58. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa għal kriterji u limiti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li bihom pjattaformi online jistgħu jsiru soġġetti għal aktar sorveljanza tas-suq, u biex tipprovdi gwida għal pjattaformi online bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-konformità tagħhom ma' obbligi u linji gwida eżistenti f'waqthom, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni tal-konsumaturi u r-regoli tal-kompetizzjoni;

59. Jenfasizza li d-drittijiet tal-awturi u l-kreaturi jridu jiġu protetti wkoll fl-era diġitali, u jfakkar fl-importanza tal-industrija kreattiva għall-impjiegi u l-ekonomija tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta d-Direttiva attwali dwar l-Infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali ([1]), sabiex tevita l-użu ħażin intenzjonali ta' proċessi ta' rappurtar u tiżgura li l-atturi kollha fil-katina tal-valur, inklużi intermedjarji bħall-fornituri tas-servizzi tal-internet, ikunu jistgħu jiġġieldu b'mod aktar effikaċi kontra l-falsifikazzjoni, billi jieħdu miżuri attivi, proporzjonati u effikaċi sabiex jiżguraw it-traċċabbiltà u jevitaw il-promozzjoni u d-distribuzzjoni ta' oġġetti foloz, peress li l-falsifikazzjoni tirrappreżenta riskju għall-konsumaturi;

60. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi stabbilit mill-ġdid bilanċ fil-kondiviżjoni tal-valur għall-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari fuq pjattaformi li jqassmu kontenut awdjoviżiv protett;

61. Jappella għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-pjattaformi u d-detenturi tad-drittijiet sabiex tiġi żgurata l-awtorizzazzjoni xierqa tad-drittijiet u jiġi miġġieled il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali online; ifakkar li ksur bħal dan jista' jikkostitwixxi kwistjoni serja, mhux biss għall-kumpaniji imma wkoll għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, li jridu jsiru konxji mir-realtà tal-kummerċ illeċitu fi prodotti foloz; itenni, għalhekk, is-sejħa tiegħu għall-applikazzjoni tal-approċċ "segwi l-flus" b'servizzi ta' pagament rilevanti, sabiex il-falsifikaturi jitteħdulhom il-mezzi li bihom ikomplu bl-

([1]) Direttiva 2004/48/KE (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 45).

attività ekonomika tagħhom; jissottolinja li reviżjoni tad-Direttiva attwali dwar l-Infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali tista' sservi bħala mezz adatt biex jiġi żgurat livell għoli ta' kooperazzjoni bejn il-pjattaformi, l-utenti u l-atturi ekonomiċi l-oħra kollha, flimkien mal-applikazzjoni korretta tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku;

62. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tippromwovi l-pjattaforma li kienet ġiet imnedija biex issolvi tilwim li jinvolvi x-xiri li jsir online fost il-konsumaturi, sabiex ittejjeb il-mod li bih tkun aktar faċli biex tintuża mill-utenti, u timmonitorja jekk in-negozjanti jikkonformawx mal-obbligu tagħhom li jpoġġu link għal dik il-pjattaforma fuq is-sit web tagħhom, sabiex ikomplu jindirizzaw l-għadd dejjem jikber ta' lmenti kontra diversi pjattaformi online;

***Iż-żieda fil-fiduċja online u t-trawwim tal-innovazzjoni***

63. Jissottolinja li l-infurzar effikaċi tal-protezzjoni tad-data u tad-drittijiet tal-konsumatur fis-swieq online skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u d-Direttiva dwar iċ-Ċibersigurtà huma azzjonijiet prijoritarji, kemm għall-politika pubblika kif ukoll għan-negozji, fir-rigward taż-żieda fil-fiduċja; jenfasizza li l-protezzjoni tal-konsumaturi u tad-data tirrikjedi varjetà ta' miżuri u mezzi tekniċi fl-oqsma tal-privatezza online, is-sigurtà tal-internet u ċ-ċibersigurtà; jissottolinja l-importanza tat-trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġbir ta' data u s-sigurtà tal-pagamenti;

64. Jinnota li l-pagamenti online joffru livell għoli ta' trasparenza li jgħin biex jipproteġi d-drittijiet tal-konsumaturi u tal-intraprendituri u jimminimizza r-riskji ta' frodi; jilqa' wkoll il-metodi ta' pagament ġodda, innovattivi u alternattivi, bħall-muniti virtwali u l-portafolji elettroniċi; jinnota li t-trasparenza tiffaċilita t-tqabbil tal-prezzijiet u l-ispejjeż tat-tranżazzjoni u żżid it-traċċabbiltà ta' tranżazzjonijiet ekonomiċi;

65. Jenfasizza li ambjent ġust, prevedibbli u li jiffavorixxi l-innovazzjoni, kif ukoll investiment fir-riċerka u l-iżvilupp u fit-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, huma kruċjali biex jiġu ġġenerati ideat ġodda u innovazzjonijiet; jissottolinja l-importanza ta' data miftuħa u standards miftuħin għall-iżvilupp ta' pjattaformi online ġodda u l-innovazzjoni; ifakkar li r-rieżami tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Informazzjoni tas-Servizz Pubbliku ([1]) huwa mistenni fl-2018; jinnota li pjattaformi għall-ittestjar miftuħa, avvanzati u kondiviżi u interfaces ta' programmar jistgħu jkunu ta' vantaġġ għall-Ewropa;

66. Jenfasizza l-importanza ta' approċċ impenjat, mill-Kummissjoni u b'mod partikolari mill-Istati Membri, lejn l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali, sabiex jifformaw forza tax-xogħol b'livell għoli ta' ħiliet, peress li din hija kundizzjoni biex jiġi żgurat livell għoli ta' impjieg b'kundizzjonijiet ġusti fl-UE kollha filwaqt li jintemm l-illitteriżmu diġitali li jrawwem id-diviżjoni diġitali u l-esklużjoni diġitali; jissottolinja, għaldaqstant, li l-iżvilupp u t-titjib tal-ħiliet diġitali huma imperattivi u jirrikjedu investimenti kbar fl-edukazzjoni u fit-tagħlim tul il-ħajja;

67. Iqis li jenħtieġ li l-pjattaformi li fuqhom huwa maħżun u mqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku volum sinifikanti ta' xogħlijiet protetti jikkonkludu l-ftehimiet ta' liċenzja mad-detenturi tad-drittijiet rilevanti, sakemm ma jkunux attivi u għalhekk koperti mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, bl-għan li ssir kondiviżjoni ġusta tal-profitt mal-awturi, il-kreaturi u d-detenturi tad-drittijiet rilevanti; jissottolinja li tali ftehimiet tal-liċenzji u l-implimentazzjoni tagħhom iridu jirrispettaw l-eżerċizzju tal-utenti tad-drittijiet fundamentali tagħhom;

***Ir-rispett tar-relazzjonijiet B2B u tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE***

68. Jilqa' b'sodisfazzjon l-azzjonijiet tal-Kummissjoni biex tiġi infurzata aħjar il-liġi dwar il-kompetizzjoni fid-dinja diġitali, u jenfasizza l-ħtieġa li jittieħdu deċiżjonijiet f'waqthom f'każijiet ta' kompetizzjoni fid-dawl tal-pass mgħaġġel fis-settur diġitali; jinnota, madankollu, li f'xi aspetti l-liġi tal-UE dwar il-kompetizzjoni għandha tiġi aġġustata għad-dinja diġitali sabiex tkun adattata għal dan l-iskop;

69. Jinsab imħasseb dwar il-prattiki kummerċjali B2B problematiċi u inġusti minn xi pjattaformi online, bħal nuqqas ta' trasparenza (pereżempju, fir-riżultati tat-tiftix, l-użu tad-data jew l-ipprezzar), bidliet unilaterali fit-termini u l-kundizzjonijiet, il-promozzjoni tar-reklamar jew ir-riżultati sponsorjati filwaqt li titnaqqas il-viżibbiltà tar-riżultati mhux imħallsa, termini u kundizzjonijiet inġusti possibbli, pereżempju, f'soluzzjonijiet ta' pagament u abbużi possibbli fir-rwol

([1]) Direttiva 2003/98/KE (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 90).

doppju ta' pjattaformi bħala intermedjarji u kompetituri; jinnota li dan ir-rwol doppju jista' joħloq inċentivi ekonomiċi biex il-pjattaformi online jiddiskriminaw favur il-prodotti u s-servizzi tagħhom stess u jimponu termini B2B diskriminatorji; jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri xierqa f'dan ir-rigward;

70. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi qafas leġiżlattiv favur it-tkabbir, favur il-konsumatur u mmirat lejn relazzjonijiet B2B ibbażati fuq il-prinċipji ta' prevenzjoni tal-abbuż tas-saħħa fis-suq u jiġi żgurat li l-pjattaformi li jservu bħala passaġġ għal suq downstream ma jsirux gwardjani; iqis li dan il-qafas jenħtieġ li jservi biex jevita l-effetti detrimentali għall-benessri tal-konsumatur u jippromwovi l-kompetizzjoni u l-innovazzjoni; jirrakkomanda wkoll li dan il-qafas ikun teknoloġikament newtrali u kapaċi jindirizza r-riskji eżistenti, pereżempju fir-rigward tas-suq għal sistema operatorja mobbli iżda anke riskji futuri b'teknoloġiji ġodda mmexxija mill-internet bħall-internet tal-oġġettijew intelliġenza artifiċjali, li se jikkonsolidaw aktar il-pożizzjoni tal-pjattaformi stabbiliti aktar u aktar fin-nofs bejn in-negozji u l-konsumaturi online;

71. Jilqa' l-eżerċizzju tal-ġbir ta' informazzjoni mmirat lejn il-prattiki B2B li għandu jitwettaq mill-Kummissjoni sar-rebbiegħa tal-2017, u jħeġġeġ li jittieħdu passi effikaċi biex tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta;

72. Jissottolinja li l-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-UE kif ukoll l-awtoritajiet jeħtieġu li fejn xieraq jiggarantixxu kundizzjonijiet ekwi, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumatur u kwistjonijiet relatati mat-taxxa;

73. Jinnota r-rivelazzjonijiet reċenti li jinvolvu, fost elementi oħrajn, il-kumpaniji diġitali kbar u l-prattiki tagħhom ta' ppjanar tat-taxxa fl-UE; jilqa' b'rabta ma' dan, l-isforzi li saru mill-Kummissjoni biex jiġi miġġieled l-evitar tat-taxxa, u jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jipproponu riformi ulterjuri biex jiġu evitati prattiki għall-evitar tat-taxxa fl-UE; jitlob li tittieħed azzjoni sabiex tiżgura li l-kumpaniji kollha, inklużi dawk diġitali, iħallsu t-taxxi tagħhom fl-Istati Membri fejn isiru l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom;

74. Jiġbed l-attenzjoni għad-differenzi fix-xena legali fit-28 Stat Membru u l-ispeċifiċitajiet tas-settur diġitali li fih il-preżenza fiżika ta' kumpanija fil-pajjiż tas-suq ħafna drabi mhijiex meħtieġa; jistieden lill-Istati Membri jadattaw is-sistemi tagħhom tal-VAT skont il-prinċipju tal-pajjiż tad-destinazzjoni ([1]);

***Ir-rwol tal-UE fid-dinja***

75. Jirrimarka li l-preżenza tal-UE fis-suq dinji hija sfortunatament baxxa, b'mod partikolari minħabba l-frammentazzjoni attwali tas-suq diġitali, l-inċertezza legali u n-nuqqas ta' finanzjament u kapaċità sabiex jiġu kummerċjalizzati l-innovazzjonijiet teknoloġiċi, li jagħmilha diffiċli għall-kumpaniji Ewropej biex isiru mexxejja dinjija u biex jikkompetu mal-parteċipanti fil-bqija tad-dinja f'din l-ekonomija ġdida u globalment kompetittiva; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' ambjent għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu li jrawwem l-iżvilupp u l-ħolqien ta' impjiegi lokali;

76. Jitlob lill-istituzzjonijiet Ewropej jiżguraw kundizzjonijiet ekwi bejn l-operaturi tal-UE u dawk mhux tal-UE, pereżempju fir-rigward tat-tassazzjoni u kwistjonijiet simili;

77. Jemmen li l-UE għandha l-potenzjal li ssir parteċipant ewlieni fis-suq diġitali, u jikkunsidra li jenħtieġ li twitti t-triq għal klima favur l-innovazzjoni fl-Ewropa billi tiżgura qafas legali rigoruż li jipproteġi lill-partijiet interessati kollha;

o

o o

78. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

---

([1]) Ara r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016, "Lejn sistema definittiva ta' VAT u l-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT" (Testi adottati, P8_TA(2016)0453).

P8_TA(2017)0273

# Is-sitwazzjoni umanitarja fil-Jemen

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar is-sitwazzjoni umanitarja fil-Jemen (2017/2727(RSP))**

(2018/C 331/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Jemen, b'mod partikolari dawk tal-25 ta' Frar 2016 ([1]) dwar is-sitwazzjoni umanitarja fil-Jemen u tad-9 ta' Lulju 2015 ([2]) dwar is-sitwazzjoni fil-Jemen,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' April 2017 dwar il-Jemen,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-8 ta' Ottubru 2016 dwar l-attakk fil-Jemen u tad-19 ta' Ottubru 2016 dwar il-waqfien mill-ġlied fil-Jemen,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-Jemen, b'mod partikolari r-Riżoluzzjonijiet 2216 (2015), 2201 (2015) u 2140 (2014),

— wara li kkunsidra l-Konferenza ta' Livell Għoli tad-Donaturi għall-Kriżi Umanitarja fil-Jemen li saret fil-25 ta' April 2017 f'Ġinevra,

— wara li kkunsidra t-talba mir-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-bniedem u s-sanzjonijiet internazzjonali, Idriss Jazairy, tat-12 ta' April 2017, biex jitneħħa l-imblokk navali fuq il-Jemen,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, Zeid Ra'ad Al Hussein, tal-10 ta' Ottubru 2016 dwar l-attakk fatħxi fuq funeral fil-Jemen, tal-10 ta' Frar 2017 dwar il-persuni ċivili fil-Jemen maqbuda bejn il-partijiet fil-kunflitt, u tal-24 ta' Marzu 2017 dwar aktar minn 100 persuna ċivili maqtula f'xahar, inklużi sajjieda u rifuġjati, hekk kif il-kunflitt fil-Jemen għalaq sentejn;

— wara li kkunsudra d-dikjarazzjonijiet tal-Mibgħut Speċjali tan-NU għall-Jemen, Ismail Ould Cheikh Ahmed, tal-21 ta' Ottubru u d-19 ta' Novembru 2016 u tat-30 ta' Jannar 2017,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-sitwazzjoni umanitarja fil-Jemen hija katastrofika; billi, fi Frar 2017, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) iddikjarat li s-sitwazzjoni fil-Jemen kienet saret "l-akbar emerġenza tas-sigurtà tal-ikel fid-dinja"; billi, minn Mejju 2017, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA) iddikjara li 17-il miljun ruħ fil-Jemen kienu jeħtieġu assistenza tal-ikel, filwaqt li 7 miljun ruħ fosthom kienu qed iħabbtu wiċċhom ma' "emerġenza tas-sigurtà tal-ikel"; billi hemm 2,2 miljun tifel u tifla jsofru nuqqas ta' ikel akut u gravi, u billi tifel jew tifla jmutu kull għaxar minuti minħabba kawżi prevenibbli; billi hemm 2 miljun ruħ li sfaw spustati internament u miljun ruħ li ġew rimpatrijati;

B. billi l-konsegwenzi tal-kunflitt li għaddej huwa devastanti għall-pajjiż u għall-popolazzjoni tiegħu; billi, minkejja l-appelli internazzjonali għal soluzzjoni politika għall-kriżi, il-partijiet fil-kunflitt ma rnexxilhomx jilħqu qbil u l-ġlied għadu għaddej; billi l-ebda naħa ma kisbet rebħa militari u billi mhuwiex probabbli li xi naħa waħda tagħmel dan fil-ġejjieni;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0066.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2015)0270.

C. billi, minn Marzu 2015, madwar 10 000 ruħ inqatlu u aktar minn 40 000 ruħ indarbu fil-vjolenza, skont in-NU; billi l-ġlied, kemm fuq l-art kif ukoll fl-ajru, għamilha impossibbli għall-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) li jibgħat osservaturi biex jidħlu fiż-żona ħalli jivverifikaw l-għadd ta' persuni ċivili midruba u maqtula, b'tali mod li dawn iċ-ċifri jirriflettu biss l-għadd ta' persuni maqtula u midruba li l-OHCHR irnexxielu jikkorrobora u jikkonferma; billi l-infrastruttura u l-istituzzjonijiet ċivili tal-Jemen intlaqtu ħażin ħafna mill-gwerra u kulma jmur qed isiru anqas fil-qagħda li jipprovdu servizzi bażiċi; billi s-sistema tas-saħħa tinsab f'xifer il-kollass u ħaddiema mediċi vitali l-aktar esposti ilhom ma jitħallsu x-xhur;

D. billi l-Jemen qed iġarrab it-tieni mewġa ta' tfaqqigħa ta' kolera u dijarea maħlula akuta (AWD), li wasslet għal aktar minn 100 000 każ suspettat ta' kolera u qatlet kważi 800 ruħ bejn is-27 ta' April u t-8 ta' Ġunju 2017 madwar il-pajjiż;

E. billi l-gruppi vulnerabbli, in-nisa u t-tfal huma partikolarment milquta mill-ġlied li għaddej u mill-kriżi umanitarja, u billi s-sikurezza u l-benessri tan-nisa u tat-tfajliet huwa preokkupazzjoni partikolari; billi t-tfal b'mod partikolari huma vulnerabbli għaż-żieda tal-vjolenza fil-Jemen, b'1 540 tifel u tifla maqtula u 2 450 midruba, kif iddokumentat min-NU;

F. billi, minħabba l-vjolenza, aktar minn 350 000 tifel u tifla ma setgħux jissoktaw l-edukazzjoni tagħhom fis-sena skolastika li għaddiet, biex b'hekk l-għadd ta' tfal li mhumiex qed jattendu l-iskola fil-Jemen laħaq aktar minn 2 miljuni, skont il-UNICEF; billi t-tfal li ma jattendux l-iskola huma f'riskju li jiġu rreklutati biex jiġġieldu;

G. billi kważi 90 % tal-ikel bażiku fil-pajjiż jiġi importat; billi r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u s-sanzjonijiet internazzjonali enfasizza li l-imblokk mill-ajru u mill-baħar impost fuq il-Jemen mill-forzi tal-koalizzjoni sa minn Marzu 2015 hu fost il-kawżi prinċipali ta' din il-katastrofi umanitarja, hekk kif il-vjolenza fil-pajjiż u l-iskarsezzi mifruxa tal-fjuwil ħarbtu n-networks interni tad-distribuzzjoni tal-ikel;

H. billi Jemen stabbli u sikur, bi gvern li jiffunzjona sew, hu kruċjali għall-isforzi internazzjonali biex jiġu miġġielda l-estremiżmu u l-vjolenza fir-reġjun u lil hinn minnu, kif ukoll għall-paċi u l-istabbiltà fil-Jemen stess;

I. billi s-sitwazzjoni fil-Jemen iġġorr magħha riskji serji għall-istabbiltà tar-reġjun, b'mod partikolari dik tal-Qarn tal-Afrika, tal-Baħar l-Aħmar u tar-reġjun usa' tal-Lvant Nofsani; billi l-grupp Al-Qaeda fil-Peniżola Għarbija (AQAP) irnexxielu japprofitta mid-deterjorament tas-sitwazzjoni politika u ta' sigurtà fil-Jemen, hekk li firex il-preżenza tiegħu u kabbar l-għadd u l-iskala tal-attakki terroristiċi tiegħu; billi l-AQAP u l-hekk imsejjaħ Stat Iżlamiku (ISIS)/Da'esh stabbilixxa l-preżenza tiegħu fil-Jemen u wettaq attakki terroristiċi, li qatlu mijiet ta' persuni;

J. billi, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2016, il-Parlament appella għal inizjattiva intiża biex timponi embargo tal-UE fuq l-armi fil-konfront tal-Arabja Sawdija, fi qbil mal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008;

K. billi forzi sew tal-Houthi u sew tal-alleati t-tnejn li huma ġew akkużati li wettqu vjolazzjonijiet gravi tal-liġijiet tal-gwerra billi firxu mini antipersuna projbiti, immaltrattaw lil persuni detenuti u għamlu attakki indiskriminati bil-missili fuq żoni popolati fil-Jemen u fin-Nofsinhar tal-Arabja Sawdija;

L. billi l-ammont totali tal-finanzjament umanitarju tal-UE lill-Jemen għall-2015 u l-2016 laħaq is-somma ta' EUR 120 miljun; billi l-ammont allokat ta' għajnuna fl-2017 huwa ta' EUR 46 miljun; billi minkejja l-Konferenza ta' Livell Għoli tad-Donaturi għall-Kriżi Umanitarja fil-Jemen f'Ġinevra, ta' April 2017 – li matulha bosta pajjiżi u organizzazzjonijiet wiegħdu donazzjonijiet għall-valur ta' USD 1,1 biljun – sad-9 ta' Mejju 2017, id-donaturi kienu taw biss 28 % mill-USD 2,1 biljun f'għajnuna umanitarja mitluba min-NU għall-Jemen għall-2017; bili huwa mistenni li s-somma addizzjonali ta' EUR 70 miljun tiġi mmobilizzata fl-2017 bħala għajnuna għall-iżvilupp;

1. Jesprimi tħassib serju dwar id-deterjorament allarmanti tas-sitwazzjoni umanitarja fil-Jemen, li hija kkaratterizzata minn nuqqas ta' sigurtà tal-ikel u malnutrizzjoni gravi, attakki indiskriminati kontra persuni ċivili u ħaddiema mediċi u tal-għajnuna, il-qerda ta' infrastruttura ċivili u medika, il-kontinwazzjoni ta' attakki mill-ajru, ġlied fuq l-art u bumbardameni tal-artillerija, minkejja appelli ripetuti għal tiġdid tal-waqfien mill-ġlied;

2. Jiddispjaċih profondament għat-telf ta' ħajja kkawżat mill-kunflitt u għas-sofferenza ta' dawk li sfaw maqbuda fil-ġlied, u jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi; itenni l-impenn tiegħu li jkompli jappoġġja lill-Jemen u lill-poplu Jemenit; iħeġġeġ lill-partijiet kollha jaħdmu għal waqfien immedjat mill-ġlied u jerġgħu lura għall-mejda tan-negozjati; itenni l-appoġġ tiegħu għall-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Jemen;

3. Jesprimi tħassib serju dwar il-fatt li l-kontinwazzjoni tal-attakki mill-ajru u l-ġlied fuq l-art wasslu għal eluf ta' mwiet ta' persuni ċivili, għal spostamenti u għat-telf ta' mezzi tal-għajxien li jkomplu jipperikolaw aktar ħajjiet, komplew jiddestabilizzaw lill-Jemen, qed jeqirdu l-infrastruttura fiżika tal-pajjiż, ħolqu instabbiltà li sfruttawha organizzazzjonijiet terroristiċi u estremisti bħall-ISIS/Da'esh u l-AQAP, u aggravaw sitwazzjoni umanitarja li diġà kienet kritika;

4. Jikkundanna bl-akbar qawwa kull attakk terroristiku u kull vjolenza kontra persuni ċivili, inklużi bumbardamenti, l-użu ta' munizzjonijiet dispersivi, rokits, bumbardamenti bl-artillerija, sparar minn tiraturi u attakki bil-missili, u l-użu rrappurtat ta' mini antipersuna kif ukoll l-attakki li jikkawżaw il-qerda ta' infrastruttura ċivili, inklużi skejjel, faċilitajiet mediċi, żoni residenzjali, swieq, sistemi tal-ilma, portijiet u ajruporti;

5. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Jemen jerfa' r-responsabbiltajiet tiegħu fil-ġlieda kontra l-ISIS/Da'esh u l-AQAP, li qed jisfruttaw l-instabbiltà attwali; ifakkar li l-atti kollha ta' terroriżmu huma kriminali u inġustifikabbli, tkun xi tkun il-motivazzjoni tagħhom u jitwettqu meta, fejn u minn min jitwettqu; jenfasizza l-ħtieġa li l-partijiet kollha fil-kunflitt jieħdu azzjoni deċiża kontra dawn il-gruppi li l-attivitajiet tagħhom jirrappreżentaw theddida gravi għal soluzzjoni nnegozjata u għas-sigurtà fir-reġjun u lil hinn minnu;

6. Itenni l-appell tiegħu lin-naħat kollha u lis-sosteNituri reġjonali u internazzjonali tagħhom biex jikkonformaw mad-dritt umanitarju internazzjonali u mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċivili u joqogħdu lura milli jimmiraw direttament lejn l-infrastruttura ċivili, b'mod partikolari l-faċilitajiet mediċi u s-sistemi tal-ilma; ifakkar li l-mira deliberata fuq il-persuni ċivili u fuq l-infrastruttura ċivili, inklużi l-isptarijiet u l-persunal mediku, tammonta għal vjolazzjoni serja tad-dritt umanitarju internazzjonali; iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali tagħmel provvediment għall-prosekuzzjoni kriminali internazzjonali tal-persuni responsabbli għall-vjolazzjonijiet tad-dritt internazzjonali mwettqa fil-Jemen; jappoġġja, f'dan ir-rigward, l-appell mill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, Zeid Ra'ad Al-Hussein, għat-twaqqif ta' korp internazzjonali indipendenti li jagħmel investigazzjoni komprensiva dwar id-delitti mwettqa fil-kunflitt fil-Jemen; jenfasizza li biex tinkiseb soluzzjoni dejjiema għall-kunflitt, huwa indispensabbli li l-perpetraturi tal-vjolazzjonijiet jagħtu kont ta' għemilhom;

7. Ifakkar li ma ma jista' jkun hemm l-ebda soluzzjoni militari għall-kunflitt fil-Jemen u li l-kriżi tista' tissolva biss permezz ta' proċess ta' negozjati inklussiv u mmexxi mill-Jemeniti, li jkun jinvolvi lill-partijiet kollha kkonċernati u bil-parteċipazzjoni sħiħa u sinifikattiva tan-nisa, u li jwassal għal soluzzjoni politika inklussiva; itenni l-appoġġ tiegħu għall-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, tal-Mibgħut Speċjali tan-NU għall-Jemen u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jiffaċilitaw l-issoktar tan-negozjati, u jħeġġeġ lill-partijiet kollha fil-kunflitt jirreaġixxu b'mod kostruttiv għal dawn l-isforzi u bla ma jiffissaw prekundizzjonijiet għalihom; jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja, bħalma huma passi immedjati lejn waqfien mill-ġlied sostenibbli, mekkaniżmu għall-irtirar tal-forzi taħt il-monitoraġġ tan-NU, il-faċilitazzjoni ta' aċċess umanitarju u kummerċjali u l-ħelsien ta' priġunieri politiċi, hija essenzjali biex tiffaċilita r-ritorn għar-rotta politika;

8. Iħeġġeġ lill-Arabja Sawdija u lill-Iran jaħdmu biex itejbu r-relazzjonijiet bilaterali, u jfittxu li jaħdmu flimkien biex itemmu l-ġlied fil-Jemen;

9. Jappoġġja l-appell tal-UE lill-partijiet kollha fil-kunflitt biex jieħdu l-passi kollha meħtieġa kollha ħalli jipprevjenu u jirrispondu għall-forom kollha ta' vjolenza, inklużi l-vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru, f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat; jikkundanna bil-qawwa l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tat-tfal u jinsab imħasseb dwar l-aċċess limitat tat-tfal għal kura tas-saħħa u għall-edukazzjoni, anki bażiċi; jikkundanna r-reklutaġġ tat-tfal suldati u l-użu tagħhom fil-ġlied; jitlob li l-UE u l-komunità internazzjonali jappoġġjaw ir-riabilitazzjoni u reintegrazzjoni tat-tfal demobilizzati fil-komunità;

10. Jitlob lill-partijiet kollha fil-kunflitt jaħdmu biex iwarrbu l-ostakoli loġistiċi u finanzjarji kollha li jaffettwaw l-importazzjoni u t-tqassim ta' provvisti ta' ikel u mediċini lill-persuni ċivili fil-bżonn; iħeġġeġ lill-partijiet, b'mod partikolari, jiżguraw il-funzjonament sħiħ u effettiv tal-punti ta' dħul tal-kummerċ maġġuri, bħalma huma l-portijiet ta' Hodeida u Aden; jisħaq fuq l-importanza tagħhom bħala punti vitali għall-appoġġ umanitarju u għad-dħul ta' provvisti essenzjali; jitlob li l-ajruport ta' Sana'a jerġa' jinfetaħ għat-titjiriet kummerċjali biex mediċini u prodotti bażiċi meħtieġa b'mod urġenti jkunu jistgħu jaslu bl-ajru u l-Jemeniti li jkollhom bżonn trattament mediku jkunu jistgħu jittieħdu barra mill-pajjiż bl-ajru;

11. Jitlob li l-Kunsill jippromwovi b'mod effikaċi l-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali, kif previst fil-linji gwida rilevanti tal-UE; itenni, b'mod partikolari, il-ħtieġa li l-Istati Membri kollha tal-UE japplikaw strettament ir-regoli stabbiliti fil-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK dwar l-esportazzjoni tal-armi; ifakkar, f'dan ir-rigward, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2016;

12. Jenfasizza li huwa importanti li l-awtoritajiet lokali jiġu abilitati u li tinbena l-kapaċità tagħhom għall-provvista tas-servizzi, kif ukoll li d-dijaspora Jemenita u l-NGOs internazzjonali jiġu involuti fl-appoġġ ta' setturi ta' servizzi kritiċi; jissottolinja, b'mod partikolari, il-bżonn urġenti li l-UE u atturi internazzjonali oħra jindirizzaw it-tifqigħa tal-kolera u jappoġġjaw is-sistema tas-saħħa biex ma jħalluhiex tikkrolla, inkluż billi jiffaċilitaw il-provvisti u l-ħlas tas-salarji għall-ħaddiema mediċi l-aktar esposti u li huma ta' importanza kritika għar-rispons umanitarju;

13. Jilqa' l-fatt li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma lesti jintensifikaw l-għajnuna umanitarja lill-popolazzjoni fil-pajjiż kollu biex jindirizzaw il-ħtiġijiet li qed jiżdiedu u jimmobilizzaw l-assistenza tagħhom għall-iżvilupp biex tiffinanzja proġetti f'setturi kruċjali; jilqa' l-impenji li saru waqt il-Konferenza ta' Livell Għoli tad-Donaturi għall-Kriżi Umanitarja fil-Jemen u jenfasizza l-ħtieġa ta' azzjoni umanitarja kkoordinata taħt it-tmexxija tan-NU biex ittaffi t-tbatija tal-poplu tal-Jemen; ikompli jħeġġeġ lill-pajjiżi kollha jwettqu l-impenji li għamlu fil-konferenza tad-donaturi biex jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-ħtiġijiet umanitarji;

14. Jitlob li l-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tipproponi b'urġenza strateġija integrata tal-UE għall-Jemen u ġġedded l-isforzi favur inizjattiva ta' paċi għall-Jemen taħt l-awspiċji tan-NU; jitlob, f'dan ir-rigward, li jinħatar rappreżentant speċjali tal-UE għall-Jemen;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf, lis-Segretarju Ġenerali tal-Lega tal-Istati Għarab, u lill-Gvern tal-Jemen.

**Il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0274

# L-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-fondazzjonijiet politiċi f'livell Ewropew (2017/2733(RSP))

(2018/C 331/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi transnazzjonali jgħinu fl-iżvilupp ta' sensibilizzazzjoni politika Ewropea usa' u fl-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni;

B. billi l-finanzjament tal-partiti u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jenħtieġ li jappoġġja l-attivitajiet politiċi skont il-prinċipji tal-Unjoni u jenħtieġ li jkun trasparenti u li ma jkunx miftuħ għall-abbuż;

C. billi l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jistabbilixxi l-ħolqien, mill-1 ta' Settembru 2016, ta' Awtorità għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej bil-kompitu li tiddeċiedi jekk ir-reġistrazzjoni u d-dereġistrazzjoni tal-partiti politiċi u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ikunux konformi mal-proċeduri u l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regolament;

1. Jiddispjaċih dwar il-bosta nuqqasijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, speċjalment fir-rigward tal-livell ta' kofinanzjament (riżorsi proprji), u tal-possibbiltà ta' sħubija multipartitika tal-Membri tal-Parlament Ewropew;

2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti ħarsa aktar mill-qrib lejn in-nuqqasijiet kollha u tipproponi reviżjoni tar-regolament mill-aktar fis possibbli;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

([1]) ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1.

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2017)0257

## Talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Rolandas Paksas

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Rolandas Paksas (2016/2070(IMM))**

(2018/C 331/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Rolandas Paksas, mibgħuta fl-31 ta' Marzu 2016 mill-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Litwanja u mħabbra fis-seduta plenarja fit-13 ta' April 2016,

— wara li sema' lil Rolandas Paksas skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kellu skambju ta' fehmiet mal-Prosekutur Ġenerali tal-Litwanja u mal-Kap Prosekutur tad-Dipartiment tal-Investigazzjoni tal-Kriminalità Organizzata u l-Korruzzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,

— wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Mejju 1964, fl-10 ta' Lulju 1986, fil-15 u fil-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011 u fis-17 ta' Jannar 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tal-Litwanja,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 4 tal-Liġi dwar l-istatus u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Membri tal-Parlament Ewropew eletti fir-Repubblika tal-Litwanja,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Seimas,

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 1964, Wagner vs Fohrmann u Krier, 101/63, ECLI:EU:C:1964:28; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, Wybot vs Faure et, 149/85, ECLI:EU:C:1986:310; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2008, Mote vs il-Parlament, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, Marra vs De Gregorio u Clemente, C-200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, Gollnisch vs il-Parlament, T-42/06, ECLI:EU:T:2010:102; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, Patriciello, C-163/10, ECLI: EU:C:2011:543; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, Gollnisch vs il-Parlament, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23.

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

— wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2) u 6(1) u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0219/2017),

A. billi l-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Litwanja talab it-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Membru tal-Parlament Ewropew, Rolandas Paksas, b'rabta ma' investigazzjonijiet kriminali;

B. billi t-talba tal-Prosekutur Ġenerali tirrigwarda suspetti kontra Rolandas Paksas li huwa qabel li jaċċetta tixħima fil-31 ta' Awwissu 2015 biex jinfluwenza l-awtoritajiet pubbliċi u uffiċjali statali fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom, ħaġa li tkun tikkostitwixxi reat skont il-Kodiċi Kriminali Litwan;

C. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, waqt is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Membri tiegħu għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom;

D. billi skont l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja, il-Membri tas-Seimas ma jistgħux jinżammu kriminalment responsabbli jew jiġu detenuti, jew b'xi mod ieħor ikollhom il-libertà tagħhom ristretta, mingħajr il-kunsens tas-Seimas;

E. billi skont l-Artikolu 4 tal-Liġi dwar l-istatus u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Membri tal-Parlament Ewropew eletti fir-Repubblika tal-Litwanja, il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom igawdu l-istess immunità personali fit-territorju tar-Repubblika tal-Litwanja bħal Membru tas-Seimas tar-Repubblika tal-Litwanja, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-leġiżlazzjoni tal-UE;

F. billi skont l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Seimas, ma jistgħux jinbdew proċedimenti kriminali kontra Membru tas-Seimas, u dak il-Membru ma jistax jiġi arrestat, u ma jistax jiġi ssuġġettat għal xi restrizzjoni oħra tal-libertà personali mingħajr il-kunsens tas-Seimas, ħlief fil-każijiet meta dak il-Membru jinqabad fl-att li jikkommetti reat, *(in flagranti)*, f'liema każ il-Prosekutur Ġenerali jrid minnufih jinforma lis-Seimas b'dan;

G. billi skont l-Artikolu 5(2) tar-Regoli tal-Proċedura, l-immunità parlamentari mhix privileġġ personali ta' Membru imma hija garanzija tal-indipendenza tal-Parlament kollu kemm hu u tal-Membri tiegħu;

H. billi l-iskop tal-immunità parlamentari huwa li l-Parlament u l-Membri tiegħu jiġu protetti minn proċedimenti ġudizzjarji fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari u li ma jistgħux jiġu separati minn dawk id-dmirijiet;

I. billi fejn dawn il-proċedimenti ma jikkonċernawx il-qadi tad-dmirijiet ta' Membru, l-immunità għandha titneħħa sakemm ma jkunx jidher li l-intenzjoni wara l-proċedimenti ġudizzjarji tista' tkun li tagħmel ħsara lill-attività politika ta' Membru u għaldaqstant lill-indipendenza tal-Parlament (fumus persecutionis);

J. billi abbażi ta' informazzjoni estensiva u dettaljata mogħtija f'dan il-każ, ma hemm l-ebda raġuni għalfejn wieħed għandu jissuspetta li l-proċedimenti relatati ma' Rolandas Paksas huma mmotivati minn intenzjoni li ssir ħsara lill-attività politika tiegħu bħala Membru tal-Parlament Ewropew;

K. billi mhuwiex il-kompitu tal-Parlament Ewropew li jieħu pożizzjoni dwar il-ħtija jew le tal-Membru jew dwar jekk l-atti attribwiti lill-Membru jiġġustifikawx il-ftuħ ta' proċedimenti kriminali, u lanqas li jippronunzja ruħu fuq il-merti relattivi tal-ordinamenti ġuridiċi u ġudizzjarji nazzjonali;

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Rolandas Paksas;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu minnufih lill-awtorità kompetenti fir-Repubblika tal-Litwanja u lil Rolandas Paksas.

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0258

# Talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Mylène Troszczynski

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Mylène Troszczynski (2017/2019(IMM))**

(2018/C 331/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Mylène Troszczynski trażmessa fl-1 ta' Diċembru 2016 mill-Ministru Franċiż għall-Ġustizzja, fil-kuntest ta' investigazzjoni ġudizzjarja li qed titmexxa mill-Prosektur Pubbliku ta' Bobigny bl-akkużi ta' diffamazzjoni pubblika jew inċitazzjoni għal mibegħda jew vjolenza fil-konfront ta' persuna jew grupp ta' persuni minħabba l-oriġini tagħhom jew l-appartenenza tagħhom jew le għal etniċità, nazzjon, razza jew reliġjon partikolari, u mħabbra fil-Plenarja tas-16 ta' Jannar 2017,

— wara li sema' lil Mylène Troszczynski skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,

— wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Mejju 1964, fl-10 ta' Lulju 1986, fil-15 u fil-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011 u fis-17 ta' Jannar 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Franċiża, hekk kif emendata permezz tal-Liġi Kostituzzjonali Nru 95–880, tal-4 ta' Awwissu 1995,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0218/2017),

A. billi l-Prosekutur Pubbliku ta' Bobigny talab it-tneħħija tal-immunità ta' Mylène Troszczynski, Membru tal-Parlament Ewropew u Membru tal-Parlament Reġjonali ta' Picardie, b'rabta mal-proċedimenti marbuta mat-tqegħid fuq il-kont Twitter tagħha fit-23 ta' Settembru 2015 ta' stampa ta' nisa lebsin il-velu li jgħatti l-wiċċ kollu li jidhru li qegħdin fil-kju barra l-uffiċċji tas-CAF (*Caisse d'allocation familiale* – Fond għall-Allokazzjonijiet tal-Familja), akkumpanjata b'kumment "Rosny-sous-bois CAF fid-9.12.14. L-ilbies tal-velu li jgħatti l-wiċċ kollu suppost ipprojbit bil-liġi […]";

B. billi l-istampa inkriminanti kienet fil-fatt fotomontaġġ abbażi ta' ritratt meħud f'Londra u li diġà kienet intużat minn ħaddieħor fuq Twitter u billi l-investigazzjoni żvelat li ma kinitx is-Sinjura Troszczynski li ppubblikat il-messaġġ fuq l-internet, iżda l-assistent tagħha, li stqarr li għamel dan;

C. billi l-prosekutur pubbliku ġibed l-attenzjoni għall-fatt li bħala l-editur tal-kont Twitter tagħha stess, is-Sinjura Troszczynski setgħet tinżamm responsabbli għat-tweet;

D. billi meta s-Sinjura Troszczynski indunat li r-ritratt kien iffalsifikat, hija neħħietu mill-ewwel mill-kont tagħha ta' Twitter.

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 1964, Wagner vs Fohrmann u Krier, 101/63, ECLI:EU:C:1964:28; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, Wybot vs Faure u oħrajn, 149/85, ECLI:EU:C:1986:310; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2008, Mote vs il-Parlament, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, Marra vs De Gregorio u Clemente, C-200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, Gollnisch vs il-Parlament, T-42/06, ECLI:EU:T:2010:102; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, Patriciello, C-163/10, ECLI: EU:C:2011:543; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, Gollnisch vs il-Parlament, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23.

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

E. billi t-tneħħija tal-immunità tas-Sinjura Troszczynski hija marbuta ma' reat allegat ta' diffamazzjoni pubblika fil-konfront ta' persuna jew grupp ta' persuni minħabba l-oriġini tagħhom jew l-appartenenza tagħhom jew le għal etniċità, nazzjon, razza jew reliġjon partikolari, u li dan ir-reat huwa punit skont l-Artikoli 23, 29 (1), 32 (2) u (3), 42, 43, 48-6 tal-Liġi tad-29 ta' Lulju 1881 u tat-twettiq tar-reat ta' provokazzjoni għad-diskriminazzjoni, għall-mibegħda jew il-vjolenza razzjali, is-suġġetti tal-investigazzjoni li għaddejja bħalissa, kif definiti, u li għalihom il-penali huma stabbiliti fl-Artikoli 24(8), (10), (11) u (12), l-Artikolu 23(1) u l-Artikolu 42 tal-Liġi tad-29 ta' Lulju 1881 kif ukoll Artikolu 131-26 (2) u (3) tal-Kodiċi Penali;

F. billi l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Membri jgawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament ta' dak l-Istat;

G. billi l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni Franċiża jipprovdi li l-ebda Membru tal-Parlament ma jista' jiġi suġġett għal proċeduri kontrih, jiġi mfittex, arrestat, detenut jew iġġudikat minħabba opinjonijiet espressi jew voti mogħtija fil-qadi tad-dmirijiet uffiċjali tiegħu u l-ebda Membru tal-Parlament ma jista' jiġi arrestat għal reat jew ikun suġġett għal kwalunkwe miżura oħra li ċċaħħad jew li tirrestrinġi l-libertà mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-parlament;

H. billi l-portata tal-immunità mogħtija lill-Membri tal-Parlament Franċiż tikkorrispondi fil-fatt għall-portata tal-immunità mogħtija lill-Membri fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea; billi l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sostniet li, sabiex Membru tal-Parlament Ewropew ikun kopert bl-immunità, opinjoni trid tingħata mill-Membru fil-qadi ta' dmirijietu, u dan jimplika r-rekwiżit ta' rabta bejn l-opinjoni espressa u d-dmirijiet parlamentari; billi tali rabta għandha tkun diretta u ovvja;

I. billi l-akkużi mhumiex relatati mal-pożizzjoni ta' Mylène Troszczynski bħala Membru tal-Parlament Ewropew u jikkonċernaw minflok attivitajiet ta' natura reġjonali, peress li l-istampa falsifikata u l-kummenti kienu jirreferu għal dak li allegatament kien qed jiġri f'Rosny-Sous-Bois, bi ksur tad-dritt Franċiż;

J. billi l-azzjonijiet allegati ma jirreferux għal xi opinjoni espressa jew vot mitfugħ minn Mylène Troszczynski, bħala Membru tal-Parlament Ewropew fil-qadi ta' dmirijietha, fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

K. billi m'hemm l-ebda suspett ta' *fumus persecutionis*, li huwa kwalunkwe tentattiv evidenti biex tiġi mfixkla l-ħidma parlamentari ta' Mylène Troszczynski, wara l-inkjesta ġudizzjarja li nfetħet fuq ilment ibbażat fuq difamazzjoni ta' amministrazzjoni pubblika, imressaq mill-fond ta' allowances għall-familja ta' Seine-Saint-Denis rappreżentat mill-maniġer ġenerali tiegħu;

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Mylène Troszczynski;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika Franċiża u lil Mylène Troszczynski.

**L-Erbgħa 14 ta’ Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0259

## Talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Jean-Marie Le Pen

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Ġunju 2017 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Jean-Marie Le Pen (2017/2020(IMM))**

(2018/C 331/24)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta’ Jean-Marie Le Pen, imressqa fit-22 ta’ Diċembru 2016 mill-Ministru Franċiż għall-Ġustizzja, is-Sur Jean-Jacques Urvoas, b’rabta ma’ talba mill-Prosekutur Ġenerali tal-Qorti tal-Appell ta’ Pariġi u mħabbra fil-plenarja tas-16 ta’ Jannar 2017,

— wara li sema’ lil Jean-Marie Le Pen skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b’suffraġju universali dirett, tal-20 ta’ Settembru 1976,

— wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta’ Mejju 1964, fl-10 ta’ Lulju 1986, fil-15 u l-21 ta’ Ottubru 2008, fid-19 ta’ Marzu 2010, fis-6 ta’ Settembru 2011 u fis-17 ta’ Jannar 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Franċiża,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0217/2017),

A. billi l-Prosekutur Ġenerali tal-Qorti tal-Appell ta’ Pariġi talab it-tneħħija tal-immunità parlamentari ta’ Membru tal-Parlament Ewropew, Jean-Marie Le Pen, b’rabta ma’ investigazzjonijiet kriminali;

B. billi t-talba mill-Prosekutur Ġenerali hija relatata ma’ allegazzjonijiet li Jean-Marie Le Pen għamlet dikjarazzjoni matul xandira tar-radju li tissarraf f’inċitament għal diskriminazzjoni, mibegħda jew vjolenza razzjali, li hija reat kriminali skont il-Kodiċi Kriminali Franċiż;

C. billi, skont l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Franċiża, “l-ebda Membru tal-Parlament […] ma għandu jkun suġġett għal investigazzjoni, arrest, detenzjoni jew kundanna minn qorti tal-ġustizzja għal opinjonijiet espressi jew voti mitfugħin minnu fit-twettiq ta’ dmirijietu”, u billi l-ebda Membru tal-Parlament ma għandu “jiġi arrestat jew b’xi mod ieħor imċaħħad, jew ristrett, mil-libertà tiegħu minħabba reat jew reati minuri” mingħajr il-kunsens tal-Parlament;

D. billi l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jistipula li l-Membri tal-Parlament Ewropew m’għandhom ikunu suġġetti għal ebda forma ta’ investigazzjoni, detenzjoni jew proċeduri legali, fir-rigward ta’ opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta’ dmirijiethom;

E. billi skont l-Artikolu 5(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, l-immunità parlamentari mhix privileġġ personali ta’ Membru imma hija garanzija tal-indipendenza tal-Parlament kollu kemm hu u tal-Membri tiegħu;

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta’ Mejju 1964, Wagner vs Fohrmann u Krier, 101/63, ECLI:EU:C:1964:28; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta’ Lulju 1986, Wybot vs Faure u oħrajn, 149/85, ECLI:EU:C:1986:310; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta’ Ottubru 2008, Mote vs il-Parlament, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta’ Ottubru 2008, Marra vs De Gregorio u Clemente, C-200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta’ Marzu 2010, Gollnisch vs il-Parlament, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta’ Settembru 2011, Patriciello, C-163/10, ECLI: EU:C:2011:543; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta’ Jannar 2013, Gollnisch vs il-Parlament, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23.

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

F. billi d-dispożizzjonijiet dwar l-immunità parlamentari huma interpretati fid-dawl tal-valuri, tal-objettivi u tal-prinċipji tat-Trattati;

G. billi, għall-Membri tal-Parlament Ewropew, din l-immunità assoluta timplika li l-opinjonijiet ma jistgħux jiġu kkontestati, sew jekk huma espressi waqt il-laqgħat uffiċjali tal-Parlament kif ukoll jekk fi bnadi oħra, pereżempju fil-midja, fejn hemm "rabta bejn l-opinjoni espressa u […] id-dmirijiet parlamentari" ([1]);

H. billi ma hemm l-ebda konnessjoni bejn id-dikjarazzjoni kkontestata u x-xogħol parlamentari ta' Jean-Marie Le Pen, u billi Jean-Marie Le Pen għalhekk ma kinitx qed taġixxi fil-kapaċità tagħha ta' Membru tal-Parlament Ewropew;

I. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, waqt is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Membri tiegħu għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom;

J. billi hija biss l-immunità koperta taħt l-Artikolu 9 li tista' titneħħa ([2]);

K. billi l-iskop ta' tali immunità huwa li l-Parlament u l-Membri tiegħu jiġu protetti minn proċedimenti ġudizzjarji fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari u li ma jistgħux jiġu separati minn dawk id-dmirijiet;

L. billi fejn dawn il-proċedimenti ma jikkonċernawx il-qadi tad-dmirijiet ta' Membru, l-immunità għandha titneħħa sakemm ma jkunx jidher li l-intenzjoni wara l-proċedimenti ġudizzjarji tista' tkun li ssir ħsara lill-attività politika ta' Membru u għaldaqstant lill-indipendenza tal-Parlament (*fumus persecutionis*);

M. billi abbażi tal-informazzjoni mogħtija f'dan il-każ, ma hemm l-ebda raġuni għalfejn wieħed għandu jissuspetta li l-proċedimenti relatati ma' Jean-Marie Le Pen huma mmotivati minn intenzjoni li ssir ħsara lill-attività politika tiegħu bħala Membru tal-Parlament Ewropew;

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Jean-Marie Le Pen;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu minnufih lill-awtorità kompetenti fi Franza u lil Jean-Marie Le Pen.

---

([1]) Is-sentenza f'Patriciello, iċċitata iktar 'il fuq, paragrafu 33.
([2]) Is-sentenza f'Marra, iċċitata iktar 'il fuq, paragrafu 45.

P8_TA(2017)0266

## Talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Marine Le Pen

### Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Marine Le Pen (2017/2021(IMM))

(2018/C 331/25)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Marine Le Pen, mibgħuta fid-9 ta' Diċembru 2016 minn Pascal Guinot, Prosekutur Ġenerali tal-Qorti ta' Appell ta' Aix-en-Provence, u mħabbra fis-seduta plenarja fid-19 ta' Jannar 2017,

— wara li stieden lis-Sinjura Le Pen biex tinstema' fid-29 ta' Mejju u fit-12 ta' Ġunju 2017, skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,

— wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Mejju 1964, fl-10 ta' Lulju 1986, fil-15 u fil-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011 u fis-17 ta' Jannar 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-ewwel paragrafu tal-Artikoli 23, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 29, l-Artikolu 30 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 31 tal-Att tad-29 ta' Lulju 1881 u l-Artikoli 93–2 u 93–3 tal-Att tad-29 ta' Lulju 1982,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2) u 6(1) u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0223/2017),

A. billi l-Prosekutur Ġenerali tal-Qorti tal-Appell ta' Aix en Provence talab it-tneħħija tal-immunità ta' Membru tal-Parlament Ewropew, Marine Le Pen, b'rabta ma' azzjoni legali rigward reat allegat;

B. billi skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea il-Membri tal-Parlament Ewropew m'għandhom ikunu suġġetti għal ebda forma ta' investigazzjoni, detenzjoni jew proċeduri legali, fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom.

C. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, waqt is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Membri tiegħu għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom;

D. billi t-tieni paragrafu tal-Artikolu 26(2) tal-Kostituzzjoni Franċiża jiddisponi li l-ebda Membru tal-Parlament ma jista' jiġi arrestat jew soġġett għal kwalunkwe miżura oħra li tneħħilu l-libertà jew tirristrinġilu dik il-libertà minħabba reati kriminali jew minuri mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Assemblea li jagħmel parti minnha, u li tali awtorizzazzjoni ma tkunx meħtieġa jekk ikun sar reat gravi, fil-każ ta' *flagrante delicto* jew il-ħruġ ta' sentenza finali;

E. billi Marine Le Pen hija akkużata b'diffamazzjoni pubblika ta' uffiċjali eletti pubblikament, reat li hemm dispożizzjonijiet dwaru fid-dritt Franċiż, partikolarment fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 23, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 29, l-Artikolu 30 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 31 tal-Att tad-29 ta' Lulju 1881 u l-Artikoli 93-2 u 93-3 tal-Att tad-29 ta' Lulju 1982;

---

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 1964, Wagner vs Fohrmann u Krier, 101/63, ECLI:EU:C:1964:28; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, Wybot vs Faure u oħrajn, 149/85, ECLI:EU:C:1986:310; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2008, Mote vs il-Parlament, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, Marra vs De Gregorio u Clemente, C-200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, Gollnisch vs il-Parlament, T-42/06, ECLI:EU:T:2010:102; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, Patriciello, C-163/10, ECLI: EU:C:2011:543; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, Gollnisch vs il-Parlament, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23.

F. billi fit-28 ta' Lulju 2015, Christian ESTROSI ppreżenta quddiem id-Dekan tal-imħallfin tal-istruttorja ta' Nizza lment b'intervent ċivili kontra Marine Le Pen bl-akkuża ta' diffamazzjoni pubblika ta' ċittadin li għandu kariga pubblika temporanja; billi huwa jsostni li fit-3 ta' Mejju 2015, waqt il-programm LE GRAND RENDEZ-VOUS imxandar simultanjament fuq iTÉLÉ u fuq Europe 1, Marine LE PEN għaddiet il-kummenti li ġejjin li jikkostitwixxu allegazzjonijiet jew attribuzzjonijiet ta' fatt li jippreġudikaw l-unur u r-reputazzjoni tiegħu:

"Isma', dak li naf hu dan: Is-Sur Estrosi iffinanzja UOIF (Unjoni ta' Organizzazzjonijiet Iżlamiċi fi Franza); huwa ġie kkundannat mill-qrati amministrattivi talli kkonċeda kirja baxxa ħafna lil moskea UOIF u anki l-Qorti Amministrattiva ċanfritu, li jikkorrispondi, fir-realtà, għall-mod kif dawn is-sindki jiffinanzjaw illegalment il-moskej, bi ksur tal-liġi tal-1905; meta wieħed jiċċappas bil-klijenteliżmu u bil-komunitariżmu, ovvjament wieħed ikollu joqgħod jgħolli leħnu u jagħmel diskorsi xokkanti, imma jiena ma nagħtix importanza lill-kliem iżda lill-azzjonijiet…"; bi tweġiba għal mistoqsija min-naħa tal-intervistatur "Jiġifieri Estrosi huwa kompliċi tal-ġihadisti?", is-Sinjura Le Pen allegatament wieġbet: "Għajnuna, forniment ta' riżorsi, assistenza; meta wieħed jgħin fit-twaqqif, it-tixrid, u r-reklutaġġ tal-fundamentaliżmu Iżlamiku, b'xi mod, moralment, iva, jkun ftit kompliċi";

G. billi Marine Le Pen ġiet mistiedna darbtejn għal seduta ta' smigħ, skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura; billi, madankollu, hija ma ħaditx l-opportunità biex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha lill-kumitat responsabbli;

H. billi l-atti akkużata bihom is-Sinjura Le Pen m'għandhomx rabta diretta mal-eżerċizzju ta' dmirijietha bħala Membru tal-Parlament Ewropew u lanqas kliemha fl-opinjonijiet espressi jew voti mogħtija fil-kuntest tal-funzjonijiet tagħha bħala Membru tal-Parlament Ewropew għall-finijiet tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

I. billi, wara li kkunsidra l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, l-akkużi huma manifestament mhumiex relatati mas-sitwazzjoni ta' Marine Le Pen bħala Membru tal-Parlament Ewropew u jikkonċernaw biss attivitajiet ta' natura nazzjonali jew reġjonali, u billi għaldaqstant l-Artikolu 8 mhuwiex applikabbli;

J. billi hija biss din l-immunità koperta mill-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea li tista' titneħħa;

K. billi, wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, ma hemm l-ebda raġuni li wieħed jissuspetta li t-talba għat-tneħħija saret bħala attentat sabiex tiġi ostakolata l-ħidma parlamentari ta' Marine Le Pen jew bl-intenzjoni li jiġi kkawżat dannu politiku għaliha (*fumus persecutionis*);

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Marine Le Pen;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu minnufih lill-awtorità kompetenti fir-Repubblika Franċiża u lil Marine Le Pen.

**It-Tlieta 13 ta’ Ġunju 2017**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2017)0249

## Il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Ġunju 2017 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) imwettqa b’mod konġunt minn bosta Stati Membri (COM(2016)0662 – C8-0421/2016 – 2016/0325(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2018/C 331/26)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0662),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 185 u 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0421/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta’ Jannar 2017 ([1]),

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-26 ta’ April 2017, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0112/2017),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni mehmuża ma’ din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 125, 21.4.2017, p. 80.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

## P8_TC1-COD(2016)0325

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Ġunju 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li pparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324.)*

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

**ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA**

## Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-garanziji finanzjarji għall-Istruttura ta' Implimentazzjoni tal-PRIMA

1. B'rabta mal-inizjattiva PRIMA, fl-Artikolu 58(1)(c)(vi) tiegħu, ir-Regolament Finanzjarju tal-UE jistipula li l-Kummissjoni tista' tħalli l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'idejn korp irregolat mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku (l-istruttura ta' implimentazzjoni). It-tali korp irid jipprovdi garanziji finanzjarji adegwati.

2. Sabiex titħares il-ġestjoni finanzarja tajba tal-fondi tal-UE, dawk il-garanziji għandhom ikopru kull dejn li l-istruttura ta' implimentazzjoni jista' jkollha mal-Unjoni b'rabta mal-kompiti kollha ta' implimentazzjoni previsti fil-ftehim ta' delega. Is-soltu l-Kummissjoni tistenna li l-garanti jaċċettaw l-obbligazzjoni *in solidum* għad-djun tal-istruttura ta' implimentazzjoni.

3. Madankollu, abbażi ta' valutazzjoni ddettaljata tar-riskju, u b'mod partikulari jekk l-eżitu tal-valutazzjoni tal-pilastru *ex ante* mwettqa fuq l-istruttura ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju titqies li hija adegwata, l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni li jkun qed jieħu ħsieb l-inizjattiva PRIMA se jipprevedi li:

— Il-garanziji finanzjarji li l-istruttura ta' implimentazzjoni tintalab tipprovdi jistgħu jkunu limitati għall-ammont massimu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità.

— Bl-istess mod, l-obbligazzjoni ta' kull garanti tista' tkun proporzjonata mas-sehem tal-kontribuzzjoni tagħhom għall-inizjattiva PRIMA.

Il-garanti jistgħu jaqblu fuq il-modalitajiet li bihom se jkopru din l-obbligazzjoni fl-ittri rispettivi tagħhom ta' dikjarazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0250

## Miżuri speċifiċi għall-provvista ta' assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi għall-provvista ta' assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali (COM(2016)0778 – C8-0489/2016 – 2016/0384(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2018/C 331/27)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2016)0778),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 177 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0489/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-22 ta' Frar 2017 ([1]),

— wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-24 ta' Mejju 2017, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A8-0070/2017),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P8_TC1-COD(2016)0384

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Ġunju 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi għall-provvista ta' assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2017/1199.)*

---

([1]) ĠU C 173, 31.5.2017, p. 38.

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0251

## It-tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (COM(2015)0341 – C8-0189/2015 – 2015/0149(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2018/C 331/28)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2015)0341),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0189/2015),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Jannar 2016 ([1]),

— wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-5 ta' April 2017, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0213/2016),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt ([2]);

2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni

4. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P8_TC1-COD(2015)0149

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Ġunju 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2017/1369.)*

---

([1]) ĠU C 82, 3.3.2016, p. 6.

([2]) Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fis-6 ta' Lulju 2016 (Testi adottati P8_TA(2016)0304).

**It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017**

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

### Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Artikoli 290 u 291 TFUE

"Filwaqt li jfakkru fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, b'mod partikolari l-paragrafu 26 tiegħu, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament m'għandhomx jippreġudikaw kwalunkwe pożizzjoni futura tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 290 u 291 TFUE f'fajls leġislattivi oħra."

### Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kumpens finanzjarju għall-konsumaturi

"Fid-dawl tal-isforzi kontinwi tagħha biex issaħħaħ l-infurzar tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni għall-prodotti, il-Kummissjoni, – sabiex tindirizza t-telf finanzjarju potenzjali għall-konsumaturi minħabba prodotti li jkunu ttikkettati b'mod ħażin jew minħabba prestazzjoni tal-enerġija u ambjentali li tkun inqas minn dik indikata fuq it-tikketta, – għandha tinvestiga jekk il-kumpens għall-konsumaturi f'każ ta' nuqqas ta' konformità fir-rigward tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika indikata fuq it-tikketta jistax jiġi indirizzat."

P8_TA(2017)0252

## Il-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 (COM(2016)0400 – C8-0223/2016 – 2016/0186(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2018/C 331/29)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0400),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 167(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0223/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-24 ta' Mejju 2017, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A8-0061/2017),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P8_TC1-COD(2016)0186

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Ġunju 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Deċiżjoni (UE) 2017/1545.)*

---

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

P8_TA(2017)0256

# It-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti u biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għar-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima (COM(2016)0482 – C8-0331/2016 – 2016/0231(COD)) ([1])**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2018/C 331/30)

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL | REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL |
| dwar ***it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti u*** biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għar-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima | dwar ***l-azzjoni klimatika*** biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għar-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima ***("Regolament dwar l-Azzjoni Klimatika li jimplimenta l-Ftehim ta' Pariġi")*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Kunsiderazzjoni 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Wara li kkunsidraw il-Protokoll Nru 1 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea,*** |

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura għal negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 59(4) (A8-0208/2017).

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Kunsiderazzjoni 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Wara li kkunsidraw il-Protokoll Nru 2 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) ***Fl-10 ta' Ġunju 2016 il-Kummissjoni ppreżentat proposta li l-UE tirratifika l-ftehim*** ta' Pariġi. Din il-proposta leġiżlattiva tifforma parti mill-implimentazzjoni tal-impenn tal-UE fil-ftehim ta' Pariġi. L-impenn tal-Unjoni għal tnaqqis tal-emissjonijiet fis-setturi ekonomiċi kollha ġie kkonfermat il-kontribut maħsub determinat fil-livell nazzjonali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li ġie ppreżentat lis-Segretarjat tal-UNFCCC fis-6 ta' Marzu 2015. | (3) ***Il-Kunsill irratifika l-Ftehim ta' Pariġi fil-5 ta' Ottubru 2016, wara l-approvazzjoni mogħtija mill-Parliament Ewropew fl-4 ta' Ottubru 2016. Il-Ftehim*** ta' Pariġi ***daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016 u għandu l-għan, skont l-Artikolu 2 tiegħu, "li jsaħħaħ ir-rispons globali għat-theddida tat-tibdil fil-klima, fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u l-isforzi biex jinqered il-faqar, inkluż billi: (a) iżomm iż-żieda fit-temperatura medja globali għal ferm inqas minn 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u jsegwi l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C aktar mil-livelli preindustrijali, filwaqt li jiġi rikonoxxut li dan inaqqas b'mod sinifikanti r-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima; (b) iżid il-kapaċità ta' adattament għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima u jrawwem ir-reżiljenza għall-klima u l-iżvilupp ta' emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra, b'mod li ma jipperikolax il-produzzjoni tal-ikel; (c) jagħmel il-flussi finanzjarji konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u ta' żvilupp reżiljenti għall-klima.***"<br><br>***Il-Ftehim ta' Pariġi jirrikjedi wkoll li l-partijiet tiegħu jieħdu azzjoni sabiex jikkonservaw u jtejbu, kif xieraq, bjar u riżervi ta' gassijiet serra, inklużi foresti.***<br><br>Din il-proposta leġiżlattiva tifforma parti mill-implimentazzjoni tal-impenn tal-UE fil-ftehim ta' Pariġi. L-impenn tal-Unjoni għal tnaqqis tal-emissjonijiet fis-setturi ekonomiċi kollha ġie kkonfermat fil-kontribut maħsub determinat fil-livell nazzjonali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li ġie ppreżentat lis-Segretarjat tal-UNFCCC fis-6 ta' Marzu 2015. |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-Ftehim ta' Pariġi jissostitwixxi l-approċċ deċiż skont il-Protokoll ta' Kjoto tal-1997 li mhuwiex se jitkompla lil hinn mill-2020. | (4) Il-Ftehim ta' Pariġi jissostitwixxi l-approċċ deċiż skont il-Protokoll ta' Kjoto tal-1997 li mhuwiex se jitkompla lil hinn mill-2020. ***Il-Green Investment Schemes marbuta mall-Protokoll ta' Kjoto, li jipprovdu appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' tnaqqis fl-emissjonijiet fi Stati Membri bi dħul iktar baxx, għalhekk se jintemmu wkoll.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Il-laqgħa tal-Kunsill Ambjentali tal-21 ta' Ottubru 2009 appoġġat mira tal-Unjoni, fil-kuntest ta' tnaqqis meħtieġ skont il-Grupp ta' Esperti Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) mill-pajjiżi żviluppati bħala grupp, li jitnaqqsu l-emissjonijiet bi 80 sa 95 % sal-2050 meta mqabbla mal-1990.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) It-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa teħtieġ tibdil fl-aġir tal-investiment u inċentivi ***fil-firxa kollha tal-politika***. Hija prijorità prinċipali tal-Unjoni li tistabbilixxi Unjoni tal-Enerġija ***reżiljenti biex*** tipprovdi enerġija sikura, sostenibbli, kompetittiva u affordabbli ***għaċ-ċittadini*** tagħha. Il-kisba ta' dan tirrikjedi wkoll kontinwazzjoni ta' azzjoni klimatika ambizzjuża b'dan ir-Regolament u progress fir-rigward ta' aspetti oħra tal-Unjoni tal-Enerġija kif stabbilita fil-Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem ([16]).<br><br>([16]) COM(2015)0080 | (5) It-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa ***u l-bijoekonomija*** teħtieġ tibdil fl-aġir tal-investiment ***fil-firxa kollha tal-politika*** u inċentivi ***għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) b'inqas kapital u b'azjendi agrikoli żgħar li jadattaw il-mudelli ta' negozju tagħhom***. Hija prijorità prinċipali tal-Unjoni li tistabbilixxi Unjoni tal-Enerġija reżiljenti ***li tagħti prijorità lill-effiċjenza enerġetika u għandha l-għan li*** tipprovdi enerġija sikura, sostenibbli, kompetittiva u affordabbli ***liċ-ċittadini*** tagħha ***kif ukoll li tapplika politiki ta' sostenibbiltà u ta' tnaqqis tal-emissjonijiet stretti fir-rigward tal-użu ta' riżorsi b'bażi bijoloġika li jissostitwixxu riżorsi fossili***. Il-kisba ta' dan tirrikjedi wkoll kontinwazzjoni ta' azzjoni klimatika ambizzjuża b'dan ir-Regolament u progress fir-rigward ta' aspetti oħra tal-Unjoni tal-Enerġija kif stabbilita fil-Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem ([16]).<br><br>([16]) COM(2015)0080 |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | Emenda |
|---|---|
| (9) L-approċċ ta' limiti nazzjonali vinkolanti annwali meħud fid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]) għandu jitkompla mill-2021 sal-2030, u l-kalkolu tat-trajettorja jibda fl-***2020*** fuq il-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-perjodu mill-2016 sal-2018, u t-tmiem tat-trajettorja jkun il-limitu tal-2030 għal kull Stat Membru. Aġġustament tal-allokazzjoni fl-2021 huwa previst għall-Istati Membri li jkollhom kemm limitu pożittiv skont id-Deċiżjoni 406/2009/KE kif ukoll allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet li jiżdiedu bejn l-2017 u l-2020 iddeterminati skont id-Deċiżjonijiet 2013/162/UE u 2013/634/UE, biex jirrifletti l-emissjonijiet miżjuda f'dawk is-snin. Il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li d-disponibbiltà u l-użu ta' strumenti ta' flessibbiltà eżistenti fis-setturi mhux tal-ETS għandhom jiġu msaħħa b'mod sinifikanti sabiex tiġi żgurata l-kosteffikaċja tal-isforz kollettiv tal-Unjoni u l-konverġenza ta' emissjonijiet per capita sal-2030. | (9) Jenħtieġ li l-approċċ ta' limiti nazzjonali vinkolanti annwali meħud fid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]) jitkompla mill-2021 sal-2030, u l-kalkolu tat-trajettorja jibda fl-***2018*** fuq il-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-perjodu mill-2016 sal-2018 ***jew tal-valur tal-allokazzjoni tal-emissjonijiet annwali għall-2020 skont liema minnhom tkun l-inqas***, u t-tmiem tat-trajettorja jkun il-limitu tal-2030 għal kull Stat Membru. ***Sabiex tkun ippremjata l-azzjoni bikrija u biex jappoġġaw lill-Istati Membri b'kapaċità ta' investiment aktar baxxa, l-Istati Membri bi PDG per capita aktar baxx mill-medja tal-UE, li matul l-2013 sal-2020 inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom aktar mill-allokazzjonijiet ta' emissjonijiet annwali tagħhom għall-perjodu 2013-2020 previsti skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE jistgħu, f'ċerti kundizzjonijiet, jitolbu allokazzjonijiet addizzjonali minn riserva.*** Aġġustament ***supplementari*** tal-allokazzjoni fl-2021 huwa previst għall-Istati Membri li jkollhom kemm limitu pożittiv skont id-Deċiżjoni ***Nru*** 406/2009/KE kif ukoll allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet li jiżdiedu bejn l-2017 u l-2020 iddeterminati skont id-Deċiżjonijiet 2013/162/UE u 2013/634/UE, biex jirrifletti l-emissjonijiet miżjuda f'dawk is-snin. Il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li jenħtieġ li d-disponibbiltà u l-użu ta' strumenti ta' flessibbiltà eżistenti fis-setturi mhux tal-ETS jiġu msaħħa b'mod sinifikanti sabiex tiġi żgurata l-kosteffikaċja tal-isforz kollettiv tal-Unjoni u l-konverġenza ta' emissjonijiet per capita sal-2030. |
| ([19]) Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136). | ([19]) Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136). |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(9a)* ***Sabiex l-Unjoni tilħaq l-objettivi tagħha lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju, dan ir-Regolament jipprovdi għal perkors ta' tnaqqis ta' emissjonijiet fit-tul biex mill-2031 jitnaqqsu l-emissjonijiet serra koperti b'dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jikkontribwixxi wkoll għall-għan tal-Ftehim ta' Pariġi li jinkiseb bilanċ bejn emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u l-assorbiment minn bjar ta' gassijiet serra fit-tieni nofs ta' dan is-seklu.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 10a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(10a)* ***Sabiex tinżamm l-effiċjenza sħiħa tar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 ([1a]) tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, jenħtieġ li l-kanċellazzjoni ta' kwoti minħabba l-użu tal-flessibbiltà stipulata f'dan ir-Regolament wara tnaqqis fil-kwoti tal-EU ETS ma tiġix ikkunsidrata bħala kwoti li ġew ikkanċellati skont id-Direttiva 2003/87/KE meta jiġi determinat, skont id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814, l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni f'sena partikolari skont dik id-Deċiżjoni.*** <br><br> *([1a])* ***Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 264, 9.10.2015, p. 1).*** |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Teżisti firxa ta' miżuri tal-Unjoni li jtejbu l-kapaċità tal-Istati Membri li jissodisfaw l-impenji klimatiċi tagħhom u huma kruċjali għall-kisba tat-tnaqqis ta' emissjonijiet meħtieġ fis-setturi koperti minn dan ir-Regolament. Dawn jinkludu l-leġiżlazzjoni dwar il-gassijiet serra fluworinati, it-tnaqqis ta' CO2 mill-vetturi tat-triq, ***ir-rendiment*** tal-bini fl-użu tal-enerġija, ***l-enerġija*** rinnovabbli, ***l-effiċjenza*** fl-użu tal-enerġija u ***l-ekonomija*** ċirkolari, kif ukoll strumenti ta' finanzjament tal-Unjoni għall-investimenti relatati mal-klima. | (11) Teżisti firxa ta' miżuri tal-Unjoni li jtejbu l-kapaċità tal-Istati Membri li jissodisfaw l-impenji klimatiċi tagħhom u huma kruċjali għall-kisba tat-tnaqqis ta' emissjonijiet meħtieġ fis-setturi koperti minn dan ir-Regolament. Dawn jinkludu l-leġiżlazzjoni dwar il-gassijiet serra fluworinati, it-tnaqqis ta' $CO_2$ mill-vetturi tat-triq, ***titjib fir-rendiment*** tal-bini fl-użu tal-enerġija, ***żieda fl-enerġija*** rinnovabbli, ***effiċjenza akbar*** fl-użu tal-enerġija u ***l-promozzjoni tal-ekonomija*** ċirkolari, kif ukoll strumenti ta' finanzjament tal-Unjoni għall-investimenti relatati mal-klima. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) Sabiex jinkiseb dan it-tnaqqis fl-emissjonijiet u fi sforz biex jiġi mmassimizzat ir-rwol tas-settur tal-agrikoltura, hu importanti li l-Istati Membri jippromwovu azzjonijiet ta' mitigazzjoni innovattivi li għandhom l-ikbar potenzjal, inkluż: il-konverżjoni ta' art agrikola f'mergħat permanenti; il-ġestjoni ta' għeluq b'ringieli ta' sġajriet, strixxi ta' lqugħ u s-siġar fuq art agrikola; siġar tal-agroforestrija, u skemi ta' taħwil ġdid; il-prevenzjoni ta' tneħħija ta' siġar u deforestazzjoni; art baxxa jew art li ma tinħadimx u l-użu ta' kopertura/uċuħ tar-raba' li jikbru malajr u l-uċuħ tar-raba' residwi fuq l-art; il-verifika tal-karbonju u pjanijiet ta' ġestjoni tal-ħamrija/tan-nutrijenti; titjib fl-effiċjenza tan-nitroġenu u l-inibizzjoni tan-nitrifikazzjoni; l-irkupru u l-konservazzjoni ta' art mistagħdra/torbiera; u t-tisħiħ fit-trobbija tal-bhejjem, l-għalf u l-metodi ta' ġestjoni għal emissjonijiet aktar baxxi.*** |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11b) Dan ir-Regolament, inklużi l-flessibilitajiet disponibbli, jipprovdu inċentiv għat-tnaqqis tal-emissjonijiet konsistenti ma' atti legali oħra tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija għal setturi li huma koperti minn dan ir-Regolament, inkluż fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika. Minħabba li aktar minn 75 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra huma relatati mal-enerġija, żieda fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u ffrankar tal-enerġija għandhom rwol importanti biex isir tnaqqis ta' emissjonijiet. Il-politiki ambizzjużi tal-effiċjenza fl-enerġija huma għalhekk importanti mhux biss għal iffrankar ta' importazzjoni akbar ta' fjuwils fossili li jiżguraw is-sigurtà tal-enerġija u kontijiet tal-konsumaturi aktar baxxi, imma wkoll biex ikun hemm użu akbar ta' teknoloġiji li jiffrankaw l-enerġija fil-bini, l-industrija u t-trasport, it-tisħiħ tal-kompetittività ekonomika, il-ħolqien ta' impjiegi lokali kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tas-saħħa u l-indirizzar tal-faqar fl-enerġija. Miżuri meħuda f'setturi koperti minn dan ir-Regolament, li jiġu amortizzati maż-żmiem, huma mod kosteffiċjenti li jgħin lill-Istati Membri jilħqu l-miri tagħhom skont dan ir-Regolament. Għaldaqstant, meta jittraduċu dan ir-Regolament f'politiki nazzjonali, hu importanti li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari għall-possibilitajiet speċifiċi u differenti ta' titjib u ta' investimenti fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fis-setturi kollha.*** |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(11c)* ***Is-settur tat-trasport mhux biss huwa emittent ewlieni ta' gassijiet serra iżda huwa wkoll is-settur li ilu mill-1990 jikber bl-aktar rata mgħaġġla fil-konsum tal-enerġija. Huwa importanti, għalhekk, li jsiru sforzi ulterjuri mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri biex itejbu l-effiċjenza tal-enerġija, iħeġġu bidla lejn modi tat-trasport sostenibbli u jnaqqsu d-dipendenza għolja li s-settur għandu fuq il-karbonju. Id-dekarbonizzazzjoni tat-taħlita tal-enerġija permezz tal-promozzjoni ta' enerġija b'emissjonijiet baxxi għat-trasport, pereżempju l-bijokarburanti sostenibbli u l-vetturi elettriċi, se tikkontribwixxi biex tintlaħaq il-mira tat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' $CO_2$, f'konformità mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. Dak jista' jiġi ffaċilitat billi jiġi żgurat li s-settur ikollu qafas ċar u fit-tul biex tiġi pprovduta ċ-ċertezza u li fuqha jistgħu jiġu bbażati l-investimenti.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(11d)* ***Jenħtieġ li l-impatt tal-politika dwar l-enerġija u tal-politiki settorjali fuq l-impenji tal-Unjoni u dawk nazzjonali fil-qasam tal-klima jiġu vvalutati b'metodi kwantifikati komuni, ħalli l-impatti tagħhom ikunu trasparenti u verifikabbli.*** |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Ir-Regolament [] [dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-assorbimenti mill-użu tal-art, it-tibdil tal-użu tal-art u l-forestrija, fil-qafas tal-2030 dwar il-klima u l-enerġija] jistabbilixxi regoli ta' kontabbiltà fir-rigward tal-użu tal-art, tat-tibdil tal-użu tal-art u tal-forestrija (LULUCF). Filwaqt li r-riżultat ambjentali skont dan ir-Regolament f'termini tal-livelli tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra huwa affettwat billi titqies kwantità ta' mhux aktar mis-somma tal-assorbimenti netti totali u l-emissjonijiet netti totali minn art deforestata, art forestali, raba' ġestita u bwar ġestiti kif iddefinit fir-Regolament [], għandha tiġi inkluża flessibbiltà għal kwantità massima ta' 280 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO2 ta' dawn l-assorbimenti mqassma fost l-Istati Membri skont iċ-ċifri fl-Anness III, bħala possibbiltà addizzjonali fejn tenħtieġ, biex tgħin lill-Istati Membri jonoraw l-impenji tagħhom. Fejn jiġi adottat l-att delegat biex jiġu aġġornati l-livelli ta' referenza tal-foresti abbażi tal-pjanijiet kontabilistiċi nazzjonali tal-forestrija skont l-Artikolu 8 (6) tar-Regolament [LULUCF], is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Unjoni fir-rigward tal-Artikolu 7 biex jirrifletti kontribuzzjoni tal-kategorija tal-kontabbiltà tal-art forestali ġestita fil-flessibbiltà prevista f'dak l-Artikolu. Qabel ma tadotta dan l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tevalwa r-robustezza tal-kontabbiltà tal-art forestali ġestita abbażi tad-dejta disponibbli, u b'mod partikolari l-konsistenza tar-rati tal-ħsad ipproġettati u reali. Barra minn hekk, skont dan ir-Regolament għandha tkun permessa l-possibbiltà li jitħassru volontarjament l-unitajiet ta' allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet sabiex ikunu jistgħu jitqiesu dawn l-ammonti meta tiġi vvalutata l-konformità mar-rekwiżiti skont ir-Regolament []. | (12) Ir-Regolament [] [dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-assorbimenti mill-użu tal-art, it-tibdil tal-użu tal-art u l-forestrija, fil-qafas tal-2030 dwar il-klima u l-enerġija] jistabbilixxi regoli ta' kontabbiltà fir-rigward tal-użu tal-art, tat-tibdil tal-użu tal-art u tal-forestrija (LULUCF). Filwaqt li r-riżultat ambjentali skont dan ir-Regolament f'termini tal-livelli tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra huwa affettwat billi titqies kwantità ta' mhux aktar mis-somma tal-assorbimenti netti totali u l-emissjonijiet netti totali minn art deforestata, art forestali, raba' ġestita, bwar ġestiti ***u, fejn applikabbli, art mistagħdra ġestita*** kif iddefinit fir-Regolament [], għandha tiġi inkluża flessibbiltà għal kwantità massima ta' 280 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO2 ta' dawn l-assorbimenti mqassma fost l-Istati Membri skont iċ-ċifri fl-Anness III, bħala possibbiltà addizzjonali fejn tenħtieġ, biex tgħin lill-Istati Membri jonoraw l-impenji tagħhom. Fejn jiġi adottat l-att delegat biex jiġu aġġornati l-livelli ta' referenza tal-foresti abbażi tal-pjanijiet kontabilistiċi nazzjonali tal-forestrija skont l-Artikolu 8 (6) tar-Regolament [LULUCF], is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Unjoni fir-rigward tal-Artikolu 7 biex jirrifletti kontribuzzjoni ***bbilanċjata*** tal-kategorija tal-kontabbiltà tal-art forestali ġestita fil-flessibbiltà ***ta' 280 miljun*** prevista f'dak l-Artikolu. Qabel ma tadotta dan l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tevalwa r-robustezza tal-kontabbiltà tal-art forestali ġestita abbażi tad-dejta disponibbli, u b'mod partikolari l-konsistenza tar-rati tal-ħsad ipproġettati u reali. Barra minn hekk, skont dan ir-Regolament għandha tkun permessa l-possibbiltà li jitħassru volontarjament l-unitajiet ta' allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet sabiex ikunu jistgħu jitqiesu dawn l-ammonti meta tiġi vvalutata l-konformità mar-rekwiżiti skont ir-Regolament []. |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) Il-kisba b'mod reċiprokament koerenti, tal-objettivi multipli tal-Unjoni marbuta mas-settur agrikolu, inklużi l-mitigazzjoni u l-adattament tal-klima, il-kwalità tal-arja, il-konservazzjoni tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistema, u l-appoġġ għall-ekonomiji rurali, se jirrikjedu tibdiliet fl-investiment u fl-inċentivi, bl-appoġġ ta' miżuri tal-Unjoni, bħall-PAK. Hu essenzjali li dan ir-Regolament jieħu kont tal-objettiv li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Istrateġija tal-Unjoni għall-Foresti biex jippromwovi provvista kompetittiva u sostenibbli ta' injam għall-bijoekonomija tal-Unjoni, il-politiki dwar il-foresti nazzjonali tal-Istati Membri, u l-Istrateġija tal-Unjoni dwar il-Bijoekonomija, u l-Istrateġija tal-Unjoni għal Ekonomija Ċirkolari.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Sabiex jiġu żgurati r-rapportar u l-verifika effiċjenti, trasparenti u kosteffikaċi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' informazzjoni oħra meħtieġa biex jiġi vvalutat il-progress fir-rigward tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet ta' Stat Membru, ir-rekwiżiti għar-rapportar u l-evalwazzjoni annwali skont dan ir-Regolament huma integrati mal-Artikoli rilevanti fir-Regolament (UE) Nru 525/2013 li għalhekk jeħtieġ li jiġu emendati skont dan. L-emenda ta' dan ir-Regolament għandu jiżgura wkoll li l-progress tal-Istati Membri fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ikompli jiġi evalwat kull sena, filwaqt illi jitqies il-progress fil-politiki tal-Unjoni u fil-miżuri u l-informazzjoni mill-Istati Membri. Kull sentejn, l-evalwazzjoni għandha tinkludi l-progress ipproġettat tal-Unjoni lejn l-onorar tal-impenji ta' tnaqqis tiegħu u tal-Istati Membri lejn it-twettiq tal-obbligi tagħhom. ***Madankollu, l-applikazzjoni ta' tnaqqis għandu jiġi kkunsidrat biss f'intervalli ta' ħames snin, biex ikun jista' jitqies il-kontribut*** potenzjali minn art deforestata, minn art forestali, minn raba' ġestita u minn bwar ġestiti, li jseħħ skont ir-Regolament []. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dmir tal-Kummissjoni li tiżgura l-konformità mal-obbligi tal-Istati Membri li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, jew għas-setgħa tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedimenti ta' ksur għal dan l-għan. | (13) Sabiex jiġu żgurati r-rapportar u l-verifika effiċjenti, trasparenti u kosteffikaċi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' informazzjoni oħra meħtieġa biex jiġi vvalutat il-progress fir-rigward tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet ta' Stat Membru, ir-rekwiżiti għar-rapportar u l-evalwazzjoni annwali skont dan ir-Regolament huma integrati mal-Artikoli rilevanti fir-Regolament (UE) Nru 525/2013 li għalhekk jeħtieġ li jiġu emendati skont dan. Jenħtieġ li l-emenda ta' dan ir-Regolament tiżgura wkoll li l-progress tal-Istati Membri fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ikompli jiġi evalwat kull sena, filwaqt illi jitqies il-progress fil-politiki tal-Unjoni u fil-miżuri u l-informazzjoni mill-Istati Membri. Kull sentejn, jenħtieġ li l-evalwazzjoni tinkludi l-progress ipproġettat tal-Unjoni lejn l-onorar tal-impenji ta' tnaqqis tiegħu u tal-Istati Membri lejn it-twettiq tal-obbligi tagħhom. Jenħtieġ li ***l-kontroll tal-konformità sħiħa ssir kull sentejn. L-applikazzjoni tal-kontribut*** potenzjali minn art deforestata, minn art forestali, minn raba' ġestita u minn bwar ġestiti, li jseħħ skont ir-Regolament [] ***jenħtieġ li tkun ikkunsidrata bi qbil mal-intervalli mniżżla f'dak ir-Regolament***. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dmir tal-Kummissjoni li tiżgura l-konformità mal-obbligi tal-Istati Membri li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, jew għas-setgħa tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedimenti ta' ksur għal dan l-għan. |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Peress li s-setturi koperti minn dan ir-Regolament jikkostitwixxu aktar minn nofs l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni, il-politiki ta' tnaqqis tal-emissjonijiet f'dawn is-setturi huma importanti ħafna sabiex jiġu ssodisfati l-impenji tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi. Għalhekk, il-proċeduri ta' monitoraġġ, ta' rappurtar u ta' segwitu taħt dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu trasparenti għalkollox. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jagħmlu l-informazzjoni dwar il-konformità ma' dan ir-Regolament disponibbli pubblikament u jenħtieġ li jiżguraw l-involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati u tal-pubbliku fil-proċess ta' rieżami ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni hija mħeġġa wkoll toħloq sistema effiċjenti u trasparenti biex timmonitorja l-eżitu tal-flessibbiltajiet li jkunu ddaħħlu.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Bħala mezz biex tissaħħaħ il-kosteffikaċja globali tat-tnaqqis totali, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jittrasferixxu parti mill-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tagħhom lil Stati Membri oħra. It-trasparenza ta' dawn it-trasferimenti għandha tiġi żgurata u tista' titwettaq b'mod li huwa konvenjenti għal kull parti, inkluż permezz tal-irkantar, l-użu ta' intermedjarji tas-suq li jaġixxu fuq bażi ta' aġenzija, jew permezz ta' arranġamenti bilaterali. | (14) Bħala mezz biex tissaħħaħ il-kosteffikaċja globali tat-tnaqqis totali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu ***jfaddlu jew jisselfu parti mill-allokazzjonijiet annwali tagħhom ta' emissjonijiet. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu wkoll*** jittrasferixxu parti mill-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tagħhom lil Stati Membri oħra. Jenħtieġ li t-trasparenza ta' dawn it-trasferimenti tiġi żgurata u tista' titwettaq b'mod li huwa konvenjenti għal kull parti, inkluż permezz tal-irkantar, l-użu ta' intermedjarji tas-suq li jaġixxu fuq bażi ta' aġenzija, jew permezz ta' arranġamenti bilaterali. |

**L-Erbgħa 14 ta’ Ġunju 2017**

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (15) L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli u li tgħin biex jinkiseb titjib sinifikanti u li jista’ jitkejjel fl-ambjent tal-Ewropa billi tipprovdi informazzjoni f’waqtha, immirata, rilevanti u affidabbli lil dawk li jfasslu l-politika, lill-istituzzjonijiet pubbliċi u lill-pubbliku. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tgħin lill-Kummissjoni, kif xieraq, skont il-programm ta’ ħidma annwali tagħha. | (15) L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli u li tgħin biex jinkiseb titjib sinifikanti u li jista’ jitkejjel fl-ambjent tal-Ewropa billi tipprovdi informazzjoni f’waqtha, immirata, rilevanti u affidabbli lil dawk li jfasslu l-politika, lill-istituzzjonijiet pubbliċi u lill-pubbliku. Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tgħin lill-Kummissjoni, kif xieraq, skont il-programm ta’ ħidma annwali tagħha, ***u tikkontribwixxi direttament u effettivament għall-indirizzar tat-tibdil fil-klima***. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (17) ***Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4 skont liema se jiġu stabbiliti l-limiti annwali tal-emissjonijiet għall-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat ta’ implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f’konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (21).*** | (17) ***Is-setgħa tal-adozzjoni ta’ atti*** skont ***l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*** jenħtieġ li ***tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għall-Istati Membri***. |

*(21) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).*

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 19a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(19a)* ***Minbarra l-isforzi biex tnaqqas l-emissjonijiet tagħha stess, huwa importanti li l-Unjoni, f'konformità mal-mira li żżid l-impatt pożittiv tagħha fuq il-marka pożittiva globali tal-bniedem fir-rigward tal-karbonju (carbon handprint), tipprevedi, flimkien ma' pajjiżi terzi, soluzzjonijiet għall-klima billi timplimenta proġetti konġunti ma' dawk il-pajjiżi, fil-kuntest tal-politika tal-2030 dwar il-klima, filwaqt li tqis il-fatt li l-Ftehim ta' Pariġi jirreferi għal mekkaniżmu ġdid ta' kooperazzjoni internazzjonali għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Dan ir-Regolament għandu jiġi rivedut mill-2024 u kull ħames snin wara dan, sabiex jiġi valutat il-funzjonament globali tiegħu. L-analiżi għandha tqis iċ-ċirkostanzi nazzjonali li jkunu qegħdin jevolvu u tkun infurmata mir-riżultati tal-analiżi globali tal-Ftehim ta' Pariġi. | (20) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi rivedut mill-2024 u kull ħames snin wara dan, sabiex jiġi valutat il-funzjonament globali tiegħu. Jenħtieġ li l-analiżi tqis iċ-ċirkostanzi nazzjonali li jkunu qegħdin jevolvu u tkun infurmata mir-riżultati tal-analiżi globali tal-Ftehim ta' Pariġi.<br><br>***Sabiex tikkonforma mal-Ftehim ta' Pariġi, huwa meħtieġ li l-Unjoni tagħmel sforzi progressivament akbar u tressaq kull ħames snin kontribut li jkun jirrifletti l-ogħla ambizzjoni possibbli tagħha.***<br><br>***Għalhekk ir-rieżami jenħtieġ li jieħu kont ukoll tal-għan tal-Unjoni li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha b'bejn 80 u 95 % sal-2050 meta mqabbel mal-livelli tal-1990 u l-għan tal-Ftehim ta' Pariġi sabiex jintlaħaq bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u l-assorbiment minn bjar ta' gassijiet serra fit-tieni nofs ta' dan is-seklu. Jenħtieġ li dan ikun imsejjes fuq l-aqwa metodi xjentifiċi disponibbli u jenħtieġ li jagħmel użu minn rapport preparatorju mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.***<br><br>***Jenħtieġ li r-rieżami tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-perjodu mill-2031 'il quddiem iqis il-prinċipji ta' ġustizzja u kosteffikaċja.*** |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-obbligi dwar il-kontribuzzjonijiet minimi tal-Istati Membri biex jonoraw l-impenn ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni għall-perjodu mill-2021 sal-2030, jistabbilixxi r-regoli dwar id-determinazzjoni tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet u għall-evalwazzjoni tal-progress tal-Istati Membri lejn l-ilħuq tal-kontribuzzjonijiet minimi tagħhom. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-obbligi dwar il-kontribuzzjonijiet minimi tal-Istati Membri biex jonoraw l-impenn ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni għall-perjodu mill-2021 sal-2030, jistabbilixxi r-regoli dwar id-determinazzjoni tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet u għall-evalwazzjoni tal-progress tal-Istati Membri lejn l-ilħuq tal-kontribuzzjonijiet minimi tagħhom. ***Dan jirrikjedi li l-Istati Membri jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 2 sabiex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni ta' tnaqqis ta' mill-inqas 30 % sal-2030 meta mqabbel mal-2005 b'mod ġust u kosteffettiv.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-għan ġenerali ta' dan ir-Regolament huwa li jistabbilixxi l-Unjoni fit-triq lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju permezz tal-istabbiliment ta' perkors prevedibbli u fit-tul, li jnaqqas, sas-sena 2050, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni minn 80 sa 95 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-emissjonijiet ta' CO2 mill-kategorija tas-sorsi tal-IPCC "1.A.3.A l-avjazzjoni ċivili" għandhom jiġu ttrattati bħala żero. | 3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-kategorija tas-sorsi tal-IPCC "1.A.3.A l-avjazzjoni ċivili" ***koperti mid-Direttiva 2003/87/KE*** għandhom jiġu ttrattati bħala żero. |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***3a. Dan ir-Regolament japplika għal emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-kategorija tas-sorsi tal-IPCC "1.A.3.D in-navigazzjoni" li mhumiex koperti mid-Direttiva 2003/87/KE.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Artikolu 4 | Artikolu 4 |
| il-livelli annwali ta' emissjonijiet għall-perjodu 2021 sa 2030 | Il-livelli annwali ta' emissjonijiet għall-perjodu 2021 sa 2030 |
| 1. ***Fl-2030***, kull Stat Membru għandu jillimita l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu b'mill-inqas il-perċentwal stabbilit għalih fl-Anness I ta' dan ir-Regolament imqabbel mal-emissjonijiet tiegħu fl-2005 ddeterminati skont il-paragrafu 3. | 1. ***Sal-2030***, kull Stat Membru għandu jillimita l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu b'mill-inqas il-perċentwal stabbilit għalih fl-Anness I ta' dan ir-Regolament imqabbel mal-emissjonijiet tiegħu fl-2005 ddeterminati skont il-paragrafu 3. |
| 2. Soġġett għall-flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 5, 6 u 7 għall-aġġustament skont l-Artikolu 10(2) u filwaqt illi jitqies kull tnaqqis li jista' jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu f'kull sena bejn l-2021 u l-2029 ma jaqbżux il-livell iddefinit minn trajettorja lineari, li tibda fl-***2020*** fuq il-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu matul l-2016, l-2017 u l-2018 iddeterminati skont il-paragrafu 3, u li tispiċċa fl-2030 fuq il-limitu stabbilit għal dak l-Istati Membru fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. | 2. Soġġett għall-flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 5, 6 u 7 għall-aġġustament skont l-Artikolu 10(2) u filwaqt illi jitqies kull tnaqqis li jista' jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu f'kull sena bejn l-2021 u l-2029 ma jaqbżux il-livell iddefinit minn trajettorja lineari, li tibda fl-***2018 jew*** fuq il-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu matul l-2016, l-2017 u l-2018 iddeterminati skont il-paragrafu 3 ***jew l-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet għall-2020 iddeterminata skont l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, liema minnhom huwa l-inqas***, u li tispiċċa fl-2030 fuq il-limitu stabbilit għal dak l-Istati Membru fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. |
| 3. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi*** l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għas-snin mill-2021 sal-2030 f'termini ta' tunnellati ta' ekwivalenti għas-CO2 kif speċifikat fil-paragrafi 1 u 2. Għall-finijiet ta' ***dan l-att ta' implimentazzjoni***, il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi komprensiva tad-dejta tal-inventarju nazzjonali l-aktar riċenti għas-snin 2005 u 2016 sa 2018 ippreżentata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013. | 3. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti delegati skont l-Artikolu 12 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi*** l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għas-snin mill-2021 sal-2030 f'termini ta' tunnellati ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ kif speċifikat fil-paragrafi 1 u 2. Għall-finijiet ta' ***dawk l-atti delegati***, il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi komprensiva tad-dejta tal-inventarju nazzjonali l-aktar riċenti għas-snin 2005 u 2016 sa 2018 ippreżentata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013. |

**L-Erbgħa 14 ta’ Ġunju 2017**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Dan l-att ***ta’ implimentazzjoni*** għandu jispeċifika wkoll, abbażi tal-perċentwali nnotifikati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 6(2), il-kwantitajiet li jistgħu jitqiesu għall-konformità tagħhom skont l-Artikolu 9 bejn l-2021 u l-2030. Jekk is-somma tal-kwantitajiet tal-Istat Membri kollha taqbeż it-total kollettiv ta’ 100 miljun, il-kwantitajiet għal kull Stat Membru għandhom jitnaqqsu fuq bażi pro rata sabiex ma jinqabiżx it-total kollettiv. | 4. Dan l-att ***delegat*** għandu jispeċifika wkoll, abbażi tal-perċentwali nnotifikati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 6(2), il-kwantitajiet li jistgħu jitqiesu għall-konformità tagħhom skont l-Artikolu 9 bejn l-2021 u l-2030. Jekk is-somma tal-kwantitajiet tal-Istat Membri kollha taqbeż it-total kollettiv ta’ 100 miljun, il-kwantitajiet għal kull Stat Membru għandhom jitnaqqsu fuq bażi pro rata sabiex ma jinqabiżx it-total kollettiv. |
| ***5. Dan l-att ta’ implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta’ eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 13.*** | |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 4a*** |
| | ***Trajettorja ta’ tnaqqis tal-emissjonijiet fit-tul mill-2031*** |
| | ***Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor fl-ewwel jew f’waħda mir-reviżjonijiet sussegwenti msemmija fl-Artikolu 14(2), kull Stat Membru għandu, għal kull sena mill-2031 sal-2050, ikompli jnaqqas l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra koperti minn dan ir-Regolament. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra tiegħu f’kull sena bejn l-2031 u l-2050 ma jaqbżux il-livell iddefinit minn trajettorja lineari, li tibda mill-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għas-sena 2030 u tispiċċa fl-2050 fuq livell ta’ emissjonijiet li huwa 80 % taħt il-livell tal-2005 għal dak l-Istat Membru.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 12 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għas-snin mill-2031 sal-2050 f’termini ta’ tunnellati ta’ $CO_2$ ekwivalenti.*** |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 5 | Artikolu 5 |
| Strumenti ta' flessibbiltà biex jinkisbu l-limiti annwali | Strumenti ta' flessibbiltà biex jinkisbu l-limiti annwali |
| 1. L-Istati Membri jistgħu jużaw il-flessibbiltajiet stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu, u fl-Artikoli 6 u 7. | 1. L-Istati Membri jistgħu jużaw il-flessibbiltajiet stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu, u fl-Artikoli 6 u 7. |
| 2. Fir-rigward tas-snin 2021 ***sa2029*** , Stat Membru jista' jissellef sa kwantità ta' 5 % mill-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għas-sena ta' wara. | 2. Fir-rigward tas-snin 2021 ***sal-2025, Stat Membru jista' jissellef sa kwantità ta' 10 % mill-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għas-sena ta' wara. Fir-rigward tas-snin 2026 sal-2029***, Stat Membru jista' jissellef sa kwantità ta' 5 % mill-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għas-sena ta' wara. |
| 3. Stat Membru li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu għal sena partikolari jkunu taħt l-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għal dik is-sena, filwaqt illi jitqies l-użu ta' flessibbiltajiet skont dan l-Artikolu u l-Artikolu 6, jista' jfaddal dik il-parti żejda tal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għas-snin sussegwenti sal-2030. | 3. Stat Membru li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu għal sena partikolari jkunu taħt l-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għal dik is-sena, filwaqt illi jitqies l-użu ta' flessibbiltajiet skont dan l-Artikolu u l-Artikolu 6, ***fir-rigward tas-snin 2021 sal-2025***, jista' jfaddal dik il-parti żejda tal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu ***sa livell ta' 10 % għas-snin sussegwenti sal-2025. Fir-rigward tas-snin 2026 sal-2029, Stat Membru jista' jfaddal il-parti żejda tal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu sa livell ta' 5 % tal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għas-snin sussegwenti sal-2030.*** |
| 4. Stat Membru jista' jittrasferixxi sa 5 % tal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu ta' sena partikolari lil Stati Membri oħra. L-Istat Membru riċeventi jista' juża din il-kwantità għall-konformità skont l-Artikolu 9 għas-sena partikolari jew għal snin sussegwenti sal-2030. | 4. Stat Membru jista' jittrasferixxi sa 5 % tal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu ta' sena partikolari lil Stati Membri oħra ***fir-rigward tas-snin 2021 sal-2025 u sa 10 % fir-rigward tas-snin 2026 sal-2030***. L-Istat Membru riċeventi jista' juża din il-kwantità għall-konformità skont l-Artikolu 9 għas-sena partikolari jew għal snin sussegwenti sal-2030. |
| 5. Stat Membru jista' jittrasferixxi l-parti tal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu li taqbeż l-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal dik is-sena, filwaqt li jitqies l-użu tal-flessibbiltajiet skont il-paragrafi 2 sa 4 ***u*** l-Artikolu 6, lil Stati Membri oħra. L-Istat Membru riċeventi jista' juża din il-kwantità għal konformità skont l-Artikolu 9 għal dik is-sena jew għal snin sussegwenti sal-2030. | 5. Stat Membru jista' jittrasferixxi l-parti tal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu li taqbeż l-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal dik is-sena, filwaqt li jitqies l-użu tal-flessibbiltajiet skont il-paragrafi 2 sa 4, l-Artikolu 6, lil Stati Membri oħra. L-Istat Membru riċeventi jista' juża din il-kwantità għal konformità skont l-Artikolu 9 għal dik is-sena jew għal snin sussegwenti sal-2030. |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Stat Membru ma għandux jittrasferixxi kwalunkwe parti mill-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu jekk, fiż-żmien tat-trasferiment, l-emissjonijiet ta' dak l-Istat Membru jaqbżu l-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu.*** |
| 6. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jużaw il-krediti minn proġetti maħruġa skont l-Artikolu 24a(1) tad-Direttiva 2003/87/KE għal konformità skont l-Artikolu 9, mingħajr ebda limitu kwantitattiv u filwaqt li jiġi evitat l-għadd doppju. | 6. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jużaw il-krediti minn proġetti maħruġa skont l-Artikolu 24a(1) tad-Direttiva 2003/87/KE għal konformità skont l-Artikolu 9, mingħajr ebda limitu kwantitattiv u filwaqt li jiġi evitat l-għadd doppju. ***L-Istati Membri jistgħu jħeġġu l-istabbiliment ta' sħubijiet privati-privati u pubbliċi-privati għal proġetti bħal dawn.*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-aċċess għall-flessibbiltà stabbilit f'dan l-Artikolu u fl-Anness II għandu jingħata bil-kundizzjoni li l-Istati Membri kkonċernati jimpenjaw ruħhom li jieħdu miżuri f'setturi oħra fejn fil-passat ikunu nkisbu riżultati insuffiċjenti. Il-Kummissjoni għandha tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta att delegat skont l-Artikolu 12 li jistabbilixxi lista ta' dawn il-miżuri u setturi sal-31 ta' Diċembru 2019.*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-użu addizzjonali ta' mhux aktar minn 280 miljun assorbiment nett minn ***art deforestata, art afforestata, raba' ġestita u bwar ġestiti*** | L-użu addizzjonali ta' mhux aktar minn 280 miljun assorbiment nett minn ***użu tal-art, tibdil tal-użu tal-art u forestrija*** |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sal-punt li emissjonijiet ta' Stat Membru jaqbżu l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tiegħu għal sena partikolari, kwantità ta' mhux aktar mis-somma ta' assorbimenti netti totali u l-emissjonijiet netti totali mill-kategoriji kombinati tal-kontabbiltà ta' art deforestata, art forestali, raba' ġestita u bwar ġestiti ***msemmija*** fl-Artikolu 2 tar-Regolament [] [LULUCF] tista' titqies għall-konformità tiegħu skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament għal dik is-sena, sakemm: | 1. Sal-punt li emissjonijiet ta' Stat Membru jaqbżu l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tiegħu għal sena partikolari ***flimkien ma' kwalunkwe allokazzjoni tal-emissjonijiet imfaddla skont l-Artikolu 5(3)***, kwantità ta' mhux aktar mis-somma ta' assorbimenti netti totali u l-emissjonijiet netti totali mill-kategoriji kombinati tal-kontabbiltà ta' art deforestata, art forestali, raba' ġestita, bwar ġestiti u ***art mistagħdra ġestita, fejn applikabbli, u suġġett għal att delegat skont il-paragrafu 2, art forestali ġestita, imsemmija*** fl-Artikolu 2 tar-Regolament [] [LULUCF] tista' titqies għall-konformità tiegħu skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament għal dik is-sena, sakemm: |
| | ***(-a) l-Istat Membru jippreżenta sal-1 ta' Jannar 2019 pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni li jistabbilixxi miżuri, inklużi, fejn relevanti, l-użu ta' finanzjament mill-Unjoni, għall-agrikoltura effiċjenti mill-att tal-klima u l-użu tal-art u s-setturi forestali u juri kif dawn il-miżuri se jikkontribwixxu biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont dan ir-Regolament u li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti skont l-Artikolu 4 tar-Regolament [][LULUCF] għall-perjodu mill-2021 sal-2030;*** |
| (a) il-kwantità kumulattiva li titqies għal dak l-Istat Membru għas-snin kollha tal-perjodu mill-2021 sal-2030 ma taqbiżx il-livell stabbilit fl-Anness III għal dak l-Istat Membru; | (a) il-kwantità kumulattiva li titqies għal dak l-Istat Membru għas-snin kollha tal-perjodu mill-2021 sal-2030 ma taqbiżx il-livell stabbilit fl-Anness III għal dak l-Istat Membru; |
| (b) din il-kwantità taqbeż ir-rekwiżiti tal-Istat Membru skont l-Artikolu 4 tar-Regolament [][LULUCF]; | (b) din il-kwantità ***murija li*** taqbeż ir-rekwiżiti tal-Istat Membru skont l-Artikolu 4 ***tar-Regolament [][LULUCF] matul il-perjodi ta' ħames snin stabbiliti fl-Artikolu 12*** tar-Regolament [][LULUCF]; |
| (c) l-Istat Membru ma akkwistax aktar assorbimenti netti skont ir-Regolament [][LULUCF] mingħand Stati Membri oħra milli jkun ittrasferixxa; kif ukoll | (c) l-Istat Membru ma akkwistax aktar assorbimenti netti skont ir-Regolament [][LULUCF] mingħand Stati Membri oħra milli jkun ittrasferixxa; kif ukoll |
| (d) l-Istat Membru kkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament [] [LULUCF]. | (d) l-Istat Membru kkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament [] [LULUCF]. |
| | ***B'konformità mal-punt(-a), il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjonijiet imressqa mill-Istati Membri dwar il-pjanijiet ta' azzjoni.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fejn ikun adottat l-att delegat biex jiġu aġġornati l-livelli ta' referenza tal-foresti abbażi tal-pjanijiet kontabilistiċi nazzjonali tal-forestrija skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament [LULUCF], il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta att delegat biex temenda l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu biex ikun jirrifletti kontribut tal-kategorija kontabilistika art forestali ġestita bi qbil mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament. | 2. Fejn ikun adottat l-att delegat biex jiġu aġġornati l-livelli ta' referenza tal-foresti abbażi tal-pjanijiet kontabilistiċi nazzjonali tal-forestrija skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament [LULUCF], il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta att delegat biex temenda l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***u l-kategoriji kontabilistiċi fl-Anness III*** biex ikun jirrifletti kontribut ***ibbilanċjat*** tal-kategorija kontabilistika art forestali ġestita bi qbil mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament ***mingħajr ma jinqabeż l-ammont totali ta' 280 miljun disponibbli taħt dan l-Artikolu***. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Fl-2027 u fl-2032,*** jekk l-emissjonijiet ta' gassijiet serra riveduti ta' Stat Membru jaqbżu l-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għal kwalunkwe sena speċifika tal-perjodu, skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-flessibbiltajiet użati skont l-Artikoli 5 sa 7, għandhom japplikaw il-miżuri li ġejjin: | 1. ***Kull sentejn il-Kummissjoni għandha twettaq verifika tal-konformità tal-Istati Membri ma' dan ir-Regolament.*** Jekk l-emissjonijiet ta' gassijiet serra riveduti ta' Stat Membru jaqbżu l-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu għal kwalunkwe sena speċifika tal-perjodu, skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-flessibbiltajiet użati skont l-Artikoli 5 sa 7, għandhom japplikaw il-miżuri li ġejjin: |
| (a) żieda maċ-ċifra tal-emissjonijiet ta' Stat Membru tas-sena ta' wara ugwali għall-ammont f'tunnellati ta' ekwivalenti għas-CO2 tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra żejda, immultiplikat b'fattur ta' 1,08, skont il-miżuri adottati skont l-Artikolu 11; kif ukoll | (a) żieda maċ-ċifra tal-emissjonijiet ta' Stat Membru tas-sena ta' wara ugwali għall-ammont f'tunnellati ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra żejda, immultiplikat b'fattur ta' 1,08, skont il-miżuri adottati skont l-Artikolu 11; kif ukoll |
| (b) l-Istat Membru għandu jkun temporanjament ipprojbit milli jittrasferixxi ebda parti mill-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu lil Stat Membru ieħor sakemm jiġi konformi ma' dan ir-Regolament. L-Amministratur Ċentrali għandu jimplimenta din il-projbizzjoni fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 11. | (b) l-Istat Membru għandu jkun temporanjament ipprojbit milli jittrasferixxi ebda parti mill-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tiegħu lil Stat Membru ieħor sakemm jiġi konformi ma' dan ir-Regolament. L-Amministratur Ċentrali għandu jimplimenta din il-projbizzjoni fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 11. |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9a*** |
| | ***Riżerva għal azzjoni bikrija*** |
| | ***1. Sabiex tiġi kkunsidrata azzjoni bikrija qabel l-2020, u fuq it-talba ta' Stat Membru, kwantità li ma taqbiżx is-somma totali ta' 90 miljun tunnellata f'allokazzjonijiet annwali ta' emissjonijiet fil-perjodu ta' bejn l-2026 u l-2030 għandha tittieħed in kunsiderazzjoni fir-rigward tal-konformità tal-Istat Membru għall-iskopijiet tal-aħħar kontroll tal-konformità skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, dment li:*** |
| | ***(a) it-total tal-allokazzjonijiet annwali tiegħu tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2013 sal-2020 kif iddeterminat skont l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE jaqbeż it-total tiegħu tal-emissjonijiet annwali ta' gassijiet serra vverifikati għall-perjodu mill-2013 sal-2020;*** |
| | ***(b) il-PDG tiegħu per capita għall-prezzijiet tas-suq fl-2013 ikun taħt il-medja tal-UE;*** |
| | ***(c) ikun uża l-limitu massimu tal-flessibilitajiet imsemmija fl-Artikoli 6 u 7 għal-livelli stabbiliti fl-Annessi II u III;*** |
| | ***(d) ikun uża l-limitu massimu tal-flessibilitajiet imsemmija fl-Artikolu 5(2) u (3) u ma jkunx ittrasferixxa l-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet lejn Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 5(4) u (5); u*** |
| | ***(e) l-Unjoni kollha kemm hi tilħaq il-mira tagħha msemmija fl-Artikolu 1(1).*** |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2. Is-sehem massimu ta' Stat Membru tas-somma totali msemmija fil-paragrafu 1 li jista' jiġi kkunsidrat fir-rigward tal-konformità għandu jiġi stabbilit abbażi tar-rata ta', minn naħa waħda, id-differenza bejn it-total tal-allokazzjonijiet annwali tiegħu tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2013 sal-2020 u t-total annwali vverifikat dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul l-istess perjodu, u, min-naħa l-oħra, id-differenza bejn it-total tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2013 sal-2020 tal-Istati Membri kollha li jissodisfaw il-kriterju fil-punt (b) tal-paragrafu 1 u t-total annwali vverifikat tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' dawk l-Istati Membri fl-istess perjodu.*** |
| | ***L-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet u l-emissjonijiet annwali vverifikati għandhom jiġu ddeterminati skont il-paragrafu 3.*** |
| | ***3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 12 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi massimu ta' ishma għal kull Stat Membru f'termini ta' tunnellati ta' $CO_2$ ekwivalenti skont il-paragrafi 1 u 2. Għall-finijiet ta' dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tuża l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet stabbiliti skont l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE u d-data rieżaminata tal-inventarju għas-snin 2013 sal-2020 skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-ammont li jinsab fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament ***għandhom jiżdiedu*** mal-allokazzjoni għas-sena 2021 għal kull Stat Membru msemmi f'dak l-Anness. | 2. L-ammont li jinsab fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament***, li jirrappreżenta somma totali ta' 39,14-il miljun tunellata ta' $CO_2$ ekwivalenti għall-Istati Membri kollha, għandu jiżdied*** mal-allokazzjoni għas-sena 2021 għal kull Stat Membru msemmi f'dak l-Anness. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Ir-Reġistru*** | ***Ir-Reġistru Ewropew*** |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-kontabbiltà preċiża skont dan ir-Regolament permezz tar-Reġistru tal-Unjoni stabbilit skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, ***inklużi l-allokazzjonijiet*** annwali tal-emissjonijiet, il-flessibbiltajiet eżerċitati skont l-Artikoli 4 sa 7, il-konformità skont l-Artikolu 9 u t-tibdil fil-kopertura skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament. L-Amministratur Ċentrali għandu jwettaq kontroll awtomizzat fuq kull tranżazzjoni skont dan ir-Regolament u, fejn meħtieġ, iwaqqaf xi tranżazzjonijiet biex jiżgura li ma jkunx hemm irregolaritajiet. Din l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku. | 1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-kontabbiltà preċiża skont dan ir-Regolament permezz tar-Reġistru tal-Unjoni stabbilit skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013***. Il-Kummissjoni għandha***, ***għal dak il-għan, tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 12 biex tissupplimenta dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ta' allokazzjonijiet*** annwali tal-emissjonijiet, il-flessibbiltajiet eżerċitati skont l-Artikoli 4 sa 7, il-konformità skont l-Artikolu 9 u t-tibdil fil-kopertura skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament. L-Amministratur Ċentrali għandu jwettaq kontroll awtomizzat fuq kull tranżazzjoni skont dan ir-Regolament u, fejn meħtieġ, iwaqqaf xi tranżazzjonijiet biex jiżgura li ma jkunx hemm irregolaritajiet. ***Is-sistema tar-reġistru Ewropew għandha tkun trasparenti u tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar it-trasferiment tal-kwoti bejn l-Istati Membri.*** Din l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku ***permezz ta' sit web apposta ospitat mill-Kummissjoni***. |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat biex jiġi implimentat il-paragrafu 1 skont l-Artikolu 12 ta'dan ir-Regolament.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11a*** <br><br> ***L-impatt fuq il-klima tal-finanzjament tal-Unjoni*** <br><br> ***Il-Kummissjoni għandha twettaq studju transsettorjali komprensiv tal-impatt tal-finanzjament mogħti mill-baġit tal-Unjoni jew inkella skont id-dritt tal-Unjoni fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.*** |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Sal-1 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ir-rapport dwar is-sejbiet tal-istudju li għandu jkun akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposti leġiżlattivi mmirati lejn it-twaqqif ta' kwalunkwe finanzjament tal-Unjoni li ma jkunx kompatibbli mal-miri ta' tnaqqis ta' $CO_2$ jew mal-politiki tal-Unjoni. Dan għandu jinkludi l-proposta ta' kontroll tal-kompatibbiltà klimatika ex-ante obbligatorja li tapplika għal kull investiment ġdid tal-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2020 u l-obbligu li r-riżultati jsiru pubbliċi b'mod trasparenti u aċċessibbli.*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 7(2) u 11 ta' dan ir-Regolament għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***żmien mhux determinat mid-data*** tad-dħul fis-seħħ ta' dan ***ir-Regolament***. | 2. Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikoli ***4(3), l-Artikolu 4a, l-Artikolu 6(3a), l-Artikolu*** 7(2), ***l-Artikolu 9a*** u ***l-Artikolu*** 11 ta' dan ir-Regolament għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***ħames snin minn … [id-data*** tad-dħul fis-seħħ ta' dan ***ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Id-delega tas-setgħat msemmija fl-Artikoli 7(2) u 11 ***jistgħu' jiġu revokati*** fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' atti delegati diġà fis-seħħ. | 3. Id-delega tas-setgħat msemmija fl-Artikoli ***4(3), l-Artikolu 4a, l-Artikolu 6(3a), l-Artikolu*** 7(2), ***l-Artikolu 9a*** u ***l-Artikolu*** 11 ***tista' tiġi revokata*** fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' atti delegati diġà fis-seħħ. |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Att delegat li jkun ġie adottat skont l-Artikoli 7(2) ***u*** 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew xi oġġezzjoni f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li ma għandhomx oġġezzjonijiet. Dak il-perjodu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | 6. Att delegat li jkun ġie adottat skont l-Artikoli ***4(3), Artikolu 4a, Artikolu 6(3a) Artikolu*** 7(2)***, Artikolu 9a u l-Artikolu*** 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew xi oġġezzjoni f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li ma għandhomx oġġezzjonijiet. Dak il-perjodu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 13*** | ***imħassar*** |
| ***Proċedura ta' kumitat*** | |
| ***1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejuna mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 525/2013. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** | |
| ***2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** | |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***1. Fi żmien sitt xhur mid-djalogu faċilitattiv taħt l-UNFCCC fl-2018, il-Kummissjoni għandha tippubblika komunikazzjoni li tivvaluta l-konsistenza tal-atti leġiżlattivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija skont l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. B'mod partikolari, il-komunikazzjoni għandha teżamina r-rwol u l-adegwatezza tal-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament biex jintlaħqu dawk l-għanijiet, u l-konsistenza ta' atti leġislattivi tal-Unjoni fil-qasam tal-klima u l-enerġija, inklużi r-rekwiżiti tal-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli, kif ukoll atti leġislattivi fil-qasam tal-agrikoltura u t-trasport, flimkien mal-impenn tal-UE għat-tnaqqis tal-gassijiet serra.*** |
| Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-28 ta' Frar 2024 ***u kull ħames snin wara dan*** dwar l-operat ta' dan ir-Regolament, il-kontribut tiegħu għall-mira globali tal-UE tal-2030 ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-kontribut tiegħu għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, u tagħmel il-proposti jekk ikun meħtieġ. | **2.** Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-28 ta' Frar 2024 ***wara l-ewwel rendikont globali tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi fl-2023*** u ***fi żmien sitt xhur mir-rendikonti globali sussegwenti*** wara dan, dwar l-operat ta' dan ir-Regolament, il-kontribut tiegħu għall-mira globali tal-UE tal-2030 ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-kontribut għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. ***Ir-rapport għandu, jekk ikun jixraq, ikun akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi biex iżidu t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Istati Membri.*** |
| | ***Ir-reviżjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-perjodu mill-2031 'l quddiem għandu jqis il-prinċipji ta' ġustizzja u kosteffikaċja fid-distribuzzjoni bejn l-Istati Membri.*** |
| | ***Dan għandu wkoll jieħu kont tal-progress li jkun sar mill-Unjoni u minn pajjiżi terzi lejn l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi kif ukoll il-progress li sar biex jistimulaw u jsostnu finanzjament privat bħala appoġġ għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju.*** |

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15a (ġdid)**

Deċiżjoni (UE) 2015/1814

Artikolu 1 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 15a*** |
| | ***Emendi għad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814*** |
| | ***L-Artikolu 1(4) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | ***"4.*** **Il-Kummissjoni għandha tippubblika n-numru totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni kull sena, sal-15 ta' Mejju tas-sena sussegwenti. In-numru totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni għal sena partikolari għandu jkun in-numru kumulattiv ta' kwoti maħruġa fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008, inkluż in-numru maħruġ skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2003/87/KE f'dak il-perjodu u d-drittijiet biex jintużaw il-krediti internazzjonali eżerċitati mill-installazzjonijiet taħt l-EU ETS fir-rigward tal-emissjonijiet sal-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena partikolari, li minnu jitnaqqas tunnellati kumulattivi ta' emissjonijiet ivverifikati mill-installazzjonijiet skont l-EU ETS bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru ta' dik l-istess sena partikolari, kwalunkwe kwota kkanċellata skont l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2003/87/KE għajr il-kwoti kkanċellati skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2017/… (*) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u l-għadd ta' kwoti fir-riżerva. Ma għandhomx jitqiesu l-emissjonijiet matul il-perjodu ta' tliet snin li jibda mill-2005 u jispiċċa fl-2007 u l-kwoti maħruġa fir-rigward ta' dawk l-emissjonijiet. L-ewwel pubblikazzjoni għandha sseħħ sal-15 ta' Mejju 2017.** |
| | *(*) Ir-Regolament (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għar-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima ('Regolament dwar l-Azzjoni Klimatika li jimplimenta l-Ftehim ta' Pariġi') (ĠU L …, …, p. … .)."* |

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT